



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 21 ta' Ottubru 2013 (23.10)
(OR. en)**

15144/13

**COHOM 239
PESC 1267
COSDP 991
FREMP 158
INF 183
JAI 925
RELEX 947**

NOTA

Minn:	Kunsill
Lil:	21 ta' Ottubru 2013
Nru dok. preç.:	9431/13 ADD 1 REV 3 COHOM 82 PESC 505 COSDP 419 FREMP 54 INF 80 JAI 362 RELEX 387
Suġġett:	Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2012 (Rapporti Speċifiċi għall-Pajjiż)

Fil-21 ta' Ottubru 2013, il-Kunsill adotta r-Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2012 (Rapporti tal-Pajjiżi), kif meħmuż ma' din in-nota.

Rapport Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2012
(Rapporti Speċifiċi għall-Pajjiż)

WERREJ

Kwistjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u kwistjonijiet reġjonali	7
I Pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali	7
Albanija	8
Bosnja-Herzegovina	8
Kroazja	9
Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	9
Islanda	10
Kosovo	10
Montenegro	10
Serbja	11
Turkija	11
II Pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE	12
Islanda	12
Norveġja	12
Isvizzera	13
III Politika Ewropea tal-Viċinat	14
Sħubija tal-Lvant	14
Armenja	15
Azerbajġan	17
Ġeorġja	20
Bjelorussja	23
Repubblika tal-Moldova	26
Ukraina	29
Nofsinhar tal-Mediterran	32
Eġittu	35
Iżrael	39

Palestina	42
Ġordan.....	45
Libanu	47
Sirja	49
Tuneżija.....	52
Alġerija.....	54
Marokk	56
Saħara tal-Punent	59
Libja	61
IV Ir-Russja u l-Asja Ċentrali.....	64
Russja	64
Asja Ċentrali (reġjonali).....	67
Kazakistan	70
Repubblika Kirgiża	72
Taġikistan.....	74
Turkmenistan	75
Uzbekistan.....	77
V Afrika.....	79
Unjoni Afrikana	79
Angola.....	80
Benin	82
Botswana.....	83
Burkina Faso	84
Burundi.....	86
Kamerun.....	87
Kap Verde	89
Repubblika Ċentru-Afrikana.....	91
Ċad	92
Komoros.....	94
Kongo (Brazzaville).....	94
Cote d'Ivoire.....	96
Repubblika Demokratika tal-Kongo	98
Ġibuti	101
Ginea Ekwatorjali	101

Eritrea	102
Etjopja	103
Gabon	104
Gambja	105
Gana	107
Ginea	109
Ginea Bissaw	110
Kenja	112
Lesoto	114
Liberja	115
Madagaskar	116
Malawi	117
Mali	120
Mawritanja	122
Mawrizju	124
Możambik	125
Namibja	127
Niġer.....	129
Niġerja.....	130
Rwanda.....	134
Sao Tomé u Príncipe	136
Senegal	137
Seychelles.....	139
Sjerra Leone	140
Somalja.....	142
Afrika t'Isfel	144
Sudan t'Isfel.....	146
Sudan.....	148
Sważiland	151
Tanzanija	152
Togo	154
Uganda	155
Żambja	157
Żimbabwe.....	158

VI Il-Lvant Nofsani u l-Peniżola Għarbija	160
Baħrejn	160
Iran	163
Iraq	165
Kuwait	167
Oman	169
Qatar	169
L-Arabja Sawdija	170
L-Emirati Għarab Magħquda	171
Jemen	173
VII Asja	174
Afganistan	174
Bangladexx	176
Butan	178
Brunej	179
Mjanmar/Burma	181
Kambodja	182
Ċina	184
Tajwan	188
Indja	190
Indoneżja	194
Ġappun	196
Korea (Repubblika tal-)	198
RDPK	200
Laos	201
Malasja	202
Maldive	204
Mongolja	206
Nepal	207
Pakistan	209
Filippini	213
Singapor	214
Sri Lanka	215
Tajlandja	216
Timor Leste	218
Vjetnam	220

VIII Oċeanja	221
Awstralja	221
Fiġi	222
Stati Ġżejjer Żgħar tal-Paċifiku – Kiribati, Repubblika tal-Gżejjer Marshall, Stati Federali tal-Mikroneżja, Nauru, Palaw, Tonga, Tuvalu.....	224
New Zealand	225
Papwa Ginea Ġdida.....	225
Samoa.....	226
Gżejjer Solomon	227
Vanwatu	229
IX Kontinent Amerikan.....	230
Kanada	230
Stati Uniti tal-Amerika.....	230
Amerika Latina u l-Karibew	232
Arġentina.....	232
Belize	233
Bolivja.....	234
Brażil.....	235
Ċili.....	238
Kolombja.....	239
Kosta Rika.....	241
Ekwador	241
El Salvador.....	242
Gwatemala	244
Gujana	245
Honduras	246
Messiku	248
Nikaragwa	250
Panama	251
Paragwaj.....	251
Perù	253
Surinam.....	254
Urugwaj.....	255
Venezwela.....	256

X Karibew	258
Antigwa u Barbuda	258
Baĥamas	259
Barbados.....	260
Kuba	261
Dominika.....	263
Repubblika Dominikana	264
Grenada	265
Haiti.....	266
Ġamajka	268
St Kitts u Nevis	269
Santa Luċija.....	270
Saint Vincent u l-Grenadini	271
Trinidad u Tobago.....	272

Anness I - Tabella tal-abbrevjazzjonijiet..... Error! Bookmark not defined.

Kwistjonijiet Speċifiċi Għall-Pajjiż U Kwistjonijiet Reġjonali

I Pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali

L-istabbiltà tal-istituzzjonijiet li jggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett lejn il-minoranzi u l-protezzjoni tagħhom, huma elementi prinċipali tal-kriterji ta' Kopenĥagen għall-adeżjoni mal-UE u bħala tali huma koperti b'mod intensiv mill-proċess tat-tkabbir. F'dawn l-oqsma, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali b'mod ġenerali għandhom fis-seħħ il-qafas legali neċessarju, għalkemm għad hemm xi lakuni, pereżempju fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni. F'ħafna każijiet għad hemm diffikultajiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni ta' liġijiet. L-istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem spiss jirrikjedu tisħiħ sinifikanti, l-istess bħall-korpi tal-infurzar tal-liġi fit-trattament ta' kwistjonijiet bħar-reati ta' mibegħda u l-vjolenza sessita. L-attitudni ġenerali tas-soċjetà lejn il-gruppi vulnerabbli bħall-minoranzi etniċi, il-persuni b'diżabbiltà u l-persuni lezġjani, gay, bisesswali u transġeneru tibqa' problema komuni.

Fid-dawl tar-rilevanza għall-adeżjoni mal-UE, il-pakkett annwali tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir fih valutazzjonijiet dettaljati tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali. Is-sitwazzjoni hija riflessa wkoll fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tkabbir¹. Fid-dawl ta' dan l-ammont kbir ta' informazzjoni li jeżisti, dan ir-rapport jirreferi għad-dokumenti rispettivi għall-2012. Fejn rilevanti, tingħata l-informazzjoni addizzjonali dwar l-attivitajiet tal-IPA u l-EIDHR.

Fl-2012, l-għajjnuna finanzjarja fil-livell nazzjonali kienet ikkomplementata minn programmi reġjonali fejn kien hemm valur miżjud u ħtieġa identifikata għal involviment flivell reġjonali. Ingħatat attenzjoni lill-appoġġ għall-gruppi emarġinati u dawk l-aktar vulnerabbli.

¹ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/EN/genaff/134234.pdf

Albanija

http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/key_documents/2012/package/al_rapport_2012_en.pdf

F'Lulju 2012, l-UE nediet proġett ta' EUR 1.5 miljun (taħt il-programm IPA 2011) biex tappoġġa l-inklużjoni soċjali tal-komunità Rom tal-Albanija u l-komunità Eġizzjana. Fl-2012, l-UE pprovdiet għajjnuna finanzjarja għal għaxar proġetti implimentati mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR - European Instrument for Democracy and Human Rights) li għandhom valur totali ta' kważi EUR 1.2 miljun. L-oqsma ewlenin li fuqhom ġie ffukat l-appoġġ kienu l-protezzjoni tal-minoranzi, l-aċċess għall-ġustizzja, id-drittijiet tat-tfal, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa.

Bosnja-Herzegovina

http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/key_documents/2012/package/ba_rapport_2012_en.pdf

L-għajjnuna taħt l-IPA ffukat fuq il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni tat-tfal (EUR 1.4 miljun), ir-ritorn sostenibbli (EUR 0.5 miljun) u l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-pjani ta' azzjoni taħt l-Istrateġija għall-Integrazzjoni tar-Rom (EUR 0.5 miljun). Il-proġetti li kienu għaddejjin taħt l-EIDHR fl-2012 fil-biċċa l-kbira tagħhom kienu kkuntrattati fl-2009 għal ammont totali ta' EUR 1.1 miljun. Il-prijoritajiet jinkludu id-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali. Il-kuntratti ta' għotja tal-EIDHR mogħtija matul l-2012 indirizzaw il-għlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra n-nisa, il-Protezzjoni tat-Tfal, it-titjib tal-aċċess ta' persuni b'diżabbiltà għad-dritt għax-xogħol u oħrajn. Proġett ta' EUR 485 000 "Youth Peace Advocates in Eastern Bosnia and Herzegovina" tlesta f'Ġunju 2012.

Kroazja

http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/key_documents/2012/package/hr_rapport_2012_en.pdf

Fl-2012, ġew implimentati tmien proġetti tal-IPA stmati li swew EUR 2.6 miljun, li jiffukaw fuq il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali u l-abbuż fuq it-tfal, kif ukoll il-protezzjoni tat-tfal fi djar għat-tfal u t-titjib tal-'foster care'. Taħt il-Faċilità għas-Soċjeta' Ċivili fil-Viċinat, tliet proġetti li b'kollox swew EUR 7.7 miljun iffukaw fuq it-tishiĥ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjeta' ċivili. Matul il-perijodu ta' rappurtar, kienu qed jiġu implimentati madwar 25 proġett tal-EIDHR li b'kollox swew EUR 2.3 miljun (li għaxar proġetti minnhom bdew f'Diċembru 2012) li permezz tagħhom kien possibbli li gruppi partikolarment vulnerabbli jiffurmaw gruppi ta' awtoassistenza, li jingħata taħriġ lill-voluntiera tal-NGOs, il-persunal, l-awtoritajiet lokali u l-mezzi tal-informazzjoni kif ukoll li jiġu ssorveljati r-rekwiżiti tar-riforma istituzzjonali/leġislattiva u li jkun hemm sensibilizzazzjoni pubblika.

Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/key_documents/2012/package/mk_rapport_2012_en.pdf

Fl-2012, il-proġetti tal-IPA ffukaw fuq l-appoġġ lill-Uffiċċju tal-Ombudsman, id-Direttorat għall-Protezzjoni tad-Data Personali, l-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-integrazzjoni tar-Rom u t-tishiĥ tar-riforma tal-ġustizzja fir-rigward tal-minorenni (proġetti li b'kollox swew EUR 3.1 miljun). Taħt il-Faċilità għas-Soċjeta' Ċivili fil-Viċinat, ġew iffinalizzati erbatax-il proġett (EUR 0.7 miljun) li jimmiraw il-politika dwar kwistjonijiet relatati mas-sessi, it-trattament ugwali ta' persuni b'diżabbiltà, ir-relazzjonijiet bejn diversi etniċitajiet u t-tishiĥ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjeta' ċivili biex jitnaqqas it-traffikar tal-bnedmin. Pereżempju, l-EIDHR (EUR 0.6 miljun) assista, l-aħjar prattiki tal-UE fl-infurzar tal-leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni kondiviżi bejn l-istituzzjonijiet rilevanti u s-soċjeta' ċivili, l-edukazzjoni multikulturali, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'komunitajiet rurali, it-titjib tal-inklużjoni soċjali fil-qasam tad-djar għall-gruppi emarġinati (prinċipalment il-komunità tar-Rom) u d-drittijiet ta' komunitajiet etniċi iżgħar minn 20 %.

Islanda

http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/key_documents/2012/package/is_rapport_2012_en.pdf

L-Islanda kompliet tiżgura standard għoli ta' ħarsien tad-drittijiet fundamentali, inklużi d-drittijiet ekonomiċi u soċjali. L-ebda assistenza tal-UE ma ġiet ipprovduta f'dan il-qasam.

Kosovo²

http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/key_documents/2012/package/ks_analytical_2012_en.pdf

Taħt il-programm IPA 2010, fl-2012 l-UE ffinanzjat proġett li jiswa miljun euro li għandu l-għan li jsaħħaħ il-qafas regolatorju u istituzzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u investigat it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-istituzzjoni tal-Ombudsperson u s-soċjetà ċivili lokali. Matul l-2012, l-UE pprovdiet għajjnuna finanzjarja li tiswa kważi EUR 0.9 miljun għal ħames proġetti implimentati mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Kosovo taħt l-EIDHR. Il-kwistjonijiet li ġew ittrattati mill-proġetti jkopru l-għoti tas-setgħa lin-nisa, id-drittijiet tal-persuni LGBTI, il-miżuri kontra l-vjolenza domestika u l-għajjnuna lill-persuni b'diżabbiltà, inkluża l-għajjnuna lin-nies għomja.

Montenegro

http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/key_documents/2012/package/mn_rapport_2012_en.pdf

Għaddejjin tliet proġetti IPA dwar id-drittijiet tat-tfal, il-kwistjonijiet relatati mas-sessi u s-soluzzjonijiet sostenibbli għall-popolazzjoni Rom spostata fpajjiżha li b'kollox jiswew EUR 6.2 miljun. Fl-2012, l-UE pprovdiet appoġġ finanzjarju għal erba' proġetti taħt l-EIDHR li jiswew EUR 0.6 miljun. Dawn jinkludu l-promozzjoni tar-rispett għall-protezzjoni mit-tortura, it-trattament inuman u degradanti; it-tisħiħ tal-parteeċipazzjoni tan-nisa fi proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-ivell lokali; sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-politiki dwar id-drittijiet tal-bniedem.

² L-użu ta' dan l-isem hu mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/99 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni ta' indipendenza tal-Kosovo.

Serbja

http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/key_documents/2012/package/sr_rapport_2012_en.pdf

Fl-2012, taħt l-IPA l-UE implimentat tliet proġetti dwar it-tfal vulnerabbli u gruppi vulnerabbli oħrajn, kif ukoll il-politiki kontra d-diskriminazzjoni li b'kollox swew EUR 10.25 miljun; tliet proġetti oħrajn appoġġaw ir-refuġjati, il-persuni spostati f'pajjiżhom (IDPs - internally displaced persons) u l-persuni rimpatrijati li swew EUR 7.12 miljun. L-appoġġ finanzjarju taħt il-programm Faċilità għas-Soċjeta Ċivili fil-Viċinat inkluda dsatax-il proġett li b'kollox swew EUR 1.8 miljun li ffukaw fuq it-tisħiħ tal-istat tad-dritt u l-miżuri għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjeta ċivili fil-livell nazzjonali u f'dak lokali. L-UE pprovdiet ukoll appoġġ finanzjarju għal għoxrin proġett implimentati mill-organizzazzjonijiet tas-soċjeta ċivili taħt l-EIDHR, b'valur ta' miljun euro, li ffukaw prinċipalment fuq il-protezzjoni tal-minoranzi, id-drittijiet tat-tfal, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa, kif ukoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà.

Turkija

http://ec.europa.eu/enlargement/pdf/key_documents/2012/package/tr_rapport_2012_en.pdf

L-istrument għall-assistenza ta' qabel l-adeżjoni (IPA - Pre-Accession Instrument) jappoġġa proġetti għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet, il-ġudikatura/ġustizzja, is-sigurtà u aspetti oħrajn relatati mal-implimentazzjoni ta' kriterji politiċi. Matul il-perijodu ta' rappurtar, kienu qed jiġu implimentati madwar ħmistax-il proġett, fil-qasam tal-liberta' ta' espressjoni wkoll. L-EIDHR jappoġġa proġetti li jiffukaw fuq it-tisħiħ tas-soċjeta ċivili fl-azzjoni tagħha f'qasam wiesa' tad-drittijiet tal-bniedem, bħad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet ta' persuni LGBTI, id-drittijiet tan-nisa (inklużi l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika u l-vjolenza kontra n-nisa), ir-refuġjati u dawk li jfittxu l-asil, il-minoranzi, il-libertà ta' reliġjon u d-drittijiet kulturali.

II Pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE

Islanda

([ara](#) pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali).

Norveġja

Peress li l-UE u n-Norveġja għandhom standards simili tad-drittijiet tal-bniedem, l-istrateġija tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem tiffoka primarjament fuq il-kooperazzjoni u ż-żamma ta' djalogu mill-qrib man-Norveġja dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem f'organizzazzjonijiet internazzjonali (in-NU, il-Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE eċċ.) u f'pajjiżi speċifiċi mad-dinja kollha. Fil-15 ta' Ottubru saret telekonferenza bejn Brussell u Oslo, qabel l-AĠNU 67.

Fin-Norveġja, id-drittijiet tal-bniedem huma inklużi fl-attivitajiet tal-UE ta' diplomazija pubblika u informazzjoni biex jenfasizzaw ir-rwol ewlieni tal-UE mad-dinja kollha.

Isvizzera

F1-2012 l-Isvizzera kienet soġġetta għal Eżami Perjodiku Universali (EPR). F'dan il-proċess, 140 rakkomandazzjoni kienu indirizzati lill-Isvizzera, li minnhom l-Isvizzera aċċettat ħamsin u rrifjutat erbgħa immedjatament. Is-86 rakkomandazzjonijiet li jifdal ser jiġu eżaminati mill-Isvizzera u ser jingħata rispons finali sa mhux aktar tard minn Marzu 2013. Ir-rakkomandazzjonijiet li rrifjutat l-Isvizzera kkonċernaw ir-ratifika tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Familji Tagħhom, l-ippromulgar ta' leġislazzjoni li tipprojbixxi lil organizzazzjonijiet li jippromwovu u jinċitaw ir-razziżmu, l-iżgurar ta' rimedji ġudizzjarji għall-ksur tad-drittijiet soċjali, ekonomiċi u kulturali, u t-tneħħija tal-projbizzjoni fuq il-kostruzzjoni ta' minaretti. Ir-rakkomandazzjonijiet l-oħrajn b'mod wiesa' ffukaw fuq is-suġġetti tal-ugwaljanza bejn is-sessi, l-abbuż relatat mal-pulizija, il-migrazzjoni (inkluż it-traffikar tal-bnedmin) u l-asil, u l-vjolenza domestika. Il-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet federali, kantonali u muniċipali hija waħda mill-isfidi ewlenin għas-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-EPU, minħabba li l-kompetenzi għall-implimentazzjoni tal-bidliet huma mqasma fuq dawn it-tliet livelli.

Bil-fehmiet u l-valuri simili tagħhom, l-Isvizzera u l-UE jikkooperaw mill-qrib f'fora internazzjonali differenti (in-NU, il-Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE eċċ.) u fpajjiżi speċifiċi mad-dinja kollha. Il-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem isiru fuq bażi regolari.

III Politika Ewropea tal-Viċinat

Sħubija tal-Lvant

Sħubija tal-Lvant

Matul l-2012, l-UE żiedet id-djalogu u l-kooperazzjoni tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi kollha tas-Sħubija tal-Lvant (l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Bjelorussja, il-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukraina) kemm bilateralment kif ukoll multilateralment. Kompliet tiġi żviluppata l-bażi tas-Sħubija tal-Lvant kif iddefinita mill-aħħar Summit li sar f'Varsavja fl-2011 ta' valuri komuni u prinċipji ta' libertà, demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt.

Id-dimensjoni multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant tappoġġa l-approssimazzjoni tal-pajjiżi sħab għan-normi u l-istandards tal-UE. Is-Sħubija marret lil hinn mill-gvernijiet sabiex tinvolvi lis-soċjetà ċivili kif ukoll lil atturi ewlenin oħrajn, inklużi l-Parlamenti nazzjonali, il-komunità tan-negozji, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, u għaldaqstant tiżgura li l-kwistjonijiet tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem jibqgħu ta' prijorità fl-aġenda tas-Sħubija tal-Lvant.

Il-Pjattaforma 1 tal-linja multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant għandha l-għan li tippromwovi l-prinċipji demokratiċi, il-governanza tajba u l-istabbiltà billi ttejjeb is-setturi ewlenin ta' governanza. L-attivitajiet f'dawn l-oqsma kienu appoġġati mill-Kunsill tal-Ewropa (KtE) taħt Faċilità tal-KtE biex tiġi koperta l-ħidma fuq l-istandards elettorali, ir-riforma ġudizzjarja, il-governanza tajba, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kooperazzjoni kontra ċ-ċiberkriminalità.

Barra minn hekk, l-UE appoġġat il-proġett Pollakk-Franċiż dwar "Kooperazzjoni bejn l-Ombudsmen" (2009-2013) li għandu jgħin biex jissaħħu l-istituzzjonijiet tal-ombudsmen fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant. Fl-2012, saru żewġ avvenimenti f'dan il-proġett dwar id-diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza speċjalment fl-oqsma tal-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal, l-attivitajiet tal-Ombudsman, il-ġudikatura kif ukoll dwar id-drittijiet tax-xogħol ta' persuni ta' età avvanzata u persuni b'diżabbiltà.

Armenja

http://ec.europa.eu/world/enp/docs/2012_enp_pack/progress_report_armenia_en.pdf

L-Unjoni Ewropea indirizzat pubblikament il-ħtieġa li l-awtoritajiet Armeni jindirizzaw għadd ta' rakkomandazzjonijiet fil-qasam tal-governanza demokratika u d-drittijiet tal-bniedem fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin dwar il-Kawkasu tan-Nofsinhar fis-27 ta' Frar.

Kif ġie vvalutat mill-OSKE/ODIHR, l-elezzjonijiet parlamentari tas-6 ta' Mejju mmarkaw progress, iżda kien jeħtieġ li jiġu indirizzati diversi nuqqasijiet qabel l-elezzjonijiet presidenzjali ta' Frar 2013. L-UE kkondiviet din il-valutazzjoni fl-istqarrija tar-Rappreżentant Għoli / Viċi President Ashton u l-Kummissarju Füle tat-8 ta' Mejju, filwaqt li kompliet tappoġġa l-kapaċitajiet tekniċi u professjonali tal-awtoritajiet Armeni fil-qafas elettoral. Il-Parlament Ewropew fir-risoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April dwar in-negozjati tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Armenja ssottolinja l-importanza tal-kwistjonijiet ewlenin relatati mad-drittijiet tal-bniedem, inkluża tmezzija tajba tal-elezzjonijiet. L-UE kompliet tħeġġeġ lill-awtoritajiet Armeni biex jieħdu passi ulterjuri biex ikomplu mexjin 'il quddiem minn wara l-avvenimenti tal-1 u t-2 ta' Marzu 2008 wara l-elezzjonijiet presidenzjali. L-awtoritajiet Armeni għadhom ma investigawx kompletament l-imwiet li sehew matul il-ġlied ta' Marzu 2008, u l-allegazzjonijiet ta' maltrattament fil-kustodja tal-puluzija u l-ksur ta' proċess ġust.

Fl-eżami annwali tagħha tal-progress li sar mill-pajjiżi sħab fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-UE implimentat il-prinċipju ta' offri "aktar għal aktar" lil dawk is-sħab li jagħmlu l-aktar progress fir-riformi interni tagħhom, abbażi tar-responsabbiltà reċiproka u l-impenn komuni għall-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Abbażi ta' dan, fl-2012 il-Kummissjoni Ewropea tat EUR 15-il miljun oħra lill-Armenja. Dawn il-fondi addizzjonali kienu ffukati fuq żewġ prijoritajiet: l-appoġġ għar-riforma tas-settur tal-ġustizzja u t-taħriġ vokazzjonali.

L-UE kompliet tħeġġeġ lill-awtoritajiet Armeni biex itejbu s-sitwazzjoni tal-libertà ta' espressjoni u l-mezzi tal-informazzjoni, u b'mod aktar speċifiku fir-rigward tal-liġi dwar ix-xandiriet fuq it-televiżjoni u l-kumpens sproporzjonat f'kawżi għal insulti u malafama.

Fir-rigward tal-libertà ta' reliġjon u ta' twemmin, l-UE appellat lill-awtoritajiet Armeni biex jiżguraw alternattiv ġenwin għas-servizz militari, kif ġie rakkomandat mill-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa.

Fil-qafas tal-politika tal-UE kontra d-diskriminazzjoni, f'Mejju nħarġet stqarrija lokali tal-UE wara l-attakk permezz ta' bombi tan-nar fuq pabb iffrekwentat minn persuni LGBTI f'Yerevan u t-tfixkil sussegwenti tal-attività msejħa Marzu tad-Diversità.

Ir-raba' laqgħa tad-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u l-Armenja saret fi Brussell f'Diċembru 2012.

L-UE komplet tipprovdi appoġġ biex tissaħħaħ l-istituzzjoni tal-Uffiċċju tad-Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem (HRDO - Human Rights Defender's Office), li jibqa' jkollu rwol ewlieni fil-monitoraġġ tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fl-Armenja.

Barra minn hekk, il-Grupp Konsultattiv tal-UE għar-Repubblika tal-Armenja kompli jipprovdi appoġġ għall-isforzi ta' riforma tal-Armenja, inklużi dawk fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba.

Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa l-bażi tas-Sħubija għall-Mobbiltà bejn l-UE u l-Armenja li tindirizza l-aspetti kollha tal-migrazzjoni u l-mobbiltà, inkluża l-eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u l-integrazzjoni u l-protezzjoni tar-refuġjati.

Azerbajġan

http://ec.europa.eu/world/enp/docs/2012_enp_pack/progress_report_azerbaijan_en.pdf

L-UE b'mod attiv qajmet il-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fl-okkażjoni ta' għadd ta' żjarat ta' livell għoli (inkluż mill-President tal-Kunsill Ewropew van Rompuy, il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Kroes, il-Kummissarju Füle) kif ukoll fi żjarat u laqgħat fil-livell tal-gruppi ta' ħidma. Il-kwistjoni kienet diskussa b'mod intensiv matul is-Sottokomitat tal-UE u l-Azerbajġan għall-Ġustizzja, il-Libertà, is-Sigurtà u d-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija tad-19 u l-20 ta' Novembru li sar f'Baku. Lil hinn minn dak, il-kwistjonijiet l-aktar importanti tqajmu wkoll matul il-Komitat ta' Kooperazzjoni u l-laqgħat tal-Kunsill li saru fit-22 ta' Novembru u s-17 ta' Diċembru 2012 fi Brussell kif ukoll fil-kuntatti diretti ta' livell għoli bejn id-Delegazzjoni tal-UE f'Baku u l-gvern tal-Azerbajġan.

Fl-eżami annwali tagħha tal-progress li sar fil-pajjiżi sħab fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-UE wriet tħassib dwar in-nuqqas ta' libertà ta' għaqda, assoċjazzjoni u espressjoni, l-aktar fir-rigward tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Fil-fażi preliminari tal-festival tal-Eurovision l-UE kienet fuq quddiem nett fil-kritika mmirata lejn il-politika tal-Azerbajġan li tipprevjeni protesti fil-kuntest tal-avveniment u l-pjattaforma *Sing for Democracy* mnedija minn għadd ta' attivisti lokali għad-drittijiet tal-bniedem. Ir-rispett għad-drittijiet għall-proprjetà u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qorti f'għadd ta' kawżi relatati mal-proprjetà kienu l-fokus tad-djalogu bejn l-UE u l-Azerbajġan.

Fl-2012, l-UE/id-Delegazzjoni tal-UE ħarġet ħames sqarrijiet relatati mas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż. Fis-26 ta' Ġunju 2012, ir-RGħ/VP laqgħet il-ħelsien tal-parteciċipanti li kienu għadhom il-ħabs għar-'rally' paċifika li saret fit-2 ta' April 2011.

L-UE kompliet tħeġġeġ lill-awtoritajiet Azerbajġani biex itejbu s-sitwazzjoni fir-rigward tal-libertà ta' espressjoni u l-mezzi tal-informazzjoni, l-investgazzjoni ta' każijiet ta' pressjoni fuq ġurnalisti u biex jindirizzaw kif xieraq kwistjonijiet bħal malafama jew distribuzzjoni ġusta ta' gazzetti indipendenti. Fid-djalogi regolari bejn l-UE u l-Azerbajġan tqajjem b'mod formali tħassib relatat mal-effetti sekondarji possibbli tal-emendi għall-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi ta' Ksur Amministrattiv li jikkonċernaw il-libertà ta' għaqda adottati mill-Parlament fit-2 ta' Novembru 2012, b'mod partikolari fil-fażi preliminari tal-elezzjonijiet presidenzjali tal-2013.

Id-Delegazzjoni tal-UE segwiet b'mod attiv il-każijiet ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem miżmuma l-ħabs, filwaqt li ltaqgħet jew ippruvat tiltaqa' ma' wħud minnhom fil-ħabs, (Shahin Hasanli, Vidadi Isganderov), żaret lill-familji tagħhom (Hilal Mammadov), segwiet il-proċessi u osservat azzjonijiet ta' protesta pubblika. Saru diversi laqgħat mas-soċjetà ċivili u l-gruppi ta' oppożizzjoni, b'mod partikolari fil-bini tad-Delegazzjoni tal-UE (xi drabi bil-parteciċipazzjoni tal-Istati Membri tal-UE), u l-UE appoġġat b'mod attiv bosta avvenimenti organizzati mis-soċjetà ċivili (permezz ta' diskorsi jew billi offriet il-post) u b'hekk żiedet il-viżibbiltà tagħhom u pprovdiet stampa aħjar ta' dawn l-organizzazzjonijiet/attivisti. Hija organizzat ukoll laqgħa tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mal-awtoritajiet sabiex tnaqqas in-nuqqas ta' ftehim dwar ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'soċjetà moderna u biex tinkoraġġixxi djalogu bejniethom dwar kwistjonijiet speċifiċi (ir-reġistrazzjoni ta' NGOs, il-libertà ta' għaqda, il-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni u l-Internet). Id-Delegazzjoni tal-UE inkoraġġixxiet bis-sħiħ djalogu strutturat bejn l-awtoritajiet u s-soċjetà ċivili, bi rwol akbar tal-Pjattaforma Nazzjonali tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili tal-Azerbajġan taħt is-Sħubija tal-Lvant u dan intlaqa' b'interess mill-korpi statali rilevanti.

Fi Frar 2012, id-Delegazzjoni tal-UE tat bidu għall-ewwel żjara tal-Kapijiet tal-Missjonijiet tal-UE (EU HoMS - EU Head of Missions) fir-Repubblika Awtonoma Nakhchivan (NAR - Nakhchivan Autonomous Republic) u f'dan il-qafas ġew organizzati laqgħat mal-awtoritajiet lokali (inkluża l-Ombudswoman tan-NAR) u mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Wara l-esperjenza pożittiva tal-laqgħat tal-2011 mad-Difensuri lokali tad-Drittijiet tal-Bniedem, organizzati fuq l-inizjattiva tad-Delegazzjoni tal-UE f'Ganja u f'Baku, fl-2012 saret laqgħa oħra f'Quba.

Bejn wieħed u ieħor l-UE b'kollox nefqet EUR 1.5 miljun fuq l-attivitajiet tal-proġetti relatati mad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija – EIDHR&NSA (l-ammont preċiż ma jistax jingħata minħabba li ħafna mill-attivitajiet tal-proġett huma pluriennali).

Id-Delegazzjoni tal-UE kienet involuta b'mod attiv mal-Uffiċċju tal-Ombudsman b'mod partikolari billi talbet kjarifiki dwar is-sitwazzjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-ħabsin jew dawk allegati li wettqu reati kriminali ta' natura politika. Bħala segwitu għas-Sottokomitat tal-UE u l-Azerbajġan għall-Ġustizzja, il-Libertà, is-Sigurtà u d-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, l-Uffiċċju tal-Ombudsman applika għal appoġġ finanzjarju TAIEX biex flimkien mal-UE jorganizza workshop dwar kif tiżdied l-effiċjenza tad-dritt għal proċess ġust u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet tal-qorti.

Ġeorġja

http://ec.europa.eu/world/enp/docs/2012_enp_pack/progress_report_georgia_en.pdf

F'sena ta' bidla għall-Ġeorġja, l-UE u l-Ġeorġja komplew jintensifikaw ir-relazzjoni tagħhom. Sar aktar progress sostanzjali fin-negozjati dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġeorġja, u sar ukoll progress għmielu fin-negozjati għal Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA - Deep and Comprehensive Free Trade Area).

Il-ħames djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-UE u l-Ġeorġja sar fi Tbilisi f'Ġunju 2012. Id-djalogu sar f'atmosfera amikevoli, miftuħa u kostruttiva, bi skambju dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet ta' interess u tħassib komuni, kif ukoll diskussjonijiet dwar il-possibbiltajiet għal kooperazzjoni konkreta fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. It-taħditiet iffukaw fuq l-isfidi li qed jiltaqgħu magħhom is-sistema tal-ġustizzja kriminali u s-sistema tal-infurzar tal-liġijiet fil-Ġeorġja, fuq l-elezzjonijiet u l-qafas elettorali, il-libertà ta' espressjoni u informazzjoni, il-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, il-protezzjoni tal-minoranzi u l-persuni spostati f'pajjiżhom, u fuq is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjuni Ġeorġjani ta' Abkhazia u Tskhinvali/in-Nofsinhar ta' Ossetia

Fi djalogu mal-Ġeorġja, l-UE enfasizzat ukoll il-ħtieġa li l-Ġeorġja tallinja l-leġislazzjoni tagħha, b'mod partikolari il-Kodiċi dwar ix-Xogħol, u l-prattika mal-Konvenzjonijiet tal-ILO Nru 87 u 98 dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għal negozjar kollettiv.

FI-2012, l-UE kompliet tipprovdi appoġġ lill-Uffiċċju tad-Difensur Pubbliku (PDO - Public Defender's Office) taħt il-Programm il-ġdid tiegħu "Bini Istituzzjonali Komprensiv". Il-PDO bħala korp indipendenti kompli jissorvelja l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u joħroġ rakkomandazzjonijiet konkreti lill-awtoritajiet Ġeorġjani, b'mod partikolari biex jiġbed l-attenzjoni dwar il-maltrattament ta' ħabsin mill-aġenziji Ġeorġjani tal-infurzar tal-liġijiet. Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE ħareġ stqarrija li tilqa' l-ħatra ta' Difensur Pubbliku ġdid f'Diċembru 2012.

Il-kwistjoni ta' abbużi fuq il-ħabsin saret tema dominanti tal-elezzjonijiet parlamentari f'Ottubru 2012, li rriżultat f'bidla fil-gvern. Fl-20 ta' Settembru 2012, l-Ambaxxaturi tal-UE fi Tbilisi ħarġu stqarrija dwar il-kwistjoni ta' abbużi fuq il-ħabsin; f'dan ir-rigward, ir-RGħ/VP Ashton ħarġet stqarrija fl-20 ta' Settembru. Il-kwistjoni tar-riforma fil-ħabs tqajmet mill-UE f'okkażjonijiet preċedenti, inkluż fid-Djalogu annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u f'laqgħat tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ġeorġja. Tqajmet ukoll mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-Ġeorġja tas-17 ta' Novembru 2012.

Fix-xhur li wasslu għal-elezzjoni, ġew implimentati għadd ta' riformi politiċi ewlenin, inkluż Kodiċi ġdid dwar l-Elezzjonijiet adottat f'Jannar 2012, u l-emendi legali introdotti f'Marzu u f'Ġunju biex tiġi indirizzata l-parteċipazzjoni tal-votanti, il-finanzjament tal-partiti, u l-aċċess għall-mezzi tal-informazzjoni. L-implimentazzjoni ta' wħud minn dawn l-emendi ġiet kkritikata, inkluż mill-PDO, bħala selettiva u sproporzjonata. Il-Kunsill Affarijiet Barranin tal-UE adotta konklużjonijiet f'Marzu 2012 li jitolbu lill-Ġeorġja biex tiżgura li l-elezzjonijiet jilhq standards demokratiċi rikonoxxuti internazzjonalment, u fi stqarrija li saret f'Lulju 2012, il-President tal-Kunsill Ewropew Herman van Rompuy faħħar il-progress li l-Ġeorġja għamlet fir-riformi. F'Ġunju 2012, l-UE, b'kontribut mill-UNDP, nediet inizjattiva ġdida biex tippromwovi istituzzjonijiet elettorali kredibbli u sostenibbli fil-Ġeorġja. Fit-3 ta' Settembru 2012, ir-RGħ/VP Ashton u l-Kummissarju Füle ħarġu stqarrija għall-istampa oħra fejn talbu lill-partijiet kollha biex jagħmlu elezzjonijiet parlamentari f'ambjent paċifiku, abilitanti u kompetittiv.

Il-bidla paċifika fil-gvern, wara elezzjoni li skont il-komunità internazzjonali ssodisfat l-istandards demokratiċi internazzjonali, irrappreżentat kisba sinifikanti għad-demokrazija Ġeorġjana. Ir-riżultat tal-elezzjoni tqies minn missjoni ta' monitoraġġ elettorali internazzjonali, inkluża delegazzjoni mill-Parlament Ewropew, li rrappreżenta b'mod preċiż ir-rieda tal-poplu Ġeorġjan, għalkemm kien hemm xi ftit ta' tħassib dwar kif saret il-kampanja elettorali. It-twettiq tal-elezzjoni, u l-ġestjoni tal-eżitu u t-transizzjoni, intlaqgħu mill-Kunsill Affarijiet Barranin tal-UE f'Ottubru 2012, mill-Parlament Ewropew f'riżoluzzjoni tas-17 ta' Novembru 2012, fi stqarrija li saret mir-RGħ/VP Ashton u l-Kummissarju Füle fit-2 ta' Ottubru 2012, u matul sensiela ta' laqgħat bejn persuni b'kariga għolja fl-UE - inklużi l-President tal-Kunsill Ewropew Van Rompuy, il-President tal-Kummissjoni Ewropea Barroso, il-President tal-Parlament Ewropew Schulz, ir-RGħ/VP Ashton, u l-Kummissarju Füle - u l-Prim Ministru u l-President tal-Ġeorġja, kif ukoll ministri oħra tal-gvern Ġeorġjan, li saru kemm fi Brussell kif ukoll fil-Ġeorġja.

Kemm ilu jiggverna l-gvern il-ġdid, tnedew prosekuzzjonijiet kontra xi uffiċjali fil-gvern preċedenti akkużati li abbużaw mill-poteri tagħhom. Hawnhekk ukoll kien hemm kontroakkużi ta' selettività u sproporzjonalità. Dawn il-kwistjonijiet tqajmu mill-persuni b'kariga għolja fl-UE, inklużi l-President tal-Kunsill Ewropew Van Rompuy, il-President tal-Kummissjoni Ewropea Barroso, il-President tal-Parlament Ewropew Schulz, ir-RGħ/VP Ashton u l-Kummissarju Füle, matul iż-żjarat tal-Prim Ministru u l-President tal-Ġeorġja fi Brussell f'Novembru 2012. Ir-RGħ/VP Ashton ukoll qajmet dawn il-kwistjonijiet fil-kuntest taż-żjara tagħha fil-Ġeorġja f'Novembru 2012. Huma kienu diskussi fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Ġeorġja li saret fit-18 ta' Diċembru 2012.

L-UE u l-Ġeorġja komplew jimplimentaw is-Sħubija għall-Mobbiltà li tindirizza l-aspetti kollha tal-migrazzjoni u l-mobbiltà, inkluża l-eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u l-integrazzjoni u l-protezzjoni tar-refuġjati. F'Ġunju 2012, infetaħ djalogu bejn l-UE u l-Ġeorġja dwar il-viżi, li eżamina l-kondizzjonijiet għall-ivvjaġġar mingħajr viżi ta' ċittadini Ġeorġjani lejn l-UE, inklużi l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem.

Fl-eżami annwali tagħha tal-progress li sar mill-pajjiżi sħab fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-UE implimentat il-prinċipju ta' offri "aktar għal aktar" lil dawk is-sħab li għamlu l-aktar progress fir-riformi interni tagħhom, abbażi tar-responsabbiltà reċiproka u l-impenn komuni għall-valuri universali tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Abbażi ta' dan, fl-2012 il-Kummissjoni Ewropea tat EUR 22 miljun oħra lill-Ġeorġja. Dawn il-fondi addizzjonali kienu ffukati fuq żewġ prijoritajiet: it-tisħiħ ta' programm eżistent li jappoġġa r-riforma tal-ġustizzja kriminali, li tinkludi b'mod speċifiku r-riforma fil-ħabs; u programm ġdid biex tittejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri u tal-migrazzjoni.

Bjelorussja

Fl-2012, is-sitwazzjoni fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi fil-Bjelorussja baqgħet ta' tħassib u l-UE, filwaqt li kompliet bil-politika ta' involviment kritiku mal-gvern tal-Bjelorussja, għamlet pressjoni sabiex isiru bidliet għall-aħjar.

B'kont meħud tas-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem, il-Kunsill Affarijiet Barranin tat-23 ta' Jannar 2012 wessa' l-kriterji għal miżuri restrittivi. Il-Kunsill kompli jsaħħaħ dawn il-miżuri fit-28 ta' Frar u t-23 ta' Marzu, li wasslu biex b'kollox 243 individwu tqiegħdu fuq lista ta' projbizzjoni tal-viża u ffriżar tal-assi, imponew embargo fuq l-armi u l-materjal li jista' jintuża għar-ripressjoni interna, adottaw approçċ restrittiv lejn is-self u l-iffriżar ta' assi ta' 32 kumpannija mill-BEI³/BERŻ. Wara dawn il-miżuri, il-parti Bjelorusa fakkret lill-Ambaxxaturi tagħha għall-UE u għall-Polonja fil-konsultazzjonijiet u talbet reċiproçità min-naħa tal-UE u dik Pollakka. Min-naħa l-oħra, din il-mossa unilaterali wasslet għat-tluq tal-ambaxxaturi tal-UE għal perijodu ta' kważi xahrejn.

Il-Bjelorussja tibqa' l-uniku pajjiż fl-Ewropa li għadu japplika l-piena kapitali. Fi Frar l-UE talbet ripetutament lill-awtoritajiet tal-Bjelorussja biex ma jwettqux l-eżekuzzjonijiet ta' Dzmitry Kanavalaw u Uladzislaw Kavalyow, l-allegati qattielu permezz ta' bombi fil-metro, u l-PE adotta rizzoluzzjoni li tikkundanna dawn is-sentenzi għall-mewt. Ir-RGħ/VP Ashton fis-17 ta' Marzu kkundannat bis-sħiħ l-eżekuzzjoni tagħhom, u nnutat li ż-żewġt irġiel ma ngħatawx proçess ġust. L-UE talbet lill-Bjelorussja biex tintroduçi moratorju fuq il-piena tal-mewt bil-ħsieb tal-abolizzjoni eventwali tagħha.

Matul l-2012, l-UE talbet għar-rilaxx immedjat u għar-riabilitazzjoni tal-ħabsin politiçi kollha li jifdal u biex il-Bjelorussja tirispetta l-obbligi internazzjonali tagħha fir-rigward tal-projbizzjoni tat-tortura u tat-trattament krudili, inuman u degradanti. Fl-14 u l-15 ta' April żewġ ħasbin politiçi prominenti - l-ex kandidat Presidenzjali Andrei Sannikaw u l-assistant tiegħu fil-kampanja Dzmitry Bandarenka - ġew rilaxxati, wara li saret pressjoni fuqhom biex jagħmlu talba bil-miktub lill-President Bjelorussu biex jingħataw il-maħfra. It-tielet ħabsi politiku, Syarhei Kavalenka, ġie rilaxxat fis-26 ta' Settembru bl-istess kondizzjoni. Biex juru l-appoġġ tal-UE, il-Kummissarju Füle u l-Parlament Ewropew iltaqgħu mal-qraba tal-ħabsin politiçi.

³ Il-BEI ma jsellifx fil-Bjelorussja għalkemm il-Bjelorussja hija "potenzjalment" eliġibbli taħt il-Mandat ta' Self Estern tal-BEI. Il-Konklużjonijiet preçedenti tal-Kunsill (Ġunju 2011) indikaw li l-BEI għandu jipproçedi biss "jekk u meta l-UE tkun tista' tagħti valutazzjoni suffiçjentement pożittiva rigward is-sitwazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt."

L-UE nediet diversi appelli lill-Bjelorussja, li jħeġġu lill-awtoritajiet biex iwaqqfu kull fastidju ta' membri tal-oppożizzjoni, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti u s-soċjetà ċivili, u biex ma jfixklux il-moviment liberu tagħhom. L-istituzzjonijiet tal-UE wrew l-appoġġ tagħhom lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lis-soċjetà ċivili billi ltaqgħu mar-rappreżentanti tagħhom f'diversi okkażjonijiet matul is-sena. Permezz ta' dan l-UE setgħet tikseb informazzjoni minn ras il-ġħajn dwar is-sitwazzjoni lokali. Fi stqarrija tat-28 ta' Ġunju, il-kelliem tar-RGħ/VP esprima t-tħassib profond tagħha dwar il-fastidju tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u miżuri ripressivi oħra kontribom, l-oppożizzjoni u l-mezzi tal-informazzjoni indipendenti, u talab lill-awtoritajiet tal-Bjelorussja biex ireġġgħu lura l-politiki u l-prattiki rilevanti. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew ikkundannaw ukoll is-soppressjoni tal-protesti mhux vjolenti u l-użu sistematiku tas-sistema ġudizzjarja bħala mezz ta' ripressjoni, inkluż kontra l-protestanti paċifiċi.

Bil-ħsieb li jsaħħa id-djalogu sostanzjali tiegħu mas-soċjetà ċivili, il-Kummissarju Füle ta bidu għal Djalogu Ewropew dwar il-Modernizzazzjoni mas-soċjetà Bjelorusa fid-29 ta' Marzu fi Brussell, biex jiddiskuti r-riformi possibbli għall-modernizzazzjoni tal-Bjelorussja, dwar l-iżvilupp potenzjali relatat tar-relazzjonijiet mal-UE, kif ukoll l-appoġġ possibbli tal-UE f'dan ir-rigward.

Fil-5 ta' Lulju, l-għoxrin sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU adottat ir-risoluzzjoni 20/13 ippreżentata mill-UE, li esprimiet tħassib inkwetanti dwar il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-restrizzjonijiet fuq il-libertajiet fundamentali, ħeġġet lill-Bjelorussja biex teħles lill-ħabsin politiċi, u ħatret Relatur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Bjelorussja. S'issa l-Bjelorussja ddeċidiet li ma tirrikonoxxi il-mandat tar-Relatur Speċjali stabbilit bir-risoluzzjoni u li ma tikkooperax miegħu.

Fi stqarrija konġunta fl-24 ta' Settembru, ir-RGħ Ashton u l-Kummissarju Füle wrew dispjaċir li l-elezzjonijiet Parlamentari tal-Bjelorussja tat-23 ta' Settembru saru f'atmosfera ta' kontroll u pressjoni kontra ħsieb politiku alternattiv, u rrapreżentaw opportunità oħra li l-Bjelorussja tilfet biex tmexxi elezzjonijiet f'konformità mal-istandards tal-OSKE u dawk internazzjonali.

Fil-15 ta' Ottubru l-Kunsill Affarijiet Barranin reġa' talab lill-awtoritajiet tal-Bjelorussja biex jeħilsu u jirrabilitaw lill-ħabsin politiċi, biex iwaqqfu l-fastidju tas-soċjetà ċivili, l-oppożizzjoni politika u l-mezzi tal-informazzjoni indipendenti, biex jikkonformaw mar-Riżoluzzjoni 20/13 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem 20/13, u, f'dan l-isfond negattiv, iddeċieda li jipposponi l-miżuri restrittivi eżistenti għal sena oħra mingħajr bidliet.

L-ambitu tal-assistenza tal-UE lill-Bjelorussja għadu limitat u l-assistenza tiffoka direttament u indirettament fuq l-appoġġ għall-ħtiġijiet tal-popolazzjoni u d-demokratizzazzjoni. L-appoġġ lis-Soċjetà Ċivili żdied b'sitt darbiet aktar mill-bidu tal-2011, u fl-2012 laħaq EUR12,7 miljun. Dan jinkludi proġetti maħsuba biex jiggwarantixxu l-libertà ta' ħsieb, kuxjenza u reliġjon fil-Bjelorussja, itejbu d-drittijiet u l-protezzjoni tan-nisa u tat-tfal, jappoġġaw inizzjattivi ta' diversi gruppi ċiviċi, iżidu l-kapaċitajiet tat-trade unions, l-inklużjoni soċjali u l-għoti tas-setgħa lil persuni żvantaġġati, u jintegraw lill-exħabsin fis-soċjetà.

Repubblika tal-Moldova

http://ec.europa.eu/world/enp/docs/2012_enp_pack/progress_report_moldova_en.pdf

L-UE involviet ruħha f'diskussjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem mar-Repubblika tal-Moldova f'għadd ta' formati bħad-djalogu formali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-laqgħa ta' esperti ad hoc inklużi n-NU, l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa, il-Djalogu dwar il-Viżi u ż-żjarat ta' livell għoli.

Ir-riforma tal-ġudikatura, l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Eżami Perjodiku Universali (EPU) tan-NU, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni kienu fost l-oġettivi ewlenin tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem fl-2012.

Bdew riformi ambizzjużi fis-settur tal-ġustizzja u tal-infurzar tal-liġijiet, inkluża l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kienu appoġġati mill-assistenza tal-UE. Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali li jimplimenta l-istrateġija tar-riforma fis-settur tal-ġustizzja 2011-2016 kien adottat fi Frar 2012. F'konformità mal-prinċipju "aktar għal aktar" tal-Politika tal-UE tal-Viċinat tal-Lvant, l-UE allokati EUR 70 miljun biex tappoġġa din ir-riforma fundamentali, li EUR 8 miljun minnhom kienu allokati speċifikament għall-aspetti relatati mad-drittijiet tal-bniedem. Dan jirrappreżenta żieda ta' EUR 28 miljun f'finanzjament lir-Repubblika tal-Moldova fl-2012 taħt il-programm dwar l-Integrazzjoni u l-Kooperazzjoni ta' Sħubija tal-Lvant (EaPIC), ibbażat fuq il-progress fir-riformi.

F'Marzu 2012, ir-Repubblika tal-Moldova aċċettat il-biċċa l-kbira tas-17-il rakkomandazzjoni tal-EPU li kien jifdal (minn 122) u għalhekk irrevédiet il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tagħha dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 2011. Id-Delegazzjoni tal-UE pparteċipat b'mod attiv fit-task force tal-Moldova dwar l-EPU.

Kompla jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja. Ir-referenzi għal-liġi l-ġdida dwar il-libertà ta' espressjoni dehru fil-każistika, u stabbilixxew preċedenti inkoraġġanti. F'Mejju 2012, ġiet adottata liġi kontra d-diskriminazzjoni ("il-liġi dwar l-iżgurar tal-ugwaljanza"), u b'hekk inħoloq preċedent fir-reġjun. Il-Gvern tal-Moldova aċċerta lill-UE li l-liġi kienet komprensiva u b'mod partikolari tindirizza d-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTI, kif rikjest mill-obbligi internazzjonali tal-Moldova.

Id-dritt tal-persuni LGBTI għal-libertà ta' għaqda u drittijiet fundamentali oħrajn baqgħu problema minkejja l-impenn dejjem akbar tal-Gvern li jħares id-drittijiet tal-persuni LGBTI. Pereżempju, l-konferenza ta' Mejju 2012 dwar il-Gay Pride f'Chisinau setgħet titmexxa b'mod paċifiku.

Madankollu, ir-reżiljenza ta' sentimenti omofobiċi f'xi partijiet tas-soċjetà tal-Moldova baqgħet ta' tħassib. Deċiżjonijiet omofobiċi meħuda mill-awtoritajiet lokali f'Bălți u f'xi muniċipalitajiet oħrajn, li jipprojbixxu "il-propoganda aggressiva ta' orjentazzjonijiet sesswali mhux tradizzjonali" qajmu tħassib simili u kienu indirizzati mill-UE fil-qafas tal-OSKE kif ukoll matul id-djalogu bilaterali mar-Repubblika tal-Moldova. Il-gvern ħa passi sabiex dawn id-deċiżjonijiet jiġu revokati, jitħassru, jew jiġu annullati permezz ta' proċessi legali debiti, li f'xi każijiet għadhom għaddejjin.

F'April 2012, il-Kunsill dwar il-Koordinazzjoni Awdjoviżiva (ACC - Audiovisual Coordination Council) irtira l-liċenzja tax-xandir tal-istazzjoni televiżiv tal-oppożizzjoni NIT talli naqas milli jikkonforma mal-prinċipju tal-pluraliżmu. L-appell tal-istazzjoni NIT kien pospost diversi drabi u ilu pendenti fil-Qorti tal-Appell ta' Chisinau minn tmiem l-2012. L-UE qajmet tħassib dwar il-proċess li wassal għall-irtirar tal-liċenzja mill-ACC u l-proċedimenti twal fil-Qorti tal-Appell. L-UE għamlet stqarrija lokali dwar l-irtirar tal-liċenzja u osservat diversi seduti fil-qorti f'dik il-kawża. L-UE qajmet il-kwistjoni fil-livelli kollha tad-djalogu bilaterali tagħha mar-Repubblika tal-Moldova.

L-UE kompliet tagħti attenzjoni lis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun ta' Transnistrija u kompliet thegħeġ lill-awtoritajiet de facto biex juru impenn lejn il-promozzjoni tar-riformi demokratiċi u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż bħala parti mill-ħidma fuq il-grupp ta' ħidma għad-drittijiet tal-bniedem stabbilit reċentement.

L-UE u l-Moldova komplew jimplimentaw is-Sħubija għall-Mobbiltà li tindirizza l-aspetti kollha tal-migrazzjoni u l-mobbiltà, inkluża l-eradikazzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u l-integrazzjoni u l-protezzjoni tar-refuġjati. F'Ġunju 2010, infetaħ djalogu bejn l-UE u l-Moldova dwar il-viżi, li eżamina l-kondizzjonijiet għall-ivvjaġġar mingħajr viżi ta' ċittadini tal-Moldova lejn l-UE, inklużi l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem. It-tieni fażi tad-djalogu dwar il-viżi tnediet fid-19 ta' Novembru 2012 u ffukat, fost l-oħrajn, fuq l-implimentazzjoni effettiva mill-Moldova tal-proċeduri għall-protezzjoni internazzjonali u ta' strateġija komprensiva dwar it-traffikar tal-bnedmin f'konformità mal-istandards tal-UE.

Ukraina

http://ec.europa.eu/world/enp/docs/2012_enp_pack/progress_report_ukraine_en.pdf

Matul l-2012, l-UE segwiet mill-qrib ħafna s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina. Saru diversi interventi li fihom l-UE wriet it-tfassib fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, l-indipendenza tal-ġudikatura u d-dritt għal proċess ġust u l-prinċipji demokratiċi inġenerali. Dawn inkludew sqarrijiet, demarches, dikjarazzjonijiet kif ukoll reazzjonijiet pubbliċi oħrajn tal-UE permezz ta' intervisti, inkluż f'ogħla livell.

Il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem kienu indirizzati fi djalogi li saru fil-livelli kollha, inkluż fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni f'Mejju 2012, is-Sottokomitat dwar il-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà (JLS - Justice, Freedom and Security) f'Ġunju 2012 li ddedika sessjoni ta' ġurnata sħiħa għall-aspetti tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll il-Komitat ta' Kooperazzjoni f'Ottubru 2012.

Fil-qafas tas-sessjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem fis-Sottokomitat JLS f'Ġunju 2012, l-UE reġgħet affermat l-importanza li hija tagħti lill-kooperazzjoni mal-Ukraina fi skambju ta' informazzjoni b'mod regolari dwar il-każijiet individwali ta' tħassib. L-UE pprovdiet lista ta' każijiet individwali ta' tħassib relatati mal-proċessi mmotivati politikament u każijiet ta' ġustizzja selettiva, il-maltrattament mill-korpi tal-infurzar tal-liġijiet, il-vjolenza kontra s-soċjetà ċivili u l-ġurnalisti u dwar il-Libertà ta' Għaqda. It-tweġiba tal-Ukraina għadha pendenti.

F'okkażjonijiet ripetuti l-UE wriet tħassib li diversi ex uffiċjali għolja u personaġġi ewlenin tal-oppożizzjoni, inklużi l-ex Prim Ministru Tymoshenko, l-ex Ministru tal-Intern Lutsenko jew l-ex Aġent Ministru tad-Difiża Ivashenko kienu soġġetti għal ġustizzja selettiva, karatterizzata minn proċessi ġudizzjarji mhux trasparenti u dgħajfin. Il-missjoni tal-Parlament Ewropew immexxija mill-ex Presidenti Cox u Kwasniewski, li kienet stabbilita f'Mejju 2012, appoġġat b'mod sinifikanti l-isforzi tal-UE biex tissorvelja l-każijiet ta' ġustizzja selettiva u tiżgura trattament mediku adegwat.

F'diversi okkażjonijiet, l-UE wriet it-tħassib tagħha relatat mal-problemi sistematiċi fis-sistema ġudizzjarja, b'mod partikolari fis-settur tal-ġustizzja kriminali, li jenfasizzaw l-importanza tal-indipendenza tal-ġudikatura.

Fil-kuntest tal-Elezzjonijiet parlamentari ta' Ottubru 2012, l-UE wriet it-tħassib tagħha dwar l-aċċess bilanċjat tal-kandidati elettorali għall-mezzi tal-informazzjoni u l-każijiet ta' intimidazzjoni tal-ġurnalisti. F'diversi okkażjonijiet, l-UE tenniet id-dispjaċir tagħha li l-konsegwenzi ta' proċessi li ma rrispettawx l-istandards internazzjonali fir-rigward ta' proċessi legali liberi, ġusti u trasparenti pprojbixxew lir-rappreżentanti tal-oppożizzjoni milli jikkontestaw fl-Elezzjonijiet parlamentari. L-UE nnotat bi tħassib li t-twettiq tal-Elezzjonijiet parlamentari tat-28 ta' Ottubru ta stampa mħallta b'diversi nuqqasijiet u kkostitwixxa deterjorazzjoni f'diversi oqsma meta mqabbla mal-istandards miksuba preċedentement.

Sabiex tappoġġa s-soċjetà ċivili attiva fl-Ukraina, l-UE laqgħet il-liġi l-ġdida dwar l-organizzazzjonijiet ċiviċi li għaddiet fl-2012 u daħlet fis-seħħ f'Jannar 2013.

Permezz tal-mekkaniżmu tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viżi, ġiet adottata leġislazzjoni ġdida dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u tħejja pjan ta' azzjoni rigward il-politika dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. L-Ukraina impenjat lilha nnifisha li tkompli l-ħidma sabiex ittejjeb il-leġislazzjoni f'dan il-qasam f'konformità mal-*acquis* tal-UE u r-rakkomandazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet internazzjonali.

It-traffikar tal-bnedmin huwa kwistjoni ta' tħassib partikolari. F'dan ir-rigward, l-UE inkludiet lill-Ukraina fil-lista ta' pajjiżi ta' prijorità għall-kooperazzjoni f'dan il-qasam. Issir valutazzjoni regolari tal-progress li sar f'dan il-qasam fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Liberalizzazzjoni tal-Viżi u l-valutazzjoni annwali tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni bejn l-UE u l-Ukraina fil-qafas tal-PEV.

L-UE u l-Ukraina għamlu wkoll skambji fil-qafas tat-tnejjira tal-Istrateġija l-għdida tal-Ukraina għall-Integrazzjoni tar-Rom sabiex jiġu ttrattati l-kwistjonijiet li qed tiffaċċa din il-komunità.

L-UE għamlet diversi stqarrijiet pubbliċi b'appoġġ għad-dritt għal libertà ta' għaqda u l-libertà ta' espressjoni mill-Ukraini kollha, inkluża l-komunità LGBTI. Kwistjonijiet oħrajn relatati mad-diskriminazzjoni kienu diskussi b'mod attiv f'forom differenti ta' djalogu bilaterali.

L-UE wriet ukoll tħassib li individwu mill-Federazzjoni Russa rikonoxxut bħala refuġjat skont id-dritt internazzjonali kien estradit mill-Ukraina fil-15 ta' Awwissu. F'dan il-kuntest l-UE tabet lill-Ukraina tirrispetta l-impenji relatati mal-adozzjoni tal-leġislazzjoni dwar l-asil f'konformità mal-istandards tal-UE u dawk internazzjonali. L-UE talbet lill-Ukraina tiżgura permezz ta' investigazzjoni u tikkjarifika l-fatti dwar l-għajbien fi Kyiv tal-attivista Russu tal-oppożizzjoni Leonid Razvozhayev.

Inġenerali, l-UE kienet attiva fl-appoġġ lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Il-kuntatti mal-NGOs għad-drittijiet tal-bniedem fil-livell ta' grupp ta' ħidma saru b'mod perjodiku. Fl-2012, l-UE appoġġat ħames proġetti li jiswew aktar minn miljun euro li permezz tagħhom id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jistgħu jestendu l-ħidma tagħhom fil-ġlieda kontra t-tortura u d-diskriminazzjoni u jiżguraw l-aċċess ta' gruppi vulnerabbli fl-Ukraina għall-ġustizzja.

Barra minn hekk, l-UE appoġġat lil organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukraina permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem b'baġit annwali ta' EUR 1.2 miljun. Fl-2012, l-UE approvat għaxar proġetti ġodda biex issir ħidma fl-Ukraina kollha dwar il-monitoraġġ elettorali u d-drittijiet tal-votanti, il-kampanji ta' edukazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem għaż-żgħażaġh, il-ġlieda kontra l-maltrattament u t-tortura, ir-rispett għad-drittijiet ta' persuni LGBTI, l-assistenza legali u l-litigazzjoni strateġika dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Fl-eżami annwali tal-progress li sar mill-pajjiżi sħab fil-kuntest tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, u l-gasam tad-drittijiet tax-xogħol, l-UE nnotat in-nuqqas ta' progress fir-rigward tal-adozzjoni tal-Kodiċi tant mistenni dwar ix-Xogħol.

Fl-2012 il-programm reġjonali konġunt bejn l-Kunsill tal-Ewropa u l-UE dwar it-Tishiĥ tal-Ġlieda kontra l-Maltrattament u l-Impunità kompli jaħdem fl-Ukraina fuq it-tishiĥ tal-kapaċitajiet nazzjonali għall-ġlieda kontra l-maltrattament mill-istituzzjonijiet tal-infurzar tal-liġijiet u dawk penitenzjarji u appoġġa l-iżvilupp tas-sistema għall-ilmenti f'konformità mal-istandards internazzjonali.

Nofsinhar tal-Mediterran

Wara aktar minn sentejn mill-bidu tar-"Rebbiegħa Għarbija", li bdiet bir-rewwixti popolari fit-Tuneżija u fl-Eġittu, is-sitwazzjoni fid-dinja Għarbija għadha instabbli ferm. Madankollu haġġu differenzi importanti bejn il-pajjiżi. Filwaqt li inġenerali sar progress sinifikanti fil-promozzjoni tar-riformi demokratiċi (eż. it-twettiq ta' elezzjonijiet f'konformità mal-istandards demokratiċi, it-tishiĥ tar-rwol tas-soċjetà ċivili, aktar libertà ta' espressjoni u ta' għaqda) ġew osservati diffikultajiet u tfixkil, u għad jeħtieġ li jingħelbu ħafna ostakli sabiex dawn it-transizzjonijiet ikunu kkonsolidati b'suċċess.

L-UE involviet lilha nnifisha mal-gvernijiet il-ġodda li kienu eletti b'mod demokratiku u estendiet l-appoġġ tagħha fuq il-bażi li ser ikun meħtieġ li r-relazzjonijiet tagħna jieħdu kont mhux biss tal-programmi u l-politiki uffiċjali tagħhom iżda kruċjalment tar-rekord emerġenti tagħhom waqt li jkunu fil-gvern. Sabiex iżżomm mal-Politika tal-Viċinat riveduta tagħha, l-involviment tal-UE mal-pajjiżi ġirien tagħna jibqa' jkun ibbażat fuq inċentivi (il-prinċipju "aktar għal aktar") kif ukoll ir-responsabbiltà reċiproka.

Il-kunflitt fis-Sirja rrikjeda rispons differenti tal-UE. L-UE ffaċċjat sitwazzjoni wara r-reazzjoni vjolenti mir-reġim ta' Assad għad-dimostrazzjonijiet paċifiċi fil-belt ta' Deraa li eskalat minn kriżi tad-drittijiet tal-bniedem għal kunflitt ikkaratterizzat minn aktar tixrid tad-demem u kriżi umanitarja. Il-potenzjal li dan il-kunflitt jinxtred fil-pajjiżi ġirien tas-Sirja u, tabilħaqq, li jiddestabilizza r-reġjun kollu huwa ta' tħassib serju għall-UE u l-komunità internazzjonali. Kemm ilu li beda l-kunflitt, l-UE ħadmet fuq diversi livelli fl-isforzi tagħha biex ittemm dan il-kunflitt. L-isforzi inkludew pressjoni politika u diplomatika fuq ir-reġim ta' Assad, is-sospensjoni tal-assistenza finanzjarja u teknika kollha, sanzjonijiet ekonomiċi u politiċi ħorox kontra r-reġim u dawk li jappoġġawh mil-lat ekonomiku, kif ukoll l-appoġġ demokratiku lir-Rappreżentant Speċjali Konġunt tan-NU u l-Lega tal-Istati Għarab, u l-isforzi maħsuba biex jipperswadu lil diversi gruppi tal-oppożizzjoni biex jingħaqdu. Barra minn hekk, l-UE qed ttiprovdi ammont kbir ta' għajjuna umanitarja lill-poplu tas-Sirja u lill-pajjiżi ġirien li jospitaw refuġjati Sirjani.

Fl-istess ħin l-UE ġeddet l-involviment tagħha mal-organizzazzjonijiet reġjonali. Fl-2012, l-UE ħadet il-kopresidenza tat-Tramuntana tal-Unjoni għall-Mediterran li kienet stabbilita fl-2008 bl-impenn sottostanti li ssaħħa id-demokrazija u l-pluraliżmu politiku billi twessa' l-parteċipazzjoni fil-ħajja politika u tħaddan id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha. Illum il-ġurnata, filwaqt li tkompli bid-djalogu politiku fost it-43 Stat membru, l-Unjoni għall-Mediterran tiffoka fuq il-promozzjoni ta' proġetti f'oqsma ta' prijorità ta' interess reċiproku. B'dan jittieħed kont tal-aspetti importanti tad-drittijiet tal-bniedem. Pereżempju, qed jingħata bidu għal tliet proġetti bil-għan li tingħata s-setgħa lin-nisa fl-livell ekonomiku. Huma jfittxu li jippromwovu l-intraprenditorija tan-nisa, u jtejbu l-ħiliet ta' nisa żgħażagħ.

B'riżultat tal-kriżi tal-Libja l-UE intensifikat il-kooperazzjoni tagħha mal-Lega tal-Istati Għarab (LAS). Avveniment importanti kien il-laqgħa tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-UE u l-Istati membri tal-Lega Għarbija, li saret fil-Kajr fit-13 ta' Novembru 2012. F'dik il-laqgħa, li fiha r-RGħ/VP kienet il-kopresident, il-ministri kellhom djalogu politiku dwar il-firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet ta' interess komuni u qablu dwar dikjarazzjoni konġunta. Kif ġie rifless fid-dikjarazzjoni konġunta, il-Ministri, fost l-oħrajn, enfasizzaw l-impenn tagħhom li jippromwovu u jħarsu d-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għal żvilupp ekonomiku u soċjali, il-libertà ta' espressjoni u l-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin u kkundannaw kull forma ta' inċitament ta' mibegħda u intolleranza, f'konformità mal-leġislazzjoni internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Il-Ministri enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu żgurati l-ugwaljanza bejn is-sessi u r-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd. Il-Ministri kkundannaw kwalunkwe promozzjoni ta' mibegħda reliġjuża f'konformità mar-Risoluzzjoni 16/18 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. Minbarra d-djalogu politiku tagħhom, il-Ministri approvaw programm ta' ħidma konġunt dwar kooperazzjoni konkreta f'diversi oqsma, inklużi d-drittijiet tal-bniedem u l-għoti tas-setgħa lin-nisa. Fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, huma previsti djalogu u skambju ta' għarfien dwar l-implimentazzjoni tal-Istandards internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'kooperazzjoni bejn il-Mekkaniżmu Reġjonali Għarbi għad-Drittijiet tal-Bniedem, id-Dipartiment tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-LAS u r-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll is-SEAE. Fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lin-nisa, hija prevista kooperazzjoni maħsuba biex tippromwovi l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-isfera politika u ekonomika bejn id-Dipartiment tal-LAS għan-Nisa, l-Organizzazzjonijiet Għarab għan-Nisa, il-Kummissjoni Ewropea (DEVCO), is-SEAE u l-UN Women.

Eġittu

http://ec.europa.eu/world/enp/docs/2012_enp_pack/progress_report_egypt_en.pdf

Matul l-2012, l-Eġittu kompli l-proċess tiegħu ta' transizzjoni minn tmexxija militari għal waħda ċivili. L-UE appoġġat bis-sħiħ dan il-proċess filwaqt li enfasizzat ripetutament l-elementi li fil-fehma tagħha kienu fundamentali sabiex it-transizzjoni demokratika tkun suċċess. Ir-Rappreżentant Għoli tenniet f'diversi kuntesti, b'mod partikolari fi stqarrijiet pubbliċi, il-ħtieġa li jitkompla mingħajr dewmien it-trasferiment tal-poter għal tmexxija ċivili u enfasizzat l-importanza fundamentali tal-inklużività u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fit-tfassil ta' kostituzzjoni ġdida. Fl-ewwel anniversarju mir-rivoluzzjoni Eġizzjana tal-25 ta' Frar 2012, ir-Rappreżentant Għoli għamlet stqarrija li ttenni l-appoġġ tal-UE għall-kontinwazzjoni tat-transizzjoni demokratika tal-Eġittu, li tippermetti t-trasferiment għal tmexxija ċivili mill-aktar fis possibbli.

L-appoġġ politiku tal-UE għat-transizzjoni Eġizzjana ntwera wkoll b'sensiela ta' żjarat ta' livell għoli. Ir-RGħ/VP żaret il-Kajr f'Lulju, il-President Morsi żar Brussell fit-13 ta' Settembru u r-RGħ/VP ikkopresjediet it-Task Force tal-UE u l-Eġittu fit-13 u l-14 ta' Novembru fil-Kajr. Matul din il-laqgħa ta' livell għoli d-drittijiet tal-bniedem kienu l-ħin kollu preżenti bħala prijorità konġunta fir-relazzjonijiet bilaterali tagħna.

L-UE laqgħet l-irtirar ta' stat ta' emerġenza f'Mejju 2012. Madankollu, permezz tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-25 ta' Ġunju 2012, l-UE leħhnet it-tħassib tagħha dwar id-digriet maħruġ fit-13 ta' Ġunju li jagħti setgħat wiesa' ta' arrest u detenzjoni tal-persuni ċivili għal firxa wiesgħa ta' reati, li jippermetti li l-prosekuzzjonijiet li jibdew taħt l-istat ta' emerġenza u li fir-rigward tagħhom isir proċess quddiem il-qrati ta' stat ta' emerġenza jitkomplew wara l-irtirar. Kienu ta' tħassib ukoll il-każijiet ta' detenzjoni illegali u l-allegata tortura ta' protestanti quddiem il-palazz presidenzjali fil-5 ta' Diċembru, li wasslet għall-mewt ta' xi dimostranti.

L-UE temmen li jeħtieġ li jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Eġittu, li l-ħidma tagħhom tkompli tkun ostakolata mill-liġi attwali dwar l-NGOs. Fi Frar 2012, ir-Rappreżentant Għoli ħarġet dikjarazzjoni li titlob lill-awtoritajiet Eġizzjani biex "jirrispettaw il-libertà ta' assoċjazzjoni u biex jadottaw liġi dwar l-Assoċjazzjonijiet u l-Fondazzjonijiet li tkun konsistenti mal-istandards internazzjonali." F'Diċembru 2012, sar djalogu bejn l-UE (HoMS) u d-Difensuri lokali tad-Drittijiet tal-Bniedem. Id-djalogu kontinwu bejn l-UE u s-soċjetà ċivili Eġizzjana kien akkumpanjat minn għajnuna finanzjarja mingħajr preċedent li tiswa EUR 35 miljun ipprovduta mill-UE lill-Organizzazzjonijiet tas-Soċjeta' Ċivili kemm ilha li bdiet ir-rewwixta f'Janar 2011.

B'rabta mal-libertà ta' għaqda u l-libertà ta' assoċjazzjoni, l-UE tqis ukoll li jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni għad-drittijiet tal-ħaddiema u tat-trade unions.

Fit-13 ta' Novembru 2012, ir-Rappreżentant Għoli ħarġet dikjarazzjoni li titlob lill-Eġittu jiżgura r-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd, mhux b'inqas għan-nisa, li kellhom rwol ewlieni fl-avvenimenti tar-rebbiegħa 2011. Id-Drittijiet tan-Nisa Eġizzjani kienu kkontestati b'mod aħrax fil-proċess tat-transizzjoni politika. Il-kostituzzjoni l-ġdida adottata f'Diċembru 2012 tobbliga lill-istat jipprovdi opportunitajiet ugwali, madankollu id-dispożizzjonijiet preċedenti dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi ma nżammux fit-test il-ġdid. L-Eġittu għad m'għandux ambjent legali li jipproteġi lill-bniet u lin-nisa mill-vjolenza. Attwalment l-UE qed tappoġġa 12-il azzjoni li għaddejjin, li jiswew EUR 3.2 miljun, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex tippromwovi u tiddefendi d-drittijiet tan-nisa. Dawn il-proġetti jkopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet bħall-promozzjoni tal-involviment tan-nisa fil-ħajja pubblika, il-monitoraġġ tal-parteciġazzjoni tan-nisa fl-elezzjonijiet, l-iffaċilitar tal-aċċess tan-nisa għal mikrokrediti, l-appoġġ lin-nisa li sfaw vittmi tal-vjolenza, jew it-tisħiħ tal-parteciġazzjoni tan-nisa fil-livell lokali. Fid-19 ta' Lulju, id-Delegazzjoni tal-UE organizzat seminar tan-nisa ppresedut mir-RGħ/VP dwar 'In-nisa Eġizzjani - It-triq 'il Quddiem' li matulu ġie ffirmat kuntratt ta' EUR 4 miljun b'appoġġ għall-azzjoni tal-UN Women biex tipprovdi karti tal-identità lin-nisa Eġizzjani.

L-UE qagħdet attenta ħafna għal-Libertà ta' Espressjoni bħala element ewlieni għad-demokrazija. Minkejja xi ftit aktar libertà ta' espressjoni kemm ilu li rriżenja l-ex President Mubarak, għet irreġistrata żieda fil-każijiet ta' inġurja taħt il-President Morsi, inklużi persekuzzjonijiet kontra l-persuni li jikkritikaw lill-President u lill-partit fil-gvern, arresti u prosekuzzjonijiet skont il-liġi dwar il-blasfemija li għet qabel l-amministrazzjoni l-għdida. Pereżempju, l-azzjoni tal-UE inkludiet il-finanzjament taħt l-EIDHR ta' programm implimentat mir-Reporters Sans Frontières biex jiproteġi ġurnalisti u bloggers, jipprovdilhom appoġġ amministrattiv, materjali jew appoġġ finanzjarju fejn meħtieġ biex jgħin om ikomplu jaħdmu, inkluż, fil-każijiet l-aktar estremi, jiċċaqilqu għal post sikur.

L-UE tixtieq tipromwovi u tħares il-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin kullimkien u għal kulħadd. Il-Kunsill Affarjiet Barranin fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Frar 2012 dwar l-Eġittu enfasizza l-importanza li jiġi żgurat il-ħarsien tal-libertajiet fundamentali u li jiġi investigat il-ksur, inkluż kontra l-komunitajiet reliġjużi. Ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2012 dwar l-Eġittu, ifakkru fl-impenn tal-Unjoni Ewropea lejn il-libertà tal-ħsieb, kuxjenza u reliġjon u enfasizzaw li l-gvernijiet għandhom id-dmir li jggarantixxu dawn il-libertajiet mad-dinja kollha.

Għalkemm l-Eġittu ffirmat l-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-refuġjati fl-1951, il-Konvenzjoni kienet iffirmata b'riżervi importanti u l-pajjiż m'għandu l-ebda leġislazzjoni jew amministrazzjoni jew dispożizzjoni amministrattiva fil-qasam tal-asil. Matul l-2012, rapporti mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kkritikaw is-sitwazzjoni tar-refuġjati u l-migranti fl-Eġittu b'mod partikolari dawk fi transitu mir-reġjun tas-Sinaj. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2012 dwar it-traffikar tal-bnedmin fis-Sinaj, il-Parlament Ewropew ħeġġeġ lill-awtoritajiet Eġizzjani biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex iwaqqfu atti ta' tortura, estorsjoni u traffikar tal-bnedmin ta' refuġjati Eritreani u refuġjati oħrajn fil-pajjiż, u biex issir prosekuzzjoni ta' dawk li jiksru d-drittijiet tal-bniedem tar-refuġjati u jwettqu xi forma ta' skjavitù. Matul l-2012, l-UE kompliet taħdem fil-Programm ta' protezzjoni reġjonali maħsub biex joffri kondizzjonijiet ta' akkoljenza u trattament aħjar lir-refuġjati li jaslu fl-Eġittu. L-UE ffinanzjat proġett ta' EUR 2 miljun mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) fil-qasam tad-drittijiet tal-migranti, u għotja li tiffoka fuq il-migranti tfal.

F'Diċembru ġiet approvata b'referendum kostituzzjoni ġdida fost kontroversja politika profonda, inkluż b'rabta ma' dik li dehret b'ħala ġlieda għall-poter bejn il-Presidenza u l-elementi tal-Ġudikatura, wara deċiżjonijiet kontroversjali tal-Ġudikatura u Dikjarazzjoni Kostituzzjonali maħruġa mill-President Morsi fit-22 ta' Novembru, li timmunitizza d-digriet i tiegħu, l-Assemblea Kostitwenti (li ħarġu minnha persuni sekulari u knejjes) u l-Kunsill Shura mill-iskrutinju ġudizzjarju. Il-kostituzzjoni tistabbilixxi xi dispożizzjonijiet li qajmu tħassib fil-komunità għad-drittijiet tal-bniedem, inkluża projbizzjoni ta' insulti lejn bniedem, profeti jew messaggġiera oħrajn; li tillimita l-libertà ta' Prattika reliġjuża u l-bini ta' postijiet ta' qima lejn it-tliet reliġjonijiet Abramiċi; rwol għall-istat (u l-pulizija) fil-protezzjoni tal-moralità pubblika u fl-iżgurar li n-nisa jkunu jistgħu jgħaqqdu "id-dmirijiet tagħhom lejn il-familja" mal-ħidma fis-settur pubbliku; jew il-possibbiltà għall-qradi militari li jkomplu jressqu nies ċivili quddiem il-qorti fil-każijiet ta' ħsara lill-forzi armati.

Fit-13 u l-14 ta' Novembru 2012, ġiet organizzata l-ewwel Task Force bejn l-UE u l-Eġittu b'ħala eżempju konkret tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Eġittu u l-UE. It-Task Force kienet kopreseduta mir-RGħ/VP u mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Eġittu Kamel Amir. Inħarġu konklużjonijiet konġunti mill-kopresidenti tal-UE u l-Eġittu li jirreferu għal 'era ġdida fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Eġittu' li tikkontribwixxi għal 'sħubija aktar mill-qrib ibbażata fuq il-promozzjoni tal-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità u l-valuri sovrastanti tar-rispett tal-ġustizzja soċjali, l-iżvilupp soċjoekonomiku, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba.'

Iżrael

http://ec.europa.eu/world/enp/docs/2012_enp_pack/progress_report_israel_en.pdf

L-UE tagħmel djalogu regolari mal-Iżrael fuq il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem kemm fl-Istat tal-Iżrael kif ukoll fil-Palestina. B'mod mhux tas-soltu l-Iżrael huwa fost il-pajjiżi tal-Viċinat Ewropew li ilu stat demokratiku sa minn meta twaqqaf. Madankollu, fil-kuntest tax-xewqa tal-UE li timplimenta b'mod sħiħ sħubija għad-demokrazija u l-prosperità kondiviża fil-viċinat tan-Nofisnar tagħha, li ttejjeb il-valuri tad-demokrazija u l-importanza ta' soċjetà ċivili vibranti, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi huma ċentrali għal sħubija bejn l-UE u l-Iżrael. Minħabba t-tradizzjoni demokratika tal-Iżrael flimkien mal-waqfien kontinwu fil-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, ħafna mill-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem li l-UE hija involuta fihom mal-Iżrael huma marbuta mal-okkupazzjoni kontinwa tal-Palestina. Fil-biċċa l-kbira dawn huma koperti fit-taqsimu tar-rapport li tittratta l-Palestina u jinkludu kwistjonijiet li jaqgħu fir-responsabbiltajiet tiegħu skont id-dritt umanitarju internazzjonali (IHL - international humanitarian law) u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem (IHRL - international human rights law) applikabbli. Dawn jinkludu vjolenza relatata mal-kunflitt, detenzjoni militari ta' tfal, detenzjoni amministrattiva u restrizzjonijiet Iżraeljani fuq il-libertà ta' assoċjazzjoni tal-Palestinjani.

Dawn il-kwistjonijiet jibqa' jkollhom impatt fuq ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Iżrael ukoll. Fl-2012 l-UE kkonfermat il-pożizzjoni tagħha li ma tkomplix bl-aġġornament fir-relazzjonijiet bilaterali inizjalment propost fl-2008, iżda li tibbaża kwalunkwe aġġornament bħal dan, fost l-oħrajn, fuq ir-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali u d-dritt umanitarju internazzjonali, u fil-kuntest tal-interess komuni tagħna fir-riżoluzzjoni tal-kunflitt bejn l-Iżrael u l-Palestina permezz tal-implimentazzjoni tas-soluzzjoni bejn żewġ stati.

Il-Konklużjonijiet sovrastanti tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-14 ta' Mejju dwar il-PPLN, l-UE ddikjarat li t-tmiem tal-kunflitt huwa interess fundamentali kemm tal-UE kif ukoll tal-partijiet innifishom. Huwa jfakkar ukoll fl-applikabbiltà tad-dritt umanitarju internazzjonali fil-Palestina, inkluża l-applikabbiltà tar-raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar il-protezzjoni ta' persuni ċivili. L-UE tikkundanna l-attakki kollha fuq in-nies ċivili, kemm il-Palestinjani u l-Iżraeljani. F'Novembru l-UE kkundannat ferm l-attakki bir-rokit fuq l-Iżrael mill-Istrixxa ta' Gaża, filwaqt li ddikjarat li l-Iżrael għandu d-dritt li jipproteġi l-popolazzjoni tiegħu minn dan it-tip ta' attakki filwaqt li jaġixxi b'mod proporzjonat u jiżgura l-protezzjoni tan-nies ċivili f'kull ħin. Ir-Rappreżentant Għoli kkundannat ukoll l-attakk terroristiku fuq xarabank f'Tel Aviv fil-21 ta' Novembru.

Matul is-sena l-UE kienet imħassba b'mod partikolari minħabba l-kostruzzjoni kontinwa ta' insedjamenti Iżraeljani fix-Xatt tal-Punent, inkluż fil-Lvant ta' Ġerusalemm, li kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Palestina. Saru għadd ta' stqarrijiet matul is-sena dwar din il-kwistjoni li laħqu l-quċċata tagħhom fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarjiet Barranin ta' Diċembru li fihom l-UE ddikjarat li hija ser tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni u l-implikazzjoni usa' tagħha u ser taġixxi kif meħtieġ. Matul is-sena l-UE kkundannat ukoll il-vjolenza kontinwa u l-provokazzjonijiet intenzjonati mill-kolonizzaturi kontra l-persuni ċivili Palestinjani minn persuni ċivili (vjolenza mill-kolonizzaturi) kif ukoll mill-forzi tas-sigurtà Iżraeljani. Filwaqt li laqgħet il-ftuħ ta' proċedimentni legali f'xi każijiet, hija appellat lill-Iżrael biex iressaq lill-awturi tar-reati quddiem il-ġustizzja fil-każijiet kollha.

Normalment, l-UE u l-Iżrael jagħmlu djalogu annwali dwar il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem f'Iżrael u fl-UE fil-qafas ta' grupp ta' ħidma informali. Sfortunatament il-laqgħa tal-grupp tal-2012 kienet posposta sa Jannar 2013. L-UE hija tal-fehma li l-grupp ta' ħidma informali għad-drittijiet tal-bniedem għandu jiġi ttrasformat f'sottokomitat kollu kemm hu dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza demokratika fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Iżrael. Il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem relatati kemm mal-Iżrael kif ukoll mal-okkupazzjoni Iżraeljana tal-Palestina huma indirizzati wkoll fil-qafas tas-sottokomitat dwar id-djalogu politiku bejn l-UE u l-Iżrael kif ukoll il-Komitat ta' Assoċjazzjoni u l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, li lkoll iltaqgħu matul is-sena. L-UE għandha wkoll kooperazzjoni għammiela mal-Iżrael fir-rigward tal-ġlieda kontra l-ksenofobija, id-diskriminazzjoni kontra l-anti-Semitiżmu, inkluż permezz tas-seminars annwali konġunti bħal dak organizzat f'Ġunju 2012. L-avveniment ta' din is-sena inkluda sessjonijiet speċifiċi dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibgħeda kif ukoll l-aċċess għall-ġustizzja biex jiġi żgurat rimedju effettiv kontra d-diskriminazzjoni razzista. L-Iżrael kompli jipprovdi garanziji sodi tad-drittijiet tan-nisa u tat-tfal kif ukoll tal-komunità LGBTI.

Fid-djalogu tagħha mal-Iżrael matul is-sena l-UE ħeġġet lill-Iżrael iżid l-isforzi biex jindirizza s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-minoranza Għarbija, filwaqt li jirrikonoxxi l-kumplessità tas-sitwazzjoni u l-isforzi meħtieġa kemm mill-gvern kif ukoll mill-mexxejja tal-minoranza Għarbija. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2012 dwar il-politika tal-UE dwar ix-Xatt tal-Punent u l-Lvant ta' Ġerusalemm, filwaqt li tindirizza l-kwistjonijiet relatati max-Xatt tal-Punent, talbet il-protezzjoni tal-komunitajiet ta' Bedwini fin-Negev Iżraeljan u għall-irtirar mill-gvern tal-hekk imsejjaħ Pjan Prawer li jissuġġerixxi soluzzjonijiet għall-problemi li qed jiffaċċaw il-komunitajiet Bedouin u komunitajiet mhux rikonoxxuti. L-UE ħeġġet lill-Iżrael ifittex soluzzjonijiet ġusti fir-rigward ta' villaġġi ta' Bedwini mhux rikonoxxuti f'konsultazzjoni mill-qrib mal-komunitajiet konċernati.

L-UE għadha mħassba dwar xi miżuri li ttieħdu mill-Iżrael fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali minħaba li dawn għabu r-riskju li jirrestrinġu l-possibbiltà li migranti mill-Eritrea jew is-Sudan b'mod partikolari jirċievu protezzjoni internazzjonali jew għajnuna umanitarja fl-Iżrael. F'dan il-kuntest l-UE offriet li taqsam l-esperjenza tagħha u tipprovdi assistenza jekk tintalab tagħmel dan biex tiġi żviluppata politika komprensiva dwar l-immigrazzjoni.

Fil-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV l-Iżrael u l-UE qablu li jinvolvu ruħhom fi djalogu regolari dwar kwistjonijiet tas-soċjetà ċivili u li jippromwovu rabtiet bejn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u NGOs tal-UE u l-Iżrael. L-UE baqgħet titlob lill-Iżrael biex jippromwovi s-settur attiv tal-NGOs tiegħu u biex jibqa' lura minn azzjonijiet li jistgħu jikkumplikaw l-ispazju li fih joperaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Hija nnotat fir-rapport dwar il-progress tal-PEV 2013 li t-tendenzi li għabu r-riskju li jirrestrinġu dan l-ispazju dehru li qed jonqsu.

Palestina

http://ec.europa.eu/world/enp/docs/2012_enp_pack/progress_report_opt_en.pdf

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fi u konsegwentement l-istrateġija tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem fil-Palestina ma jistgħux jitqiesu separatament mill-kuntest politiku usa' ta' (i) l-okkupazzjoni Iżraeljana kontinwa u (ii) il-qasma interna bejn il-Fatah u l-Hamas. Dan kien rikonoxxut ukoll mir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Lulju 2012 dwar il-politika tal-UE dwar ix-Xatt tal-Punent u l-Lvant ta' Ġerusalem. Matul l-2012, l-UE kompliet tkegħeġ kemm lill-Iżrael kif ukoll lill-Palestina biex jergħu lura għall-mejda tan-negozjati. Sfortunatament dawn in-negozjati ma ssoktawx. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin ta' Mejju u Diċembru 2012 l-UE reġgħet affermat l-impenn tagħha lejn is-soluzzjoni bejn żewġ stati filwaqt li wriet tħassib serju dwar l-iżviluppi fuq il-post, li jgħibu t-tħeddida li jagħmluha impossibbli li tinstab soluzzjoni.

F'Novembru 2012, iż-żieda serja tal-vjolenza bejn l-Iżrael u l-gruppi armati f'Gaża, li wasslet għall-mewt ta' madwar 158 Palestinjan u sitt Iżraeljani. Ir-Rappreżentant Għoli kienet attiva fit-tfittxija għall-waqfien mill-ġlieda bħala pass importanti lejn soluzzjoni aktar dejjiema għall-iżolazzjoni ta' Gaża. Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar Gaża tad-19 ta' Novembru 2012, il-Kunsill Affarijiet Barranin appella għall-waqfien urġenti mill-ġlied, filwaqt li ddispjaciħ ferm għall-mewt ta' persuni ċivili fuq iż-żewġ naħat.

Madankollu, l-Awtorità Palestinjana (AP) tibqa' responsabbli għas-sosteniment tad-drittijiet tal-bniedem fl-oqsma fejn hija tista' teżerċita kontroll. Il-qasma politika Palestinjana interna u kontinwa bejn Gaża u x-Xatt tal-Punent tikkostitwixxi ostakolu konsiderevoli għall-UE fl-indirizzar u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Palestina kollha.

Objettiv fundamentali tal-UE huwa ż-żamma ta' djalogu kontinwu mal-AP dwar il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżgurar li kemm il-bini tal-Istat Palestinjan u r-rikonċiljazzjoni fost il-Palestinjani jindirizzaw b'mod sħiħ il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE għandha għan konsiderevoli li tkompli b'dan l-objettiv minħabba l-programm sinifikanti ta' assistenza finanzjarja ddedikat lill-AP, kif ukoll l-iskjerament ta' missjoni tal-PSDK b'appoġġ għall-pulizija ċivili Palestinjana, EUPOL COPPS. L-istat tad-dritt kompli jkun settur fokali għall-għajnuna tal-UE għall-iżvilupp lill-AP fl-2012, filwaqt li l-missjoni EUPOL COPPS tinkludi wkoll taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem bħala parti minn attivitajiet usa' tagħha tal-istat tad-dritt. Permezz ta' dawn l-UE kompliet tipprovdi appoġġ għall-iżvilupp ta' ġudikatura indipendenti, imparzjali, u li tiffunzjona kompletament u servizzi tas-sigurtà tal-AP aktar responsabbli. L-UE kompliet ukoll tipprovdi appoġġ lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem mhux partiġġjani, b'mod partikolari fl-2012 billi żgurat preżenza tal-UE f'seduti magħżula tal-qorti, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fi strateġija adottata flivell lokali dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

L-UE u l-Awtorità Palestinjana (AP) jagħmlu djalogu annwali dwar il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Ir-raba' sottokomitat UE-AP dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Governanza Tajba u l-Istat tad-Dritt sar fi Brussell fit-8 ta' Mejju 2012. Is-suġġetti diskussi inkludew l-affarijiet u l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni tal-priġunieri fil-faċilitajiet tal-AP, il-libertà ta' assoċjazzjoni, ta' assemblea, tal-istampa u ta' reliġjon, il-prattika ta' approvazzjoni tas-sigurtà tal-impjegati tal-AP, il-kodiċi penali, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, il-miżuri għall-ġlieda kontra l-inċitament kif ukoll il-kwistjonijiet ta' governanza usa' u tal-istat tad-dritt. F'konformità mal-prattika preċedenti tagħha li ta' min ifaħħarha, il-Kummissjoni Indipendenti Palestinjana għad-Drittijiet tal-Bniedem (ICHR) kienet parti mid-delegazzjoni Palestinjana.

Fl-2012 aktar minn elf prigionier Palestinjan għamlu strajk tal-ġuħ bi protesta għall-użu ta' detenzjoni amministrattiva mill-Iżrael. B'mod konsistenti l-UE wriet tħassib dwar ir-rikors eċċessiv tal-Iżrael għad-detenzjoni amministrattiva, u għamlitha ċara f'għadd numeruż ta' fora matul is-sena, inkluż fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Iżrael f'Lulju u fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-Rappreżentant Għoli, hekk kif għamlitha ċara fil-kummenti tagħha għall-istampa wara l-Kunsill Affarijiet Barranin ta' Mejju, ħeġġet biex tinstab soluzzjoni għall-istrajk tal-ġuħ fuq skala kbira mill-prigionieri Palestinjani. Il-kelliem tagħha għamel stqarrijiet ukoll dwar għadd ta' każijiet speċifiċi ta' detenuti amministrattivi fuq strajk tal-ġuħ f'punti oħra fis-sena, inkluż Khader Adnan fi Frar u Samer al-Barq u Hassan Safadi f'Settembru. Il-kondizzjonijiet tad-detenzjoni fil-ħabsijiet Palestinjani kemm fix-Xatt tal-Punent u fl-Istrixxa ta' Gaza komplew ikunu kwistjoni ta' tħassib għall-UE b'allegazzjonijiet ta' maltrattament u tortura. Fi stqarrija lokali tat-8 ta' Mejju 2012, l-UE appellat għar-rispett sħiħ lejn l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem lejn il-prigionieri kollha.

L-UE segwiet mill-qrib ukoll is-sitwazzjoni fir-rigward tal-libertà ta' espressjoni fit-territorju Palestinjan okkupat. Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-14 ta' Mejju hija wriet it-tħassib tagħha dwar l-arresti ta' ġurnalisti u, filwaqt li għamlet pressjoni fuq l-Awtorità Palestinjana dwar il-kwistjoni tal-projbizzjoni ta' ċerti siti elettroniċi, fl-istess konklużjonijiet laqgħet id-deċiżjoni tal-President Abbas biex jirtiraha. L-UE għadha partikolarment imħassba dwar id-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni, kemm fl-Istrixxa ta' Gaza minħabba l-għeluq kontinwu ta' organizzazzjonijiet mill-awtoritajiet de facto, kif ukoll fix-Xatt tal-Punent fejn komplew isiru rapporti dwar reġistrazzjoni rifjutata ta' NGOs. Il-libertà ta' assoċjazzjoni għall-Palestinjani hija affettwata wkoll mill-politika tal-Iżrael fil-Lvant ta' Ġerusalemm. F'Mejju l-UE appellat biex l-istituzzjonijiet Palestinjani hemmhekk ikunu jistgħu jerġgħu jinfetħu u, wara li t-tiġdid tal-ordnijiet għall-għeluq tagħhom fit-30 ta' Lulju, appellat lill-Iżrael biex jirtira dan. Fi stqarrija lokali l-UE laqgħet l-ewwel eżerċizzju fid-demokrazija Palestinjana mill-2006 'l hawn (elezzjonijiet lokali f'ċerti distretti tax-Xatt tal-Punent fl-20 ta' Ottubru). L-UE tkompli tappella biex isiru elezzjonijiet presidenzjali u dawk legiſlattivi.

Fir-rigward tal-piena tal-mewt, f'għadd ta' stqarrijiet lokali, l-UE kkundannat is-sentenzi tal-mewt mogħtija u mwettqa fl-Istrixxa ta' Gaza mill-awtoritajiet de facto, inkluża l-eżekuzzjoni ta' tliet persuni fis-17 ta' Lulju 2012. Fl-istqarrija maħruġa għall-plenarja tal-PE f'isimha fil-21 ta' Novembru r-Rappreżentant Għoli kkundannat ukoll l-eżekuzzjonijiet sommarji ta' seba' Palestinjani fl-Istrixxa ta' Gaza mill-gruppi armati hemmhekk. L-UE komplet tikkundanna l-moratorju de facto fuq il-piena tal-mewt fix-Xatt tal-Punent filwaqt li appellat għall-moratorju de jure.

Ġordan

http://ec.europa.eu/world/enp/docs/2012_enp_pack/progress_report_jordan_en.pdf

Id-djalogu bejn l-UE u l-Ġordan dwar id-drittijiet tal-bniedem kompli bit-tweqqi tas-seba' laqgħa ta' "Id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Governanza u d-Demokrazija" f'Mejju 2012 f'Amman, fl-isfond ta' proċess ta' riforma li għaddej fil-pajjiż u l-kriżi tas-Sirja. Ġew indirizzati spettru wiesa' ta' materji inklużi r-riforma tal-qafas elettorali, il-libertà ta' assoċjazzjoni, tal-mezzi tal-informazzjoni, il-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' reliġjon u ta' twemmin, id-drittijiet tan-nisa, l-eradikazzjoni tat-tortura, eċċ.

Bl-istess mod għal pajjiżi oħra fir-reġjun, fl-2012 il-Ġordan ra wkoll dimostrazzjonijiet li jappellaw għal riformi politiċi u ekonomiċi. Fir-rebbiegħa 2012 ġew adottati erba' liġijiet relatati ma' riformi politiċi mill-Parlament: liġi elettorali ġdida, liġi ġdida dwar il-partiti politiċi u l-liġijiet li jistabbilixxu Kummissjoni Elettorali indipendenti u l-Qorti Kostituzzjonali. Ikun xieraq li l-adozzjoni tal-ewwel tliet liġijiet tkun konformi mal-prijoritajiet inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni konġunt tal-PEV vejn l-UE u l-Ġordan innegożjat fl-2010.

Il-liġi elettorali kienet ikkritikata ferm mill-biċċa l-kbira tal-partiti fl-oppożizzjoni minħabba li ma tiżgurax distribuzzjoni ġusta ta' siġġijiet u rappreżentazzjoni ġusta taż-żoni urbani b'popolazzjoni għolja kontra d-distretti tal-kampanja b'għadd żejjed ta' rappreżentanti. F'Mejju ġiet stabbilita Kummissjoni Elettorali Indipendenti u l-Ġordan qabel mal-istazzjonar ta' missjoni ta' osservazzjoni elettorali professjonali tal-UE għall-elezzjonijiet legiislattivi tat-23 ta' Jannar 2013. L-istqarrija tal-UE adottata fl-okkażjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ġordan li sar f'Diċembru ddikjarat li l-UE tqis li l-liġi elettorali għandha tkun parti essenzjali minn proċess inklużiv u kontinwu li l-objettiv tiegħu għandu jkun rappreżentazzjoni, governanza u responsabbiltà demokratika mtejba.

L-UE tappoġġa l-proċess ta' riforma li għaddej fil-Ġordan, kemm flivell politiku kif ukoll finanzjarju. Indikatur konkret ta' dan l-appoġġ huwa l-finanzjament addizzjonali li sar disponibbli permezz tal-programm SPRING (Sostenn għas-Sħubija, ir-Riforma u t-Tkabbir Inklużiv), li jinkludi fost l-oħrajn appoġġ istituzzjonali għall-kummissjoni elettorali indipendenti (IEC - independent electoral commission) il-ġdida, kampanji ta' sensibilizzazzjoni ċivika, eċċ.

F'Settembru, il-Parlament adotta xi emendi kontroversjali għal-Liġi dwar l-Istampa u l-Pubblikazzjoni li tagħti s-setgħa lil aġenzija tal-gvern (Direttorat għall-Istampa u l-Pubblikazzjonijiet) li tiddefinixxi sit elettroniku bħala "pubblikazzjoni elettronika", li ġġegħelha tirreġistra li jfisser responsabbiltajiet ġodda għas-sidien tas-siti elettroniċi. L-istqarrija tal-UE msemmija hawn fuq appellat ukoll lill-Ġordan biex iżomm ir-rispett sħiħ għal-libertà ta' espressjoni, waħda mill-prijoritajiet prinċipali tal-Pjan ta' Azzjoni konġunt tal-PEV, inkluż fil-mezzi tal-informazzjoni u fuq l-Internet. L-UE fakkret li l-qafas regolatorju l-ġdid ma għandux jostakola l-objettiv aħħari li tiġi ggarantita din il-libertà fundamentali.

Il-Ġordan ikompli japplika moratorju de facto fuq l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt minn Mejju 2006 'l hawn. Wara l-emenda kostituzzjonali tal-2011 li tipprojbixxi t-tortura, l-UE stiednet lill-Ġordan biex jiffirma l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-tortura u trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, biex jistabbilixxi mekkaniżmu nazzjonali preventiv u effiċjenti, sistema ta' spezzjoni li tippermetti żjarat għall-għarrieda, u biex jippubblika data b'mod sistematiku dwar it-tortura.

It-tixrid tal-korruzzjoni fis-soċjetà tal-Ġordan tibqa' kwistjoni ta' tħassib kbir.

Fir-rigward tal-istandards tax-xogħol, il-Ġordan ma għamel l-ebda progress biex jirratifika l-Konvenzjoni tal-ILO Nru 87 'Il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Ħarsien tad-Dritt għall-Organizzazzjoni'.

F'Marzu, il-Kumitat tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa rrakkomanda, fost l-oħrajn, li l-Ġordan jirtira r-riżervi tiegħu mill-Artikolu 15(4) ta' CEDAW u jirrevedi l-Liġi tiegħu dwar iċ-Ċittadinanza.

Libanu

http://ec.europa.eu/world/enp/docs/2012_enp_pack/progress_report_lebanon_en.pdf

Matul is-sena 2012 il-**Libanu** kompla jsofri minn riperkussjonijiet tal-kriżi fil-ġar tiegħu s-Sirja. L-għadd dejjem akbar ta' refuġjati li jaqsmu għal got-territorju Lebaniż, il-qagħda fraġli tas-sigurtà u tifqigħa sporadika tal-vjolenza ħolqu sfidi sostanzjali għall-istabbiltà interna tal-Libanu. Tmiem is-sena kien immarkat b'paraliżi tal-istituzzjonijiet nazzjonali wara l-assassinju ta' uffiċjal ta' livell għoli f'Ottubru 2012. Minkejja dawn iċ-ċirkostanzi, il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Libanu żviluppaw b'mod intensiv bil-progress importanti li sar fid-djalogu dwar il-PEV, in-negozjati tal-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV il-ġdid u l-programmazzjoni tal-assistenza finanzjarja tal-UE għas-snin 2014-2016.

Ir-riforma elettoralu hija meqjusa b'ħala objettiv ta' prijorità tal-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV il-ġdid bejn l-UE u l-Libanu fl-2012. L-UE kompliet tippromwovi b'mod attiv fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u d-djalogi politiċi li saru fl-2012 progress f'waqtu fir-riforma elettoralu qabel l-elezzjonijiet parlamentari tal-2013, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettoralu tal-2009 u l-2005. L-UE appellat pereżempju għall-ħolqien ta' kummissjoni elettoralu indipendenti u l-użu ta' voti stampati minn qabel. Il-Kabinett adotta abbozz ta' liġi elettoralu f'Awwissu 2012 u ppreżentaha lill-Parlament. Madankollu taħdidiet bejn il-partiti dwar il-qafas elettoralu l-ġdid ma bdewx qabel Jannar 2013 b'differenzi sinifikanti fost il-mexxejja politiċi. L-UE tappoġġa l-isforzi għar-riforma fil-qafas elettoralu fil-Libanu, b'ħidma mas-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet Libani u l-Forum ta' Donaturi Elettorali mmexxi min-NU. F'dawn l-aħħar snin, ir-riforma elettoralu kienet appoġġata fil-kuntest ta' proġetti li jiswew EUR 14-il miljun.

Ir-riforma tas-settur tal-ġustizzja saret l-ewwel prijorità tal-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV il-ġdid imħejji fl-2012. L-UE kompliet tara titjib b'mod attiv tas-sitwazzjoni rigward l-impunità, inklużi l-effiċjenza u l-indipendenza tas-sistema tal-ġustizzja kif ukoll l-importanza tat-titjib tas-sitwazzjoni fil-ħabs, it-tnaqqis fl-użu tad-detenzjoni arbitrarja, il-prattika tat-tortura u r-rikors lejn it-tribunali militari meta jitreqqsu każijiet ċivili quddiem il-qorti. L-UE kienet involuta f'dibattitu pubbliku dwar l-abolizzjoni tal-piena kapitali fil-Jum Dinji kontra l-Piena Kapitali. Il-Libani onoraw l-impenji internazzjonali tagħhom fir-rigward tat-Tribunal Speċjali għal-Libanu u l-finanzjament tiegħu. Barra minn hekk, Jannar 2012 il-mandat tat-Tribunal ġie estiż għal tliet snin oħra.

Għalkemm il-Libanu mhuwiex parti għall-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati u għadu jopponi l-iffirmar tal-Memorandum ta' Qbil mal-UNHCR, li jnaqqas id-diskrepanza fil-protezzjoni, madankollu l-Libanu estenda l-assistenza għall-għadd kbir ta' refuġjati li ħarbu mill-vjolenza fis-Sirja. L-għadd tagħhom żdied b'mod drammatiku fi tmiem l-2012 u laħaq aktar minn 180 000. Sa tmiem l-2012 il-Gvern adotta pjan ta' rispons dwar l-assistenza lir-refuġjati, inkoraġġit b'mod attiv mill-UE, u l-UE mmobilizzat EUR 44.8 miljun b'appoġġ lir-refuġjati Sirjani fil-Libanu, li jinkludu għajjnuna umanitarja, servizzi edukattivi u tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' emerġenza tal-awtoritajiet Libani.

L-UE kompliet tappoġġa t-titjib tal-kondizzjonijiet tal-għajxien tar-refuġjati Palestinjani fil-Libanu permezz tal-assistenza finanzjarja (EUR 20 miljun fl-2012 għall-infrastrutturi tal-kampijiet tar-refuġjati, l-edukazzjoni u l-impjiegi) u d-djalogu politiku. Is-sitwazzjoni li ma nbidlitx tal-ħaddiema domestiċi migranti u l-maltrattament tagħhom kienu kkundannati pubblikament fi sqarrija lokali tal-UE maħruġa f'Marzu 2012.

Il-Libertà ta' espressjoni għadha punt importanti fl-aġenda tal-UE fil-Libanu, b'kollaborazzjoni attiva mas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li ħadmet fuq każijiet rappurtati ta' intimidazzjoni u l-organizzazzjoni annwali tal-Premju Samir Kassir għal-Libertà tal-Istampa.

Sirja

Fl-2012 il-kriżi tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja kompliet tmur għall-agħar minħabba li l-pajjiż ġie f'sitwazzjoni ta' kunflitt kontinwu. Matul is-sena, kien hemm għadd numeruż ta' rapporti fil-mezzi tal-informazzjoni kif ukoll mill-osservaturi. inkluż min-NU, dwar iż-żieda fil-ksur serju u fuq skala kbira tad-drittijiet tal-bniedem. Tali ksur inkluda qtil arbitrarju, tortura, arresti arbitrarji, u diversi forom ta' persekuzzjoni. Il-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti stabbilita minn rizzoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Awwissu 2011, matul sessjoni speċjali dwar is-Sirja mitluba mill-UE, iddikjarat ripetutamente li l-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja jikkostitwixxi reat kontra l-umanità. Kemm l-għadd ta' persuni ċivili midruba kif ukoll l-għadd ta' persuni detenuti arbitrarji jammontaw għal għexieren ta' eluf.

B'mod konsistenti l-UE wriet it-tħassib l-aktar serju tagħha dwar id-deterjorament tas-sitwazzjoni fis-Sirja u b'mod partikolari mill-ksur mifruq u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u l-libertajiet fundamentali mill-awtoritajiet Sirjani. F'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar is-Sirja adottata fit-28 ta' Settembru, l-UE tappella lill-partijiet kollha biex iwaqqfu kull forma ta' vjolenza u biex jieħdu miżuri speċjali biex jipproteġu gruppi vulnerabbli bħat-tfal, kif ukoll in-nisa u l-bniet soġġetti għal vjolenza sessista (GBV - gender based violence).

L-UE ħadet għadd ta' miżuri b'rispons għar-ripressjoni tar-reġim kontra l-poplu Sirjan u komplew aktar atroċitajiet miż-żewġ naħat tal-kunflitt. Il-kooperazzjoni bilaterali mal-awtoritajiet Sirjani kompliet tiġi sospiżta mill-2011 'l hawn u ngħata bidu għall-politika wiesgħa ta' sanzjoni mmirata lejn ir-reġim. Sa tmiem l-2012 u minn Mejju 2011 'l hawn l-UE adottat 20 ċiklu ta' miżuri restrittivi u elenkat 180 persuna u 54 entità. Fit-30 ta' Novembru 2012, il-Kunsill iddeċieda li jgdedded il-miżuri restrittivi kollha kontra s-Sirja għal tliet xhur. Fis-16 ta' Frar il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja (P7_TA-PROV(2012)0057), li kienet segwita minn riżoluzzjoni oħra fil-11 Settembru (P7_TA-PROV(2012)0351).

L-UE kienet l-ewwel donatur għar-refuġjati Sirjani u l-persuni fil-bżonn fis-Sirja: it-total tal-għajjnuna umanitarja tal-UE b'rispons għall-kriżi tas-Sirja laħaq aktar minn EUR 310 miljuni fl-2012, dan l-ammont inkluda kontribuzzjonijiet mill-Baġit tal-UE u tal-Istati Membri. B'mod partikolari, il-finanzjament allokati mil-linja baġitarja umanitarja tal-UE inkludiet appoġġ għall-protezzjoni għat-tfal u n-nisa (vjolenza-sessista) f'konformità mal-IHL u dritt internazzjonali applikabbli ieħor u huwa implimentat kemm fis-Sirja kif ukoll fil-pajjiżi tal-viċinat.

Barra minn hekk, il-baġit tal-UE ffinanzja EUR 85 miljun f'assistenza minn strumenti mhux umanitarji. F'Ġunju 2012, ġiet adottata Miżura Speċjali li jibbenefikaw minnha s-Sirja u r-refuġjati Sirjani b'valur ta' EUR 27.6 miljun maħsuba biex tappoġġa kemm lis-soċjetà ċivili fis-Sirja kif ukoll lir-refuġjati Sirjani li ħarbu lejn pajjiżi tal-viċinat. F'Diċembru 2012, sabiex jittieħed kont taż-żieda importanti fil-fluss ta' refuġjati li ħarbu mill-pajjiż, ġiet adottata Miżura Speċjali oħra għar-refuġjati Sirjani li swiet EUR 20.8 miljun. Taħt l-Istrument għall-Istabbiltà (IfS - Instrument for Stability) fi tmiem l-2012 ġiet adottata deċiżjoni dwar il-programmi ta' appoġġ reġjonali għall-persuni affettwati mill-kriżi fis-Sirja b'ammont ta' EUR 20 miljun.

L-UE involviet ruħha b'mod attiv biex tassisti lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja permezz tal-istrument EIDHR u tat għajnuna lis-soċjetà ċivili Sirjana. Dan ta lok għal appoġġ ta' emerġenza lid-difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll appoġġ għad-dokumentazzjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà diġitali, il-mezzi tal-informazzjoni, ix-xandir ta' attivitajiet u appoġġ lill-bloggers Sirjani u l-mezzi tal-informazzjoni indipendenti.

Fuq skala internazzjonali l-UE kienet minn ta' quddiem fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u tat bidu għal tliet Sessjonijiet Speċjali dwar is-Sirja, filwaqt li kienet strumentali fil-ħolqien tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti. Ir-riżoluzzjonijiet dwar is-Sirja adottati mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u mill-Assemblea Ġenerali huma passi sinifikanti li jirriżultaw minn inizzjattiva tal-UE. L-UE laqgħet l-estensjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta dwar is-Sirja u t-tisħiħ tagħha permezz tal-ħatra ta' żewġ membri ġodda, Carla del Ponte u Vítit Muntarhorn fl-2012. L-UE reġgħet affermat l-appoġġ tagħha għall-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-allegat ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem bil-ħsieb li daww responsabbli għal tali ksur jagħtu kont ta' għemilhom, inkluż daww li jistgħu jwasslu għal reati kontra l-umanità u delitti tal-gwerra skont id-definizzjoni tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI). L-UE tenniet kemm-il darba li, jekk it-tħassib dwar delitti tal-gwerra u reati kontra l-umanità ma jiġix indirizzati b'mod adegwat fil-livell nazzjonali, il-QKI għandha tiegħu ħsieb is-sitwazzjoni. Il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSC - United Nations Security Council) jista' jippreżenta s-sitwazzjoni fis-Sirja quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali. Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill l-UE talbet lill-UNSC biex jindirizza b'mod urġenti s-sitwazzjoni fis-Sirja fl-aspetti kollha, inkluża din il-kwistjoni.

L-UE ssottolinjat l-importanza tad-dokumentazzjoni tal-ksur mifruq, sistematiku u serju tad-drittijiet tal-bniedem u tfakkar li dawq kollha responsabbli jridu jagħtu kont ta' għemilhom. L-UE tenniet l-appell tagħha lill-awtoritajiet Sirjani biex jikkooperaw b'mod sħiħ mal-Kummissjoni ta' Inkjesta inkluż billi jagħtuha aċċess sħiħ, immedjat u mhux imxekkel għat-territorju Sirjan kollu. L-isforzi eżistenti għall-ġustizzja u r-responsabbiltà, sew jekk mill-Kummissjoni jew mill-korpi mhux governattivi, huma appoġġati mill-UE.

L-UE enfasizzat kontinwament il-ħtieġa li l-isforzi internazzjonali u reġjonali jiġu ffokati fuq ir-riżoluzzjoni tal-kriżi Sirjana permezz ta' soluzzjoni politika u talbet lill-atturi prinċipali fir-reġjun u lill-membri kollha tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jissostjenu r-responsabbiltajiet tagħhom u jappoġġaw l-isforzi tar-Rappreżentant Speċjali Konġunt tan-NU u l-Lega tal-Istati Għarab, Lakhdar Brahimi.

F'diversi okkażjonijiet, ir-Rappreżentant Għoli kkundannat il-ksur terribbli tad-drittijiet tal-bniedem fl-istqarrijiet tagħha, kemm b'mod ġenerali kif ukoll fir-rigward tal-każijiet individwali ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ippersegwitati. Fil-fora u fil-formati kollha l-UE tenfasizza l-ħtieġa għal waqfien immedjat mill-ksur enormi tad-drittijiet tal-bniedem mill-partijiet kollha u riżoluzzjoni tal-kunflitt li jwasslu għal sitwazzjoni paċifika fejn id-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini Sirjani kollha, irrispettivament mill-ifsond etniku jew reliġjuż tagħhom, ikunu rispettati u garantiti.

Tuneżija

http://ec.europa.eu/world/enp/docs/2012_enp_pack/progress_report_tunisia_fr.pdf

It-Tuneżija involviet ruħha fil-proċess ta' eżami perġodiku universali (EPU) f'Mejju 2012. Minn 125 rakkomandazzjoni proposta mill-pari, l-awtoritajiet Tuneżini aċċettaw 110 (96 aċċettati, flimkien mal-14 li kienu ddikjarat li ġew implimentati). It-Tuneżija impenjat ruħha li tikkunsidra 11-il rakkomandazzjoni oħra (il-biċċa l-kbira jirrigwardaw kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-piena tal-mewt) iżda ma setgħetx taċċettahom minħabba d-dibattitu dwar l-abbozz ta' kostituzzjoni li għaddej fl-Assemblea Kostitwenti nazzjonali. Tliet rakkomandazzjonijiet kienu rifjutati (dwar id-drittijiet tal-persuni lezġjani, gay, bisesswali u transġeneru u l-liġijiet li jikkriminalizzaw il-malafama). Il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem adotta rapport dwar it-Tuneżija fil-21 sessjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2012.

Fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tad-19 ta' Novembru 2012, l-UE u t-Tuneżija laħqu qbil politiku dwar il-Pjan ta' azzjoni l-ġdid li jstabilixxi Sħubija Privileġġjata. Dan id-dokument konġunt fih impenji ambizzjużi f'dak li jirrigwarda d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza (Titolu II tat-taqsima dwar il-kooperazzjoni politika), id-djalogu u l-kooperazzjoni rigward kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali (Titolu III) u l-kooperazzjoni fil-ġustizzja u s-sigurtà (Titolu V).

Permezz tal-qafas ta' kooperazzjoni politika mtejbja l-UE għandha tkun tista' żżid id-djalogu mal-awtoritajiet Tuneżini dwar diversi prijoritajiet bħall-ġlieda kontra t-tortura, ir-riforma ġudizzjarja, il-libertà tal-kelma, l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u l-kostruzzjoni mill-ġdid tal-Comité Supérieur des Droits de l'Homme et des Libertés Fondamentales (Kumitat Superjuri dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali). L-UE indikat l-importanza ta' diversi prijoritajiet minn dawn fi stqarrija adottata fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tad-19 ta' Novembru 2012.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni, wara sejħa inizzjali għall-offerti mill-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem fl-2011 għall-osservazzjoni elettorali minn osservaturi domestiċi, it-taħriġ għall-partiti politiċi u l-appoġġ għal-libertà ta' espressjoni u l-promozzjoni ta' valuri demokratiċi, f'April 2012 ġiet ippubblikata it-tieni sejħa għall-offerti b'baġit ta' miljun euro. F'Lulju 2012 ġie ffirmat ftehim ta' finanzjament għal EUR 7 miljun biex jissaħħa ir-rwol tas-soċjetà ċivili. Barra minn hekk, ġie konkluż ftehim mal-Assoċjazzjoni Tuneżina għall-Integrità u d-Demokrazija tal-Elezzjonijiet (ATIDE - Tunisian Association for the Integrity and Democracy of Elections) fl-2012, li taha sussidju ta' EUR 334 834 biex tikkontribwixxi għat-trasparenza u l-affidabbiltà tal-proċess kostituzzjonali.

Id-Deċizzjoni PESK li timponi sanzjonijiet fuq 48 individwu b'rabtiet mill-qrib mar-reġim tal-ex President Ben Ali (iffriżar tal-assi u projbizzjoni tal-viża) iġġeddet għal sena oħra f'Jannar 2012.

Alġerija

L-Alġerija talbet b'mod espliċitu lill-UE biex tiffaċilita d-djalogi strutturati mas-soċjetà ċivili u tgħin biex tiġi żżviluppata komunikazzjoni aħjar (kif intwera b'mod ċar matul it-taħdidiet reċenti dwar il-programmazzjoni tal-kooperazzjoni tal-UE għall-2014-2017). L-UE tqis li dan huwa opportunità important li m'għandhiex tintilef u li tista' tgħin ukoll sabiex tittejjeb il-kredibbiltà tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fl-Alġerija.

F'Jannar 2012 ġiet adottata liġi ġdida dwar l-assoċjazzjonijiet bħala parti mill-pakkett ta' riforma li jagħti setgħat ġenerali lill-gvern inkluż fir-rigward tar-reġistrazzjoni, l-ilqugħ ta' fondi barranin u miri li jmorru kontra "valuri nazzjonali". It-tassib tal-UE dwar il-liġi tqajjem fl-ogħla livell mill-Kummissarju Füle fl-okkażjoni taż-żjara tiegħu fl-Alġerija f'Marzu 2012 u kien imtenni regolarment mill-UE flivell politiku u settorjali.

Fid-djalogu regolari tagħha mal-awtoritajiet Alġerini, inkluż fil-qafas istituzzjonali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, l-UE qajmet il-kwistjoni tal-konformità tal-Alġerija mal-konvenzjonijiet u l-istandards internazzjonali relatati mal-libertà ta' assemblea, il-libertà ta' reliġjon u l-libertà ta' espressjoni. L-UE appellat ukoll lill-awtoritajiet Alġerini biex jiżguraw l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-investigazzjoni immedjata ta' każijiet ta' fastidju sesswali fuq in-nisa.

Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jiffaċċjaw restrizzjonijiet fuq il-libertà tagħhom ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' assemblea, u huma soġġetti għal atti ta' intimidazzjoni u fastidju ġudizzjarju. Fl-2012 seħħew diversi każijiet: Ahmed Kerroumi nstab mejjet fl-uffiċċju tiegħu f'April 2012. Il-Kelliem għar-RĠħ/VP ħareġ stqarrija li turi x-xokk u d-dieqa għall-mewt tas-Sur Kerroumi u talab li jingħata bidu għal investigazzjoni . Fl-2012, għadd ta' attivisti għad-drittijiet tal-bniedem kienu s-suġġett ta' fastidju ġudizzjarju skont l-Artikolu 100 tal-Kodiċi Penali "inċitament għal attakk minn massa mhux armata". L-UE bagħtet osservatur sabiex iressaq erba' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem quddiem il-qorti akkużati li inċitaw 'attakk minn massa mhux armata' li seħħ f'Settembru 2012. Sar rapport informattiv qasir u ġie ċċirkolat kemm lill-Kapijiet tal-Missjonijiet tas-SEAE kif ukoll dawk tal-Istati Membri.

F'Mejju 2012, l-Alġerija għaddiet mill-Eżami EPU. F'Settembru 2012, hija aċċettat 63 rakkomandazzjoni minn 112 filwaqt li indikat il-kumpliment bħala "għaddejjin" jew "ittieħdet nota tagħhom". L-Alġerija rreaġixxiet għar-rakkomandazzjonijiet dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni, ta' assemblea u l-libertà ta' espressjoni. Il-gvern iddefenda l-liġijiet il-ġodda ppromulgati f'Jannar 2012.

L-UE baġtet għall-ewwel darba, fuq talba mill-Alġerija, EOM biex tosserva l-elezzjonijiet legiislattivi li saru f'Mejju 2012. L-EU EOM immexxija mill-MEP Salafranca għamlet rapport li jenfasizza l-ħtieġa għal aktar passi sabiex tittejjeb it-trasparenza inkluż aċċess sistematiku tal-partiti politiċi għal-lista elettorali nazzjonali. Fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li sar f'Diċembru 2012 l-awtoritajiet Alġerini indikaw li għadd ta' rakkomandazzjonijiet li fih ir-rapport ġew segwiti. L-UE tenfasizza r-rieda tagħha li tappoġġa lill-awtoritajiet Alġerini fis-segwitu għas-sett sħiħ ta' rakkomandazzjonijiet.

L-ewwel ċiklu ta' negozjati għal Pjan ta' Azzjoni skont il-PEV imġedda sar fis-17 ta' Ottubru 2012 fi Brussell, li inkluda l-kapitoli dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. In-negozjati ser ikomplu matul uħud mis-snin li jmiss.

Fl-Alġerija, minbarra l-programmi tematiċi u reġjonali (eż. l-EIDHR u l-Faċilità tas-Soċjetà Ċivili), l-elementi kienu inklużi fil-programmi ta' kooperazzjoni bilaterali tal-UE biex jappoġġaw l-azzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari fir-rigward tas-sessi, il-wirt kulturali (EUR 21,5 miljun) u l-programmi għall-impjieg taż-żgħażaġħ (EUR 23,5 miljun) li ġew iffirmati f'Novembru 2012.

Barra minn hekk, l-UE indirizzat ir-relazzjonijiet bejn is-soċjetà ċivili u l-gvern anke permezz ta' miżuri ta' sostenn tal-Programm SPRING. L-ewwel allokkazzjoni SPRING ta' EUR 10 miljun lill-Alġerija ser tappoġġa programm tal-gvern biex jiġu indirizzati oqsma fejn qabel kien diffiċli li jkun hemm kooperazzjoni (inkluż fil-parlament). Ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili bħall-assoċjazzjonijiet ta' avukati prominenti ġew ikkonsultati.

Id-Delegazzjoni tal-UE qed tesplora oqsma oħra għall-appoġġ, inkluż aċċess aħjar għall-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u trasparenza u responsabbiltà mtejba fil-ġestjoni tal-fondi pubbliċi. Fondi SPRING oħrajn xorta waħda għadhom soġġetti għall-azzjoni tal-Alġerija li tikkonsulta r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili dwar it-tnejn tal-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV. Is-CNES (Conseil National Economique et Social) u d-Delegazzjoni tal-UE se jkunu qed imexxu dan. L-Alġerija talbet b'mod espliċitu lill-UE biex tiffaċilita d-djalogi strutturati mas-soċjetà ċivili u tgħin biex tiġi żżviluppata komunikazzjoni aħjar (kif intwera b'mod ċar matul it-taħdidiet reċenti dwar il-programmazzjoni tal-kooperazzjoni tal-UE għall-2014-2017). Intalbu wkoll aktar kjarifiki dwar il-finanzjament mill-UE ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi skont il-liġi l-ġdida, qabel ma jkun jista' jingħata aktar finanzjament.

Marokk

http://ec.europa.eu/world/enp/docs/2012_enp_pack/progress_report_maroc_fr.pdf

L-UE u l-Marokk komplew bid-djalogu tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment bis-seba' laqgħa tas-Sottokomitat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokratizzazzjoni u l-Governanza li saret fi Brussell fis-16 u s-17 ta' Ottubru 2012.

Matul id-djalogu, l-UE ħeġġet lill-Marokk biex jipproċedi bl-implimentazzjoni tal-Kostituzzjoni l-ġdida tal-2011, li tirrikjedi l-adozzjoni ta' 19-il liġi organika u regolamenti oħra u t-tisħiħ ta' entitajiet u istituzzjonijiet ġodda. S'issa, 16-il liġi organika li jeħtieġ li jiġu adottati sabiex il-kostituzzjoni l-ġdida tiġi implimentata kif adatt għadhom mhumiex iffinalizzati.

Fid-djalogu tagħha mal-awtoritajiet Marokkini, l-UE ġibdet l-attenzjoni għall-importanza li jiġu żgurati l-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' espressjoni, wara li nstab li għad hemm diffikultajiet prattiċi fil-qasam tal-libertà ta' assoċjazzjoni (reġistrazzjoni u ħruġ ta' rċevuti) u għadd ta' rapporti ta' vjolenza mill-pulizija u arresti arbitrari ta' dimostranti matul id-dimostrazzjonijiet paċifiċi. Fir-rigward tar-riforma tal-Kodiċi tal-Istampa, l-UE tenniet il-ħtieġa li jiġi adottat kodiċi ġdid tal-istampa li jkun konformi mal-Kostituzzjoni l-ġdida mill-aktar fis possibbli, u biex jiġu aboliti s-sentenzi ta' priġunerija li għadhom japplikaw, partikolarment għal ċerti ġurnalisti u bloggers.

L-UE ffinanzjat għadd ta' programmi mfassla biex jagħtu spinta lil-libertà ta' espressjoni fil-Marokk permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR). Fl-2012, l-istrument ipprova wkoll EUR 1.2 miljun biex jiffinanzja għadd kbir ta' proġetti għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fil-Marokk.

Il-Marokk sarlu eżami fit-13-il Eżami Perjodiku Universali (Mejju 2012) u aċċetta 141 rakkomandazzjoni mill-148 li saru mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-rakkomandazzjonijiet li l-Marokk ma appoġġax ikkonċernaw l-irtirar ta' dikjarazzjonijiet dwar is-CEDAW u r-reviżjoni ta' dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Familja dwar il-poligamija, iż-żwieġ tal-minuri u l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'materji ta' wirt, il-monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem fis-Saħara minn Minurso u l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt jew l-introduzzjoni ta' moratorju de jure. Il-Marokk ħabbar ukoll l-intenzjoni tiegħu li jikkoopera mal-proċeduri speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. Wara l-inkoraġġiment tal-UE, f'Novembru 2012 il-Kunsill tal-Ministri tal-Marokk għadda tliet liġijiet li japprovaw il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u l-Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Poliċi. Madankollu, il-Marokk għadu fadallu jippreżenta l-istrumenti ta' adeżjoni tiegħu ma' dawn il-mekkaniżmi.

Is-sistema istituzzjonali għad-drittijiet tal-bniedem, li tinkludi d-Delegazzjoni Interministerjali tad-Drittijiet tal-Bniedem (DIDH - Inter-ministerial Human Rights Delegation), il-Kunsill Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (CNDH - National Human Rights Council) u l-uffiċċju tal-Ombudsman ingħataw spinta bil-ħolqien ta' 13-il kumitat reġjonali tas-CNDH. Wara l-verifika organizzazzjonali, l-UE ffirmat ftehim mal-gvern Marokkin biex tipprovdi appoġġ fil-forma ta' għotjiet SPRING ta' EUR 3 miljun biex tingħata spinta lill-kapaċità tas-CNDH. Dan l-appoġġ huwa wkoll maħsub biex jappoġġa lid-DIDH fit-twettiq tal-kompiti tagħha.

Reċentement, fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, kemm is-soċjetà ċivili kif ukoll l-UNHCR u l-IOM enfasizzaw li kien hemm każijiet ta' vjolenza mwettqa mill-forzi tas-sigurtà. Dawn il-problemi tqajmu matul id-djalogu bejn l-UE u l-awtoritajiet Marokkini.

Is-siġġu tal-Marokk fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ippermettilu li jkollu rwol kostruttiv rigward il-kwistjonijiet internazzjonali prinċipali u fil-ġestjoni tal-kriżijiet; il-Marokk ħa interess partikolari fil-kunflitt tas-Sirja, u kkoopera mal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-Marokk żied il-kooperazzjoni tiegħu mal-Kunsill tal-Ewropa f'għadd ta' oqsma, inkluża l-adeżjoni għal għadd ta' Konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa u t-tnedija tal-programm iffinanzjat mill-UE li "Jsaħħaħ ir-riforma demokratika fil-Viċinat tan-Nofsinhar".

Sahara tal-Punent

L-istatus legali tat-territorju tas-Sahara tal-Punent u l-kwistjoni tas-sovranità għadhom ma ssolvewx; il-Marokk u l-Front Polisario qed jissieltu bejniethom għat-territorju. Huwa meqjus bħala territorju mhux awtonomu min-Nazzjonijiet Uniti.

Il-partijiet tas-Sahara tal-Punent (WS - Western Sahara) ikkontrollati mill-Marokk huma maqsuma f'diversi provinċji ttrattati bħala partijiet integrali tar-renju. Il-Front Polisario attwalment huwa bbażat fil-kamp tar-refuġjati f'Tindouf fl-Alġerija, li hu jikkontrolla. Huwa jikkontrolla wkoll il-parti tas-Sahara tal-Punent fuq in-naħa tal-Lvant ta' Berm.

Il-mandat ta' MINURSO (missjoni tan-NU għaż-żamma tal-paċi) fil-WS skada fit-30 ta' April 2013.

Il-kunflitt fis-Sahara tal-Punent irriżulta f'abbużi gravi tad-drittijiet tal-bniedem, irrappurtati kontinwament minn rappurtaturi esterni u minn attivisti għad-drittijiet tal-bniedem. Kemm il-Marokk kif ukoll il-Polisario jakkużaw lil xulxin bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem tan-nies taħt il-kontroll tagħhom, fil-partijiet tas-Sahara tal-Punent ikkontrollati mill-Marokk u fil-kampijiet tar-refuġjati f'Tindouf fl-Alġerija, rispettivament.

Fil-kuntatt tagħha maż-żewġ partijiet involuti direttament (il-Marokk, il-Front Polisario), anke bl-użu tad-djalogu politiku bejn l-UE u l-Marokk, fl-istqarrija tagħha fl-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-15 ta' Ottubru 2012, u fit-tweġiba għall-mistoqsijiet parlamentari, l-Unjoni Ewropea ripetutament (i) uriet tħassib dwar it-tul tal-kunflitt fis-Saħara tal-Punent u l-implikazzjonijiet għas-sigurtà u l-kooperazzjoni fir-reġjun; (ii) reġgħet affermat l-appoġġ sħiħ għall-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex tinstab soluzzjoni politika ġusta, dejjiema u aċċettata b'mod reċiproku, li tagħti lok għall-awtodeterminazzjoni tal-persuni fis-Saħara tal-Punent fil-kuntest tal-arranġamenti konsistenti mal-prinċipji u l-finijiet tal-karta tan-Nazzjonijiet Uniti; (iii) ikkundannat il-ħidma tal-Ambaxxatur Christopher Ross bħala r-Rappreżentant Personali tas-Segretarju Ġenerali. Ħeġġet lill-partijiet u lill-istati tal-viċinat biex ikomplu jaħdmu miegħu biex jawnanzaw il-proċess politiku; (iv) appellat lill-partijiet kollha biex joqogħdu lura mill-vjolenza; (v) appoġġat ir-Riżoluzzjoni 2044 (2012) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li tenfasizza “l-importanza li tittiejeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Saħara tal-Punent u fil-kampijiet f'Tindouf” u tħeġġeġ “lill-partijiet biex jaħdmu mal-komunità internazzjonali biex jiżviluppaw u jimplimentaw miżura indipendenti u kredibbli li tiżgura r-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, b'kont meħud tal-obbligi rilevanti tagħhom skont id-dritt internazzjonali;” (vi) laqgħet il-ftuħ tal-Kummissjonijiet tal-Kunsill Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem li joperaw f'Dakhla u f'Laayoune; (vii) uriet tħassib waqt li semmiet is-sitwazzjoni tal-24 attivisti mis-Saħara tal-Punent fil-ħabs f'Salé; (viii) uriet ir-rieda tagħha, f'każ li tkun ser tinstab soluzzjoni politika għall-kunflitt, li tikkunsidra miżuri ta' sostenn sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' tali soluzzjoni.

Matul it-22 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, huwa u jitkellem dwar it-tortura u trattamenti u pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU rrapporta dwar l-użu tat-tortura u l-maltrattament inklużi l-istupru, is-swat aħrax u l-iżolazzjoni, mill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi Marokkini, partikolarment ta' ħabsin akkużati bil-parteċipazzjoni f'attivitajiet favur l-indipendenza. Ġie rrapportat ukoll l-użu ta' forza eċċessiva fir-ripressjoni tad-demonstranti u matul l-arresti ta' persuni suspettati bil-parteċipazzjoni fid-dimostrazzjonijiet li jappellaw għal awtodeterminazzjoni tan-nies mis-Saħara tal-Punent. L-UE qajmet it-tħassib tagħha dwar l-allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill- forzi tas-sigurtà Marokkini u r-rapporti ta' kondizzjonijiet ta' detenzjoni ħżiena fil-ħabsijiet f'Salé matul id-djalogu politiku bejn l-UE u l-Marokk.

Libja

Wara r-rivoluzzjoni fl-2011, il-Libja qed tiffaċċja għadd ta' sfidi importanti, inkluż l-introduzzjoni ta' amministrazzjoni pubblika li tiffunzjona, il-kisba mill-ġdid tal-ordni pubbliku, il-ġustizzja transizzjonali, l-istat tad-dritt u l-iżvilupp ekonomiku. Is-sigurtà hija t-tħassib l-aktar urġenti. Il-**problemi ta' sigurtà** jinkludu l-ħtieġa li tittiejeb is-sigurtà, il-ħtif opportunist ta' persuni, il-qtil b'vendetta, l-attakk ta' provokazzjoni, il-ġlied bejn il-komunitajiet u żieda f'daqqa fil-kriminalità komuni.

Attwalment l-UE qed tiffinanzja 19-il proġett fis-setturi tas-sigurtà, il-ġustizzja u l-istat tad-dritt. Ir-riforma fil-pulizija u fis-settur tal-ġustizzja, it-titjib tal-investigazzjoni kriminali u l-kapaċità tal-pulizija Libjana fir-rigward tal-valutazzjoni ta' theddida u t-trawwim ta' proċess effettiv ta' ġustizzja transizzjonali huma wħud mill-oġettivi mmirati minn xi programmi li għaddejjin.

Barra minn hekk, l-UE qed tħejji l-istazzjonar ta' missjoni ċivili tal-PSDK biex tappoġġa l-bini tal-kapaċitajiet għas-sigurtà/il-ġestjoni tal-fruntieri fil-Libja. L-esperti Ewropej ser jagħtu pariri, joffru konsulenza, u jħarrġu lill-persunal Libjan sabiex jiġu żviluppanti l-kapaċitajiet ta' sigurtà tal-Libja fil-fruntieri fuq l-art, fil-baħar u fl-ajru. Il-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem ukoll ser ikunu parti mill-kompitu.

Matul l-2012 għadd ta' każijiet ta' **ksur tad-drittijiet tal-bniedem** ikkawżaw tħassib. Minkejja l-impenn pubbliku mill-gvernijiet sabiex iġibu ċ-ċentri ta' detenzjoni taħt kontroll, kien hemm biss progress limitat. Saru rapporti kontinwi mis-soċjetà ċivili u mill-komunità internazzjonali ta' tortura, detenzjoni illegali u abbużi fuq migranti, partikolarment fuq dawk ta' oriġini sub-Saħarjana. (Amnesty International, International Federation for Human Rights u Human Rights Watch). Skont l-Aġenzija Libjana għall-Għajnuna Umanitarja (Libyan Humanitarian Relief Agency) bejn wieħed u ieħor hemm 72,000 Persuna Spostata f'Pajjiżha (IDP - Internally Displaced People). L-UNHCR irrappurtat każijiet ta' maltrattament kontribom.

Fil-31 ta' Jannar 2012, l-UE rreaġixxiet għall-ewwel rapporti ta' maltrattament ta' detenuti fil-Libja. Fl-istqarrija tagħha, ir-RGħ/VP appellat għar-rispett tad-drittijiet tad-detenuti kollha fil-Libja kollha f'konformità mal-istandards internazzjonali. L-istqarrija talbet ukoll lill-awtoritajiet biex jaċċelleraw il-proċess li jġib il-postijiet ta' detenzjoni kollha taħt il-kontroll tagħhom u biex jagħmlu investigazzjoni bir-reqqa, imparzjali u effikaċi tal-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet tad-detenuti.

Wara r-rapporti ta' kunflitti armati f'Sebha f'Marzu 2012, l-UE appellat għal waqfien u ħeġġet lill-gvern biex jirdoppja l-isforzi tiegħu sabiex jerġa' jkun hemm il-kalma.

Ir-RGħ/VP ikkundannat bl-aktar mod qawwi possibbli l-attakk fuq l-Ambaxxata Amerikana f'Bengażi fil-11 ta' Settembru 2012. Ir-RGħ/VP uriet is-simpatija l-aktar pofonda tagħha mal-familji tal-vittmi u mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti u ħeġġet lill-awtoritajiet Libjani biex jaħdmu bla waqfien biex iressqu lil dawk responsabbli għal dan il-qtil quddiem il-ġustizzja.

F'Novembru 2012 il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-migranti fil-Libja. Matul id-dibattitu qabel l-adozzjoni tagħha l-parteciċipanti enfasizzaw li l-UE ser tkompli titlob lill-awtoritajiet biex jiżguraw ir-rispett għall-istandards tad-drittijiet tal-bniedem maqbula f'livell internazzjonali; fl-istess ħin, l-UE ser tkompli tappoġġa lill-awtoritajiet biex jieħdu r-responsabbiltà tagħhom skont id-dritt internazzjonali.

Il-fondi li joriġinaw mill-ENPI, l-IfS u l-EIDHR ġew attivati biex jiffurmaw pakkett ta' sostenn (EUR 20 miljun) maħsub biex itejjeb il-protezzjoni tal-gruppi vulnerabbli mill-ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Uħud mill-obiettivi segwiti minn dawn il-proġetti huma t-titjib tar-riformi bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem fis-sistema ta' detenzjoni tal-Libja, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-ġestjoni ta' movimenti ta' migrazzjoni mħallta li tkun effettiva u sensittiva għal kwistjonijiet ta' protezzjoni fil-Libja, is-sosteniment u l-appoġġ għall-vittmi tat-tortura u vittmi ta' għejbien furzat jew appoġġ għall-proċess ta' rikonċiljazzjoni u t-transizzjoni demokratika fil-pajjiż.

Fir-rigward tat-transizzjoni demokratika, **l-elezzjonijiet tas-7 ta' Lulju 2012** bla dubju kienu l-avveniment ewlieni tas-sena meta l-Libjani marru jivvutaw għall-ewwel darba f'aktar minn erba' deċenji biex jeleġġu l-assemblea kostitwenti tagħhom.

It-Tim ta' Valutazzjoni Elettorali tal-UE (EU EAT - EU Election Assessment Team), immexxi mill-MEP Alexander Graf Lambsdorff, stazzjonat fil-pajjiż biex ikopri dawn l-elezzjonijiet storiċi, ikkonkluda li l-proċess elettorali kien immexxi b'mod effiċjenti, pluralistiku u fuq kollox paċifiku. Ir-rapport finali, maħruġ fil-21 ta' Ottubru 2012, jinkludi s-sejbiet tal-EU EAT fost id-39 rakkomandazzjoni, bil-ħsieb li jittejjeb it-twettiq tal-elezzjonijiet li jmiss fil-pajjiż.

Il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet Libjani mal-Qorti **Kriminali Internazzjonali** (QKI) fir-rigward tal-każijiet ta' Saif al-Islam Qadhafi u Abdullah al-Senussi, it-tnejn soġġetti għal mandat ta' arrest maħruġ mill-QKI wara l-adozzjoni tal-UNSCR 1970, għadha problema.

Fid-19 ta' Ġunju 2012, ir-RGħ/VP għamlet stqarrija wara l-arrest u d-detenzjoni ta' erba' membri tal-persunal tal-QKI fil-Libja. L-istqarrija enfasizzat l-obbligi legali tal-Libja skont ir-riżoluzzjoni 1970 (1970) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU li tikkopera b'mod sħiħ mal-QKI u li tirrikonoxxi l-privileġġi u l-immunitajiet tal-persunal tal-QKI. Fit-2 ta' Lulju 2012, ir-RGħ/VP laqgħet ir-rilaxx tal-erba' persunal tal-QKI u faħħret l-isforzi ta' dawk kollha li ħadmu biex jinkiseb dan ir-riżultat.

IV Ir-Russja u l-Asja Ċentrali

Russja

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja baqgħet ċentrali għar-relazzjoni bejn l-UE u r-Russja fl-2012, sena ta' elezzjoni fir-Russja, immarkata matul l-ewwel ħames xhur tagħha b'diversi laqgħat ta' oppożizzjoni u appellat għal osservazzjoni elettorali lokali effettiva. Matul is-sena, għet adottata leġislazzjoni ġdida rigward ir-regoli dwar dimostrazzjonijiet, li jisfurzaw lil NGOs Russi li jirċievu fondi barranin biex jirreġistraw bħala "aġenti barranin", li jerġgħu jintroduċu l-libell bħala reat kriminali u li jżidu l-konroll fuq l-internet. B'mod partikolari, l-UE kienet imħassba li l-leġislazzjoni l-ġdida twassal għal pressjoni akbar fuq is-soċjetà ċivili u tirriżulta f'nuqqas ta' attivitá tal-NGOs fir-Russja. Ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President lehħnet it-tħassib tagħha b'sensiela ta' stqarrijiet dwar il-bidliet leġislattivi kif ukoll dwar il-miżuri speċifiċi meħuda kontra membri tal-oppożizzjoni. Il-prosekuzzjoni, inklużi l-arrestu u l-proċessi, ta' attivisti tal-oppożizzjoni u l-mexxejja ta' protesti matul il-perijodu elettorali u wara, b'mod speċjali fir-rigward tal-każ fil-pjazza "Bolotnaya" għadhom sors ta' tħassib għall-UE.

F'dak il-kuntest, il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem baqgħu jidhru b'mod prominenti fid-djalogu politiku bejn l-UE u r-Russja, inkluż fiż-żewġ Summits bejn l-UE u r-Russja, li saru matul is-sena: f'San Pietruburgu f'Ġunju u fi Brussell f'Diċembru, kif ukoll fil-Kunsill ta' Sħubija Permanenti għall-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà f'Ottubru f'Nikosija. L-UE wriet it-tħassib tagħha f'dawk il-fora fir-rigward tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-leġislazzjoni restrittiva fir-Russja.

Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem Stavros Lambrinidis żar ir-Russja f'Ottubru biex jieħu sehem fil-Forum tas-Soċjeta' Ċivili bejn l-UE u r-Russja f'San Pietruburgu. Huwa stabilixxa kuntatti mal-Ambaxxatur Russu għad-Drittijiet tal-Bniedem Dolgov, iltaqa' mal-President tal-Kunsill Presidenzjali għas-Soċjeta' Ċivili u d-Drittijiet tal-Bniedem Mikhail Fedotov u l-Ombudsman Federali għat-Tfal Pavel Asthakov. Huwa kellu wkoll laqgħat dedikati mas-soċjeta' ċivili Russa, kemm fir-Russja kif ukoll barra.

Fl-2012, l-UE u r-Russja komplew jagħmlu l-konsultazzjonijiet biannwali regolari tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem. Il-ħmistax u s-sittax-il laqgħa saru f'Lulju u f'Diċembru, it-tnejn fi Brussell. Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tagħhom u jiġi żgurat li jsir djalogu ġenwin, l-UE kompliet thegġegħ lir-Russja biex taġġusta l-modalitajiet tal-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari billi tinvolvi l-ministeri u l-aġenziji għajr il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, billi tiltaqa' ma' NGOs Russi u internazzjonali fil-marġini tal-konsultazzjonijiet u billi torganizza l-konsultazzjonijiet f'postijiet li jalternaw. Iż-żewġ naħat kellhom l-opportunità li jiddiskutu b'mod partikolari l-iżviluppi fl-istat tad-dritt (il-ġudikatura, il-korpi tal-infurzar tal-liġi, il-ħabsijiet) u li jitolbu ċarezza dwar każijiet individwali ta' tħassib billi jiskambjaw listi bil-miktub ta' każijiet individwali. L-UE qajmet tħassib dwar is-sitwazzjoni li qed tiddeterjora tas-soċjetà ċivili, inkluża l-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni, is-sitwazzjoni tal-NGOs fir-Russja u l-leġislazzjoni l-ġdida li taffettwa l-ħidma tagħhom, kif ukoll is-sitwazzjoni tal-Kawkasu tat-Tramuntana. Id-drittijiet tat-tfal u l-kwistjonijiet tad-diskriminazzjoni u r-razziżmu kienu indirizzati wkoll, b'mod partikolari mill-Federazzjoni Russa li ġibdet l-attenzjoni dwar it-tħassib tagħha dwar ċerti prattiki fl-Istati Membri tal-UE. L-UE ħadet l-opportunità tal-konsultazzjonijiet biex tippreżenta mistoqsijiet fir-rigward ta' każijiet individwali speċifiċi u laqgħet il-fatt li f'Diċembru 2012 ir-Russja pprovdiet kajrifika bil-miktub ta' dawk il-każijiet. Fl-aħħar nett, u bħal ma għamlu f'okkażjonijiet preċedenti, l-UE u r-Russja esploraw modi kif itejbu l-kooperazzjoni tagħhom fil-fora internazzjonali (Assemblea Ġenerali tan-NU u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem; l-OSKE u l-Kunsill tal-Ewropa).

L-UE itaqgħet ma' rappreżentanti ta' NGOs Russi u internazzjonali, fi Brussell, f'Moska u f'San Pietruburgu qabel u wara kull ċiklu ta' konsultazzjoni. F'San Pietruburgu, l-UE kellha sensiela ta' laqgħat li ffokaw fuq id-drittijiet tat-tfal u fuq is-sitwazzjoni ta' individwi LGBTI, li kienu affettwati mill-adozzjoni tal-liġi reġjonali ta' "propoganda kontra l-omosesswali".

Matul is-sena l-Parlament Ewropew qagħad aktar attent għas-sitwazzjoni fil-Federazzjoni Russa u stieden lir-Rappreżentant Għoli/Viçi President biex tiddikjara diversi drabi quddiem il-Parlament il-pożizzjoni tal-UE fir-rigward tas-sitwazzjoni politika u tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja. Il-laqgħat parlamentari bejn l-UE u r-Russa ffokaw speċifikament fuq ir-rwol tas-soċjetà ċivili.

L-UE qagħad attenta b'mod partikolari għall-każ ta' Sergei Magnitsky. L-isforzi tal-Kunsill Presidenzjali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u s-Soċjetà Ċivili biex jiġu ċċarati ċ-ċirkostanzi tal-mewt tal-avukat Sergei Magnitsky fil-biċċa l-kbira kienu injorati matul l-investigazzjonijiet uffiċjali. L-UE nnotat xi żviluppi fil-każ ta' Sergei Magnitsky u ser tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tagħhom. Iż-żewġ każijiet għadhom fuq quddiem fuq l-aġenda tal-UE.

Fl-aħħar nett, f'Awwissu 2012, ir-Rappreżentant Għoli/Viçi President għamlet stqarrija li turi d-diżappunt kbir tagħha għas-sentenza sporporzjonata kontra l-membri tal-grupp punk "Pussy Riot". Ir-RGħ/VP fakkret fl-impenji tar-Russja li tirrispetta l-obbligi internazzjonali tagħha li tiżgura proċess legali ġust, trasparenti u indipendenti.

Fil-qafas tad-djalogu dwar il-Viżi, l-UE u r-Russja komplew il-proċess ta' implimentazzjoni tal-Passi Komuni. F'dan il-kuntest sar skambju ta' ħafna informazzjoni dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u t-traffikar tal-bnedmin, kif kopert mill-Passi Komuni.

Asja Ċentrali (reġjonali)

L-Istrateġija tal-UE għal Sħubija Ġdida mal-Asja Ċentrali adottata fl-2007, tipprovdi l-qafas politiku għar-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali. Hija tagħti prijorità lid-drittijiet tal-bniedem u lill-Istat tad-Dritt għall-kooperazzjoni mar-reġjun. Fil-25 ta' Ġunju 2012, il-Kunsill Affarijiet Barranin tal-UE adotta t-tielet Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija u ddeskriva l-orjentazzjonijiet futuri. Ir-rapport jerġa' jikkonferma l-oqsma ta' prijorità u jenfasizza l-appoġġ tal-UE għall-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, ir-riformi demokratiċi u l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili, inkluż permezz tat-tiżiħ tal-Istat tad-Dritt u t-tiżiħ tal-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Matul l-2012, l-UE komplet tqajjem kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u każijiet individwali permezz tad-djalogi bilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-kuntatti politiċi mal-mexxejja tal-Asja Ċentrali, inkluż matul iż-żjarat tar-RGħ/VP Ashton fir-Repubblika Kirigiża, l-Uzbekistan, it-Taġikistan u l-Kazakistan wara l-laqgħa ministerjali bejn l-UE u l-Asja, li saret fis-27 ta' Novembru f'Bishkek. Id-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili kienu fuq quddiem fuq l-aġenda matul il-laqgħat tar-RGħ. Hija ħeġġet lill-kontropartijiet tagħha biex jimplimentaw aktar riformi maħsuba għal-liberalizzazzjoni u d-demokratizzazzjoni. Matul kull waqfa taż-żjara tagħha f'erba' pajjiżi, ir-RGħ/VP Ashton iltaqgħet mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

Fil-ħames snin minn meta tnediet l-Istrateġija bejn l-UE u l-Asja Ċentrali, id-djalogi strutturati dwar id-drittijiet tal-bniedem li ġew stabbiliti mal-pajjiżi kollha fir-reġjun laħqu ċerta maturità. Dawn id-djalogi issa jippermettu diskussjonijiet miftuħa dwar kwistjonijiet ta' tħassib, inklużi każijiet individwali ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Id-djalogi huma mħejjija f'kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali mhux governattivi dwar id-drittijiet tal-bniedem. Ġew organizzati għadd ta' seminars bl-għajnuna tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem. Dawn is-seminars jagħtu opportunità lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, il-persuni akkademiċi u lill-uffiċjali tal-istat Ewropej u tal-Asja Ċentrali biex jagħmlu skambju ta' fehmiet. Is-seminars wasslu għal rakkomandazzjonijiet dettaljati li fir-rigward tagħhom huma meħtieġa bidliet leġiżlattivi u prattiċi biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards internazzjonali u nazzjonali.

Fil-qafas tal-Istrateġija bejn l-UE u l-Asja Ċentrali l-Inizjattiva għall-Istat tad-Dritt, li ilha titħaddem mill-2008, għenet lill-pajjiżi tal-Asja Ċentrali biex il-prattiki ġudizzjarji nazzjonali u l-leġislazzjoni tagħhom iġibuhom f'konformità mal-istandards internazzjonali. It-tielet Konferenza Ministerjali tal-ministri tal-ġustizzja li saret fis-6 u s-7 ta' Diċembru fi Brussell rat l-approvazzjoni tar-rakkomandazzjoni tas-seminars reġjonali dwar l-Inizjattiva għall-Istat tad-Dritt, li saru fit-2 u t-3 ta' Novembru 2012 f'Astana u fit-12 u t-13 ta' Novembru 2012 fi Brussell. Il-ministri ddefinixxew ukoll il-prijoritajiet futuri tal-Inizjattiva għall-Istat tad-Dritt. L-UE żviluppat ukoll programmi u proġetti ta' kooperazzjoni bilaterali b'rilevanza diretta għad-drittijiet tal-bniedem mal-istati tal-Asja Ċentrali f'livell bilaterali. B'mod partikolari, l-UE appoġġat ir-riforma tas-sistemi tal-ġustizzja kriminali kif ukoll sponsorizzat is-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-miżuri għat-tiġid tal-kapaċitajiet. Permezz tad-djalogu u proġetti konġunti, l-UE kkooperat mill-qrib mas-sħab internazzjonali tagħha: il-Kunsill tal-Ewropa u l-korpi speċjalizzati tiegħu, partikolarment il-Kummissjoni ta' Venezja; in-NU u l-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem; u l-OSKE.

Il-kontribut għall-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem huwa inkluż fil-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Asja Ċentrali, li sa Ġunju kien Pierre Morel; f'Ġunju Patricia Flor kienet nominata għal din il-kariga.

Kazakistan

Fl-2012 is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kazakistan baqgħet tkun affettwata b'mod sinifikanti mill-konsegwenzi tal-kunflitti vjolenti bejn il-ħaddiema taż-żejt u l-pulizija f'Diċembru 2011 fil-belt tal-Punent Zhanaozen. Saru diversi kawżi relatati, li rriżultaw f'sentenzi effettivi għall-ħaddiema taż-żejt, il-pulizija li kienu akkużati b'użu eċċessiv tal-forza, il-gvernatur tal-belt, il-kap taċ-ċentru ta' detenzjoni [fejn il-ħaddiema taż-żejt detenuti kienu mietu minħabba maltrattament u negliġenza] kif ukoll il-mexxej prominenti tal-oppożizzjoni Vladimir Kozlov. L-UE ssorveljat parti mis-seduti tal-qorti u wriet tħassib serju dwar il-Qorti li ċċaħħad lid-detenuti mid-dritt għall-proċess ġust, kif ukoll għan-nuqqas ta' investigazzjoni għall-allegazzjonijiet ta' trattament inuman (tortura) fil-faċilitajiet ta' detenzjoni. L-UE wriet ukoll tħassib fi stqarrija mill-kelliem tar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton ippubblikata fid-9 ta' Ottubru 2012 li l-kawża tal-mexxej tal-oppożizzjoni s-Sur Kozlov kellha implikazzjonijiet politiċi, u li kien hemm nuqqasijiet fil-proċessi ġudizzjarji, li kienu osservati mill-UE.

Matul is-sena, fil-laqgħat bilaterali mal-awtoritajiet tal-Kazakistan, l-Unjoni Ewropea wriet ukoll tħassib serju dwar ir-restrizzjonijiet tal-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni fil-Kazakistan⁴. Dan it-tħassib kien aggravat b'deċiżjoni tal-qorti li sspendiet diversi mezzi tal-informazzjoni tal-oppożizzjoni, abbażi ta' kapi ta' akkużi relatati mal-avvenimenti f'Zhanaozen fl-2011.

⁴ http://eeas.europa.eu/delegations/vienna/documents/eu_osce/permanent_council/2012/pc_935_eu_on_taj-and_kazakhstan.pdf

Ir-rispett għal-libertà ta' reliġjon u ta' twemmin fil-Kazakistan kien iċ-ċentru tal-attenzjoni fl-2012 kemm bħala prijorità tal-UE kif ukoll fir-rigward ta' żviluppi rilevanti importanti li saru fil-pajjiż, inkluża l-adozzjoni ta' Liġi ġdida dwar ir-Reliġjon li talbet ir-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-gruppi reliġjużi kollha.

Fl-2012 il-Kazakistan kien elett bħala membru tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU għall-perijodu 2013-2015. Wara dan fil-pajjiż inġoloq grupp ta' ħidma dwar id-dimensjoni umana bil-parteċipazzjoni ta' uffiċjali tal-gvern u NGOs u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem prominenti. Fl-istess żmien l-awtoritajiet ippubblikaw rapport dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż li jkopri l-2011.

Fit-8 u d-9 ta' Novembru f'Astana, l-UE organizzat is-seminar regolari tagħha tas-soċjetà ċivili bil-parteċipazzjoni ta' esperti mir-reġjun, fejn kien diskuss is-suġġett "Il-kontribut tas-soċjetà ċivili għar-riformi legali u ġudizzjarji fil-Kazakistan". Kien hemm mitt parteċipant, inklużi rappreżentanti tas-soċjetà ċivili mill-Kazakistan, l-Asja Ċentrali, u l-Ewropa, rappreżentanti tal-gvern u l-Parlament tal-Kazakistan, persuni akkademiċi, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, rappreżentanti ta' missjonijiet diplomatiċi tal-Istati Membri tal-UE fil-Kazakistan, u esperti legali. Ġew żviluppati sensiela ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi, għall-Gvern u l-uffiċjali tal-Kazakistan, is-soċjetà ċivli, u l-Unjoni Ewropea u l-komunità internazzjonali.

Repubblika Kirgiża

Ir-Repubblika Kirigiza għadha fuq quddiem nett fil-proċess ta' demokratizzazzjoni fir-reġjun tal-Asja Ċentrali. Il-prinċipji kostituzzjonali l-ġodda kienu sostnuti f'Settembru 2012 meta l-gvern il-ġdid ħa l-poter skont id-dinamika parlamentari. Il-pajjiż kompli jiehū passi importanti fir-riforma ġudizzjarja, il-gvern il-ġdid iddikjara li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni ser tkun fost l-ogħla prijoritajiet tiegħu u kkonferma r-rieda tiegħu li jinvolvi ruħu mal-UE f'dawn l-isforzi. Ir-Repubblika Kirigiza hija pajjiż pilota fir-Reġjun għall-Appoġġ għad-Demokrazija fir-Relazzjonijiet Esterni tal-UE.

Fl-2012, l-UE kompliet tinvolvi ruħha fid-djalogu politiku mal-awtoritajiet dwar il-kwistjoni tad-drittijiet tal-bniedem u r-riforma tal-istat tad-dritt fil-pajjiż u tikkoopera mill-qrib mas-soċjetà ċivili u l-oġranizzazzjonijiet internazzjonali. B'mod partikolari, matul ir-raba' ċiklu ta' Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tad-19 ta' Settembru 2012 l-UE indirizzat l-aċċess għall-ġustizzja u d-dritt għal proċess ġust, il-prevenzjoni tat-tortura, il-ħarsien tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, il-progress fl-istabbiliment ta' qafas legali u amministrattiv li jħares id-drittijiet tal-bniedem u l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet mill-oġranizzazzjonijiet u l-korpi internazzjonali. Sar segwitu għad-diskussjoni tal-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika Kirigiza fit-23 u l-24 ta' Ottubru 2012, filwaqt li ngħatat attenzjoni wkoll għall-importanza ta' riforma ġudizzjarja komprensiva. Matul l-ewwel żjara tagħha fir-Repubblika Kirigiza f'Novembru 2012, ir-RGħ/VP tal-UE Ashton laqgħet id-determinazzjoni tal-persuni tal-Kirgiżtan li jwettqu riforma demokratika u l-progress li sar u ddiskutiet l-importanza tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt għall-prosperità u l-iżvilupp sostenibbli. Hija kellha skambju ta' fehmiet ma' rappreżentanti tas-soċjetà ċivili dwar l-isfidi ewlenin, inkluż il-pass tar-riforma ġudizzjarja u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, id-djalogu interetniku u l-integrazzjoni, u dwar ir-rwol vitali li għandhom l-NGOs fil-proċessi ta' riforma.

Fit-8 u d-9 ta' Settembru 2012, f'Bishkek sar Seminar tas-Soċjeta' Ċivili bejn l-UE u r-Repubblika Kirigiza dwar ir-Rwol tal-NGOs fl-Implimentazzjoni tal-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet tal-Bniedem b'parteċipazzjoni attiva fuq in-naħa Kirigiza. Matul is-seminar, ġew adottati rakkomandazzjonijiet fl-oqsma tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ir-riforma ġudizzjarja, l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u r-riforma tal-pulizija, u l-prevenzjoni tat-tortura. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet kienu ppreżentati lill-istituzzjonijiet Statali prinċipali kollha, inkorporati fid-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem u ser ikompli jiffurmaw parti mid-djalogu politiku ġenerali u l-programmazzjoni tal-assistenza tal-UE. Minn dakinhar 'l hawn, xi rakkomandazzjonijiet importanti fil-qasam tal-prevenzjoni tat-tortura ġew implimentati parzjalment, partikolarment l-adozzjoni tal-liġi "Dwar iċ-Ċentru Nazzjonali tar-Repubblika Kirigiza għall-Prevenzjoni tat-Tortura u Trattamenti jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra".

Ir-Repubblika Kirigiza għaddejja minn perijodu ta' transizzjoni, il-ħidma sabiex il-leġislazzjoni ssir konformi mal-kostituzzjoni l-ġdida u l-istandards internazzjonali tkompli u l-UE hija impenjata li tkompli tappoġġa l-konsolidazzjoni tad-demokrazija, it-tiħiħ tal-istat tad-dritt u l-implimentazzjoni tar-riformi ġudizzjarji. Ir-riforma ġudizzjara u l-istat tad-dritt huma wieħed mill-oqsma ta' prijorità għall-assistenza tal-UE skont l-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp għall-perijodu 2011-2013. Qed jingħata appoġġ estensiv skont l-Istrument għall-Istabbiltà, l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), Appoġġ għall-Atturi Mhux Statali biex tiġi promossa r-rikonċiljazzjoni interetnika, il-protezzjoni tal-minoranzi nazzjonali, taż-żgħażaġh, in-nisa, il-persuni b'diżabbiltà kif ukoll l-appoġġ lis-soċjeta' ċivili.

Taġikistan

Fl-2012, l-UE kompliet tissorvelja mill-qrib diversi żviluppi fid-Drittijiet tal-Bniedem fit-Taġikistan, tinvolvi ruħha fid-djalogu politiku mal-awtoritajiet kif ukoll tikkoopera b'mod attiv mas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. L-UE ffokat, b'mod partikolari, fuq il-promozzjoni tal-prevenzjoni mit-tortura, filwaqt li appellat għal-libertà ta' espressjoni u l-aċċess għall-informazzjoni mingħajr interruzzjonijiet, inkoraġixxiet id-deradikalizzazzjoni fost id-diversi livelli tas-soċjetà, speċjalment iż-żgħażaġh kif ukoll ħadmet biex tiffaċilita l-eżistenza ta' soċjetà ċivili vibranti, f'konformità mal-impenji internazzjonali tat-Taġikistan fil-qasam tal-libertà ta' assoċjazzjoni. Għadd ta' proġetti tal-EIDHR iffokaw fuq il-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa, it-tfal u l-persuni b'diżabbiltà, u b'hekk għidiet aktar attenzjoni għan-nondiskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd.

F'Lulju 2012, sbroffaw kunflitti vjolenti fil-Provinċja ta' Gorno-Badakshan (GBAO) bejn il-forzi tal-gvern u l-gruppi lokali armati. L-UE appellat għal investigazzjoni trasparenti tal-avvenimenti u għal garanziji fuq l-applikazzjoni adatta tal-istat tad-dritt. L-UE wriet tħassib ukoll dwar restrizzjonijiet fuq l-aċċess għall-informazzjoni, inklużi d-diversi siti elettroniċi fuq l-Internet ibblokkati.

Is-sena 2012 għat-Taġikistan kienet immarkata minn diskussjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fix-xena internazzjonali. Wara li sarlu Eżami Perjodiku Universali (EPU) f'Ottubru 2011, il-Gvern tat-Taġikistan aċċetta l-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet f'Marzu 2012 (minn total ta' 131 rakkomandazzjoni, 104 kienu aċċettati u 7 rifjutati). F'Mejju 2012, żewġ Relaturi Speċjali tan-NU għamlu żjara fil-pajjiż - Relatur Speċjali tan-NU dwar it-Tortura u Trattamenti jew Pieni Krudili, Inumani u Degradanti oħra kif ukoll Relatur Speċjali tan-NU dwar id-dritt ta' kulħadd li jgawdi mill-ogħla standards ta' saħħa fiżika u mentali. F'Ottubru 2012, it-Taġikistan ippreżenta t-tieni eżami perjodiku lill-Kumitat tan-NU kontra t-Tortura. L-UE laqgħet ir-rieda u l-impenn kbir tal-Gvern tat-Taġikistan fir-rigward ta' dawn l-eżerċizzji. Żviluppi pożittivi oħra, milqugħa mill-UE fl-2012 kienu d-dekriminalizzazzjoni (parzjali) tal-libell u l-adozzjoni tal-liġi domestika dwar il-vjolenza.

F'Ġunju 2012, forum tas-soċjetà ċivili ta' jumejn bejn l-UE u t-Taġikistan eżamina l-aspetti tal-prevenzjoni tat-tortura b'parteċipazzjoni konsiderevoli mis-soċjetà ċivili, l-esperti governattivi u internazzjonali (eż. Amnesty International, Association for the Prevention of torture, Physicians for Human Rights). Huwa rriżulta fl-elaborazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet sostanzjali li kienu ppreżentati lill-Gvern tat-Taġikistan u ser ikomplu jiġu diskussi fiċ-ċiklu li jmiss ta' Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u t-Taġikistan.

Id-Drittijiet tal-Bniedem kienu diskussi wkoll fil-Kumitat ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u t-Taġikistan f'Novembru 2012. Il-punti ta' diskussjoni ewlenin irrigwardaw il-libertà ta' espressjoni, ta' reliġjon u ta' assoċjazzjoni. Matul l-ewwel żjara fit-Taġikistan fi tmiem Novembru 2012, ir-RGħ/VP tal-UE Catherine Ashton enfasizzat l-importanza li jkun hemm soċjetà ċivili vibranti fil-pajjiż. Delegazzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew, li għamlet żjara f'Dušanbe f'Mejju 2012, stabbilixxiet kuntatti ma' rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tat-Taġikistan. Matul l-2012, viżitaturi oħra ta' livell għoli, bħar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Asja Ċentrali, l-Ambaxxatriċi Patrica Flor, u l-ex Rappreżentant Speċjali tal-UE l-Ambaxxatur Pierre Morel, iltaqgħu ma' NGOs u Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Turkmenistan

It-Turkmenistan għadu pajjiż magħluq, b'esponiment limitat għad-dinja barranija u jeħtieġ ferm li jsiru aktar riformi. Wara li reġa' ġie elett fi Frar 2012, il-President Berdymukhamedov beda jwettaq xi riformi li permezz tagħhom seta' jkun hemm xi fitit ta' ftuħ limitat kif intwera bl-adozzjoni ta' liġi dwar il-partiti politiċi, li tintroduċi pluraliżmu politiku (fit-teorija) għall-ewwel darba fl-istorja, jew il-ħelsien tal-ħabsin ta' kuxjenza u l-ewwel każ ta' kooperazzjoni fir-rigward tal-konvenzjoni internazzjonali dwar id-drittijiet tat-tfal (ICRC).

Iżda s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għadha inkwetanti. Restrizzjonijiet sinifikanti fuq l-ivvjaġġar barra mill-pajjiż kif ukoll l-eżistenza tal-"listi s-suwed" għadhom kwistjoni ta' tħassib. Filwaqt li r-reġistrazzjoni tal-NGOs hija permessa bil-liġi, fil-prattika din hija ristretta ferm. B'konsegwenza kważi ebda NGO domestika indipendenti ma topera fit-Turkmenistan, filwaqt li NGOs internazzjonali ma jistgħux jiġu rreġistrati. Barra minn hekk, hemm rapporti ddokumentati sew ta' tortura fil-ħabsijiet tat-Turkmenistan.

Il-Kumitat Konġunt bejn l-UE u t-Turkmenistan iltaqa' f'Ġunju 2012. Fil-qafas tad-djalogu politiku tagħha mat-Turkmenistan, l-UE ilha turi t-tħassib tagħha dwar il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem konsistentement f'għadd ta' oqsma, fejn għad fadal ħafna xi jsir: it-transizzjoni demokratika u r-responsabbiltà pubblika, it-tiżni tal-istat tad-dritt u l-iżgurar tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni. Ta' min isemmi li t-Turkmenistan qed jagħmel sforz biex jiżviluppa r-relazzjonijiet tiegħu ma' pajjiżi oħra u jżid il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, inklużi dawk involuti fl-attivitajiet ta' dimensjoni umana, bħall-OSKE u n-NU. Iżda l-progress huwa limitat u t-tmexxija attwali għadha ffokata fuq it-tiżni taż-żamma tal-poter tagħha.

L-UE hija impenjata li tkompli tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fit-Turkmenistan, u turi tħassib tagħha, inkluż matul id-djalogu bejn l-UE u t-Turkmenistan dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Il-ħames ċiklu tad-djalogu kien pospost fl-2012 u minflok ser jiġi organizzat f'Ashgabat fil-15 ta' Mejju 2013.

Fir-rigward ta' assistenza, l-UE attwalment qed tiffinanzja proġett konġunt implimentat mill-UNDP/OHCHR f'Ashgabat "It-tiżni tal-kapaċità nazzjonali tat-Turkmenistan li jipromwovi u jħares id-drittijiet tal-bniedem". Dan il-proġett attwalment huwa l-ewwel intervent ta' kooperazzjoni fil-livell tad-donaturi rigward id-Drittijiet tal-Bniedem u l-ewwel azzjoni konġunta bejn l-UE u l-UNDP fit-Turkmenistan. Il-proġett li tnedja fl-2011 għandu żewġ objettivi ewlenin: (i) it-titjib tal-kapaċità tal-Gvern tat-Turkmenistan li jikkonforma mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u (ii) l-iżvilupp ta' strateġija fuq skala kbira ta' għarfien pubbliku dwar id-drittijiet tal-bniedem, li hija mmirata għal gruppi soċjali u istituzzjonali differenti: studenti, għalliema, imħallfin, pulizija.

Uzbekistan

Bħala parti integrali tal-politika tal-UE ta' riinvolvoment kondizzjonali mal-Uzbekistan, il-kwistjonijiet li jirreferu għad-drittijiet tal-bniedem ġew indirizzati regolament f'kull laqgħa li saret bejn l-UE u l-Uzbekistan skont il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK). Dan kien partikolarment il-każ matul is-Sottokomitat dwar l-Ekonomija, il-Kummerċ u l-Investment (Frar), il-Komitat ta' Kooperazzjoni (Lulju) u, b'mod aktar speċifiku, id-Djalogu dedikat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Novembru). F'din l-aħħar okkażjoni, l-UE enfasizzat b'mod partikolari l-kwistjonijiet tal-kondizzjonijiet ta' detenzjoni u l-libertajiet bażiċi ta' espressjoni, informazzjoni, reliġjon, twemmin, assoċjazzjoni u assemblea, u tkellmet b'mod partikolari fuq il-protezzjoni tal-gruppi l-aktar vulnerabbli. L-UE ħadet nota tal-oġettivi tar-riforma tal-politika mħabbra mill-Uzbekistan f'għadd ta' oqsma, filwaqt li saħqet fuq l-aspetti ta' implimentazzjoni u offriet, jekk ikun meħtieġ, l-assistenza tagħha biex jinkisbu. Iż-żjara li għamlet ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-UE Ashton fl-Uzbekistan (Novembru) tat opportunità oħra biex jitwassal il-messaġġ tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-ogħla livell politiku, kif ukoll biex wieħed jiltaqa' ma' kampjun rilevanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-Uzbekistan.

Fl-2012, l-UE tat attenzjoni bi proġorità lill-kwistjoni li ilha għaddejja tat-tħaddim tat-tfal, biex b'mod partikolari tindirizza t-tħassib muri mill-Parlament Ewropew f'dan ir-rigward meta eżamina l-Protokoll dwar it-Tessuti għall-FSK fl-aħħar tal-2011. F'Mejju 2012 f'Tashkent sar seminar dedikat dwar l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet ratifikati mill-Uzbekistan mal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), li fih kemm l-ILO kif ukoll l-UE pparteċipaw b'mod attiv. L-UE tinnota li fl-2012 kien hemm inqas tfal involuti fil-ħsad tal-qoton (osservaturi internazzjonali setgħu jinnotaw li l-għadd ta' tfal taħt il-15-il sena impjegati fl-għelieqi naqas b'mod sinifikanti fil-biċċa l-kbira tar-reġjuni) u tittama li din it-tendenza tkompli. Bil-għan li tikkonsolida din l-evoluzzjoni, l-UE baqgħet tappoġġa l-issoktar ta' aġenda ta' kooperazzjoni b'bażi wiesgħa bejn l-Uzbekistan u l-ILO, inkluż rigward il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet rilevanti tal-ILO. Madankollu, il-kwistjoni tat-tħaddim tat-tfal għadha kwistjoni ta' tħassib.

B'mod konsistenti mal-politika tagħha ta' involviment kondizzjonali mal-Uzbekistan, l-UE fittxet li tiżviluppa risponsi ta' kooperazzjoni mal-Uzbekistan biex tindirizza xi wħud mill-kwistjonijiet prinċipali dwar id-drittijiet tal-bniedem. Għal dan il-għan, fil-bidu tal-2012 tnieda programm ta' EUR 10 miljun li jindirizza r-riforma tal-Ġustizzja Kriminali f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi rilevanti tal-Uzbekistan. Barra minn hekk, tfassal proġett dedikat ta' assistenza maħsub biex jindirizza t-trattament degradanti fil-ħabs. F'nofs l-2012 ġie ffirmat ukoll Programm ta' Żvilupp Rurali ta' EUR 10 miljun, bil-ħsieb li jiġu promossi l-modernizzazzjoni u d-diversifikazzjoni tal-agrikoltura, u jnaqqas id-dipendenza tal-pajjiż fuq il-monokultura tal-qoton. Attivitajiet ta' kooperazzjoni rilevanti oħra tal-UE jinkludu l-appoġġ lill-NGOs permezz tal-programm EIDHR tal-UE. Barra mill-kooperazzjoni bilaterali, l-UE stinkat sabiex l-Uzbekistan jipparteċipa fl-Inizjattiva reġjonali dwar l-Istat tad-Dritt li qed tiġi implimentata fil-kuntest tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali.

Djalogu politiku dwar il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt beda jikseb momentum matul l-2012 bejn id-Delegazzjoni tal-UE li għadha kif inħolqot u l-awtoritajiet tal-Uzbekistan, u għandu jkompli jiġi intensifikat hekk kif jiġu kkonsolidati l-preżenza u l-kooperazzjoni istituzzjonali tal-UE fl-Uzbekistan.

V Afrika

Unjoni Afrikana

Id-Djalogu bejn l-Unjoni Afrikana (UA) u l-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li beda fl-2008, kompli jipprovdi forum importanti għal skambji dwar sforzi biex jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija. Ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem Stavros Lambrinidis irrappreżenta lill-UE fl-2012 fi Djalogu li sar f'Addis Ababa. Il-kwistjonijiet ewlenin diskussi kienu l-kooperazzjoni bejn l-UA u l-UE dwar materji ta' interess komuni inklużi ir-razziżmu; id-dritt għall-iżvilupp; il-piena tal-mewt; u l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Iż-żewġ partijiet qablu wkoll li jintensifikaw il-kooperazzjoni f'oqsma bħall-vjolenza kontra n-nisa u l-libertà ta' assoċjazzjoni. Matul id-Djalogu, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ppreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet tat-tielet seminar tas-soċjetà ċivili bejn l-UA u l-UE li sar fl-2011 dwar l-elezzjonijiet u d-dritt għal akkomodazzjoni.

Fil-qafas tas-Sħubija bejn l-Afrika u l-UE rigward il-Governanza u d-Drittijiet tal-Bniedem, f'Ġunju, id-Delegazzjonijiet tal-UA u tal-UE f'Ġinevra organizzaw b'mod konġunt Workshop dwar il-kwistjoni tar-Razziżmu, li ffoka fuq id-diskriminazzjoni razzjali u l-inċitament tal-mibegħda razzjali. Il-laqgħa kienet l-ewwel pass biex tittejjeb il-kooperazzjoni fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. Iż-żewġ naħat identifikaw mezzi kif tiżdied il-kooperazzjoni bħall-organizzazzjoni ta' avvenimenti sekondarji li jistgħu possibbilment iwasslu għal riżoluzzjonijiet konġunti. Minbarra r-razziżmu, il-laqgħa identifikat ukoll suġġetti għal diskussjoni fil-futur, inklużi d-drittijiet tan-nisa u tat-tfal, l-eżami perjodiku universali, id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, il-libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin, il-libertà ta' assemblea u l-libertà ta' espressjoni.

Angola

Fl-2012, l-attenzjoni tal-UE ffokat essenzjalment fuq il-finalizzazzjoni u l-iffirmar ta' ftehim ta' sħubija komprensiv "Triq Konġunta 'l Quddiem (JWF) Angola-UE", l-elezzjonijiet ġenerali tal-2012 u s-segwitu għas-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-bniedem fil-provinċji Angolani ta' Cabinda, u t-Tramuntana u n-Nofsinhar ta' Lunda. Il-President tal-Kummissjoni Ewropea José Manuel Barroso għamel żjara fil-pajjiż f'April 2012 u apparti li ltaqa' ma' awtoritajiet għoljin huwa kellu wkoll l-opportunità li jkellm lir-rappreżentanti tal-partiti tal-oppożizzjoni Angolani, il-Knisja Kattolika u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili involuti fid-difiża tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Triq Konġunta 'l Quddiem (JWF) Angola-UE

L-Angola u l-UE qablu li jsaħħu d-djalogu politiku tagħhom u jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni politika aktar attiva. Il-JWF kienet iffirmata fi Brussell f'Lulju 2012 u kienet imsejsa fuq is-Sħubija ta' Cotonou u mmexxija mill-prinċipji fundamentali tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, is-sovranità u r-rispett lejn l-integrità territorjali, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba. Il-JWF hija maħsuba biex tkun proċess permanenti u inklużiv ta' djalogu u kooperazzjoni f'oqsma differenti bħall-paċi u s-sigurtà, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem.

Elezzjonijiet ġenerali tal-31 ta' Awwissu 2012

Minbarra li pprovdiet appoġġ elettorali lill-grupp PALOP⁵ u finanzjament speċifiku tal-EIDHR għal proġetti ta' NGOs, l-UE bagħtet Missjoni ta' Esperti Elettorali (EEM) fl-Angola wara stedina mill-awtoritajiet Angolani. L-UE rrikonoxxiet l-isforz sostanzjali li sar fl-elezzjonijiet mill-awtoritajiet elettorali Angolani u faħħret il-proċess organizzat tajjeb ħafna li bih saret il-votazzjoni, iżda nnotat it-tħassib li ntwera minn xi partiti politiċi u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili b'rabta ma' għadd ta' nuqqasijiet fil-proċess elettorali. Fl-interess ta' fiduċja akbar fil-proċess elettorali, fil-21 ta' Settembru 2012, ir-RGħ/VP Ashton għamlet Dikjarazzjoni li qalet li l-UE hija lesta tappoġġa lill-awtoritajiet Angolani biex jiżguraw li dan it-tħassib jiġi indirizzat b'mod effettiv f'elezzjonijiet futuri.

Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem

Fl-2012, il-Kaprijiet tal-Missjonijiet tal-UE għamlu żjara ta' profil għoli fit-Tramuntana tal-provinċja Angolana ta' Cabinda li hija rikka fiż-żejt u l-provinċji tat-Tramuntana ta' Lunda u tan-Nofsinhar ta' Lunda li għandhom id-djamanti wara l-allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Hemmhekk huma ddiskutew il-kwistjoni mal-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, il-knejjes u l-individwi u ddeċidew li jkomplu jissorveljaw is-sitwazzjoni u jsaħħu l-preżenza tas-sħab internazzjonali fl-iżvilupp f'dawn il-provinċji.

⁵ Pajjiżi Afrikani li jikkellmu l-Portugiż

Benin

F'Ottubru 2012, il-Benin għamel pass importanti 'l quddiem fir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem billi abolixxa l-piena tal-mewt, wara d-dħul fis-seħħ tat-tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) irratifikat fl-2011. Il-Benin kien elett fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti fi tmiem l-2011 u kellu rwol kostruttiv fid-diskussjonijiet tiegħu matul l-2012. F'Ottubru sarlu t-tieni Eżami Perjodiku Universali, u pparteċipa b'mod miftuħ u kooperattiv. F'Diċembru 2012 il-Benin għadda liġi li tistabbilixxi l-Kummissjoni Beniniza tad-Drittijiet tal-Bniedem f'konformità mal-prinċipji ta' Pariġi.

Madankollu, għad fadal ħafna titjib xi jsir, b'mod partikolari fir-rigward tas-sistema ġudizzjarja, il-kondizzjonijiet fil-ħabs u d-drittijiet tan-nisa u tat-tfal. L-azzjoni tal-UE fl-2012 iffokat proprju fuq dawn l-oqsma. Hija appoġġat it-titjib fil-proċess leġislattiv u l-aċċess għall-ġustizzja billi pprovdiet EUR 4.5 miljun skont l-għaxar programm tal-FEŻ li jappoġġa r-riforma fis-settur tal-ġustizzja (PARJ) (mill-2010 sal-2014) u permezz tad-djalogu regolari mal-gvern u mal-membri tal-Assemblea Nazzjonali. Sabiex itejjeb il-kondizzjonijiet fil-ħabs, il-proġett PARJ appoġġa l-istabbiliment ta' pjan ta' emerġenza għas-servizzi tal-ħabs, bħala l-ewwel pass, u stabbilixxa sistema li tissorvelja l-għadd ta' ħabsin. L-UE appoġġat azzjonijiet li jtemmu d-diskriminazzjoni kontra n-nisa u jippromwovu r-rispett lejn id-drittijiet tan-nisa permezz ta' poġetti bħal ETODE (EIDHR) imfassla biex jinħoloq għarfien, jingħata appoġġ għar-riintegrazzjoni tal-vittmi tal-vjolenza, u jissaħħu l-NGOs lokali fl-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra n-nisa. Ir-rispett għad-drittijiet tan-nisa u l-ġlieda kontra t-traffikar tat-tfal, li għadhom kwistjonijiet importanti, kienu appoġġati minn diversi proġetti taħt l-programm ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili (l-għaxar FEŻ).

Matul iż-żjara tiegħu f'Cotonou f'Ottubru li għadda, il-President Barroso ħeġġeġ lill-Benin biex ikompli jaħdem biex jippromwovi r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem.

Botswana

Permezz tad-djalogu politiku tagħha, fl-2012 l-UE qajmet kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem mal-Gvern ta' Botswana bħall-piena tal-mewt, l-ugwaljanza bejn is-sessi, jew is-sitwazzjoni tas-*San fir-Riserva tal-Kaċċa* għal *Animali Selvaġġi f'Kalahari Ċentrali*.

L-UE organizza ukoll *Wirja tal-Arti*, segwita minn diskussjoni, biex tikkommemora l-Jum Ewropew u *Dinji kontra l-Piena tal-Mewt*. Dan l-avveniment irriżulta f'diversi stqarrijiet għall-istampa maħruġa fil-gazzetti nazzjonali, bħalma kien il-każ għall-Jum tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2012. Dan tal-aħħar kien parti minn ċerimonja doppja li kkommemorat ukoll l-għoti tal-Premju Nobel għall-Paċi lill-UE u kien immarkat minn donazzjoni pubblika lill-NGO bl-isem *SOS Children's Villages*.

Fi tmiem l-2012 - u b'ħafna inkoraġġiment mid-Delegazzjoni tal-UE - il-Gvern tal-Botswana finalment adotta Politika aġġornata dwar l-NGOs u ddeċieda li jstabbilixxi Kunsill dwar l-NGOs, entità li fiha kemm il-Gvern kif ukoll is-soċjetà ċivili għandhom jiskambjaw u jikkoordinaw il-fehmiet tagħhom. Dan il-Kunsill huma prekondizzjoni meħtieġa għall-użu tal-fondi tal-UE għal Atturi mhux statali (NSAs) fil-Botswana taħt l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) attwali għas-somma ta' EUR 8 miljun - li parti minnu wara setgħet tintuża biex tappoġġa d-Difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB). Dan huwa kkomplementat b'sejħa għall-offerti lokali inizjali ta' EUR 0.6 miljuni li issa qed titħejja fil-kuntest tal-EIDHR.

Minħabba li l-biċċa l-kbira tal-għaxar pakkett tal-FEŻ għall-Botswana hija ddedikata għat-titjib tas-Settur Edukattiv, id-drittijiet tat-tfal - Artikolu 28 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (id-dritt għall-edukazzjoni) - huma indirizzati wkoll permezz tal-programm ewlieni tal-UE fil-pajjiż.

Burkina Faso

Il-prijoritajiet tal-UE fil-Burkina Faso fl-2012 iffokaw fuq dawn l-oqsma: a) il-Qafas Istituzzjonali; b) il-Piena tal-Mewt; c) il-Kondizzjonijiet ta' Detenzjoni u t-Tul tal-Kawżi; d) il-Ġustizzja; e) il-Libertà ta' Espressjoni; f) id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u s-Soċjetà Ċivili; g) id-Drittijiet tan-Nisa; h) id-Drittijiet tat-Tfal.

Is-sitwazzjoni ġenerali tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Burkina Faso hija meqjusa relattivament tajba, għalkemm fil-fatt jeżistu każijiet ta' abbużi bħal tortura fil-kustodja tal-pulizija u arrest arbitrarju ta' min jipprotesta. Il-libertajiet ta' reliġjon u ta' opinjoni, b'mod partikolari l-libertà tal-istampa, huma ggarantiti mill-Kostituzzjoni u b'mod ġenerali huma rrispettati.

Madankollu hemm nuqqas ġenerali ta' fiduċja fis-sistema ġudizzjarja, minħabba li l-biċċa l-kbira tan-nies ma għandhomx aċċess għaliha. Madankollu, l-poter eżekuttiv għandu influwenza kbira fuq il-ġudikatura. Il-korruzzjoni u l-impunità huma perċepiti bħala mifruxa minkejja l-kampanji reċenti tal-gvern kontra l-korruzzjoni. Fl-2012, proġetti konġunti tal-UE u Franza appoġġaw lill-Qorti tal-Appell.

Oqsma relatati ma' dan kienu s-sigurtà tal-ikel, l-iżvilupp rurali u l-infrastrutturi f'kontest tal-kriżi tal-ikel u l-qgħad inkwetanti.

Id-dibattitu politiku għadu miftuħ u hemm partiti tal-oppożizzjoni attivi. Fil-Parlament (l-Assemblea Nazzjonali) il-partit li jmxxi żamm il-maġġoranza assoluta tiegħu. Is-sistema demokratika tal-Burkina Faso għadha qed tiġi kkonsolidata u jeħtieġ li tiġi appoġġata, minħabba l-assi finanzjarji limitati tal-Istati. L-UE kkontribwixxiet għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet parlamentari tat-2 ta' Diċembru 2012, permezz ta' proġett konġunt mal-Istati Membri tal-UE u l-UNDP.

Il-komunità internazzjonali qieset l-elezzjonijiet bħala liberi, kredibbli u paċifiċi b'rata għolja ta' parteċipazzjoni. Is-sostenituri tal-President Compaore rebħu 97 siġġu fil-Parlament minn total ta' 127, il-partit tiegħu, CDP, għandu 70 siġġu waħdu u għalhekk għandu maġġoranza assoluta.

Id-drittijiet tan-nisa u tat-tfal kienu settur li fih xi Stati Membri tal-UE (id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja) kienu partikolarment attivi fl-2012. Id-drittijiet tan-nisa u tat-tfal huma żgurati bil-liġi għalkemm jidher li fil-prattika huwa diffiċli li jiġu rispettati għal raġunijiet soċjoekonomiċi. Ir-rata ta' inċidenza tal-istupru hija għolja u l-mutilazzjoni ġenitali femminili, għalkemm naqset wara l-kampanji kontra l-mutilazzjoni sponsorjati mill-gvern, xorta waħda għadha ssir. Ħafna persuni, speċjalment fil-kampanja, ma għandhomx aċċess għas-saħħa, l-edukazzjoni u s-sanità adatti. Skont id-data l-aktar reċenti tal-UNDP, ir-rata tal-litteriżmu hija 29% għall-irġiel u 22% għan-nisa. Konsegwentement, il-kwistjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi ġiet inkluża fl-Istrateġija Nazzjonali tal-gvern għall-Iżvilupp (SCADD) appoġġata mill-UE.

Fil-Burkina Faso, il-piena tal-mewt hija formalment fis-seħħ, għalkemm rari jingħataw sentenzi għall-mewt u mill-1988 'l hawn ħadd ma ngħata din is-sentenza. Il-Burkina ħadet ukoll pożizzjoni abolizzjonista f'ħafna fora internazzjonali. Fl-2012 id-Delegazzjoni tal-UE għamlet inizjattivi diplomatiċi biex titlob b'suċċess l-appoġġ tal-Burkina Faso għal riżoluzzjonijiet tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sponsorjati mill-UE. Fl-2010 u l-2011, saru laqgħat annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet iddedikati għall-ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Kapijiet tal-Missjonijiet tal-Istati Membri tal-UE qablu li jinnominaw punt fokali kull sena biex isegwi l-kwistjoni u d-Danimarka żgurati dan ir-rwol fl-2010 u l-2011 bl-appoġġ tad-Delegazzjoni tal-UE. Madankollu, ma saret l-ebda laqgħa ta' dan it-tip fl-2012. Fi tmiem is-sena, filwaqt li mmirat li terġa' tagħti bidu għal dawn il-laqgħat fis-snin li jmiss, id-Delegazzjoni tal-UE ħatret il-Punt Fokali tagħha għad-Drittijiet tal-Bniedem, filwaqt li d-Danimarka kompliet tiżgura kollegament mad-difensuri lokali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Burundi

Minkejja titjib fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Burundi minn meta ntemmet il-gwerra (1993-2005), wara l-elezzjonijiet tal-2010 il-klima politika ddeterjorat u d-drittijiet tal-bniedem u s-sitwazzjoni tas-sigurtà marru għall-aġar. Skont in-NU, fl-2012 kien hemm 30 eżekuzzjoni extraġudizzjarja, 16-il każ ta' tortura u 59 każ ta' maltrattament. L-impunità, in-nuqqas ta' indipendenza ġudizzjarja, l-abbuż tal-poter mill-awtoritajiet amministrattivi lokali u l-korruzzjoni huma lkoll mifruxa. B'kollox 854 persuna nqatlu f'ċirkostanzi marbuta mas-sitwazzjoni tas-sigurtà, kif iddikjara l-Uffiċċju tan-NU fil-Burundi fl-2012.

Barra minn hekk, il-Batwa (grupp ta' minoranza li jirrappreżenta 1% tal-popolazzjoni) u l-albinos għadhom isofru minn diskriminazzjoni u vjolenza. L-UE ffinanzjat proġett tal-EIDHR biex tħares id-drittijiet tal-albinos.

Il-qtil ta' xi mexxejja tas-soċjetà ċivili u l-każijiet ta' detenzjoni arbitrarja xxukkjaw l-opinjoni pubblika. Id-Delegazzjoni tal-UE flimkien mal-Istati Membri rrappreżentati lokalment għamlu xi stqarrijiet lokali dwar xi kawżi ġudizzjarji.

Il-Gvern tal-Burundi reċentement ħoloq Kummissjoni Nazzjonali Indipendenti għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-UE kkontribwixxiet EURO 400 000 għall-istabbiliment tagħha.

Il-Kodiċi Penali l-ġdid, approvat fl-2009, introduċa bidliet pożittivi bħall-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, iż-żieda tal-età tar-responsabbiltà penali minn 13 għal 15-il sena, il-projbizzjoni tat-tortura u l-vjolenza sesswali. Madankollu, huwa xorta waħda għadu jikkriminalizza l-omosesswalità.

Fil-verità m'hemmx djalogu tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, iżda huwa parti għad-djalogu politiku tal-Artikolu 8. Isiru laqgħat regolari mad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB) li jiġu organizzati qabel id-djalogu politiku mal-Gvern. Il-Konsulenti Poliċi tal-UE, kif ukoll il-Kapijiet tal-Missjonijiet tal-UE, iltaqgħu mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem b'mod individwali f'diversi okkażjonijiet u komplew jiġbru informazzjoni dwar l-abużi tad-drittijiet tal-bniedem.

Kamerun

Fl-2012, l-UE baqgħet tinvolvi ruħha ħafna rigward il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni fil-Kamerun f'dak li jirrigwarda d-djalogu politiku u l-appoġġ min-naħa l-waħda u l-appoġġ finanzjarju min-naħa l-oħra.

Apparti milli jipprovdu appoġġ kontinwu għan-netwerk nazzjonali għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (RENAPDDHO), il-missjonijiet tal-UE fil-Kamerun kienu involuti f'appoġġ speċifiku lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem soġġetti għal theddid, b'mod partikolari avukati li jirrappreżentaw klijenti akkużati b'omosesswalità (reat kriminali fil-Kamerun).

Barra minn hekk, l-UE għadha d-donatur ewlieni fil-qasam tal-ġustizzja u l-kondizzjonijiet tad-detenzjoni. L-appoġġ tal-UE kien kritiku biex jgħin sabiex jiġi llimitat l-għadd ta' persuni miżmuma f'detenzjoni qabel il-proċess, tingħata konsulenza legali lill-ħabsin, u biex jikkontribwixxi għal titjib tas-saħħa (inkluża l-prevenzjoni tal-HIV) u s-sanità tal-ħabsin. Kwistjonijiet relatati mal-funzjonament (ħażin) tas-sistema ġudizzjarja, b'mod partikolari f'każijiet bi profil għoli, tqajmu wkoll bi prominenza dejjem akbar fil-qafas tad-djalogu politiku tal-UE mal-Gvern.

L-UE qed tagħti appoġġ ukoll lil sensiela ta' artikli tal-gazzetti dwar il-kondizzjonijiet fil-ħabs li ġew riprodotti mingħajr ħlas minn għadd ta' gazzetti privati ewlenin. Dan qed jikkontribwixxi għal aktar sensibilizzazzjoni dwar il-kondizzjonijiet ħżiena fil-ħabs u għall-fatt li qed ikun hemm ksur regolari tad-drittijiet tal-ħabsin.

Fl-2012, id-drittijiet tal-persuni LGBTI tqajmu b'mod regolari fid-djalogu politiku tal-UE mal-awtoritajiet, bl-għan aħħari jkun id-dekriminalizzazzjoni tal-omosesswalità fil-Kamerun. L-UE kompliet tleħħen it-tħassib serju dwar is-sentenzi tal-Qorti li tagħti sentenzi ħabs lil persuni maħsuba li huma omosesswali, kif ukoll kontra dak li jidher bħala nuqqas ta' azzjoni mill-istat b'rispons għal theddid anonimu kontra persuni LGBTI jew l-avukati tagħhom. Fl-20 ta' Diċembru 2012, il-kelliem tar-RGħ/VP għamel stqarrija wara li qorti tal-appell fil-[Kamerun](#) ikkonfermat sentenza ta' tliet snin lis-Sur Roger Mbédé li nstab ħati ta' mġiba omosesswali.

Il-libertà tal-istampa titqajjem ukoll b'mod regolari fil-qafas tad-djalogu politiku. Premju mogħti permezz tal-programm tematiku ta' atturi mhux statali tal-UE u amministrat minn Radio France International attwalment qed jappoġġa trade union ta' ġurnalisti bi tħejjija ta' proposti għal emendi għal-liġi dwar il-komunikazzjoni soċjali u abbozz ta' kodiċi ta' kondotta kontra l-korruzzjoni fil-mezzi tal-informazzjoni.

Il-kwistjoni tad-demokratizzazzjoni għandha rwol ċentrali fid-djalogu politiku, fejn il-Kapijiet tal-missjonijiet tal-UE għamlu għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex jagħmlu l-proċess elettorali fil-Kamerun aktar ġust, kredibbli u trasparenti. L-UE indikat ukoll l-importanza li jiġu stabbiliti d-diversi istituzzjonijiet previsti bil-Kostituzzjoni tal-1996, b'mod partikolari s-Senat u l-Kunsill Kostituzzjonali. F'dan il-kuntest, ingħata appoġġ finanzjarju lil diversi NGOs biex irawmu osservazzjoni elettorali indipendenti, iżidu l-għarfien pubbliku dwar il-kwistjonijiet inkonsiderazzjoni u jinkoraġġixxu kopertura oġġettiva tal-elezzjonijiet mill-mezzi tal-informazzjoni.

Marbuta mad-demokratizzazzjoni, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni kienet qasam ieħor ta' azzjoni fejn l-UE appoġġat lill-Kummissjoni Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (CONAC), kif ukoll lill-NGOs li jaħdmu fuq din il-kwistjoni.

FI-2012, id-Delegazzjoni tal-UE nediet sejħa għall-proposti skont l-EIDHR fir-rigward tal-kwistjoni tat-traffikar tal-bnedmin. Kien mistenni li sa 4 proġetti li jittrattaw din il-kwistjoni jiġu kkuntrattati fil-bidu tal-2013.

Kap Verde

FI-2012, l-UE u r-Repubblika tal-Kap Verde ċelebraw il-ħames Anniversarju tal-Ftehim Speċjali tagħhom, li jmur lil hinn sew mill-kooperazzjoni politika u ekonomika skont il-ftehim ta' Cotonou. Wieħed mill-pilastri tiegħu huwa relatat mal-governanza tajba u jenfasizza t-tiġh tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-ħajja politika tal-pajjiż, kif ukoll it-tiġh tad-djalogu politiku u l-kooperazzjoni, b'mod partikolari fil-qasam tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. Is-sħubija bejn l-UE u l-Kap Verde tagħti attenzjoni speċjali lid-drittijiet tan-nisa u tat-tfal, is-sitwazzjoni tal-migranti, il-ġlieda kontra l-vjolenza domestika, il-pressjoni għar-riforma tas-sistema ġudizzjarja tal-Kap Verde, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ir-riforma tal-finanzi pubbliċi u t-tiġh tal-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni pubblika f'dak li jirrigwarda d-data ta' statistika u l-governanza tajba tar-riżorsi naturali. Barra minn hekk, taħt il-pilastru Sigurtà/Stabbiltà il-partijiet huma marbuta li jippromwovu r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem filwaqt li jiġġestixxu l-flussi tal-migrazzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.

Fl-2008 tnediet Sħubija għall-Mobbiltà ġdida biex ittejjeb il-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-migrazzjoni. F'dan il-kuntest, fis-26 ta' Ottubru 2012, matul iż-żjara uffiċjali tal-President tal-Kummissjoni Ewropea fil-Kap Verde, ġie ffirmat il-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viża. Huwa mistenni li jidħol fis-seħħ flimkien mal-Ftehim ta' Riammissjoni fl-2013.

F'Diċembru 2012 l-awtoritajiet u d-delegazzjoni tal-UE fi Praia kkompletaw il-proġett ta' tliet snin li jiffoka fuq it-titjib tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà. L-UE kkontribwixxiet EUR 127 500 (75% tat-total). Il-proġett kien żviluppat minn Handicap International, flimkien ma' tliet sħab mill-Kap Verde. Huwa kien immirat speċifikament biex isahha id-djalogu bejn l-organizzazzjoni ewlenija tal-persuni b'diżabbiltà, is-soċjetà ċivili u l-gvern, filwaqt li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u l-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni dwar diżabbiltajiet fil-pajjiż. Kemm dam għaddej il-proġett il-Kap Verde rratifika l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà.

Matul l-2012, il-pajjiż ibbenefika wkoll minn Programm PALOP (pajjiżi li jitkellmu l-Portugiż) iffinanzjat mill-UE li jappoġġa l-elezzjonijiet li ffoka fuq l-edukazzjoni tal-votanti dwar id-drittijiet tagħhom u ta attenzjoni speċjali lin-nisa.

Il-baġit totali tal-UE għal proġetti relatati mad-drittijiet tal-bniedem fil-Kap Verde għall-perijodu bejn wieħed u ieħor kien ta' EUR 300 000 u kopra l-proġett ta' Handicap International flimkien ma' ieħor implimentat minn OMCV- Associação Organização das Mulheres de Cabo Verde /Assoċjazzjoni tal-Kap Verde għan-Nisa li saħħew il-kapaċità istituzzjonali tal-OMCV fil-ġlieda kontra l-vjolenza sessista.

Repubblika Ċentru-Afrikana

L-attivitajiet tal-UE fir-Repubblika Ċentru-Afrikana fl-2012 komplew ikunu ddominati minn impenn lejn id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, kemm f'dak li jirrigwarda d-djalogu politiku u sensibilizzazzjoni kif ukoll fir-rigward tal-appoġġ finanzjarju.

Fl-2012 kien hemm deterjorament kemm fis-sitwazzjoni politika kif ukoll dik tas-sigurtà fir-Repubblika Ċentru-Afrikana, li laħaq il-quċċata tiegħu fit-tifqigħ ta' kriżi politika/militari oħra f'Diċembru. Il-kelliem tar-RGħ/VP għamel stqarrija dwar is-suġġett fil-21 ta' Diċembru 2012, u filwaqt li kkundanna l-attakki minn gruppi armati, appella lill-partijiet kollha biex jinvolvu ruħhom fid-djalogu u ħeġġeġ sabiex il-ftehim ta' paċi eżistenti jiġi implimentat b'mod sħiħ.

It-tħassib ewlieni dwar id-drittijiet tal-bniedem inkluda l-ġlieda kontra l-impunità, id-detenzjoni arbitrarja, il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni u l-maltrattament, id-drittijiet tan-nisa u l-ksur tad-drittijiet tat-tfal.

F'livell lokali, l-Unjoni Ewropea qajmet il-kwistjoni tad-detenzjoni arbitrarja u l-piena tal-mewt mal-awtoritajiet Ċentru-Afrikani. Id-delegazzjoni infurmat ukoll lill-gvern bit-tħassib tagħha fir-rigward tar-rispett lejn id-dritt umanitarju internazzjonali mill-forzi tas-sigurtà Ċentru-Afrikani fil-bidu tal-kriżi fl-aħħar tal-2012. Barra minn hekk, hija qajmet ċerti kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem bħall-maġija fil-laqgħat regolari tagħha ta' darbtejn fix-xahar tad-djalogu politiku mtejjeb.

Kien hemm xi żviluppi favorevoli fir-rigward tal-piena tal-mewt, bi tnejn għall-abbozz ta' leġislazzjoni dwar l-abolizzjoni, wara l-moratorju li kien ilu fis-seħħ għal madwar tletin sena. L-Unjoni Ewropea preċedentement ikkoorganizzat, fimbien ma' Franza u BINUCA, avveniment biex tinholq sensibilizzazzjoni dwar il-Jum Dinji kontra l-Piena tal-Mewt (10 ta' Diċembru 2012). Għandu jiġi nmutat li l-klassi politika Ċentru-Afrikana kollha (maġġoranza presidenzjali, oppożizzjoni demokratika extraparlamentari u s-soċjetà ċivili) adottat riforma tal-kodiċi elettorali b'konsens, li dwarha l-Assemblea Ċentru-Afrikana ser tiegħu deċiżjoni din is-sena. L-Unjoni Ewropea appoġġat dan il-proċess billi appoġġat l-organizzazzjoni ta' workshops li fihom il-partijiet interessati politiki Ċentru-Afrikani kollha ddiskutew l-emendi li għandhom isiru għall-abbozz ta' riforma tal-kodiċi elettorali.

Ġew organizzati laqgħat regolari mar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet għad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem mid-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Fl-aħħar nett, matul is-sena li għaddiet, is-sitwazzjoni umanitarja fir-Repubblika Ċentru-Afrikana kienet is-suġġett ta' mistoqsija parlamentari waħda.

Ċad

L-ewwel elezzjonijiet lokali fl-istorja ta' Ċad saru fl-2012, li mmarkaw l-istadju finali fi proċess elettorali li l-UE segwiet mill-qrib, b'mod partikolari billi ħadet sehem fid-diskussjonijiet tal-grupp u ssorveljat il-qbil politiku tal-2007 fi ĊAD, li ntemm meta saru l-elezzjonijiet. Għalhekk l-UE tenniet, f'diversi okkażjonijiet u f'diversi livelli, li huwa importanti li jkun hemm mekkaniżmu għall-konsultazzjoni bejn l-oppożizzjoni u l-maġġoranza sabiex l-ispirtu tal-qbil politiku tal-2007 jibqa' u biex jiġi kkonsolidat il-proċess ta' demokratizzazzjoni li għaddej.

Is-sena kienet immarkata b'xi ftit tar-rigress fir-rigward tal-libertajiet fundamentali, b'diversi persuni prominenti pubbliċi, inklużi ministri u ġurnalisti, jiġu arrestati u detenuti arbitrarjament bħala parti mill-hekk imsejħa kampanja ta' tindif mill-korruzzjoni fl-amministrazzjoni. L-UE involviet ruħha b'mod attiv fil-kwistjoni, b'mod partikolari f'wieħed mill-aktar każijiet ta' profil għoli: membru tal-assemblea nazzjonali Gali Gata N'Gothé kien detenut fl-4 ta' Marzu 2012 bi ksur tal-immunità parlamentari tiegħu u nġhata sentenza ta' sena ħabs mill-qorti tal-prim'istanza fis-7 ta' Marzu għar-raġuni li nqabad fl-att ta' korruzzjoni (użurpazzjoni). L-UE għamlet inizjattiva demokratika lill-awtoritajiet favur il-każ tiegħu. Gali Gata N'Gothé nħeles fl-24 ta' April wara appell li b'konsegwenza tiegħu ġie deċiż li l-proċedimenti kienu nulli u bla effett.

Fl-2012 tqajmu diversi suġġetti dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-djalogu politiku strutturat bejn l-UE u l-awtoritajiet taċ-Ċad, b'mod partikolari l-kondizzjonijiet ta' arrest u detenzjoni, il-kooperazzjoni taċ-Ċad mal-QKI u s-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Inkjesta fl-avvenimenti mit-28 ta' Jannar sat-8 ta' Frar 2008. Id-diskussjonijiet dwar il-kwistjoni komplew f'għadd ta' laqgħat fi N'Djamena u fi Brussell, inkluż mal-Ministru taċ-Ċad għad-Drittijiet tal-Bniedem, wara l-pubblikazzjoni ta' rapport interim fi Frar. L-UE qieset li l-progress fit-tleltax-il rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' Inkjesta baqa' moderat, peress li r-rakkomandazzjonijiet ġudizzjarji għadhom ma ġewx implimentati. L-UE argumentat f'għadd ta' okkażjonijiet li l-ħidma tal-kumitat fuq is-segwitu għall-Kummissjoni ta' Inkjesta kienet importanti u li huwa għandu jiltaqa' u jisskota d-diskussjonijiet tiegħu dwar is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet. L-UE kompliet tišhaq fuq l-importanza li jinkixfu l-1050 kawża pendenti, inkluża dik ta' għajbien tal-attivisti tal-oppożizzjoni Ibni Oumar Saleh, u li tingħata sentenza fir-rigward tagħhom.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-UE tappoġġa t-tiħiħ tal-istat tad-dritt u tappoġġa għadd kbir ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-prijoritajiet strateġiċi tagħha għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem jiffokaw fuq il-ġlieda kontra l-impunità, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-gruppi l-aktar vulnerabbli (in-nisa, it-tfal u l-persuni b'diżabbiltà) u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, ir-riforma tal-forzi tas-sigurtà u l-iżgurar tar-rispett lejn il-prinċipji demokratiċi (elezzjonijiet, governanza tajba u appoġġ lis-soċjetà ċivili). L-azzjoni tal-UE hija prinċipalment ibbażata fuq programmi/proġetti ta' kooperazzjoni, partikolarment fl-oqsma tal-ġustizzja u l-forzi tas-sigurtà, u fuq id-djalogu politiku skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou.

Komoros

Fl-2012 l-Unjoni Ewropea żviluppat azzjoni għall-Unjoni tal-Komoros ibbażata fuq il-prijoritajiet identifikati. Id-delegazzjoni għamlet stqarrijiet dwar tali kwistjonijiet bħall-piena tal-mewt, dwar il-Jum Dinji kontra l-Piena tal-Mewt, u l-libertà ta' reliġjon.

Bil-għan li tissaħħaħ id-demokrazija (partikolarment il-proċessi elettorali), ingħata finanzjament għall-attivitajiet implimentati mill-UNDP, li b'mod partikolari għandhom l-għan li jimmodernizzaw ir-reġistru elettorali u jagħmluh sigur. Bl-istess mod l-UE pprovdiet appoġġ lill-ġudikatura, b'mod partikolari għat-tfassil mill-ġdid u l-aġġornament tat-testi legali fis-seħħ u biex il-Qorti Suprema ssir operazzjonali.

In-netwerk tas-soċjetà ċivili stabbilit fl-2011 ippermetta djalogu regolari dwar l-oqsma ta' prijorità identifikati fl-istrateġija tal-UE. Ġiet distribwita informazzjoni dwar l-intestaturi baġitarji li taħthom l-UE ser tagħmel l-appoġġ disponibbli u tnejjew linji gwida għal sejħa għal proposti taħt l-intestatura NSA-LA.

L-UE pprovdiet tagħmir li permezz tiegħu l-Kummissjoni Nazzjonali l-ġdida għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet, li għandha l-kompitu li tippromwovi u tħares id-drittijiet tal-bniedem fil-Komoros, setgħet tiġi stabbilita f'Settembru 2012.

Kongo (Brazzaville)

L-UE ppromwoviet l-oġettivi tagħha tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kongo permezz ta' programmi ta' kooperazzjoni (azzjoni li ssaħħaħ l-istat tad-dritt u l-assoċjazzjonijiet (PAREDA), għotjiet lil NGOs) u permezz tad-djalogu politiku mal-awtoritajiet Kongoliżi, id-djalogu regolari mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni biex tippromwovi l-valuri tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem.

Bħala parti mill-proġett imsejjaħ "kontribut lejn l-istabbiliment tal-istat tad-dritt permezz tal-promozzjoni, il-monitoraġġ u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem" iffinanzjat mill-UE u implimentat mill-Observatoire Congolais des Droits de l'Homme (Human Rights Watch Kongoliża (OCDH)), din l-organizzazzjoni ppubblikat rapport dwar it-tortura fil-31 ta' Ottubru 2012 sabiex toħloq sensibilizzazzjoni pubblika tad-daqs tal-problema u tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet biex jieħdu miżuri fil-ġlieda kontra.

Bħala parti mill-istess proġett, fit-22 ta' Diċembru 2012 ġie ppubblikat rapport li jikkundanna l-kondizzjonijiet fil-ħabs fir-Repubblika tal-Kongo. L-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam ser tħalli l-frott fl-2013 permezz tal-finanzjament tar-rinnovazzjoni taċ-ċentri ta' detenzjoni fi Brazzaville, Pointe-Noire (kif ukoll l-ġhassa tal-pulizija ċentrali) u f'Dolisie, u permezz tat-taħriġ ta' uffiċjali tal-ħabs.

Il-proġett PAREDA jinkludi firxa wiesgħa ta' attivitajiet li jtejbu l-funzjonament tas-sistema tal-ġustizzja. Fl-2012 dan il-proġett iffinanzja studju minn esperti tal-ħtiġijiet tal-Inspection Générale des Juridictions et Services Judiciaires (IGJSJ - Spezzjoni ġenerali tal-qrati u tas-servizzi ġudizzjarji). Tliet spetturi Kongoliżi ntbagħtu fuq żjara ta' studju fis-Senegal biex jitgħallmu mis-sistema ta' spezzjoni tiegħu li għandha reputazzjoni li hija waħda effiċjenti.

L-appoġġ tal-UE wera li huwa essenzjali għall-attivitajiet tal-OCDH, id-difensur elwieni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika tal-Kongo, li kienu ffinanzjati minn għotja taġna taħt il-proġett imsejjaħ "Kontribut lejn l-istabbiliment tal-istat tad-dritt permezz tal-promozzjoni, il-monitoraġġ u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem". L-UE organizzat seminar dwar tekniki ta' appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fi Brazzaville fil-25, is-26 u s-27 ta' Lulju 2012.

Matul l-elezzjonijiet parlamentari li saru f'Lulju u f'Awwissu 2012 ma sar xejn rigward il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet għall-2012 magħmula mill-missjoni ta' osservazzjoni elettorali tal-Unjoni Ewropea (EU EOM). Bħala parti minn proġett b'diversi donaturi (l-UE, Franza, l-Istati Uniti tal-Amerika, l-UNDP) imsejjaħ "Il-bini tal-kapaċitajiet għal atturi statali u dawk mhux statali fil-proċess elettorali", fl-2012 l-UE ffinanzjat l-attivitajiet li ġejjin: assistenza elettorali lill-korpi responsabbli għat-tnejn u l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet (il-Kummissjoni Elettorali Nazzjonali u d-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Elettorali), osservazzjoni/edukazzjoni elettorali minn NGOs u studju tal-perċezzjoni tal-persuni Kongoliżi dwar l-elezzjonijiet.

Cote d'Ivoire

Il-Côte d'Ivoire għadu pajjiż fraġli li għadu hiergħ mill-kriżi. Għalkemm is-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem tgiebet konsiderevolment meta mqabbla mal-perijodi aktar estremi tal-kriżi wara l-elezzjoni, xorta waħda hemm għadd ta' nuqqasijiet serji li l-gvern jirrikonoxxi l-eżistenza tagħhom. B'mod partikolari, twettaq ksur serju ħafna tad-drittijiet tal-bniedem mill-forzi parlamentari kontra s-sostenituri tal-ex President u ċittadini oħrajn. L-impunità għar-reati kriminali li allegatament twettqu minn xi forzi favur Ouattara matul il-kunflitt għadhom kwistjoni ta' tħassib serju. Il-kooperazzjoni mill-awtoritajiet mal-QKI kienet riluttanti u jeħtieġ li terġa' tingħata l-ħajja.

L-Unjoni Ewropea u l-Côte d'Ivoire formalment reġgħu nedew id-djalogu politiku tagħhom fl-2012, b'żewġ laqgħat, waħda bejn l-Ambaxxaturi tal-UE u tal-Istati Membri u l-Ministru tal-Affarijiet Barranin (Marzu u Ottubru) u waħda bejn l-Ambaxxaturi tal-UE u tal-Istati Membri u l-Kap ta' Stat (April). Għalhekk l-UE għandha mezz għad-djalogu u l-iskambji politiċi dwar il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

F'Ġunju 2012, ġiet ippubblikata stqarrija lokali mill-UE li tappella lill-politikanti u lill-mezzi tal-informazzjoni Ivorjani biex jimmoderaw il-kummenti pubbliċi tagħhom, wara żieda mhux mistennija ta' diskorsi politiċi ħorox li jinċitaw il-vjolenza. L-UE żammet id-djalogu kostanti tagħha mal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Fi tmiem l-2012, ħafna ex sostenituri tal-President Gbagbo li kienu ilhom detenuti minn April 2011 inħelsu b'xi kondizzjonijiet. Fosthom kien hemm attivista tat-trade union Basile Mahan Gahé, li diversi organizzazzjonijiet tat-trade unions Ewropew intervjenew f'ismu.

L-UE żammet il-politika tagħha ta' miżuri restrittivi, imġedda f'Diċembru 2012 kontra ħmistax-il persuna prominenti Ivorjana.

Fl-2012 l-UE mmobilizzat EUR 5.5 miljun għal atturi mhux statali u awtoritajiet lokali biex tgħin fir-rikonċiljazzjoni u EUR 2 miljun (Strument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem) biex tgħin fil-ġlieda kontra l-impunità, tappoġġa l-vittmi ta' abbużi, issaħħaħ l-Assemblea Nazzjonali u tipprovdi edukazzjoni ċivika.

L-attivitajiet bdew bħala parti mill-programm li jappoġġa s-sistema ġudizzjarja (EUR 18-il miljun) immirat biex jiddefinixxi l-politika ta' riforma settorali, jipromwovi l-aċċess għas-sistema tal-ġustizzja, inaqqas il-korruzzjoni ġudizzjarja u jsaħħaħ il-professjonaliżmu tal-maġistrati. Tlesta dokument ta' politika settorjali għas-sistema tal-ġustizzja, issaħħet l-ispezzjoni ġudizzjarja u fil-ħabs u ġew iffinanzjati sitt "kliniki legali" li jipprovdu assistenza legali u ġudizzjarja lin-nisa u lill-minorenni. Barra minn hekk, 70 mara li kienu vittmi ta' attakk sesswali rċevew appoġġ legali u psikoloġiku fir-reġjuni l-aktar affettwati mill-kriżi u tliet qrati li kienet saritilhom il-ħsara ġew rinnovati u bdew joperaw mill-ġdid, u b'hekk żdied l-aċċess għas-sistema tal-ġustizzja.

Fl-2012 inbdiet ukoll azzjoni ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali biex tiġi stabbilita sistema ta' ġustizzja transizzjonali, ikun hemm medjazzjoni f'kunflitti dwar proprjetà fil-punent, u biex il-mezzi tal-informazzjoni jsiru aktar professjonali u aktar responsabbli (Strument għall-Istabbiltà, EUR 2.6 miljun). Bħala parti minn din il-ħidma, ittieħdet azzjoni biex tiġi promossa r-rikonċiljazzjoni bejn il-pulizija u l-pubbliku ġenerali fit-tliet municiċipalitajiet f'Abidjan (EUR 2.1 miljun), bil-għan li jerġa' jkun hemm kuntratt soċjali bejn il-pulizija u l-komunitajiet u biex jittejjeb il-professjonaliżmu tal-forza tal-pulizija u l-immagħni tagħha. F'Novembru 2012, ġie approvat appoġġ baġitarju ta' EUR 115-il miljun għall-bini tal-Istat li inkorpora indikaturi relatati mas-sigurtà interna u s-sistema tal-ġustizzja.

Repubblika Demokratika tal-Kongo

F1-2012, l-Unjoni Ewropea segwiet mill-qrib il-proċess elettorali li rriżulta mill-elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali tal-2011. Wara l-pubblikazzjoni tar-riżultati proviżorji tal-elezzjonijiet parlamentari, l-UE għamlet stqarrija lokali fit-3 ta' Frar 2012 li enfasizzat l-importanza li jsir kull sforz biex jiġu żgurati t-trasparenza u l-kredibbiltà tal-proċess elettorali. Fis-16 ta' Frar, l-Unjoni Ewropea wriet it-tħassib tagħha dwar il-projbizzjoni tal-mixja paċifika skedata għal dakinhar. L-UE kemm-il darba wriet it-tħassib tagħha lill-awtoritajiet dwar l-allegazzjonijiet ta' vjolenza elettorali fir-Rapport tal-Uffiċċju Konġunt tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ippubblikat f'Marzu 2012. Ir-rapport finali tal-missjoni ta' osservazzjoni elettorali tal-Unjoni Ewropea, ippubblikat fid-29 ta' Marzu 2012, wera dubji serji dwar il-kwalità tal-proċess elettorali, li kien mimli b'każijiet ta' frodi u irregolaritajiet. Ir-rapport fih lista ta' rakkomandazzjonijiet dettaljati għat-titjib tal-kwalità tal-proċess elettorali fl-elezzjonijiet provinċjali u lokali. F'Ġunju 2012 il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjoni urġenti dwar il-monitoraġġ tal-elezzjonijiet tar-RDK li fiha huwa kkundanna l-ksur tad-drittijiet fundamentali matul l-elezzjonijiet tat-28 ta' Novembru 2011 u ħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-proċess elettorali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo tkun tiddependi mill-implimentazzjoni effettiva tar-rakkomandazzjonijiet tal-missjoni ta' osservazzjoni elettorali tal-UE.

Il-klima ta' impunità li tiċċirkonda l-awturi tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kienet partikolarment ikkundannata. Għaldaqstant l-UE għamlet stqarrija lokali f'Ġunju 2012 biex tikkoinċidi mal-ftuħ tal-proċedimenti ta' appell kontra l-allegati qattielja tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem Floribert Chebeya u Fidèle Bazana.

L-UE kellha rwol attiv fid-dibattitu tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Ġinevra. L-istabbiliment tal-qafas legali u l-istituzzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem kien ikkunsidrat bħala prijorità. F'dan ir-rigward, l-UE nnotat b'sodisfazzjoni l-adozzjoni tal-abbozz ta' liġi li tistabbilixxi kummissjoni nazzjonali indipendenti għad-drittijiet tal-bniedem. Fl-4 ta' Diċembru 2012, l-UE kkundannat id-deċiżjoni mill-Conseil supérieur de l'audiovisuel et de la communication (CSAS - Kunsill Għoli Awdjoviżiv u tal-Komunikazzjoni) biex iwaqqaf is-sinjali ta' trasmissjoni tar-Radju Okapi f'Kinshasa. Il-kundanna tat l-effett mixtieq hekk kif ix-xandir issokta l-jum ta' wara.

Minn nofs l-2012 'l hawn, l-attenzjoni tal-Unjoni Ewropea ffokat partikolarment fuq is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo tal-Lvant u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li rriżulta. Fit-3 ta' Ġunju 2012 ir-RGħ/VP għamlet dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea li turi tħassib dwar l-avvenimenti f'Kivus. F'din id-dikjarazzjoni, l-UE kkundannat il-qtil u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem li sar mill-movimenti ribelli M23 u mill-FDLR. Fit-12 ta' Ġunju 2012, ir-RGħ/VP għamlet diskors lill-Parlament Ewropew li fih indirizzat is-sitwazzjoni ta' wara l-elezzjoni u s-sitwazzjoni fil-Kongo tal-Lvant. Hija qalet li kienet ixxukkjata bil-qtil imwettaq mill-gruppi armati. Il-Kunsill Affarijiet Barranin tal-25 ta' Ġunju 2012 adotta konklużjonijiet dwar is-sitwazzjoni fir-RDK tal-Lvant li fihom huwa ħeġġeġ lill-atturi kollha involuti biex jiproteġu l-poplu ċivili u appella biex dawk responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jitressqu quddiem il-ġustizzja. Fl-10 ta' Lulju 2012, ir-RGħ/VP għamlet dikjarazzjoni u appellat għall-waqfien immedjat ta' kull tip ta' vjolenza mwettqa minn gruppi armati u wriet tħassib dwar l-allegazzjonijiet ta' appoġġ barrani għall-moviment M23.

B'rispons għall-avvanzi ribelli fir-RDK tal-Lvant, l-Unjoni Ewropea adottat żewġ dikjarazzjonijiet f'Novembru 2012, u l-Kunsill adotta konklużjonijiet f'Novembru u f'Diċembru 2012. F'Diċembru 2012, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni urġenti dwar is-sitwazzjoni fir-RDK partikolarment b'rabta mas-sitwazzjoni fir-RDK tal-Lvant u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

Mill-2003 'l hawn japplika reġim ta' sanzjonijiet għar-RDK bil-għan li tiġi promossa l-konsolidazzjoni tal-paċi. Huwa jinkludi embargo fuq l-armi kontra l-gruppi armati kollha fit-territorju tar-RDK, projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar ta' individwi, u l-iffriżar tal-assi ta' entitajiet u individwi soġġetti għal miżuri restrittivi. Dawn il-miżuri ġew implimentati b'mod sħiħ mill-Unjoni Ewropea.

Bħala parti mid-djalogu politiku u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-UE tappoġġa t-tisħiħ tal-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-impunità fir-RDK. B'mod partikolari, dan l-appoġġ jieħu l-forma ta' programmi ambizzjużi fis-settur tal-ġustizzja li jimmiraw li jipromwovu l-aċċess għas-sistema tal-ġustizzja u jappoġġaw lil dawk li jfittxu ġustizzja, kif ukoll il-komponenti tad-drittijiet tal-bniedem tal-missjonijiet tal-EUSEC u l-EUPOL.

L-Unjoni Ewropea tappoġġa għadd kbir ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Kongoliżi. Attwalment qed jiġu ffinanzjati aktar minn tletin proġett mill-UE taħt għadd ta' intestaturi, li jimmobilizzaw aktar minn EUR 20 miljun. Huma jkopri kwistjonijiet bħall-attakk sesswali, is-sessi, il-mezzi tal-informazzjoni, il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tal-minorenni, l-eliminazzjoni tat-tortura u l-appoġġ għall-proċess elettorali.

L-UE hija partikolarment attiva fil-kampanja kontra l-attakk sesswali u l-vjolenza sessista permezz ta' programmi umanitarji u ta' kooperazzjoni li jappoġġaw lill-vittmi. Fl-2012, il-Kummissjoni nediet inizjattiva speċjali dwar il-kwistjoni tal-vjolenza sessista li għandha baġit ta' EUR 20 miljun biex ttiprovdi u li ser ttiprovdi appoġġ għat-tiġib tar-rwol tan-nisa flivell nazzjonali.

Ġibuti

Fl-2012, l-Unjoni Ewropea żviluppat azzjoni għall-Ġibuti speċifikament għall-gruppi vulnerabbli bħat-tfal, in-nisa u l-migranti. Prijoritajiet oħrajn identifikati jinkludu l-appoġġ għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, ir-riforma tas-sistema tal-ġustizzja tal-minorenni u għall-ħolqien ta' spazju għall-espressjoni tal-opinjoni pubblika. Bi sforz sabiex twieġeb għall-ħtiġijiet l-aktar urġenti indikati mill-assoċjazzjonijiet Ġibutjani, l-Unjoni Ewropea pprovdiet appoġġ fil-Ġibuti lin-nisa li jinsabu f'sitwazzjoni soċjali prekarja immens: lin-nisa b'diżabbiltà, ir-refuġjati, il-persuni morda bl-AIDS, in-nisa fil-ħabs, eċċ. Din l-azzjoni għall-ġlieda kontra l-ksur tad-drittijiet ta' nisa vulnerabbli qed issir mill-Assoċjazzjoni Ġibutjana għall-Ekwilibriju u l-Promozzjoni tal-Familja u hija maħsuba biex tinforma lin-nisa l-aktar żvantaġġati dwar id-drittijiet tagħhom u r-rimedji disponibbli u biex toħloq għarfien dwar il-vjolenza sessista.

Ginea Ekwatorjali

Fl-2012, l-Unjoni ħadet azzjoni biex tittratta l-każ ta' Dr Wenceslao Mansogo Alo, tabib responsabbli għad-drittijiet tal-bniedem fil-partit tal-oppożizzjoni, *Convergencia Para la Democracia Social* (CPDS), li kien arrestat fi Frar għal negliġenza medika. Huwa kellu żjara fil-ħabs u l-UE talbet biex il-kawża tiegħu ssir skont proċedura adatta u f'perijodu raġonevoli. Dan sar, għalkemm huwa ngħata sentenza ta' tliet snin ħabs fis-7 ta' Mejju 2012, iżda nharfitlu mill-President Obiang fil-5 ta' Ġunju 2012. Madankollu, is-settur ġudizzjarju fil-Ginea Ekwatorjali għad għandu nuqqasijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-indipendenza tiegħu.

L-Unjoni Ewropea qajmet dawn il-kwistjonijiet aktar ġenerali mal-awtoritajiet, kif ukoll il-kwistjoni tal-implimentazzjoni tal-bidliet li jġibu magħhom il-Kostituzzjoni l-ġdida, l-Eżami Perjodiku Universali u ċ-ċiklu elettorali li jmiss. Dan sar fil-qafas tad-djalogi ta' livell għoli, iżda informali, ma kien hemm ebda djalogu politiku strutturat mill-2009 'l hawn.

Il-pajjiż ma jirċevix finanzjament mill-ġaxar FEŻ minħabba li għadu ma rratifikax il-Ftehim rivedut ta' Cotonou (riżerva dwar il-klawsola relatata mal-QKI). Qed isir proġett wieħed biss u wasal biex jitlesta: il-bini ta' ċentru tas-soċjetà ċivili.

Eritrea

L-UE komplet turi tħassib kbir dwar il-ksur tal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem mill-Eritrea u ħeġġet lill-Gvern, f'diversi okkażjonijiet, biex jieħu passi viżibbli biex itejjeb is-sitwazzjoni. F'Settembru 2012, ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President għamlet dikjarazzjoni f'isem l-UE dwar il-priġunieri politiċi fl-Eritrea fil-ħdax-il anniversarju mid-detenzjoni tagħhom. L-UE talbet lill-Gvern biex jeħles bla kondizzjonijiet lill-grupp ta' uffiċjali għolja tal-gvern detenuti b'mod arbitrarju u li nċaħdu mid-drittijiet tagħhom mill-2001 'l hawn wara li kkritikaw liberament lill-President Isaias Afwerki.

Barra minn hekk, tqajjem tħassib dwar id-destin tal-ġurnalisti detenuti u l-priġunieri ta' kuxjenza, li marru l-ħabs minħabba t-twemmin politiku u reliġjuż tagħhom. Fost l-oħrajn, l-UE talbet lill-awtoritajiet Eritreani biex jeħilsu lil Dawit Isaak, ġurnalist b'ċittadinanza doppja Eritreana-Svediża detenut f'iżolament mill-2001 'l hawn, kif ukoll lill-ġurnalisti l-oħrajn kollha fil-ħabs. L-UE rrepetiet it-talbiet biex tiġi pprovduta informazzjoni u biex jingħatalhom aċċess.

Il-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' reliġjon u l-applikazzjoni tal-istat tad-dritt, inklużi d-drittijiet għall-proprjetà, għadhom fost l-oqsma ta' tħassib. L-UE konsistentement uriet it-tħassib tagħha dwar il-ksur ta' dawn id-drittijiet. Fl-2012, l-UE leħhnet ukoll it-tħassib tagħha mal-awtoritajiet dwar il-problema tal-migrazzjoni u t-traffikar tal-bnedmin fil-Qarn tal-Afrika. Il-kwistjoni reġġet ġiet enfasizzata f'riżoluzzjoni mill-Parlament Ewropew. L-UE ħeġġet ukoll lill-awtoritajiet Eritreani biex itejjbu l-kooperazzjoni tagħhom mas-sistema tan-NU għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż mar-Relatur Speċjali tan-NU l-ġdid dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Eritrea, u biex jissodisfa l-impenji skont l-Eżami Perjodiku Universali tan-NU.

Etjopja

Ir-rispett għad-drittijiet tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari d-drittijiet politiċi u ċivili fl-Etjopja jibqa' kwistjoni ta' tħassib għall-UE. Abbażi tal-Proklamazzjoni Kontra t-Terroriżmu fl-2012 l-awtoritajiet Etjopjani taw bidu għal aktar arresti u kawżi ta' ġurnalisti, membri tal-partit tal-oppożizzjoni u mexxejja reliġjużi. Ħafna minn dawn il-kawżi diġà ġew konklużi jew qed jiġu appellati u r-risultat ħafna drabi kien sentenzi ħabs fit-tul. L-UE għandha dubji dwar il-kwalità tal-evidenza mogħtija u r-rispett dovut tal-proċeduri applikati f'dawn il-kawżi. L-UE hija involuta mal-Gvern Etjopjan fi djalogu regolari dwar dawn il-kwistjonijiet. L-UE żgurat ukoll monitoraġġ sistematiku tal-kawżi permezz ta' koordinazzjoni effettiva u kondiviżjoni tal-piżijiet bejn l-Istati Membri tal-UE u d-Delegazzjoni tal-UE.

F'Ottubru 2012 it-tħassib tal-UE dwar il-piena tal-mewt fl-Etjopja tqajjem mal-Gvern. Barra minn hekk, Stat Membru tal-UE organizza avveniment pubbliku fuq il-post biex jippromwovi l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fil-kontinent Afrikan.

Il-linji gwida l-ġodda relatati mal-Proklamazzjoni dwar l-Organizzazzjonijiet Ċivili u Karitattivi adottata fl-2011 kellha impatt serju fuq l-operat tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Ġie stabbilit djalogu tripartitiku bejn il-Gvern tal-Etjopja, is-soċjetà ċivili u d-donaturi u għandu l-għan li jtaffi wħud mill-isfidi li qed jiffaċċjaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-UE hija l-kopresident ta' dan il-mekkaniżmu ta' djalogu. Il-Fond tas-Soċjetà Ċivili tal-UE, li huwa kkunsidrat bħala fond lokali, qed jagħti appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq il-governanza u kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

Għadd ta' Stati Membri tal-UE, kif ukoll id-Delegazzjoni tal-UE, ukoll ipparteċipaw fil-missjonijiet ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-programm tal-gvern ta' formazzjoni ta' irħula f'żoni ultraperiferiċi tal-Etjopja. Kien hemm għadd ta' rapporti minn organizzazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem li jallegaw abbużi serji b'rabta mal-programm. Filwaqt li l-missjonijiet li saru ma sabu l-ebda evidenza għal abbużi sistematiċi tad-drittijiet tal-bniedem, għad hemm tħassib dwar il-pass li bih qed isir il-programm u l-iskala tiegħu. Fl-aħħar nett, filwaqt li l-UE tilqa' r-rwol dejjem akbar li għandha l-Kummissjoni Etjopjana għad-Drittijiet tal-Bniedem, xorta waħda jeħtieġ li l-korp isir indipendenti mill-Gvern.

Gabon

L-għanijiet tal-Unjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Gaboniża jindirizzaw it-tħassib u l-isfidi ewlenin identifikati f'dan il-kuntest. B'mod partikolari, dawn jirrigwardaw il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni, il-persistenza ta' reati ta' ritwal u l-impunità relatata magħhom, id-drittijiet tan-nisa, it-traffikar tal-bnedmin, u t-trasparenza u l-inklużività tal-proċess elettorali. F'livell inqas, jeżistu wkoll problemi fir-rigward ta' dewmien fis-sistema ġudizzjarja, l-għadd kbir ta' persuni miżmuma f'detenzjoni proviżorja, il-pressjoni fuq il-mezzi tal-informazzjoni u l-ġurnalisti, il-korruzzjoni, u d-diskriminazzjoni kontra l-immigranti Afrikani u kontra l-komunitajiet indiġeni. Madankollu, is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Gabon hija ħafna aħjar minn f'pajjiżi oħra fir-reġjun.

Ir-Repubblika Gaboniża sarilha Eżami Perjodiku Universali mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'Ottubru 2012. Ir-rakkomandazzjonijiet li saru b'konsegwenza ta' dan ikopru t-tħassib tal-UE elenkat hawn fuq, jiġifieri l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni, id-drittijiet tat-tfal, ir-reati ta' ritwal, id-drittijiet tan-nisa, it-traffikar tal-bnedmin, in-nondiskriminazzjoni u l-libertà ta' espressjoni.

Dawn il-kwistjonijiet huma diskussi wkoll mal-awtoritajiet nazzjonali fil-laqgħat ta' djalogu politiku bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Gaboniża.

F'livell lokali, id-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea daħħlet fis-seħħ djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Kien hemm ukoll laqgħat regolari mar-rappreżentanti tal-korpi uffiċjali rilevanti (Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, dipartimenti tal-gvern).

Barra minn hekk, mill-2012 'l hawn ir-Repubblika Gaboniża kienet qed tibbenefika għall-ewwel darba minn programm tematiku għal atturi mhux statali u awtoritajiet lokali fl-iżvilupp li jammonta għal EUR 2.5 miljun. Objettiv ieħor tal-azzjoni meħuda skont dan il-programm huwa l-bini tal-kapaċitajiet u l-għajjnuna lil atturi mhux statali u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Gabon.

Fl-2012, saret mistoqsija parlamentari waħda biss relatata mad-drittijiet tal-bniedem – l-okkorrenza kontinwa tar-reati ta' ritwal u l-miżuri meħuda mill-awtoritajiet Gaboniżi biex il-persuni suspettati jiġu identifikati u mressqa l-qorti.

Gambja

L-UE kompliet tindirizza l-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-Gambja fid-djalogu politiku tagħha mal-awtoritajiet u fittxet l-appoġġ ta' atturi reġjonali, bħall-Unjoni Afrikana, kif ukoll permezz ta' proġetti ta' żvilupp konkret. Il-piena tal-mewt, il-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni, l-appoġġ lis-soċjetà ċivili u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB), il-kondizzjonijiet fil-ħabs u fil-faċilità ta' detenzjoni, il-vjolenza kontra n-nisa u d-Drittijiet ta' persuni LGBTI kienu fost il-kwistjonijiet ta' prijorità tal-UE fil-pajjiż.

Matul is-sena, l-UE appoġġat lis-soċjetà ċivili, filwaqt li ħadmet fuq kwistjonijiet ta' governanza u ta' drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa. L-UE ffinanzjat għadd ta' proġetti, inkluż dwar l-abolizzjoni tal-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (EUR 45 000), il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u ż-żieda tar-rappreżentazzjoni tan-nisa fil-kunsilli lokali (EUR 90 000), u t-titjib tal-ġhajxien tan-nisa (EUR 45 000). Fil-Programm ta' Appoġġ għall-Governanza tal-ġhaxar FEŻ u fil-komponent tagħha rigward il-mezzi tal-informazzjoni, l-UE inkludiet kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-iżvilupp ta' kurrikula ta' taħriġ u materjal għall-professjonisti tas-settur tal-mezzi tal-informazzjoni u għażlet nisa bħala grupp fil-mira għat-taħriġ ta' professjonisti/ġurnalisti ġodda.

F'Awwissu, b'rispons għall-eżekuzzjoni ta' disa' ħabsin ikkundannati għall-mewt wara moratorju de facto ta' 27 sena fuq il-piena tal-mewt, saret stqarrija mir-RGħ/VP li kkundannat l-eżekuzzjonijiet, talbet għall-waqfien immedjat tagħhom u fakkret fl-impenji internazzjonali tal-Gambja. Barra minn hekk, wara s-sitwazzjoni deterjoranti b'mod inkwetanti tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, li inkludiet ħafna każijiet ta' intimidazzjoni ta' ġurnalisti u l-għeluq illegali ta' gazzetti u stazzjonijiet tar-radju, l-UE ddeċidiet li tipproċedi bid-djalogu politiku intensifikat skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou. It-taħdidiet kienu mistennija li jsiru fil-bidu tal-2013.

L-UE kkundannat id-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTI f'laqgħa mal-awtoritajiet f'Mejju u fid-djalogu politiku regolari tagħha f'Ġunju. Fi stqarrija lokali magħmula f'Diċembru, l-UE wriet it-tħassib serju tagħha dwar il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni arbitrarja ta' Imam Baba Leigh, mexxej reliġjuż prominenti, li l-post fejn kien jinsab baqa' mhux magħruf sal-aħħar tas-sena.

Gana

L-UE flimkien mal-Istati Membri tal-UE (id-Danimarka u r-Renju Unit) appoġġaw attivitajiet tal-proċess tar-rieżami kostituzzjonali (riċerka, konsultazzjonijiet fid-distrett, livell nazzjonali, konsolidazzjoni ta' rapport finali) li saru mill-Kummissjoni għar-Rieżami tal-Kostituzzjoni permezz tal-pakkett ta' fondi. Il-White Paper tal-gvern dwar ir-Rieżami adottata f'Ġunju 2012 qablet ma' xi rakkomandazzjonijiet li saru mill-Kummissjoni għar-Rieżami tal-Kostituzzjoni fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem, bħall-abolizzjoni de jure tal-piena tal-mewt, l-implimentazzjoni effettiva tal-politika ta' azzjoni affermattiva lejn in-nisa, it-tfal, l-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà, l-implimentazzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali u aċċess aħjar għall-ġustizzja. Madankollu, għall-kuntrarju tal-proposta mill-Kummissjoni għar-Rieżami tal-Kostituzzjoni, il-White Paper ma tinkludix infurzar ċar tal-leġislatura u lanqas ta' setgħat reġjonali.

Il-Gana ġiet analizzata fit-tieni ċiklu tal-Eżami Perjodiku Universali tat-23 ta' Ottubru 2013. Il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU nnota diversi kisbiet pożittivi mir-rieżami tal-2008 'l hawn, bħall-istabbiliment tal-Kummissjoni għar-Rieżami tal-Kostituzzjoni, ir-ratifika tal-konvenzjoni tad-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà (CRPD), kif ukoll l-istabbiliment tas-Segretarjat għall-Vjolenza Domestika. Madankollu, huwa qajjem tħassib u għamel rakkomandazzjonijiet dwar l-aċċess għall-edukazzjoni, partikolarment fir-rigward tal-bniet, il-vjolenza kontra n-nisa, inklużi l-vjolenza domestika u l-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili, kif ukoll id-diskriminazzjoni kontra persuni LGBTI. Il-Gana aċċettat 123 rakkomandazzjoni minn 148 li saru.

F'Mejju l-UE organizzat laqgħa biex timmarka l-Jum internazzjonali kontra l-omofobija. Għal-laqgħa attendew id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-Gana u Sħab għall-Iżvilupp. Id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem qasmu l-esperjenzi tagħhom fid-difiża tad-drittijiet ta' persuni LGBTI fil-Gana. Din il-laqgħa kienet opportuna fid-dawl tad-dibattitu pubbliku dwar id-drittijiet ta' persuni LGBTI wara l-pubbliċità ta' konferenza proposta dwar il-persuni LGBTI fil-Gana, li kienet ikkundannata b'mod wiesa' mill-gruppi reliġjużi u minn ħafna membri tal-pubbliku li wrew intolleranza għal persuni LGBTI u talbu lill-gverni biex jikkriminalizzahom. Ġie allegat li xi persuni LGBTI kienu ppersegwitati fil-pubbliku. Il-laqgħa assigurat li d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem għandhom l-appoġġ tal-UE u ta' sħab oħrajn għall-iżvilupp.

F'Ġunju, id-Delegazzjoni tal-UE għamlet żjara ta' ħidma f'wieħed miċ-Ċentri Korrettivi taż-Żgħażaġħ biex tosserva l-Jum internazzjonali tat-Tfal. L-istqarrijiet li saru kemm mill-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE kif ukoll mill-Ambaxxatur tal-Ambaxxata Rjali tal-Pajjiżi l-Baxxi li jenfasizzaw is-sitwazzjoni serja tat-tfal fil-Gana bi kliem ta' inkoraġġiment liż-żgħażaġħ fiċ-ċentru korrettiv. Kien hemm kopertura adegwata ta' dan l-avveniment mill-mezzi tal-informazzjoni.

Abbażi tal-interazzjonijiet mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, id-Delegazzjoni tal-UE allokat EUR 600 000 biex tappoġġa d-Drittijiet tat-Tfal skont l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-baġit tal-2012 u l-2013.

L-elezzjonijiet tal-Gana tas-7 ta' Diċembru 2013 saru b'kondizzjonijiet li jirrispettaw id-drittijiet elettorali rikonoxxuti internazzjonalment u ngħataw valutazzjoni pożittiva b'mod ġenerali mill-osservaturi internazzjonali. L-UE stazzjonat Missjoni ta' Esperti Elettorali fil-Gana mit-23 ta' Novembru sal-24 ta' Diċembru. L-istabbiltà ġenerali tal-pajjiż inżammet, u ma ġiet irreġistrata l-ebda tifqigħa tal-vjolenza, għalkemm il-partit li tilef ikkontesta r-riżultati fil-Qorti Suprema fl-aħħar tas-sena. Matul il-perijodu ta' rieżami ta' dan ir-Rapport, il-Qorti kienet għadha ma ħaditx deċiżjoni dwar il-petizzjoni tal-oppożizzjoni. L-appoġġ tal-UE għall-elezzjonijiet kien imfaħħar mill-gvern tal-Gana. Huwa kien jikkonsisti mill-finanzjament ta' tliet istituzzjonijiet indipendenti involuti fil-proċess elettorali (il-Kummissjoni Elettorali, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Edukazzjoni Ċivika u l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Mezzi tal-Infommazzjoni). Barra minn hekk, l-UE appoġġat proġetti implimentati mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika, li għadha lura minkejja żieda inkoraġġanti fl-għadd ta' nisa eletti fil-Parlament il-ġdid, minn 19 għal 30.

Ginea

Wara l-kolp ta' stat militari tat-23 ta' Diċembru 2008, l-UE ssospendiet il-kooperazzjoni tagħha mal-Ginea u adottat pjan direzzjonali biex jerġa' jkun hemm id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Għalkemm kien hemm xi ftit tal-progress – b'mod partikolari fir-rigward tal-proċedura għat-tħejjija tal-elezzjonijiet parlamentari, li kien hemm dewmien sinifikanti fihom – dawn il-miżuri baqgħu fis-seħħ. Permezz tad-djalogu politiku previst fl-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija bejn AKP u l-UE, l-UE għamlet pressjoni biex isiru elezzjonijiet parlamentari liberi u trasparenti, li jikkompletaw it-transizzjoni lejn id-demokrazija u jippermettu li tissokta b'mod sħiħ il-kooperazzjoni mal-Ginea. Il-fatt li l-elezzjonijiet parlamentari kienu skedati għat-12 ta' Mejju 2013 fisser li l-UE kienet kapaċi tiffirma d-dokumenti ta' kooperazzjoni skont l-għaxar FEŻ u timplimenta l-programmi li jipprovdu appoġġ dirett għall-poplu, inkluż programm li jappoġġa s-soċjetà ċivili li jammonta għal EUR 6 miljun. Madankollu, 80 % tal-fondi tal-FEŻ għadhom soġġetti għat-twettiq ta' elezzjonijiet liberi u trasparenti, li d-data tagħhom, sadanittant, reġgħet ġiet posposta. L-UE rilaxxat fondi biex tappoġġa l-elezzjonijiet sabiex tissalvagwardja l-proċess elettorali u għadaqstant tikkontribwixxi għal atmosfera politika kalma.

L-impunità għadha kwistjoni ta' tħassib serju. L-UE kompliet tagħti appoġġ ta' natura ġudizzjarja lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem sabiex huma jkunu jistgħu jgħinu lill-vittmi ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem biex jorganizzaw u jieħdu azzjoni ċivili, u tappoġġahom matul il-proċess investigattiv kollu sal-kawża. Tali appoġġ oriġinarjament iffoka fuq l-avvenimenti ta' Settembru 2009 iżda ġie estiż fl-2012 biex jinkludi ksur serju ieħor tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq fl-2007 u l-2010. Miżuri oħra adottati mill-UE b'rispons għall-massakru ta' Settembru 2009 għadhom fis-seħħ: sanzjonijiet individwali kontra ħames allegati awturi tar-reat identifikati mill-Kummissjoni ta' Inkjesta tan-NU, li tnejn minnhom għadhom jokkupaw karigi għoljin fl-amministrazzjoni pubblika tal-Ginea, kif ukoll embargo fuq l-armi. L-embargo kien parzjalment illaxkat fid-dawl tal-progress li sar fir-riforma tas-settur tas-sigurtà u fl-istabbiliment mill-ġdid tal-kontroll demokratiku fuq il-forzi tas-sigurtà.

Fl-aħħar tal-2012, l-UE pprovdiet assistenza teknika għall-inkorporazzjoni tal-Istatut ta' Ruma fil-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, l-UE ħeġġet biex jiġi emendat il-qafas legali għall-ġustizzja militari, li attwalment jippermetti immunità mill-proċedimenti ċivili għal reati ġenerali mwettqa mill-persunal militari.

L-UE u l-Unicef għamlu sforzi kkoordinati biex jagħmlu pressjoni fuq il-Ginea biex tirratifika ż-żewġ Protokolli Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, l-ewwel wieħed dwar l-involviment tat-tfal fil-kunflitt armat, u t-tieni dwar il-bejgħ ta' tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pedopornografija. L-istrumenti ta' ratifika ntbagħtu lin-Nazzjonijiet Uniti f'April 2012.

Ginea Bissaw

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Ginea-Bissaw fl-2012 marret għall-agħar minħabba t-tensjonijiet li rriżultaw mill-elezzjonijiet Presidenzjali antiċipati, il-kolp ta' stat militari tat-12 ta' April u, l-aktar reċenti, attakk armat fuq barracks militari fil-21 ta' Ottubru.

Wara l-ewwel ċiklu tal-elezzjonijiet Presidenzjali, ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President ħeġġet lill-awtoritajiet darbtejn biex jieħdu r-responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħhom u jiżguraw is-sigurtà għaċ-ċittadini kollha, u enfasizzat l-importanza tal-lealtà tal-Forzi Armati lejn il-Kostituzzjoni u l-gvern elett.

Ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President ikkundannat il-kolp malli ppenetra, talbet biex jerġa' jkun hemm gvern leġittimu u biex jitlesta l-proċess elettorali. Filwaqt li enfasizzat is-sospensjoni attwali tal-biċċa l-kbira tal-għajjnuna mill-UE u l-użu mill-ġdid tal-kumpliment biex il-poplu jkun megħjun direttament, hija eskcludiet kwalunkwe appoġġ possibbli għall-gvern illeġittimu.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' April iċċaraw li la ser jiġu rikonoxxuti l-istituzzjonijiet transizzjonali awtoproklamati, u lanqas kwalunkwe arranġament li jippermetti li l-forzi armati jkomplu jipperikolaw jew jikkontrollaw is-setgħat ċivili. Il-miżuri restrittivi kontra l-individwi li jkomplu jinvolve ruħhom, jew jipprovdu appoġġ għal, atti li huma ta' theddida għall-paċi, is-sigurtà u l-istabbiltà tal-Ginea-Bissaw ġew adottati fit-3 ta' Mejju, u jimponu projbizzjoni fuq id-dħul fl-UE u l-iffriżar tal-assi ta' sitt persuni. Ħmistax-il persuna żdiedu magħhom, u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Risoluzzjoni 2048 tal-Kunsill tas-Sigurtà kienu inkorporati fid-dritt tal-UE.

Fit-12 ta' Ġunju l-PE kkundanna ferm il-kolp, u talab biex jinħelsu mingħajr kondizzjonijiet dawk li kienu detenuti illegalment, jintemmu l-vjolenza u l-intimidazzjoni u jerġa' jkun hemm b'mod sħiħ il-libertajiet fundamentali u biex dawn jiġu ggarantiti.

Fis-16 ta' Lulju l-UE estendiet l-applikazzjoni tal-miżuri skont l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou, minħabba li baqa' jkun hemm ksur tal-elementi essenzjali ta' dan il-Ftehim u s-sitwazzjoni deterjoranti fil-pajjiż tostakola r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi jew l-istat tad-dritt.

Il-klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd ma ġietx invokata minħabba li l-protokoll skada fil-15 ta' Ġunju. In-negozjati dwar l-adozzjoni ta' protokoll ġdid ġew sospiżi sakemm jerġa' jkun hemm ordni kostituzzjonali.

Fl-2012, ġew iffinanzjati erba' proġetti permezz tal-EIDHR li b'kollox swew EUR 1 200 000, u għandhom l-għan li jsaħħu r-rispett għad-drittijiet ta' gruppi vulnerabbli (in-nisa, it-tfal, id-detenuti). Fir-rikonoxximent tar-rwol prinċipali tagħha f'demokrazija li tiffunzjona, l-UE kompliet tappoġġa lis-soċjetà ċivili tal-Ginea-Bissaw permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp. Wara l-azzjonijiet vjolenti li seħħew wara l-kolp tat-12 ta' April u l-attakk armat tal-21 ta' Ottubru, id-Delegazzjoni tal-UE fil-Bissaw tat kenn lil għadd ta' membri tal-gvern leġittimu mwaqqa' u lill-opponenti politiċi minħabba biża' rigward l-integrità fiżika tagħhom jew haġjithom.

Kenja

L-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Kostituzzjoni l-ġdida li daħlet fis-seħħ f'Awwissu 2010 kien fost il-prijoritajiet ewlenin għall-UE fil-Kenja fl-2012, mhux b'inqas bil-ħsieb tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kostituzzjoni tinkludi Abbozz ta' Liġi progressiva dwar id-Drittijiet u tagħti impetu lit-tiżiħ tad-demokrazija u l-istat tad-dritt. Fil-kuntatti politiċi kollha mal-awtoritajiet Kenjani, l-implimentazzjoni tal-Kostituzzjoni kienet kwistjoni prinċipali. Għaldaqstant l-UE enfasizzat l-importanza ta' elezzjonijiet kredibbli, trasparenti u paċifiċi li ser isiru fl-2013. L-UE kellha sehem attiv fi sforzi mill-komunità internazzjonali biex tappoġġa t-tnejn tal-elezzjonijiet.

L-impunità baqgħet ta' tħassib serju u tqajmet b'mod regolari mill-UE mal-Gvern tal-Kenja u fil-messaġġi publiċi. L-UE bħala sostenitriċi soda tal-QKI hegħget lill-Gvern tal-Kenja biex jikkoopera b'mod sħiħ mal-Qorti fir-rigward tal-każijiet Kenjani. L-UE żammet ukoll il-persjoni politika fuq il-Gvern Kenjan biex jipromwovi r-riforma tal-pulizija bil-ħsieb li jsiru elezzjonijiet ġenerali paċifiċi u jintemm il-qtil extrajudizzjarju. Passi importanti kienu l-istabbiliment tal-Awtorità Indipendenti għas-Sorveljanza tal-Pulizija u l-Kummissjoni Nazzjonali għas-Servizzi tal-Pulizija kif ukoll il-ħatra ta' Spettur Ġenerali. Ir-riformi ġudizzjarji wkoll urew progress sinifikanti.

L-UE u l-Istati Membri tagħha appoġġaw ferm lid-Didfensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB). L-UE ħadet passi attivi biex timplimenta linji gwida aġġornati għad-DDB billi żammet kuntatti mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, rawmet rikonoxximent pubbliku tagħhom, ikkoordinat l-azzjonijiet tal-UE u ppromwoviet l-iskambju regolari ta' informazzjoni. Il-Kapijiet tal-Missjonijiet tal-UE għamlu stqarrija pubblika dwar il-vjolenza u l-qtil f'Tana Delta u għamlu missjoni għat-tiftix tal-fatti. Barra minn hekk, fl-2012 inżamm djalogu kontinwu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-Parlament u l-Kummissjonijiet Indipendenti. Fil-Jum tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-UE ħarġet artiklu u l-Kapijiet tal-Missjoni tal-UE ppjanaw żjara fil-ħabs fil-"Jum kontra l-Piena tal-Mewt". Madankollu fl-aħħar ħin huma ma tħallewx jidħlu mill-awtoritajiet tal-ħabs.

Lesoto

Il-Lesoto għandu ambjent politiku stabbli. F'Mejju 2012 saru elezzjonijiet fil-pajjiż sabiex jiġi elett Parlament ġdid. L-elezzjonijiet saru b'mod organizzat, effiċjenti u paċifiku. Id-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'Maseru kkoordinat il-monitoraġġ ta' dawn l-elezzjonijiet minn tim ta' 35 persuna minn Stati Membri differenti tal-UE.

Il-governanza, l-istat tad-dritt u s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Lesoto huma relattivament sodisfaċenti għall-prattiki kontinentali u reġjonali. Madankollu, għad hemm sfidi f'għadd ta' oqsma bħad-diskriminazzjoni kontra n-nisa jew l-aċċess għall-ġustizzja għal gruppi vulnerabbli.

Fl-2012, l-UE pprovdiet appoġġ għas-settur tal-ġustizzja, b'mod partikolari għall-ħidma biex tittejjeb is-sistema ta' ġestjoni ta' każijiet. Ġie rreklutat tim ta' esperti għall-assistenza teknika u saru diversi laqgħat ta' koordinazzjoni bejn l-uffiċċju tar-Registrar/Prim Imħallef, in-NAO u d-Delegazzjoni tal-UE qabel ma waslu l-esperti.

Barra minn hekk, fl-2012 l-UE tat appoġġ għad-deċentralizzazzjoni tal-gvern. Għal dan il-għan, f'Ottubru 2012 ġie ffirmat ftehim dwar kontribuzzjoni ta' EUR 8 miljun b'appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet fl-ivvelli ċentrali u lokali u l-ħolqien ta' fond biex il-Gvern jiġi appoġġat fl-għoti ta' servizzi. Fl-istess żmien, tnediet sejħa għal proposti bejn wieħed u ieħor ta' EUR 3 miljun għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jagħtu servizzi u jsaħħu l-kapaċitajiet fl-ivvelli lokali.

Fir-rigward tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali, inġhata appoġġ mill-UE għall-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari għall-orfnu u t-tfal vulnerabbli. F'Jannar 2012, l-UE ffirmat intervent għall-protezzjoni soċjali tat-tieni fażi favur l-orfnu u tfal vulnerabbli. Ġie ffirmat ftehim dwar kontribuzzjoni ta' EUR 9.8 miljun mal-UNICEF li qed taħdem mill-qrib għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Ministeru għall-Iżvilupp Soċjali u biex ittejjeb it-tfassil tal-programm ta' għotjiet fi flus kontanti.

Liberja

Id-djalogu politiku regolari bejn l-UE u l-Liberja, kif previst fl-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou, tnieda uffiċjalment fl-2012 b'laqgħa ta' livell għoli tad-Direttur Maniġerjali tas-SEAE għall-Afrika, Nicholas Westcott mal-President tal-Liberja, Ellen Johnson Sirleaf. Ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali, ir-responsabbiltà, il-promulgazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali fil-liġi lokali u l-piena tal-mewt kienu lkoll diskussi fid-djalogu politiku.

Fl-2012, l-UE kompliet bl-appoġġ tagħha għaċ-ċiklu elettorali fil-Liberja bħala parti minn EUR 7 000 000 allokati fl-2010, permezz tal-assistenza teknika maħsuba biex issaħħaħ il-kapaċitajiet tal-korpi elettorali nazzjonali.

L-UE ssorveljat mill-qrib ukoll moviment emerġenti kontra l-persuni omosesswali li jippromwovi emendi legali li jipprojbixxu ż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess u atti omosesswali. F'dan il-kuntest, l-UE involviet ruħha fid-djalogu mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jiddefendu d-drittijiet ta' persuni omosesswali.

L-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) iffinanzja żewġ inizjattivi b'appoġġ għall-kapaċità tas-Soċjetà Ċivili Liberjana li tippromwovi u tħares id-Drittijiet tal-Bniedem. Proġett ta' EUR 300 000 għandu l-għan li jappoġġa l-azzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni nazzjonali u l-koeżjoni soċjali, u l-identifikazzjoni ta' miżuri ta' sjieda lokali għall-mitigazzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitt. EUR 300 000 oħra saru disponibbli sabiex jiġi appoġġat id-djalogu bejn il-Partijiet interessati Statali u dawk Mhux Statali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, il-kapaċità tal-Kummissjoni Nazzjonali Indipendenti għad-Drittijiet tal-Bniedem li tikkoordina l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell ta' pajjiż, u l-kapaċità ta' rappurtar dwar id-drittijiet tal-bniedem mis-soċjetà ċivili.

Sabiex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-ħidma tal-UE li tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa fil-Liberja u f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, l-Isvezja kienet nominata bħala d-donatur ewlieni dwar din il-kwistjoni.

L-UE kompliet bl-appoġġ tagħha għall-edukazzjoni (EUR 2 000 000) li għen biex tinżamm tendenza pożittiva fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' tfal fl-iskejjel, u għall-progress lejn il-mira tal-MDG li tinkiseb parità bejn is-sessi fl-edukazzjoni primarja.

B'rispons għar-rati għoljin ħafna fil-Liberja ta' mwiet ta' ommijiet matul it-tqala jew ftit wara l-ħlas u bħala parti mill-appoġġ tal-UE għas-settur tas-saħħa, l-UE allokat EUR 57 miljun biex tkompli tipprovdi assistenza teknika u taħriġ biex jiġu appoġġati s-servizzi tal-ippjanar tal-familja, il-kura ostetrika ta' emerġenza u t-taħriġ tal-qwiebel.

Madagaskar

Il-Madagaskar kien soġġett għal miżuri f'konformità mal-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Cotonou minn Ġunju 2010 'l hawn wara trasferiment antikostituzzjonali tal-poter f'Marzu 2009 u ksur tal-elementi essenzjali stabbiliti fil-Ftehim ta' Cotonou (id-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt). L-issoktar tal-kooperazzjoni jiddependi mit-twettiq ta' elezzjonijiet trasparenti, liberi u kredibbli. L-elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari huma skedati għal Lulju 2013. L-UE qed tipprovdi appoġġ politiku u finanzjarju għall-proċess elettorali sabiex tintemm il-kriżi. Id-djalogu politiku bejn l-awtoritajiet tal-Madagaskar u l-UE sskota f'Novembru 2012 u ġew allokat EUR 17-il miljun b'appoġġ għall-proċess elettorali.

Fl-2010 il-Madagaskar sarlu Eżami Perjodiku Universali. Minn total ta' 84 rakkomandazzjoni li saru mill-Istati Membri tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-awtoritajiet tal-Madagaskar aċċettaw 65. F'Marzu 2012, l-awtoritajiet adottaw pjan biex jiddaħħlu fis-seħħ ir-rakkomandazzjonijiet b'rabta ma' tali kwistjonijiet bħall-adeżjoni mal-istrumenti internazzjonali u r-riforma legiislattiva, u t-tiħiħ tas-sistema internazzjonali tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sejħa għal proposti tal-2012 mill-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) iffokat fuq tliet priyoritajiet: il-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, il-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal, u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa.

Id-drittijiet tat-tfal tqajmu prinċipalment flivell bilaterali mill-Istati Membri li huma attivi fis-settur tal-edukazzjoni. Id-drittijiet tat-tfal kienu wkoll wieħed mill-objettivi fis-sejħa għal proposti msemmija hawn fuq skont l-EIDHR CBSS (Skemi ta' Appoġġ Speċifiċi għall-Pajjiż) immedija f'Ottubru. Permezz tal-Programm ta' Governanza Demokratika, l-UE appoġġat ukoll it-traduzzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal għal tliet lingwi tal-post u wettqet attivitajiet ta' sensitizzazzjoni.

Malawi

Fl-2012, il-President il-ġdid Joyce Banda għamlet bidliet fir-rigward tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fil-Malawi. Pereżempju, tħassru xi liġijiet restrittivi u kien hemm inizjattivi biex jiġu riveduti l-liġijiet li jikkriminalizzaw l-omosesswalità. Barra minn hekk, it-tmexxija politika attwali saħħet id-djalogu mas-soċjetà ċivili.

Il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni fil-Malawi baqgħu fuq quddiem fl-aġenda tal-UE għall-2012. L-UE involviet ruħha fid-djalogu politiku u s-sostenn tal-Gvern u appoġġat id-drittijiet tal-bniedem permezz tal-kooperazzjoni tagħha għall-iżvilupp.

L-UE, flimkien mal-Istati Membri rrappreżentati fil-Malawi qajmu b'mod proattiv il-kwistjoni tal-libertà ta' espressjoni u l-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni fid-djalogu politiku tagħha mal-Gvern. - Barra minn hekk, il-libertà ta' espressjoni b'enfasi partikolari fuq il-mezzi tal-informazzjoni hija wieħed mill-oġettivi tal-Iskemi ta' Appoġġ Speċifiki għall-Pajjiż tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR CBSS) li kienu mnedija f'Ottubru 2012.

Id-Delegazzjoni tal-UE organizzat ukoll diskussjonijiet madwar mejda tonda fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem 2012 li kien iddedikat għall-kwistjoni tal-parteċipazzjoni politika.

Il-Malawi kien l-ewwel pajjiż li rċieva missjoni ta' segwitu għall-Osservazzjoni Elettorali tal-UE f'Diċembru 2012. Il-missjoni tat opportunità tajba għal djalogu mal-partijiet interessati dwar it-tħejjijiet għal elezzjonijiet kredibbli fl-2014. Sabiex tassisti lill-pajjiż fit-tħejjijiet tal-elezzjonijiet tal-2014, l-UE pprovdiet assistenza finanzjarja u teknika lill-Kummissjoni Elettorali tal-Malawi (KEM) permezz tal-Programm ta' Governanza Demokratika.

Il-kwistjonijiet tal-minoranzi, b'mod partikolari d-drittijiet ta' persuni LGBTI, ukoll kienu parti mid-djalogu politiku u d-diskussjonijiet bilaterali mal-President Joyce Banda, kif ukoll mal-Ministru tal-Ġustizzja.

Fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi, f'Mejju 2012, l-UE ffirmat Ftehim dwar Kontribuzzjoni mal-Fond tan-NU għall-Popolazzjoni biex timplimenta programm biex tgħin lill-Gvern tal-Malawi jnaqqas l-inugwaljanzi bejn is-sessi fl-aċċess għal riżorsi produttivi u l-opportunitajiet ta' żvilupp. Il-kontribuzzjoni tal-UE għal dan il-programm hija ta' EUR 10.9 miljun. Barra minn hekk, l-UE pparteċipat ukoll fil-Grupp ta' Għajnuna għall-Iżvilupp għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (DAGG) li huwa forum għad-djalogu dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u li jlaqqa' lis-sħab għall-iżvilupp, is-soċjetà ċivili u l-Gvern tal-Malawi.

Id-drittijiet tat-tfal tqajmu prinċipalment flivell bilaterali mill-Istati Membri li huma attivi fis-settur tal-edukazzjoni. Il-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal kienet ukoll wieħed mill-objettivi fis-sejħa għal proposti msemmija hawn fuq skont l-EIDHR CBSS immedija f'Ottubru. Permezz tal-Programm ta' Governanza Demokratika, l-UE appoġġat ukoll it-traduzzjoni tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal għal tliet lingwi tal-post u wettqet attivitajiet ta' sensitizzazzjoni.

Mali

Il-kolp ta' stat tat-22 ta' Marzu 2012 waqqaf b'mod immedjat u mhux mistenni r-riformi istituzzjonali kollha, il-proċess elettorali u l-mudell demokratiku ta' Mali li ilu fis-seħħ mill-1992. Huwa wassal għall-istabbiliment ta' gvern ta' unjoni nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Mali⁶ u l-Artikolu 6 tal-Ftehim Qafas iffirmit mill-partijiet interessati rilevanti⁷. Għandu jiġi nnotat li l-avvenimenti tal-2012 kienu r-riżultat ta' sfiċa b'diversi aspetti għall-"mudell" demokratiku ta' Mali u jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti għal riforma tal-metodu ta' governanza f'livell politiku, amministrattiv u ekonomiku. Is-sitwazzjoni ta' kriżi li ilha teżisti f'Mali minn Jannar 2012 'l hawn kellha impatt dirett u sinifikanti fuq iż-żamma u l-konsolidazzjoni tal-kisbiet fir-rigward tar-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u t-tgawdija tagħhom f'Mali, kif ukoll fuq il-kapaċità ta' Mali li jippromwovi u jħares id-drittijiet tal-bniedem. Kien hemm diversi każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li twettqu wara l-kolp ta' stat tat-22 ta' Marzu u l-ġlieda mingħajr suċċess kontra l-kolp fit-30 ta' April 2012. Fit-Tramuntana, l-applikazzjoni stretta tax-Sharia minn gruppi armati wasslet għal numru kbir ta' atti ta' vjolenza.

L-okkupazzjoni tat-Tramuntana tal-pajjiż minn gruppi armati għamlitha impossibbli li jsir kwalunkwe intervent jew jingħata kwalunkwe appoġġ lill-NGOs fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, fil-biċċa l-kbira minħabba li ma kienx possibbli li tiġi ggarantita s-sigurtà ta' dawk li jaħdmu fuq dawn il-kwistjonijiet.

Madankollu, id-delegazzjoni kienet qed tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'Mali. Pereżempju, saru laqgħat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC) mit-Tramuntana. Għalkemm jeħtieġ li l-istrateġija lokali għad-drittijiet tal-bniedem tiġi aġġornata, il-prijoritajiet li identifikat għadhom rilevanti, u kien possibbli li jitkomplew il-miżuri li ttieħdu skont din.

⁶ *"Fil-każ li għal xi raġuni l-uffiċċju tal-President tar-Repubblika jsir battal jew minħabba impediment assolut u permanenti... il-funzjonijiet tal-President tar-Repubblika għandhom jiġu eżerċitati mill-President tal-Assemblea Nazzjonali."*

⁷ *"Għandhom ikunu stabbiliti korpi transizzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-proċess transizzjonali sakemm issir elezzjoni presidenzjali abbażi ta' reġistru elettorali li jkun ġie debitament rivedut u aċċettat minn kulħadd."* [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Barra minn hekk matul l-2012 ġew ikkunsidrati serjament il-miżuri li setgħu jibdew jew setgħu jiġu appoġġati hekk kif il-parti tat-Tramuntanta ssir aċċessibbli. Fil-qafas tal-EIDHR, tfasslu linji gwida li jistabbilixxu l-prijoritajiet li ġejjin: (i) il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispons għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem għat-territorju kollu ta' Mali, u (ii) ir-rispons għall-kunflitt fit-Tramuntana ta' Mali. Saru diskussjonijiet mal-OSĊ li huma f'pożizzjoni li jieħdu miżuri f'dawn l-oqsma u oħrajn għadhom għaddejjin.

Bħala parti mill-Programm ta' Appoġġ għas-Soċjetà Ċivili (PASOC) ġie kkunsidrat b'mod komprensiv l-għoti ta' appoġġ lill-OSĊ ta' Mali f'miżuri relatati b'mod partikolari mal-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett lejhom, u l-adattament tal-ftehim ta' finanzjament għal ħtiġijiet u rekwiżiti ġodda.

Sabiex jiġi implimentat il-programm ta' appoġġ tagħna għall-proċess elettorali, l-UE ffinanzjat awditu taż-żewġ reġistri li jistgħu potenzjalment jintużaw bħala reġistru elettorali. Din il-miżura kienet ta' importanza kbira u tikkostitwixxi prekondizzjoni essenzjali biex jingħata bidu għal proċess elettorali fuq bażi konsenswali u kredibbli.

Fil-kuntest tar-reviżjoni ta' tmiem il-perijodu u r-ridistribuzzjoni tal-fondi mill-ġaxar FEŻ għal Mali, ġew ikkunsidrati b'mod sinifikanti l-miżuri li jistgħu jinbdew jew jinżammu hekk kif il-parti tat-Tramuntana ssir aċċessibbli u hekk kif il-gvern jadotta l-pjan direzzjonali għat-transizzjoni. Għaddej proċess biex jiġi identifikat programm ta' medjazzjoni u rizzoluzzjoni ta' kunflitti, bil-għan li jingħata kontribut għall-istabbiliment tal-paċi dejjiema f'Mali.

Qed jitħejjew programmi biex jiġi appoġġat ir-ritorn lejn l-ordni kostituzzjonali u jissaħħa l-istat tad-dritt: programm ta' appoġġ għall-proċess elettorali, u l-istabbiliment ta' Kuntratt għall-Bini ta' Stat.

Ovvjament għandu jittieħed kont ukoll tad-diskussjonijiet politiċi li għandhom isiru mid-Delegazzjoni tal-UE mal-awtoritajiet kollha ta' Mali.

Mawritanja

Il-kwistjonijiet ewlenin fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem jikkonċernaw il-persistenza ta' forom moħbija ta' skjavitù, il-vjolenza domestika u l-vjolenza sesswali kontra n-nisa, u l-kondizzjonijiet inaċċettabbli ta' detenzjoni u l-każijiet individwali ta' tortura. Il-piena tal-mewt għadha legali u evidenti. Madankollu, il-Mawritanja ilha tapplika moratorju *de facto* mill-1987 'l hawn. Il-firxa wiesgħa ta' reati kriminali punibbli bil-piena tal-mewt hija ta' tħassib partikolari inklużi l-attivitajiet relatati mad-drittijiet tal-persuni LGBTI. Dawn il-problemi huma aggravati minn sistema tal-ġustizzja ineffiċjenti u inaffidabbli u minn nuqqas ta' rieda politika ta' involviment friformi importanti. Fl-2012, żewġ detenuti mietu fil-ħabs apparentement wara li ssawtu mill-gwardjani. Dawn il-każijiet qed jiġu investigati iżda s'issa ma nġhatat l-ebda informazzjoni uffiċjali. Reċentement (Ottubru 2012) il-Mawritanja rratifikat il-"Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura" (OPCAT).

L-iżgurar ta' elezzjonijiet kredibbli għadu sfiċa minkejja l-istabbiliment ta' Kummissjoni Elettorali Nazzjonali Indipendenti (CENI). L-elezzjonijiet leġislattivi u municiċpali kellhom isiru fil-ħarifa tal-2011. S'issa għadha ma tħabbret l-ebda data iżda hemm indikazzjonijiet li dawn jistgħu jsiru fl-2013. Ir-riforma tal-karta tal-identità u l-proċessi ta' reġistrazzjoni elettorali li għaddejjin bħalissa inizjalment kienu kkritikati bħala ta' preġudizzju kontra l-popolazzjoni b'ġilda skura, għalkemm huwa meqjus li s-sitwazzjoni tġiebet fl-2012.)

Il-mistoqsijiet tal-Parlament Ewropew fl-2012 enfasizzaw dan it-tħassib, filwaqt li ffokaw fuq l-aspetti diskriminatorji tal-proċess ta' reġistrazzjoni kontra l-Mawritanji ta' ġilda skura u s-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Il-każijiet tas-Sur Dadde, l-ex Kummissarju tad-Drittijiet tal-Bniedem miżmum fil-kustodja mingħajr proċess b'kapi ta' akkuża rigward allegazzjoni ta' korruzzjoni u s-Sur Biram, attivist kontra l-iskjavitù akkużat li hedded is-sigurtà tal-istat wara li ħaraq kotba reliġjużi li fil-fehma tiegħu jippermettu l-iskjavitù, juru li l-awtoritajiet ma rnexxielhomx jappoġġaw id-drittijiet legali bażiċi ta' dawn id-detenu. Madankollu, it-tnejn inġelsu proviżorjament. Il-PE ma ħariġx rizzoluzzjonijiet dwar il-Mawritanja fl-2012. Il-ftehim dwar is-sajd bejn l-UE u l-Mawritanja li l-PE għadu ma rratifikax jipprevedi l-possibbiltà ta' sospensjoni fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

Fl-2012, id-Delegazzjoni tal-UE appoġġat ferm iż-żewġ NGOs prinċipali (benefiċjarji ta' għotjiet tal-EIDHR) li l-impenn tagħhom irriżulta fi proposta għal abbozz ta' leġiżlazzjoni li tipprevjeni l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet. Il-proposta qed tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet rilevanti sabiex tiġi diskussa u adottata mill-Parlament.

Wara r-ratifika tal-OPCAT, id-Delegazzjoni tal-UE u l-Ambaxxata Franċiża taw appoġġ finanzjarju u loġistiku lill-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem biex torganizza konferenza dwar l-implimentazzjoni tal-OPCAT f'Nouakchott f'Diċembru.

F'livell operazzjonali, saru diversi attivitajiet iffinanzjati mid-disa' FEŻ fis-settur tal-ġustizzja. Pereżempju, l-UE appoġġat sħarriġ nazzjonali dwar il-perċezzjoni dwar il-ġustizzja, l-organizzazzjoni ta' sitt kummissjonijiet biex tittejjeb u tiġi mmodernizzata l-leġislazzjoni f'sitt sferi, u l-ħolqien ta' bażi tad-data pubblika li tinkludi l-leġislazzjoni kollha ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali. Barra minn hekk, ġew iffinanzjati wkoll bażi tad-data għall-ġestjoni tan-nies fil-ħabs, film għall-gwardjani tal-ħabs u l-ħabsin biex jittejjbu t-trattament u l-kondizzjonijiet, u sensiela ta' taħriġ maħsuba għall-atturi kollha tal-ġustizzja (l-imħallfin, l-iskrivani, is-soċjetà ċivili, il-mezzi tal-informazzjoni, il-membri tal-parlament).

Politikament, l-approċċi tal-UE li jitolbu lill-awtoritajiet Mawritanji biex ma jivvutawx kontra moratorju tal-piena tal-mewt fil-AĠNU taw riżultati pożittivi peress li l-Mawritanja wara l-ewwel vot kontra fit-Tielet Kumitat fl-aħħar mill-aħħar astjeniet fis-sessjoni plenarja f'Diċembru 2012. Barra minn hekk, intbagħtu diversi ittri lill-awtoritajiet sabiex tinġibed l-attenzjoni tagħhom għall-problemi ta' nuqqas ta' dinamiżmu tar-riformi. B'żieda ma' dan, il-kwistjoni tal-elezzjonijiet tqajmet fil-laqgħat regolari tad-djalogu politiku. Barra minn hekk, il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem tqajmu b'mod regolari fil-kuntest tad-djalogu politiku uffiċjali mal-gvern u f'okkażjonijiet bilaterali oħrajn.

Mawrizju

F1-2012 il-forum ewlieni għall-promozzjoni attiva mill-UE tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt kien permezz tad-Djalogu Politiku mal-Gvern tal-Mawrizju u l-laqgħat mal-Ministru tal-Affarjiet Barranin, l-Ispeaker tal-Parlament, il-mexxejja tal-oppożizzjoni, ir-rappreżentanti tas-settur privat u d-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Sar djalogu ta' livel għoli biex jappoġġa lill-Mawrizju fil-ġlieda tiegħu kontra l-piraterija u b'mod partikolari fil-prosekuzzjoni ta' pirati suspettati fil-Mawrizju. L-UE pprovdiet ukoll appoġġ finanzjarju lill-Mawrizju wara l-proklamazzjoni tal-"Abbozz ta' Liġi dwar il-Piraterija u l-Vjolenza Marittima" u l-ftehim bejn l-UE u l-Mawrizju dwar il-kondizzjonijiet ta' trasferiment ta' pirati suspettati mill-missjoni PSDK tal-UE (EUNAVFOR ATALANTA) lejn il-Mawrizju.

F'konformità mal-prijoritajiet tad-drittijiet tal-bniedem li jittejbu l-kondizzjonijiet fil-ħabs, l-UE, permezz tal-UNODC, iffinanzjat xogħlijiet ta' rinnovazzjoni f'sezzjoni ta' ħabs u għenet lill-Mawrizju fit-tnejn tas-sistema legali u ġudizzjarja tiegħu biex isir proċess u għad-detenzjoni ta' pirati suspettati. Barra minn hekk, f'Settembru 2012 id-Delegazzjoni tal-UE nediet sejħa għal proposti għal azzjonijiet immirati lejn in-nisa u t-tfal li qed ibatu.

Możambik

FI-2012, l-UE ffokat fuq il-prijoritajiet ewlenin li ġejjin: infurzar aħjar tal-istat tad-dritt, il-libertà ta' espressjoni u l-aċċess għall-informazzjoni, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-Istatut ta' Ruma, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Eżami Perjodiku Universali u l-Prinċipji ta' Pariġi.

L-UE appellat biex is-sistema tal-ġustizzja tal-Możambik ma tkunx soġġetta għall-influwenza jew il-korruzzjoni politika, għal kondizzjonijiet ta' detenzjoni aħjar u għat-tmiem tal-impunità fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem minn korpi tal-infurzar tal-liġi u l-gwardjani tal-ħabs. L-appoġġ politiku u finanzjarju mogħti lill-Ministeri tal-Ġustizzja u l-Intern permezz tal-infrastruttura għabu xi riżultati konkreti u kkontribwixxa għall-adozzjoni ta' riformi importanti (servizzi penitenzjarji, statut tal-persunal tal-ħabs).

Matul iż-żjara tal-President tal-Kummissjoni Ewropea Barroso f'Lulju 2012, ġie ffirmat mal-awtoritajiet programm ta' appoġġ ta' EUR 9 miljun għall-istat tad-dritt. Proġett iffinanzjat taħt l-EIDHR appoġġa l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fir-riforma elettorali, taħt il-koordinazzjoni tal-Fondazzjoni Konrad Adenauer u l-Osservatorju Elettorali nazzjonali (pjattaforma tal-NGOs). Tfassal kontribut mis-soċjetà ċivili u dan ġie ppreżentat lill-Parlament. L-UE għamlet ukoll lobbying flivell politiku (il-membri Parlamentari u l-komitati rilevanti) għal riforma elettorali komprensiva.

L-UE kompliet tappella għall-adozzjoni ta' abbozz ta' liġi dwar l-aċċess għall-informazzjoni u ħeġġet bis-sħiħ lill-awtoritajiet biex iżidu t-trasparenza dwar il-governanza ekonomika. L-adeżjoni tal-Możambik għall-istatus ta' lment tal-EITI (Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi) kienet wieħed mill-passi kbar 'il quddiem tal-2012.

L-UE kompliet tagħmel lobbying ukoll flivell għoli għar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni tal-persuni LGBTI LAMBDA (li ilha blukkata mill-2008). Ġew iffinanzjati proġetti biex jittejjbu l-kapaċitajiet u l-protezzjoni tal-ġurnalisti u biex il-komunitajiet jiġu megħjuna jsemmgħu leħinhom (EIDHR).

Barra minn hekk, l-UE ħatret Uffiċjal ta' Kollegament tal-UE għad-DDB. Fl-10 ta' Diċembru, ġie organizzat djalogu mad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar is-suġġett tat-Trasparenza u l-Aċċess għall-Informazzjoni.

Inġhata appoġġ finanzjarju, tekniku u politiku lil għadd kbir ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u pjattaformi li jaħdmu fuq diversi komponenti tad-drittijiet tal-bniedem. Minbarra l-finanzjament kruċjali mogħti mill-Istati Membri, id-Delegazzjoni tal-UE użat l-Iskema ta' Appoġġ Speċifiku għall-Pajjiż tal-EIDHR biex tappoġġa disa' proġetti f'diversi oqsma. L-UE għamlet pressjoni fuq il-Gvern tal-Możambik biex joħroġ stedina permanenti lir-Relaturi Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u għal tweġiba għal talba mir-Relatur Speċjali tan-NU dwar Qtil Extraġudizzjarju.

L-UE komplet thegħegħ lill-Gvern u lill-Parlament u tappoġġa l-isforzi mill-Assoċjazzjoni tal-Avukatura għar-ratifika tal-Istatut ta' Ruma, filwaqt hegħget biex tittieħed l-opportunità mogħtija mir-rieżami kostituzzjonali li beda jsir fl-2012 sabiex jitneħħew l-ostakli legali.

Fl-2012, l-UE attendiet u appoġġat avvenimenti importanti relatati mal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet approvati matul l-EPU tal-2011. Ir-Renju Unit ta appoġġ għat-tħejjija tal-pjan ta' azzjoni u rapport dwar il-progress mill-Ministeru tal-Ġustizzja.

Namibja

Il-prijorità ewlenija tad-Delegazzjoni fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem fin-Namibja hija l-konsolidazzjoni tal-proċessi u l-istituzzjonijiet demokratiċi, kif ukoll il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni politika u l-pluraliżmu. Fl-2012, id-Delegazzjoni tal-UE indirizzat din il-prijorità permezz tat-tnedija tal-Programm ta' Appoġġ Parlamentari tal-FEŻ u permezz ta' laqgħat regolari bejn il-Grupp ta' Ħidma għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fin-Namibja.

Fl-2012, l-Uffiċċju tal-Ombudsman ikkummissjona, bl-appoġġ tal-UE, stħarriġ bażiku komprensiv dwar id-drittijiet tal-bniedem fin-Namibja. L-objettiv ewlieni tal-istudju bażiku huwa li jikkontribwixxi għall-formulazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (NHRAP) li jista' jiġi ppubblikat fi tmiem l-2013.

Minħabba r-rati għoljin ta' każijiet ta' vjolenza sessista fin-Namibja, il-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa hija objettiv importanti tal-UE fil-pajjiż. Attwalment l-UE qed tipprovdi appoġġ għal proġett implimentat minn Women's Action for Development u l-Konrad Adenauer Stiftung biex issir sensibilizzazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa. Fl-2012, id-Delegazzjoni tal-UE, fi sħubija mas-soċjetà ċivili, u bil-parteċipazzjoni attiva tal-Ministeru tan-Namibja għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Benessri tat-Tfal, ospitat workshop dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi rigward il-kondiviżjoni ta' informazzjoni għat-tiżni tas-sħubiji, sabiex il-Politika Nazzjonali dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi tiġi implimentata aħjar.

Prijorità importanti tal-UE hi li jiġu indirizzati l-abbuż u n-negliġenza tat-tfal b'konsegwenza tal-prevalenza għolja tal-HIV/AIDS fil-pajjiż. Fl-2012, l-UE ffinanzjat inizjattivi biex tagħti setgħat lit-tfal permezz tal-edukazzjoni, u biex tappoġġa lil tfal neqsin mis-smiġh, lill-familji u l-komunitajiet tagħhom. Barra minn hekk, l-UE appoġġat proġett dwar id-drittijiet tat-tfal ma' Terre des Hommes, organizzazzjoni li għandha l-għan li ttejjeb il-kondizzjonijiet tal-għajxien għal tfal marġinalizzati u vulnerabbli u għal adoloxxenti li jgħixu fl-insedjamenti informali ta' Katutura.

Fin-Namibja, l-UE għandha l-għan ukoll li ttipromwovi l-protezzjoni tal-minoranzi, bħan-nies indiġeni, inklużi l-persuni San. L-UE qed tappoġġa proġett li jtejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal San u li huwa implimentat mill-Grupp ta' Ħidma għall-Minoranzi Indiġeni tal-Afrika t'Isfel (WIMSA).

Il-Kawża dwar it-Tradiment Caprivi (Caprivi Treason Trial) tkompli tħammeġ ir-rekords tan-Namibja fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem. 108 detenuti ilhom fil-kustodja mill-2003 'l hawn akkużati bi tradiment u kospirazzjoni fir-reġjun ta' Caprivi. L-għadd ta' persuni li mietu fil-ħabs żdied b'wieħed, u b'hekk l-ammont totali laħaq it-22. Fl-2012, l-UE għamlet Stqarrija Lokali li tappella biex il-kawża tintemm malajr.

Fil-laqgħa ta' djalogu politiku bejn l-UE u n-Namibja, u f'laqgħat regolari mal-gvern, l-UE qajmet diversi kwistjonijiet ta' tħassib għall-UE rigward id-drittijiet tal-bniedem bħad-dewmien fl-adozzjoni tal-Abbozz ta' liġi dwar il-Kura u l-Protezzjoni tat-Tfal u l-Liġi ta' Implimentazzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali.

Niġer

Minn meta l-awtoritajiet eletti ġodda ħadu l-poter f'April 2011, in-Niġer baqa' impenjat li jggarantixxi r-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali. F'dan il-kuntest, il-klassifikazzjoni tan-Niġer fl-indiċi tal-libertà tal-istampa tar-Reporters without Borders tela' mill-104 post għad-29 post. Ma ġie osservat l-ebda ksur sistematiku tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini matul il-perijodu eżaminat. L-azzjoni tal-UE għall-promozzjoni tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem għaldaqstant saret f'kundizzjonijiet li b'mod ġenerali kienu favorevoli.

Waħda mill-prijoritajiet tal-UE fl-azzjoni tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem kienet il-promozzjoni tar-rispett għall-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt. Fil-qafas tal-Programm ta' Appoġġ għas-Soċjetà Ċivili (PASOC II), f'Ottubru 2012 ġiet ippubblikata sejħa għal proposti għall-implimentazzjoni ta' miżuri li jippromwovu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u d-drittijiet taċ-ċittadini fir-reġjuni ta' Agadez, Maradi, Tahoua u Zinder. Din is-sejħa għal proposti hija primarjament maħsuba għall-organizzazzjonijiet importanti tal-komunità.

F'Jannar 2012, bdiet ukoll l-implimentazzjoni tal-erbatax-il kuntratt ta' għotja ffinanzjati taħt il-programm tematiku "Atturi Mhux Statali u Awtoritajiet Lokali". Dawn il-proġetti, li qed jitwettqu mill-OSĊ u mill-awtoritajiet lokali tan-Niġer u Ewropej, huma maħsuba biex itejbu l-governanza (ir-responsabbiltà ċivika tal-azzjoni pubblika, it-tiŝhih tal-kapaċitajiet tas-soċjeta' ċivili) u/jew il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti.

Fir-rigward tat-titjib tal-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja, il-"Konferenza tal-partijiet interessati dwar il-ġustizzja" li saret f'Novembru 2012 kienet pass importanti, li ta opportunità biex isir rendikont tas-sitwazzjoni attwali u jiġi stabbilit kunsens dwar ir-riformi li għandhom jitwettqu f'dan il-qasam. Id-diskussjoni kienet miftuħa u libera ħafna. L-UE ser tappoġġa wħud mir-riformi ppjanati permezz tal-Programm ta' Appoġġ għall-Ġustizzja u l-Istat tad-Dritt (PAJED II).

Il-protezzjoni tan-nisa u tat-tfal ikkostitwixxiet it-tielet qasam ta' assistenza għan-Niġer fl-2012; l-Unicef bdiet timplimenta l-parti tal-programm li tikkonċerna l-istatus ċivili biex tappoġġa l-iżvilupp ta' sistema ta' statistika nazzjonali għall-promozzjoni tal-governanza u l-monitoraġġ/evalwazzjoni tal-faqar (PASTAGEP). Wieħed mir-riżultati mistennija huwa li tidied ir-rata tar-reġistrazzjoni tat-twelid, li attwalment mhix aktar minn 30 %. L-għodod li attwalment qed jiġu żviluppati biex tinħoloq sensibilizzazzjoni fost il-popolazzjoni ser tgħin biex tiżdied id-domanda għas-servizzi ta' reġistrazzjoni.

Niġerja

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fin-Niġerja għadha inkwetanti, bi ksur serju inkluż eżekuzzjonijiet extrajudizzjarji u użu mifruq tat-tortura, għajbien furzat, attacchi terroristiċi u ksur tad-drittijiet tan-nisa u tat-tfal. L-UE u n-Niġerja qed jaħdmu flimkien biex jindirizzaw dawk il-problemi kapitali.

It-tielet sessjoni tad-djalogu informali lokali bejn l-UE u n-Niġerja dwar id-drittijiet tal-bniedem saret fi Frar 2012. Din kienet segwita minn laqgħa tal-Uffiċjali Għolja u l-Laqgħa Ministerjali bejn l-UE u n-Niġerja, li koprew ukoll id-drittijiet tal-bniedem. Id-drittijiet tal-bniedem kienu diskussi wkoll matul iż-żewġ żjarat tal-koordinatur tal-UE għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, fi Frar u Diċembru 2012 rispettivament. F'Novembru saret laqgħa mal-President tal-Kumitati għad-drittijiet tal-bniedem tal-Kamra tar-Rappreżentanti biex jiġu diskussi l-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u biex tiġi espressa l-pożizzjoni tal-UE dwar l-Abbozz ta' Liġi dwar Żwieġ bejn Persuni tal-Istess Sess (SSMB). F'Marzu 2012 ġiet organizzata laqgħa mal-President tal-Kunsill Governattiv tal-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem. Huwa kien mistieden ukoll biex jindirizza l-grupp ta' ħidma lokali tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem, sabiex jippreżenta l-prijoritajiet tiegħu. Il-kuntatti nżammu matul is-sena kollha.

Matul il-perijodu ta' rappurtar, saru seba' gruppi ta' ħidma lokali tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem. Saru tliet laqgħat ad hoc tal-Kunsillieri Politiċi tal-UE dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem (il-ġustizzja internazzjonali, id-dritt għal akkomodazzjoni adegwata, id-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra t-terroriżmu). F'Lulju u Ottubru 2012, rispettivament, ġew organizzati laqgħat tal-Kapijiet tal-Missjonijiet tal-UE mal-Prosekutur tal-QKI u s-Segretarju Ġenerali tal-Amnesty International.

Tmien organizzazzjonijiet differenti għad-drittijiet tal-bniedem kienu mistiedna jindirizzaw lill-gruppi ta' ħidma lokali tal-UE. Fi Frar 2012 ġiet organizzata laqgħa ta' konsultazzjoni annwali mal-organizzazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem (ospitata mill-Isvezja). F'Awwissu 2012, il-punt fokali tad-Delegazzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem għamel żjara f'Lagos, fejn saru laqgħat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi dawk li jiffokaw fuq ir-riforma tal-pulizija, id-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet soċjali u ekonomiċi. Saru żjarat fuq il-post f'Makoko (Lagos) u Mpape (Abuja), żewġ żoni fejn ġie ppjanat li jiġu żgumbrati d-djar. Il-punt fokali attenda wkoll laqgħa ta' konsultazzjoni ad hoc (ospitata mir-Renju Unit) mal-attivisti LGBTI f'Novembru 2012, wara l-adozzjoni tal-SSMB mill-Kamra tar-Rappreżentanti fit-tieni qari tiegħu. Wara ż-żjarat fuq il-post mid-Delegazzjoni tal-UE f'Kaduna u f'Jos, ġiet organizzata sessjoni ta' taħriġ għas-soċjetà ċivili f'Abuja dwar il-medjazzjoni. Iċ-Ċentru ta' Medjazzjoni bejn Reliġjonijiet Differenti (Kaduna) aktar tard kien mistieden jinteraġixxi mar-rappreżentanti tal-komunità diplomatika f'Abuja. Matul is-sena saru kuntatti oħra mal-mexxejja reliġjużi.

Saret stqarrija mir-RGħ/VP li tikkundanna l-attakki terroristiċi, inklużi dawk f'postijiet ta' qima. F'Ottubru 2012 saret stqarrija pubblika lokali dwar ir-riskju ta' eżekuzzjonijiet fl-Istat ta' Edo. Id-Delegazzjoni tal-UE ħadet sehem f'diversi avvenimenti pubbliċi fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, inkluża konferenza stampa konġunta mal-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll djalogu mal-President tal-Kumitat għall-Ġustizzja u d-Drittijiet tal-Bniedem tas-Senat u l-Ministru tal-Ġustizzja. Inħolqot sigla fuq ir-radju, sponsorjata flimkien ma' rappreżentazzjonijiet diplomatiċi bl-istess fehmiet, u din ixxandret (47 xandiriet) fuq l-akbar netwerk tar-radju Niġerjan.

Fl-2012, kienu qed jiġu implimentati tmien proġetti fin-Niġerja taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) li jkopru oqsma inklużi l-ġlieda kontra t-tortura u l-maltrattamenti, l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, il-ġlieda kontra l-qtil extraġudizzjarju, iż-żamma tal-paċi u l-prevenzjoni tal-kunflitti u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bniedem. Barra minn hekk, sejħa għal proposti tal-Iskema ta' Appoġġ Speċifiku għall-Pajjiż tal-EIDHR (CBSS, jiġifieri mnedija lokalment) irriżultat fl-għoti ta' seba' kuntratt ta' għotja għall-implimentazzjoni ta' proġetti f'oqsma bħall-bini tal-paċi u l-prevenzjoni tal-kunflitti, il-ġlieda kontra t-tortura u l-maltrattamenti, id-drittijiet tan-nisa u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-ġlieda kontra t-traffikar tat-tfal.

Proġett wieħed kien qed jiġi implimentat taħt l-Istrument għall-Istabbiltà, biex jiġu promossi l-paċi u l-istabbiltà fid-Delta tan-Niġer. Tnediet sejħa għal espressjoni ta' interess taħt l-istess strument tal-"Middle Belt".

Tnieda programm ta' EUR 28 miljun, 'Appoġġ tal-UE għas-Settur tal-Ġustizzja', flimkien mal-Ftehim dwar Kontribuzzjoni mal-Uffiċċju tan-Nazzjoniet Uniti dwar id-Drogi u l-Kriminalità (UNODC).

Fl-2012, l-UE u n-Niġerja komplew jikkooperaw rigward kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni u l-iżvilupp fil-qafas tad-Djalogu għall-Migrazzjoni u l-Iżvilupp stabbilit fl-2008. It-traffikar tal-bnedmin huwa kwistjoni ta' tħassib partikolari. F'dan ir-rigward, in-Niġerja ġiet inkluża fil-lista ta' pajjiżi ta' prijorità għall-kooperazzjoni f'dan il-qasam. L-UE u n-Niġerja ħadmu wkoll flimkien fuq il-ġbir ta' data, it-taħriġ u l-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni.

Rwanda

L-involviment fid-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni fir-Rwanda kompli jikklassifika fuq quddiem fl-attivitajiet tal-UE, kemm fir-rigward tad-djalogu politiku u s-sostenn minn naħa waħda kif ukoll l-appoġġ finanzjarju min-naħa l-oħra.

Il-prijorità għall-azzjoni tal-Unjoni Ewropea fl-2012 kienet l-appoġġ u l-monitoraġġ tat-twettiq tal-impenji li r-Rwanda ħadet li timplimenta **r-rakkomandazzjonijiet tal-Eżami Perjodiku**

Universali (EPU) tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, ta' Jannar 2011. Sar enfasi partikolari fuq dawk l-impenji li jindirizzaw ir-restrizzjonijiet attwali li jillimitaw l-ispazju politiku billi jimpedixxu d-dibattitu politiku, jostakolaw il-libertà ta' espressjoni u jfixklu l-organizzazzjoni politika. L-indipendenza tal-ġudikatura u l-isfond vibranti tal-mezzi tal-informazzjoni kienu aspetti importanti f'dan il-kuntest.

Fl-2012, l-UE kienet qed issegwi **r-riforma tal-mezzi tal-informazzjoni; il-kodiċi penali, u r-riformi relatati mal-elezzjonijiet inklużi l-partiti politiċi, il-liġi dwar l-ideoloġija tal-ġenoċidju** u kienet qed tappoġġa lill-Gvern tar-Rwanda biex jissodisfa l-impenji tiegħu. Minħabba l-impenji speċifiċi ħafna li l-Gvern tar-Rwanda diġà ħa fl-okkażjoni tal-EPU, l-attività elwenija tad-Delegazzjoni tal-UE kienet l-organizzazzjoni ta' djalogu regolari f'fora differenti biex jiżdied il-progress fil-proċess ta' riforma.

Fil-qafas tad-djalogu politiku (id-djalogu skont l-Artikolu 8), l-UE kellha skambju ta' fehmiet mal-awtoritajiet tar-Rwanda dwar kwistjonijiet politiċi, legali u tad-drittijiet tal-bniedem. Ġew diskussi l-liġi dwar l-ideoloġija tal-ġenoċidju, Gaçaça, il-kodiċi penali, il-liġi dwar il-mezzi tal-informazzjoni, il-kwistjonijiet rigward l-estradizzjoni u l-ġurisdizzjoni universali.

Il-gvern tar-Rwanda ppromwova **l-Valutazzjoni Konġunta tal-Governanza** (kopreseduta mid-Delegazzjoni tal-UE minn Jannar 2011 'l hawn), li permezz tagħha l-gvern flimkien mas-sħab għall-iżvilupp identifikaw b'mod regolari l-progress li sar kif ukoll l-isfidi li għad fadal, u fformulaw rakkomandazzjonijiet biex itejbu l-governanza politika u ekonomika. Fl-2012 saru regolarment Kumitati ta' Tmexxija Regolari li jiddiskuti kwistjonijiet ta' governanza. Il-kwistjonijiet taħt il-qasam ta' "Governanza Ġusta", jinkludu l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili.

Id-Delegazzjoni tal-UE u l-Istati Membri kienu attivi fl-organizzazzjoni ta' laqgħat kemm formali kif ukoll informali mal-organizzazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem.

Sabiex tassisti lill-Gvern **biex jimplimenta d-diversi riformi u jsegwi l-istat tad-dritt**, id-Delegazzjoni tal-UE kienet qed tappoġġa lill-Gvern tar-Rwanda prinċipalment permezz tal-appoġġ baġitarju ġenerali u l-appoġġ baġitarju settorjali fis-settur tal-ġustizzja, ir-rikonċiljazzjoni u l-ordni pubbliku (JRLO - justice, reconciliation, law and order). B'rabta ma' dawn il-programmi, qed isir djalogu settorjali regolari biex jiġu diskussi l-indikaturi relatati mad-drittijiet tal-bniedem (pereżempju t-tnaqqis tax-xogħol b'lura rigward kawżi pproċessati mill-qrati, il-medja ta' żmien li jdumu l-ħabs il-minorenni, l-iffullar fil-ħabsijiet). Il-miżuri li jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ddaħħlu fis-seħħ permezz tal-linji baġitarji tematiċi (EIDHR u NSA-LA u FEŻ). Id-delegazzjoni tal-UE għenet ukoll biex tiġi kkoordinata l-kondiviżjoni tal-informazzjoni mal-Istati Membri u ma' sħab oħra għall-iżvilupp dwar il-finanzjament u l-appoġġ għas-soċjetà ċivili.

Min-nofs l-2012 'il hawn, l-attenzjoni tal-Unjoni Ewropea kienet partikolarment iffokata fuq is-sitwazzjoni fil-Kongo tal-Lvant u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li rriżulta.

L-UE trattat b'serjetà kbira l-allegazzjonijiet li jinsabu fl-abbozz ta' rapport tal-Grupp ta' esperti tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-appoġġ tar-Rwanda għar-ribelljoni tal-M23 fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) tal-Lvant. Il-Kunsill Affarijiet Barranin tal-25 ta' Ġunju 2012 adotta konklużjonijiet li fihom huwa talab lill-partijiet kollha biex jiproteġu lin-nies ċivili u lill-awtoritajiet biex iressqu lill-awturi tar-reati tad-drittijiet tal-bniedem quddiem il-qorti. Fl-10 ta' Lulju 2012, ir-RGħ/VP għamlet stqarrija li appellat għall-waqfien immedjat ta' kull forma ta' vjolenza mwettqa minn gruppi armati u wriet tħassib dwar l-allegazzjonijiet ta' appoġġ estern għall-moviment M23. Iffaċċat mill-avvanz tar-ribelli tal-Kongo tal-Lvant, f'Settembru 2012 il-PSK adotta konklużjonijiet dwar ir-RDK/Rwanda. Il-PSK qabel dwar l-adeqwatezza politika li jkun hemm dewmien fid-deċiżjonijiet ġodda dwar l-Appoġġ Baġitarju għar-Rwanda sakemm isiru aktar żviluppi u sakemm ir-Rwanda tinvolvi ruħha b'mod aktar kostruttiv.

Matul l-2012 il-Mistoqsijiet Parlamentari Ewropej ikkonċernaw valutazzjoni tal-ġhajnuna ġudizzjarja tal-UE lir-Rwanda, l-appoġġ lill-qrati f'Gaçaça, l-allegazzjonijiet tat-tortura fir-Rwanda, ir-rapport tal-Amnesty International u l-kawża ta' Victoire Ingabire

Sao Tomé u Príncipe

Għalkemm São Tome u Príncipe għadu ma rratifikax il-konvenzjonijiet internazzjonali kollha (inkluż l-Istatut ta' Ruma dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali), id-drittijiet tal-bniedem huma ġeneralment rispettati sew. Il-problemi jikkonsistu prinċipalment f'nuqqasijiet fil-protezzjoni soċjali, faqar mifruq u kapaċitajiet istituzzjonali dgħajfa fil-pajjiż.

Għal dik ir-raġuni l-azzjoni tal-UE kkonċentrat prinċipalment fuq it-tiŝiħ tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (inklużi l-manutenzjoni tat-toroq rurali u l-inizjattivi għas-saħħa sesswali u riproduttiva) u l-kollaborazzjoni mal-atturi mhux statali.

Waqt l-aħħar laqgħa ta' djalogu politiku (fis-27 ta' Novembru 2012), l-UE esprimiet it-tħassib tagħha dwar it-tfixkil politiku li għaddej u l-effetti negattivi li dan jista' jikkawża lill-istabbiltà interna mixtieqa tal-pajjiż u fir-rigward tad-donaturi internazzjonali.

Senegal

Fis-Senegal, is-sena 2012 kienet immarkata mit-trasferiment tal-poter minn Abdoulaye Wade, li kien ilu fil-poter mis-sena 2000, għal Macky Sall, wara l-elezzjonijiet presidenzjali ta' Frar/Marzu. L-UE stazzjonat Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali (MOE) ta' l fuq minn 90 osservatur immexxija minn, Thijs Berman, Membru tal-Parlament Ewropew. Il-MOE laqgħet b'sodisfazzjon it-tmexxija paċifika tal-elezzjonijiet u l-organizzazzjoni ġenerali tajba tagħhom, imtennija mir-RGħ/VP fi stqarrija tas-26 ta' Marzu, u għamlet rakkomandazzjonijiet biex tikkoreġi xi irregolaritajiet li seħħew waqt il-proċess. L-UE stazzjonat Missjoni Elettorali Esperta (MEE) biex tivvaluta l-elezzjonijiet leġislattivi tal-1 ta' Lulju.

Kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem komplew jidhru b'mod prominenti fid-djalogu politiku skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou u fil-koooperazzjoni tal-UE mas-Senegal. Fl-2012 l-UE kompliet tiffoka fuq id-drittijiet tan-nisa u tat-tfal, in-nondiskriminazzjoni abbażi tal-orjentament sesswali, l-appoġġ għall-proċess ta' paċi f'Casamance, it-titjib tas-sistema ġudizzjarja għall-ġlieda kontra l-impunità u l-korruzzjoni u fuq it-tiŝiħ ulterjuri tas-soċjetà ċivili.

Fl-2012 saru żewġ laqgħat tal-Artikolu 8 mal-awtoritajiet ġodda. Tqajmu l-kwistjonijiet tal-vjolenza kontra n-nisa u s-sitwazzjoni tat-tfal, b'mod partikolari l-elemosina furzata tat-tfal u l-abbuż fuq it-tfal, kif ukoll id-diskriminazzjoni kontra persuni LGBTI. F'Ottubru 2012, wara att ta' akkuża kontra ġurnalista għal "atti mhux naturali", u artikli omofobiċi fl-istampa Senegaliża, l-UE insistiet fuq laqgħa speċifika mal-awtoritajiet dwar l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u inkoraġġiet lis-Senegal biex jimmodifika l-leġislazzjoni tiegħu biex itemm id-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentament sesswali.

Diversi proġetti ġew implimentati jew tniedu fl-2012 biex jappoġġaw id-drittijiet tal-bniedem fis-Senegal. Permezz tal-10 proġett tal-FEŻ - Appoġġ għal Ġustizzja (EUR 7,9 miljuni), l-UE kkontribwixxiet għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sistema ġudizzjarja fil-ġlieda kontra l-impunità u għat-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja fis-Senegal. Ġew implimentati proġetti bil-għan li jissensibilizzaw dwar il-fenomeni tal-elemosina u traffikar tat-tfal fost il-ġurnalisti, l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-mexxejja tal-komunitajiet. L-UE u l-Istati Membri tagħha komplew proġetti bil-għan li jissensitizzaw in-nisa u l-komunitajiet lokoali dwar id-drittijiet tan-nisa mogħtija mid-dritt nazzjonali u internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW). Tkomplew proġetti li jikkontribwixxu għad-diskussjoni dwar l-abolizzjoni tal-mutilazzjoni ġenitali femminili (MĠF), prattiki oħra ta' ħsara għat-tfal, kif ukoll it-tqala bikrija. Ġew implimentati 12-il proġett (ammont totali ta' EUR 1 365 000) bil-għan li jsaħħu l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-aċċess għad-drittijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali. Permezz tal-Programm għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Atturi Mhux Statali taħt l-10 FEŻ, l-UE appoġġat diversi proġetti żgħar bil-għan li jsaħħu id-drittijiet soċjopolitiċi tan-nisa fil-proċess ta' paċi ta' Casamance.

L-UE kkonfermat mill-ġdid fl-2012 l-appoġġ tagħha għall-impenn tal-amministrazzjoni Senegaliża ġdida li torganizza fis-Senegal il-proċess ta' Hissène Habré, l-ex President ta' Ċad (ospitat fis-Senegal) akkużat b'delitti kontra l-umanità. Negozjati mal-Unjoni Afrikana wasslu għal qbil f'Awwissu biex jiġu stabbiliti awli speċjali integrati fis-sistema ġudizzjarja Senegaliża. L-UE kienet qed tipprepara fi tmiem is-sena għotja mill-Istrument tagħha għall-Istabbiltà għall-Gvern tas-Senegal biex tappoġġa l-fażi inizjali tal-proċess.

Seychelles

B'mod konformi mal-prijoritajiet tad-Drittijiet tal-Bniedem għall-pajjiż, fl-2012, l-Unjoni Ewropea qajmet kwistjonijiet relatati mal-proċess ta' riforma elettorali (riformi legali u istituzzjonali) u l-libertà ta' assemblea u l-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni. Bħala riżultat, ġie ppreżentat lill-parlament abbozz ta' leġislazzjoni, l-"Att dwar l-Assemblea Pubblika", li jagħti anqas setgħat diskrezzjonarji tal-Kummissarju tal-Pulizija. Barra minn hekk, l-UE organizzat l-ewwel laqgħa tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Ottubru 2012 dwar is-sitwazzjoni tal-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-2012, il-Presidenza lokali tal-UE (Franza) inkoraġġiet lill-gvern biex jirratifika l-Protokoll Fakultattiv tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC) dwar il-bejgħ tat-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal u l-pornografija tat-tfal.

Fl-2012, l-UE pprovdiet ukoll appoġġ tekniku għall-elaborazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem f'kollaborazzjoni mas-Segretarjat tal-Commonwealth. B'segwitu għal assistenza teknika finanzjata mill-UE biex tiżgura l-konformità tal-leġislazzjoni nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem mal-obbligi tat-trattati internazzjonali, is-Seychelles stabbilixxa Kumitat ta' Rappurtar dwar it-Trattat tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Ottubru 2012 li ngħata l-mandat li jissorvelja l-implimentazzjoni ta' dawn it-trattati, u biex jabbozza u jimplimenta Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Sjerra Leone

L-elezzjonijiet presidenzjali, leġislattivi u lokali saru fis-17 ta' Novembru 2012 b'mod paċifiku b'rata għolja ta' parteċipazzjoni ta' 87.3%. Il-President attwali Ernest Bai Koroma ġie elett mill-ġdid b'58.7% tal-voti validi. L-UE appoġġat it-tnejja u t-twettiq tal-elezzjonijiet, kif ukoll il-kampanji relatati mal-elezzjoni ffokati fuq iż-żgħażaġh u n-nisa. Hija stazzjonat missjoni ta' osservazzjoni elettorali ta' 100 persuna li ġiet rikonoxxuta mill-partijiet interessati nazzjonali li żiedet il-kunfidenza u l-fiduċja fil-proċess elettorali u li kkontribwixxiet għall-ikkalmar tat-tensjonijiet. Il-missjoni ddikjarat li l-elezzjonijiet tmexxew sewwa, kienu kredibbli u li jwasslu għad-demokrazija, imma identifikaw għadd ta' nuqqasijiet bħall-użu ħażin tas-setgħa tal-kariga, l-edukazzjoni mhux suffiċjenti tal-votanti u l-fatt li dawn ma rnexxielhomx iżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa bħala kandidati. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE ġew diskussi mal-partijiet interessati kollha biex jikkontribwixxu għal demokrazija aktar inklussiva u parteċipattiva. F'Novembru r-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton ħarġet żewġ stqarrijiet li appoġġaw il-proċess elettorali.

F'Diċembru l-UE laqgħet b'sodisfazzjon l-appoġġ ta' Sjerra Leone għar-risoluzzjoni tal-AĠNU dwar il-moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt (li legalment għadha teżisti, imma hemm moratorju *de facto*).

L-UE komplet tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Verità u r-Rikonċiljazzjoni (TRC) u tal-Proċess ta' Eżami Universali (li twettaq minn Sjerra Leone fl-2011) permezz tat-taħriġ tal-pulizija, l-appoġġ għall-assoċjazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba, in-nondiskriminazzjoni u l-aċċess għall-ġustizzja.

Fl-2012 l-UE u l-Istati Membri tagħha komplew jimplimentaw programmi u proġetti, fost l-oħrajn, favur persuni b'diżabbiltajiet (it-tiġħ tal-kapaċitàjiet, is-saħħa mentali), id-drittijiet tan-nisa (eż. l-għoti tas-setgħa, il-ġlieda kontra l-vjolenza sessista, inkluż il-MĠF) u tat-tfal (it-tħaddim tat-tfal), ħadmu biex jiksbu aċċess akbar għall-ġustizzja, inkluż it-taħriġ għall-prattikanti legali u paralegali, il-libertà ta' informazzjoni u servizzi aħjar tas-saħħa, inkluż it-titjib tas-saħħa sesswali u riproduttiva. Il-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Sjerra Leone ġiet appoġġata wkoll. F'Diċembru tniedet sejħa għal proposti fil-pajjiż bil-għan li jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tat-TRC taħt l-EIDHR b'valur sa EUR 0.9 miljuni.

L-UE tkompli tassisti lis-soċjetà ċivili fit-tiġħ tal-kapaċitàjiet permezz tal-programm *Enciss* imfassal lokalment li jinkludi għotjiet għal organizzazzjonijiet li jaħdmu fuq il-governanza tajba, id-drittijiet tan-nisa, l-aċċess għall-ġustizzja u d-drittijiet taż-żgħażaġh.

L-UE kompliet tiffinanzja attivitajiet għat-tiġħ tal-legat (u finalment tal-impatt fit-tul) u tal-firxa tal-Qorti Speċjali ta' Sjerra Leone li ilha tipproċessa awturi ta' delitti tal-gwerra matul il-gwerra ċivili u, f'Mejju, ikkundannat lil Charles Taylor, l-ex President Liberjan, għal 50 sena.

Somalja

Abbużi relatati mal-konflitt, inkluż qtil, spustament ta' persuni, u restrizzjoni tal-għajnuna umanitarja komplew iħallu impatt sever fuq persuni ċivili fis-Somalja u jibqgħu kwistjoni ta' tħassib kbir għall-UE. Barra minn hekk, żoni kbar tan-Nofsinhar-Ċentrali tas-Somalja ma kinux taħt il-kontroll tal-gvern ċentrali, u b'hekk fixklu severament l-Istat tad-Dritt fil-pajjiż kollu u ppermettew abbużi severi tad-drittijiet tal-bniedem.

Skont in-Nazzjonijiet Uniti, 1.3 miljun persuna ġew spustati ġewwa s-Somalja fl-2012 u sa Lulju 2012 kien hemm iżjed minn miljun refuġjat Somalu fil-Qarn tal-Afrika. Il-maġġoranza tal-persuni spustati internament (IDPs) jonqoshom kenn xieraq, aċċess għall-ikel, kura tas-saħħa, edukazzjoni, u jgħixu f'kundizzjonijiet sanitarji ħżiena. Billi jgħixu f'insedjamenti tal-IDP mhux protetti u ffullati, in-nisa u t-tfajliet huma partikolarment esposti għal vjolenza sesswali u sessista (SGBV) u spiss jinċaħdu minn aċċess għall-assistenza mill-mexxejja tal-kumitati tal-IDP jew għal rimedju legali xieraq.

Fit-territorji kkontrollati mir-rewwixta ta' Al-Shabaab, ġew irrappurtati qtil, tortura, restrizzjoni tal-għajnuna umanitarja, u estorsjoni. Biex tindirizza s-sitwazzjoni, l-UE tappoġġa l-iżvilupp tal-kapaċità tas-sigurtà Somala marbuta li jagħtu kont lill-awtorità politika, kif ukoll kapaċitajiet tal-istat tad-dritt fil-pajjiż kollu, biex jipprovdu protezzjoni għall-popolazzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE hija mħassba wkoll dwar każijiet ta' abbuż tal-poter u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mill-forzi tas-sigurtà u l-forzi armati.

Abbużi kbar oħra tad-drittijiet tal-bniedem li l-UE spiss qajmet mal-awtoritajiet Somali inkludew il-kondizzjonijiet tal-ħabsijiet iebša u ta' periklu għall-ħajja; l-arrest u d-detenzjoni arbitrarji; iċ-ċaħda ta' proċess ġust; ir-reklutaġġ ta' suldati tfal; it-traffikar tal-bnedmin; l-abbuż ta' u d-diskriminazzjoni kontra minoranzi ta' klanns u reliġjużi; ix-xogħol furzat; u t-tħaddim tat-tfal. It-tmexxija ġdida politika Somala impenjat ruħha li timplimenta l-kompiti li baqa' tal-Pjan Direzzjonali, b'mod partikolari l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-protezzjoni tal-persuni ċivili u r-rispett għad-dritt umanitarju internazzjonali mill-partijiet kollha huma kwistjonijiet ewlenin għall-UE.

L-adozzjoni ta' Kostituzzjoni Federali "proviżorja" tipprovdi l-opportunità li jiġu minquxa fiha l-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem sabiex tinbena soċjetà rappreżentattiva ugwali, inklużi d-drittijiet tan-nisa.

Id-Drittijiet tat-Tfal f'Kunflitti Armati huma wkoll kwistjoni ta' tħassib ewlieni għall-UE. It-tfal ġew reklutati kontra r-rieda tagħhom, abbużati, immankati, u mġiegħla jagħmlu xogħol furzat. L-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni kontra r-reklutaġġ ta' tfal jikkostitwixxi pass 'il quddiem importanti li l-UE qed tfittex li tipprovdi finanzjament għalih taħt l-EIDHR.

Il-liberta' tal-mezzi tal-informazzjoni hija kwistjoni ta' tħassib ieħor għall-UE. Il-ġurnalisti huma regolament arrestati u maqtula jew midruba f'attakki mmirati. L-UE tirreaġixxi fil-pront għal dawn il-każijiet billi tikkuntattja l-unitajiet tal-ġhajjnuna legali f'każ ta' detenzjoni, jew billi tappella lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Avukat Ġenerali biex jinvestigaw iċ-ċirkostanzi kif ukoll billi toħroġ dikjarazzjonijiet. L-UE rabtet il-prijoritajiet tagħha tad-drittijiet tal-bniedem mas-sejħa għal proposti tal-EIDHR. Barra minn hekk, il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tinkludi fond ta' rilokazzjoni taħt l-EIDHR. L-aċċess għall-ġustizzja għall-persuni l-aktar vulnerabbli hu kopert taħt il-programm tal-UE għall-Istat tad-Dritt.

Fl-2012, il-Grupp ta' Ħidma li għadu kif ġie stabbilit dwar l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (miftuħ ukoll għan-Norveġja, l-Isvizzera u l-Istati Uniti) ħoloq relazzjoni soda ma' aġenziji oħra li jaħdmu fuq id-drittijiet tal-bniedem bħal fis-sistema tan-NU, Human Rights Watch, jew in-netwek tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Huwa ssorvelja wkoll il-libertajiet tal-mezzi tal-informazzjoni, missjonijiet tekniċi mħallsa fuq il-post u ltaqa' ma' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

Afrika t'Isfel

Fit-18 ta' Settembru 2012, sar il-Ħames Summit UE-Afrika t'Isfel f'Val-Duchesse, Brussell, li rrikonoxxa l-progress tal-implimentazzjoni tas-Sħubija Strateġika UE-Afrika t'Isfel imsejsa fuq valuri kondiviżi, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Kemm il-mexxejja tal-UE kif ukoll dawk tal-Afrika t'Isfel affermaw mill-ġdid id-determinazzjoni tagħhom għal konsultazzjonijiet kontinwi mill-qrib u bikrija fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fil-fora rilevanti dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, inklużi d-diskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tat-tfal u l-kumpanniji militari privati.

Is-Summit laqa' b'sodisfazzjon ukoll il-formalizzazzjoni tad-djalogu bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Fid-19 ta' Novembru l-Kunsill Affarijiet Barranin tal-UE stabbilixxa formalment tali djalogu li għandu jsir fuq bażi annwali u jkopri kwistjonijiet rilevanti tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. L-objettiv ġenerali ta' tali kooperazzjoni msaħħa hu biex l-UE u l-Afrika t'Isfel imexxu 'l quddiem id-dimensjonijiet domestiċi u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, billi jikkonsolidaw sforzi li għaddejjin bil-għan li l-prinċipji universali tad-drittijiet tal-bniedem jiġu rispettati, promossi u mwettqa.

F'Lulju 2012, l-UE u l-Afrika t'Isfel kellhom il-ħames djalogu informali tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem, abbażi tad-djalogi li saru minn Diċembru 2009 'il quddiem. Id-diskussjonijiet inkludew kooperazzjoni f'fora multilaterali u firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet kontinentali u domestiċi. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp UE-Afrika t'Isfel kompliet tappoġġa d-drittijiet tal-bniedem permezz ta' diversi programmi inklużi l-programm Access għall-Ġustizzja u l-Promozzjoni tad-Drittijiet Kostituzzjonali kif ukoll l-appoġġ għas-soċjetà ċivili permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Matul is-sena, l-UE kompliet tissorvelja l-iżviluppi u tinvolvi lill-Afrika t'Isfel fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, fost l-oħrajn b'fokus fuq id-drittijiet tax-xogħol/l-użu tal-forza mill-pulizija kontra d-dimostranti, id-drittijiet tal-immigranti u l-ksenofobija, id-dibattitu li għaddej fuq l-adozzjoni tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Infurmazzjoni tal-Istat u fuq l-Abbozz ta' Liġi tal-Awtoritajiet Tradizzjonali, is-sitwazzjoni tal-persuni LGBTI fil-pajjiż. Il-Parlament Ewropew ta wkoll attenzjoni partikolari lit-tilwim industrijali ta' Lonmin-Marikana permezz tar-Riżoluzzjoni tiegħu fuq il-kwistjoni adottata f'Settembru wara it-traġedja tal-mina Marikana.

F'Settembru 2012 il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU adotta r-rapport tal-eżitu tal-eżami perijodiku universali dwar l-Afrika t'Isfel. Mill-152 rakkomandazzjoni rċevuti l-Afrika t'Isfel aċċettat dawk relatati mal-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju; l-għoti tas-setgħa u l-protezzjoni tal-gruppi vulnerabbli; l-eliminazzjoni tar-razziżmu, il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika; il-kriminalizzazzjoni tat-tortura u trattamenti oħra krudili u inumani, u għadd ta' oħrajn. L-Afrika t'Isfel għet imfaħħra għall-progress li għamlet billi indirizzat l-iżvilupp soċjo-ekonomiku, il-koeżjoni soċjali u r-rikonċiljazzjoni nazzjonali. Madankollu l-Afrika t'Isfel għet imħeġġa tirrevedi l-politika tagħha għat-titjib tal-edukazzjoni fil-pajjiż, biex jinkiser iċ-ċiklu ta' vjolenza sesswali u ksenofobika u biex jiġu protetti d-drittijiet tal-persuni li jfittxu asil u r-rifugġati.

Sudan t'Isfel

Wara l-indipendenza fl-2011, wara għexieren ta' snin ta' gwerra ċivili u impunità, is-Sudan t'Isfel qiegħed jiffaċċja l-isfida li jinbnew mill-bidu istituzzjonijiet responsabbli u trasparenti. Il-proċess kostituzzjonali li għaddej u l-elezzjonijiet li ġejjin jistgħu jiġu interpretati bħala test ta' prova Litmus tas-sitwazzjoni attwali tal-pajjiż u d-direzzjoni futura. Qafas legali inadegwat, b'ħafna strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem li għad jonqoshom jiġu ratifikati, jagħmilha diffiċli għall-Gvern li jinżamm responsabbli u l-impunità hija endemika. Il-Gvern ukoll spiss irrestrinġa l-libertajiet ta' espressjoni u tal-istampa u dawk li għandhom fehmiet politiċi kuntrarji ġew soġġetti minnu għal intimidazzjoni, arrest arbitrarju u detenzjoni.

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż sofriet aktar b'attivitajiet ta' gruppi ta' milizzja ribelli (RMGs), kif ukoll bi għlied interetniku, pereżempju fl-Istat ta' Jonglei. Il-wasla ta' persuni rimpatrijati u rifuġjati mis-Sudan, in-nixfa, u riżorsi mgħobbija żżejjed kompliet tapprofondixxi l-kriżi umanitarja.

Fi klima ta' faqar estrem u sottożvilupp, id-drittijiet ekonomiċi u soċjali jibqgħu fil-parti l-kbira mhux imwettqa, b'mod speċjali rigward id-drittijiet għall-ikel, is-saħħa, l-aċċess għall-ilma u l-iġjene nodfa u sikuri, l-edukazzjoni u akkomodazzjoni xierqa.

Fl-2012, l-isforzi tal-UE fis-Sudan t'Isfel l-ewwel iffokaw fuq l-iżvilupp ta' netwerk ta' kuntatti, l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni fuq il-livell tal-UE, u ħidma għal qafas strateġiku komuni tad-drittijiet tal-bniedem. Id-Delegazzjoni ġdida tal-UE f'Juba, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE preżenti fil-post, bdiet ukoll tiformula approċċ komprensiv immirat kemm għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali tal-Gvern kif ukoll għal dawk ta' atturi oħra bħas-soċjetà ċivili, is-settur privat, l-organizzazzjonijiet ibbażati fuq il-fidi u l-mezzi tal-informazzjoni.

Fl-2012, l-UE nediet appoġġ dirett lil tliet Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-familji rispettivi tagħhom, fil-qafas tal-Fond ta' Emerġenza tal-EIDHR. L-UE tkompli timpenja ruħha fl-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa permezz tal-ġhoti tas-setgħa lilhom, u l-aċċess għad-drittijiet legali u t-tagħlim tal-qari u l-kitba. L-UE tikkontribwixxi għat-tiżiħ tal-attivitajiet ta' prevenzjoni, protezzjoni u rispons għall-Vjolenza Sessista (GBV) fil-livell lokali permezz tas-sensibilizzazzjoni fil-livell tal-komunità u t-tiżiħ tal-kapaċitajiet tar-rispons legali lokali f'seba' Stati. Inġhatat attenzjoni wkoll lit-tiżiħ tal-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva tal-Persunal fl-Assemblea Leġislattiva Nazzjonali u l-Membri tal-Parlament.

F'żewġ okkażjonijiet, f'Ottubru u Diċembru 2012, il-Kelliem tar-Rappreżentant Għoli/Viċi President ħareġ stqarrijiet dwar l-espulsjoni ta' Uffiċjal tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u esprima t-tħassib tagħha dwar il-qtil ta' attivist tad-drittijiet tal-bniedem f'Juba u ta' dimostrant li ma kienx armat f'Wau. Dawn l-inċidenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem huma indikazzjoni ta' spazju politiku li qed jiċkien b'mod preokkupanti fis-Sudan t'Isfel.

L-UE qiegħda f'kuntatt regolari mas-soċjetà ċivili tas-Sudan t'Isfel u tappoġġa l-isforzi ta' lobbying tagħhom għal Karta komprensiva ta' Drittijiet fil-proċessi li għaddejjin tar-Reviżjoni Kostituzzjonali Nazzjonali. Barra minn hekk, qed jingħata taħriġ lil Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili nazzjonali u fil-livell lokali u lil komunitajiet lokali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Istat tad-Dritt. L-UE pprovdiet ukoll assistenza teknika u appoġġ materjali lill-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tas-Sudan t'Isfel. Fl-aħħarnett, id-Delegazzjoni tal-UE, flimkien mal-Ambaxxata tan-Norveġja, impenjat ruħha f'inizjattiva diplomatika ta' suċċess f'Diċembru 2012 mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, inkonnessjoni mal-vot tal-AĠNU favur ir-Riżoluzzjoni għal Moratorju tal-Piena tal-Mewt.

Sudan

Ix-xejra ġenerali għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fis-Sudan kienet karatterizzata minn deterjorazzjoni kostanti tul l-2012 b'ċaqliq konsiderevoli 'l isfel matul perijodi ta' protesti pubbliċi intensifikati matul ix-xhur tas-sajf. Oqsmha ewlenin ta' tħassib jibqgħu l-mira sistematika ta' individwi u gruppi li jqajmu kritika kontra r-reġim - kemm permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa jew soċjali, il-protesta popolari jew l-oppożizzjoni politika tradizzjonali. L-intimidazzjoni, l-arrest arbitrarju, it-trattament ħażin u t-tortura huma frekwenti u mifruxa, imwettqa l-aktar mis-Servizz ta' Sigurtà Nazzjonali (NISS), li joperaw b'impunità. Aktivisti żgħażaġh kienu fil-mira b'mod partikolari, minħabba l-orijini ta' ħafna protesti pubbliċi fl-universitajiet.

Bi tweġiba, id-Delegazzjoni tal-UE u r-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-uffiċċju tas-Sudan indirizzaw is-sitwazzjoni ġenerali billi istigaw stqarrijiet pubbliċi, l-aktar mill-Kelliem tar-RGħVP, waqt li fl-istess ħin wettqu diplomazija estensiva fis-silenzju fir-rigward ta' każijiet ewlenin. Is-sorveljanza tal-proċessi twettqet f'koordinazzjoni mal-Istati Membri tal-UE u dawk tal-istess fehma.

Nies mis-Sudan t'Isfel li jgħixu fis-Sudan jikkostitwixxu grupp ieħor partikolarment vulnerabbli, minħabba l-istatus legali opak tagħhom, wara l-indipendenza tas-Sudan t'Isfel. Il-kompożizzjoni reliġjuża l-ġdida tas-Sudan bħala pajjiż b'mod predominanti Musulman poġġiet fl-istess qies minoranzi mhux Musulmani f'pożizzjoni vulnerabbli. Il-mexxejja Kristjani jwissu dwar l-ispazju li qed jiċkien għall-minoranza Kristjana - tħassib li kkawża rvell internazzjonali meta Knisja f'Kartum ingħatat in-nar.

Tul is-sena kollha l-UE ltaqgħet ma rappreżentanti ewlenin tal-Knisja fil-kuntest tal-gruppi ta' ħidma tal-UE kemm għall-Affarijiet Poliċi kif ukoll għad-Drittijiet tal-Bniedem. Barra minn hekk, l-UE qajmet il-kwistjoni mal-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u mal-Kunsill Konsultattiv għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-fergħa ewlenija tal-Gvern għad-drittijiet tal-bniedem.

Is-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem qajmu tħassib dwar dak li huma jibżgħu li hu konservattiżmu akbar fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' partijiet tal-kodiċi penali minn ċerti mħallfin. Dan intwera f'żewġ sentenzi ta' tħaġġir mogħtija kif ukoll sentenza ta' amputazzjoni. L-ebda waħda mis-sentenzi ma ġiet implimentata u l-każijiet eventwalment twaqqgħu.

Fiż-żewġ każijiet individwali, l-UE ltaqgħet mal-avukati tal-akkużati u fuq il-parir tagħhom, wettqet diplomazija estensiva fis-silenzju mmirata lejn uffiċjali tal-Gvern fl-ogħla livell. Tħassib dwar il-konservattiżmu akbar jitqajjem regolarment fil-kuntest tar-reviżjoni kostituzzjonali.

Il-Piena tal-Mewt hija applikata għal diversi reati kriminali, b'mod partikolari meta relatata mal-apostażija jew tradiment kontra l-istat. Ir-rata ta' eżekuzzjoni mhix magħrufa. Il-konflitti li għaddejjin fit-Tliet Żoni u d-Darfur jibqgħu ta' tħassib serju filwaqt li hu preżunt li abbuż tad-drittijiet tal-bniedem huwa mifrux sew imma fejn - bl-eċċezzjoni tat-Taqsima tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UNAMID - in-nuqqas ta' aċċess s'issa pprevjena l-monitoraġġ internazzjonali. Minkejja l-istabbiliment ta' Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem de facto mhux eżistenti min-naħa tal-Gvern.

Fir-8 ta' Marzu 2012, il-Kelliem tar-Rappreżentant Għoli ħareġ sqarrija li tindirizza ż-żieda fil-konflitt transkonfinali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kemm fis-Sudan kif ukoll fis-Sudan t'Isfel.

Waqf li tirrikonoxxi l-gravità tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sudan flimkien mal-limitazzjonijiet tal-azzjoni esterna fis-sens tat-titjib tas-sitwazzjoni fuq perijodu qasir, l-objettivi ta' politika tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem huma bbażati fuq l-objettiv fuq perijodu twil tal-istabiliment ta' pedament legali u istituzzjonali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajż. Dan jinkludi r-ratifika u l-implimentazzjoni ta' trattati ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem u l-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-leġislazzjoni nazzjonali u l-istruttuti ta' governanza. Komponent importanti ta' dan hu t-tisħiħ tal-atturi u l-istituzzjonijiet indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sudan, speċjalment permezz tal-appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili. L-istabiliment ta' djalogu ta' politika regolari dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Gvern tas-Sudan kien għalhekk objettiv ewlieni għall-2012 u ntlaħaq xi ftit jew wisq permezz ta' 1) laqgħat regolari bejn il-grupp ta' ħidma għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE u l-Kunsill Konsultattiv għad-Drittijiet tal-Bniedem u 2) l-istabiliment tal-hekk imsejjaħ 'Forum tas-'Sħab Internazzjonali' għad-Drittijiet tal-Bniedem', li barra mill-UE jinkludi firxa wiesgħa ta' sħab Afrikani, Għarab u Asjatiċi. Wara laqgħat formali, ir-riżultat ewlieni tad-djalogu kien il-kondiviżjoni ta' informazzjoni u l-bini tal-fiduċja, abbażi tar-rikonoxximent li djalogu, qabel ma jista' jkun b'saħħtu, għandu jeżisti.

Is-Sudan ġie soġġett għal EPU f'Mejju 2011. Fis-Sajf tal-2012, il-Kunsill Konsultattiv għad-Drittijiet tal-Bniedem, bl-appoġġ tal-UNDP, ippreżenta pjan ta' implimentazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-EPU, li jiffoka prinċipalment fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet fis-settur tal-ġustizzja.

Sważiland

Is-Sważiland huwa l-aħħar monarkija assoluta tal-Afrika fejn kull setgħa aħħarija hija mogħija lir-Re. Il-partiti politiċi la jistgħu joperaw legalment u lanqas jipparteċipaw f'elezzjonijiet ġenerali. Dimostrazzjonijiet tax-xogħol spiss jintlaqgħu bil-brutalità tal-pulizija, il-korruzzjoni hija rampanti u l-vjolenza kontra n-nisa mifruxa sewwa.

Wieħed mill-objettivi tal-azzjoni esterna tal-UE hu li tappoġġa u tikkonsolida d-demokrazija, u li tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Fl-2012 l-azzjoni tal-UE fil-qasam tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem użat bosta għodda. Skont l-**Artikolu 8 tad-djalogu politiku**, l-UE talbet lill-Gvern jirrispetta l-impenn tiegħu biex jippromwovi l-prinċipji demokratiċi u jillegalizza l-partiti politiċi. Hija wasslet l-istess messaggġ lir-Re waqt udjenza fit-18 ta' Novembru.

F'Mejju 2012, l-UE ħarġet **stqarrija lokali** li tesprimi t-tħassib tagħha dwar il-ksur tal-libertajiet relatati max-xogħol u appellat lill-Gvern tas-Sważiland biex jiggarrantixxi d-drittijiet taċ-ċittadini kollha għal-libertà ta' assemblea, assoċjazzjoni u espressjoni minquxa fil-kostituzzjoni tiegħu.

L-UE użat ukoll il-**kooperazzjoni** tagħha **għall-appoġġ tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem** fis-Sważiland. Barra mill-infiq ta' € 2.2 miljun biex jippermettu lil Tfal Orfni u Vulnerabbli li jattendu l-iskola, hi tat tliet għotjiet għal total ta' EUR 900 000 taħt l-EIDHR għall-promozzjoni ta' soċjetà demokratika, għaż-żieda fil-parteċipazzjoni u rappreżentazzjoni tan-nisa fis-soċjetà, u għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja tat-tfal b'diżabbiltajiet fis-Sważiland.

Tanzanija

Minkejja r-rekord pjuttost pożittiv tad-drittijiet tal-bniedem tat-Tanzanija, hemm lok konsiderevoli għal titjib. Fl-2012 l-UE u l-Istati Membri tagħha saħħew l-azzjoni konġunta tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, billi qablu dwar prijoritajiet u strateġiji komuni biex jindirizzawhom aħjar. Fost l-oġġettivi ta' prijorità segwiti mill-UE fit-Tanzanija hemm l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni sesswali, il-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal, il-promozzjoni/protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, tal-persuni LGBTI, tan-nies li jgħixu b'diżabbiltajiet u tal-gruppi indiġeni.

Diversi inċidenti serji seħħew fl-2012, bħall-qtil u l-mutilazzjonijiet tal-persuni albino, il-qtil ta' nisa xjuħ fil-kuntest tal-istregunerija, l-intimidazzjoni ta' attivisti LGBTI u l-mewt suspettuż ta' wieħed minnhom. Barra minn hekk, l-awtoritajiet orkestraw l-iżgumbrament tal-art ta' komunitajiet rurali, u l-kontroll tal-folla waqt dimostrazzjonijiet li rriżultaw f'korrimenti u l-mewt ta' diversi persuni. Il-mexxej ta' strajk tat-tobba ġie msawwat u ttorturat. Huwa allega l-involviment ta' uffiċjali tal-istat. L-UE avviċinat lill-awtoritajiet dwar dawn il-każijiet kollha.

Il-libertà tal-mezzi tal-informazzjoni u l-aċċess għall-informazzjoni huma regolati minn leġislazzjoni obsoleta (1976), li tipprevedi eż. għal poteri eżekuttivi li ppermettew il-probizzjoni ta' gazzetta kritika. L-awtoċensura hija komuni, speċjalment f'Zanzibar. Ġurnalist inqatel mill-pulizija waqt li kien qed ikopri avveniment tal-oppożizzjoni. L-UE appellat lill-Gvern tat-Tanzanija biex jagħmel kull sforz biex jippromwovi l-libertà tal-istampa u biex iħares il-libertà ta' espressjoni.

L-azzjonijiet tal-UE fl-appoġġ tal-avvanz u l-implimentazzjoni tal-aġenda tad-drittijiet tal-bniedem ħadu diversi għamliet mid-djalogu politiku permezz tad-diplomazija pubblika għall-kooperazzjoni teknika mmirata. Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tqajmet mill-Kapijiet tal-Missjoni tal-UE mal-Ministru tal-Affarijiet Barranin, fil-kuntest tad-Djalogu Politiku skont l-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou. L-UE u l-Istati Membri ddedikaw wirja ta' ritratti għall-kawża tal-komunitajiet rurali. L-UE interċediet mal-awtoritajiet għall-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u l-libertà ta' reliġjon u twemmin. L-UE u l-Istati Membri kienu forza gwida abbażi tal-istabbiliment ta' koalizzjoni nazzjonali tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u jkomplu jikkomunikaw mal-koalizzjoni fil-każ ta' inċidenti tad-drittijiet tal-bniedem.

Fuq nota aktar pożittiva, l-2012 esperjenzat ukoll xi żviluppi favorevoli bħall-aċċettazzjoni mill-Awtoritajiet Nazzjonali li jeżaminaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Eżami Perjodiku Universali (li twettaq f'Ottubru 2011) dwar (fost l-oħrajn) l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u r-ratifika tal-Konvenzjoni Kontra t-Tortura.

Tul l-2012 kollu l-UE u l-Istati Membri tal-UE ffinanzjaw diversi programmi biex isaħħu l-qafas istituzzjonali għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. L-assistenza finanzjarja tal-UE u l-kooperazzjoni mmirata komplew jappoġġaw il-programmi tal-komunità, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-isforzi tal-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem biex jiġġieldu l-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal, it-tħaddim tat-tfal, it-tiħiħ tas-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal, il-promozzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u politiċi u l-għoti tas-setgħa lil gruppi emarġinati bħan-nisa rurali, il-komunitajiet indiġeni u n-nies li jgħixu b'diżabbiltajiet. Bħala eżempju, l-UE u diversi Stati Membri, fost l-oħrajn, allokaw madwar EUR 10 miljun biex jappoġġaw l-għoti tas-setgħa demokratika u proċessi elettorali ġenwini u kredibbli. Barra minn hekk, id-Delegazzjoni tal-UE allokata EUR 2 miljun biex tappoġġa s-Settur Legali u r-Riformi tal-Ġustizzja għaż-Żgħażgħ f'Zanzibar li jikkomplementa l-appoġġ tal-Istati Membri u l-impenn għall-għajnuna legali kif ukoll ġustizzja ġusta, f'waqtha u aċċessibbli għal kulħadd li ilhom jeżistu.

Togo

Kien hemm xi progress leġislattiv fl-2012, bħall-adozzjoni ta' kodiċi rivedut li jirregola l-persuna u l-familja. Żviluppi importanti kienu l-preżentazzjoni tar-rapport tal-Kummissjoni dwar il-Verità, il-Ġustizzja u r-Rikonċiljazzjoni (CVJR, bl-appoġġ ta' EUR 1.6 miljun mill-UE) u r-rapport tal-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-każi ta' tortura fl-istituzzjonijiet tas-sigurtà, li l-gvern ipprova jimmodifika l-konklużjonijiet tiegħu. Ir-rakkomandazzjonijiet f'dawn iż-żewġ rapporti qanqlu impenji għall-implimentazzjoni tagħhom, imma parti biss mill-implimentazzjoni tlestiet.

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ġiet diskussa f'żewġ laqgħat ta' djalogu politiku fit-13 ta' April u l-14 ta' Settembru 2012 u waqt laqgħat regolari mal-partiti politiċi u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem. Il-laqgħat ta' djalogu politiku ddiskutew is-sitwazzjoni politika, id-dimostrazzjonijiet, is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, ir-rapport dwar każijiet ta' tortura, ir-riforma ġudizzjarja, ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali, u kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali u reġjonali. Ġew ippubblikati diversi stqarrijiet lokali mill-UE, li inkoraġġixxew ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali, speċjalment il-libertà ta' espressjoni.

Il-prijoritajiet prinċipali għall-UE huma r-riforma tas-sistema ġudizzjarja u s-sistema tal-ħabs, inkluż li jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet tad-detenu, ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali, il-promozzjoni tal-libertajiet fundamentali u l-prevenzjoni tal-vjolenza matul u wara l-elezzjonijiet, u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-2012, l-attivitajiet ta' kooperazzjoni tal-UE inkludew Proġett ta' Appoġġ għas-Soċjetà Ċivili u r-Rikonċiljazzjoni Nazzjonali b'ammont ta' EUR 4.4 miljun, li kopra r-rikonċiljazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll sejħa għal proposti għal Atturi Mhux Statali u Awtoritajiet Lokali (EUR 2.3 miljun), fejn waħda minn dawn l-oqsma ta' azzjoni hi d-drittijiet tal-bniedem u l-aċċess għall-ġustizzja. Fil-qafas tal-Proġett ta' Appoġġ għall-Proċess Elettorali, sitt mikroproġetti dwar l-educazzjoni ċivika ġew implimentati mis-soċjetà ċivili, kif ukoll korsijiet ta' taħriġ għall-forzi tas-sigurtà dwar ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u taħriġ għall-mexxejja nisa fil-partiti politiċi, l-amministrazzjoni elettorali, is-soċjetà ċivili u l-mezzi tal-informazzjoni. EUR 1 miljun ġie allokat għall-osservazzjoni mis-soċjetà ċivili tat-Togo tal-elezzjonijiet li jmiss u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet. Taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-proġett "Atlas tat-Tortura" wassal biex il-gvern jagħmel impenji sinifikanti dwar il-ħabsijiet, u proġett imwettaq mill-Organizzazzjoni Dinjija Kontra t-Tortura (OMCT) żied il-kapaċità fis-soċjetà ċivili u appoġġa l-parteċipazzjoni ċivili fil-Kumitat kontra t-Tortura.

Id-djalogu bejn id-Delegazzjoni tal-UE għat-Togo u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem ġie intensifikat din is-sena fir-rigward kemm tal-ippjanar kif ukoll tal-kooperazzjoni.

Uganda

Fl-Uganda, is-sena 2012 kienet dominata minn dibattitu dwar il-Libertà ta' Espressjoni u Assemblea u spazju meqjus li qed jiċkien għall-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSC) li jaħdmu f'oqsma politikament sensitivi, bħad-drittijiet tal-bniedem ċivili u politiċi, id-drittijiet għall-artijiet, il-governanza taż-żejt, ir-responsabbiltà, u b'mod partikolari d-drittijiet LGBTI. Id-delegazzjoni tal-UE ħadmet attivament ħafna fuq dawk il-kwistjonijiet u oqsma oħra tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fl-2012.

L-Uganda ġiet soġġetta għall-ewwel EPU tagħha li qatt sar f'Ottubru 2011 u aċċettat għadd kbir tarakkomandazzjonijiet. Madankollu, hemm tħassib dwar il-livell ta' impenn biex jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet li l-gvern kien aċċetta.

Il-Libertà ta' Espressjoni u Assembla baqgħet qasam ta' tħassib tul l-2012, b'restrizzjonijiet kontinwi mposti fuq id-dimostrazzjonijiet, inklużi xi inċidenzi ta' soppressjoni vjolenta mill-forzi tas-sigurtà, u intimidazzjoni rrapportata ta' OSC u mezzi ta' informazzjoni li jaħdmu f'oqsma politikament sensitivi. L-UE u l-Istati Membri tal-UE komplew bid-djalogu politiku fl-oġġla livell politiku (President, Ministri) dwar dawn il-kwistjonijiet ta' tħassib kif ukoll dwar każijiet speċifiċi ta' arresti arbitrari. L-UE u l-Istati Membri tal-UE kellhom ukoll laqgħat regolari u ad hoc mad-DDB biex jassistu lil dawg id-DDB mhedda u f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza. L-ewwel premju DDB tal-UE ngħata, f'Mejju 2012, lil organizzazzjoni rurali li taħdem kontra l-korruzzjoni u għad-demokrazija f'Fort Portal, l-Uganda tal-Punent.

L-abbozz tal-Liġi Kontra l-Omosesswalità (AHB) tal-2009 dehret mill-ġdid fil-Parlament wara li kienet twarrbet fl-ewwel nofs tal-2012. L-UE rreaġixxiet billi qajmet din il-kwistjoni regolarment mal-President, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Ministru tal-Affarijiet Interni, l-uffiċjali tal-pulizija u l-Membri tal-Parlament. L-UE u l-Istati Membri tal-UE ltaqgħu wkoll ma diversi attivisti u organizzazzjonijiet LGBTI biex jipprovdu assistenza u pariri dwar l-appoġġ ta' emerġenza.

L-UE organizzat, f'kooperazzjoni ma' OSC lokali stabbilit (FHRI), avveniment ta' sensibilizzazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-piena tal-mewt (li għadha teżisti fl-Uganda). L-UE baqgħet attiva wkoll fit-tqajjim tal-kwistjonijiet ta' sessi mal-Gvern u l-Parlament. Bl-użu bħala għodda tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sessi 2010-2015, l-UE u l-Istati Membri tal-UE ilhom isostnu lill-OSC biex jiżviluppaw sforzi flimkien biex jindirizzaw lakuni u kwistjonijiet ewlenin dwar l-aġenda nazzjonali dwar is-sessi.

L-UE implimentat ukoll proġett għall-ġlieda kontra t-traffikar tat-tfal u biex tipprovdi għajjnuna legali xierqa u komprensiva lill-vittmi tat-traffikar tat-tfal fl-Uganda tal-Lvant, l-ewwel wieħed tat-tip tiegħu fl-Uganda. L-UE appoġġat OSC billi organizzat żewġ laqgħat dwar id-domestikazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura fl-Uganda. L-UE komplet tappoġġa l-Att Kontra t-Tortura li ġie adottat fl-2012.

Dwar l-appoġġ għad-demokratizzazzjoni, l-UE u l-Istati Membri tal-UE kellhom għadd ta' laqgħat mal-eżekuttiv kif ukoll mal-entitajiet leġislattivi biex jenfasizzaw l-importanza ta' kontrolli u bilanċi xierqa f'soċjetà demokratika, inkluża l-ħtieġa għal riformi elettorali fl-Uganda u għall-ftuħ tal-ispazju politiku. L-UE Itaqqgħet ukoll mal-Kummissjoni Elettorali, il-Kummissjoni tas-Servizz Ġudizzjarju u l-Avukat Ġenerali biex tagħti segwitu għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-MOE preċedenti tal-UE. Dan id-djalogu għadu għaddej u wieħed jittama li fl-2013 ser joħorġu l-ewwel riżultati tad-diskussjoni dwar ir-riforma elettorali fil-Forum Konsultattiv Nazzjonali.

Żambja

L-objettivi ta' politika tal-UE relatati mad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fl-2012 fiż-Żambja jkopru ħames prijoritajiet: i) l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt, ii) it-titjib tal-kondizzjonijiet fil-ħabsijiet, inkluża l-ġlieda kontra t-tortura u l-vjolenza tal-pulizija, iii) l-appoġġ għad-drittijiet tan-nies LGBTI u l-promozzjoni tagħhom, iv) il-ġlieda kontra l-vjolenza sessista u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nies u tat-tfajliet u v) l-appoġġ għal-libertà ta' espressjoni.

Fl-2012, l-UE kompliet tappoġġa proġetti bil-għan li jikkonsolidaw il-proċessi u l-istituzzjonijiet demokratiċi: l-Appoġġ għall-Programm taċ-Ċiklu Elettorali (flimkien ma' FI, u NL), il-Programm tal-Aċċess għall-Ġustizzja (ma' DE u DK) kif ukoll proġett Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin. Id-Danimarka, l-Irlanda, l-Isvezja u r-Renju Unit kienu strumentali wkoll fl-istabbiliment tal-Fondazzjoni tal-Governanza taż-Żambja (ZGF), pakkett ta' fondi konġunt bil-għan li jippromwovi governanza aħjar, u sens ta' responsabbiltà.

L-UE ppubblikat stqarrijiet tal-mezzi tal-informazzjoni fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali għat-Tneħħija tad-Diskriminazzjoni Razzjali, il-Jum tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Jum Dinji/Ewropew kontra l-Piena tal-Mewt. L-UE organizzat ukoll programm tar-radju dwar il-piena tal-mewt li għe mxandar mir-radji tal-komunità fil-lingwi lokali waqt li FR organizzat dibattitu fuq is-suġġett.

Fl-2012 twettqu inizjattivi diplomatiċi uffiċjali mill-UE u l-Istati Membri, dwar il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u r-ratifika tal-Konvenzjoni tal-ILO dwar l-Agħar forom ta' Xogħol mit-Tfal, dwar il-Moratorju fuq l-użu tal-Piena tal-Mewt u dwar il-Libertà ta' Reliġjon jew Twemmin.

Iż-Żambja għet soġġetta għal eżami taħt l-EPU fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'Ottubru 2012. It-temi koperti inkludew il-piena tal-mewt, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tat-tfal, in-nondiskriminazzjoni, it-tortura u l-kondizzjonijiet fil-ħabsijiet, l-NGOs u d-difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-libertà ta' assemblea u assoċjazzjoni u l-libertà ta' espressjoni. Saru 125 rakkomandazzjoni, li fit-2 ta' Novembru ż-Żambja ddikjarat li 70 minnhom huma appoġġati minnha, u ser tikkunsidra 54 oħrajn u ser tipprovdi tweġiba sa mhux aktar tard minn HRCC22. Waħda mir-rakkomandazzjoni għet irrifjutata. Qabel il-laqgħa tal-EPU, il-missjonijiet tal-UE fiż-Żambja ppreparaw aġġornament konġunt tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż. 13-l-Istat Membru tal-UE pparteċipaw fid-djalogu f'Ġinevra.

Żimbabwe

Sa mill-2009, il-Ftehim Politiku Globali (FPG) kiseb miżura ta' stabbiltà f'termini ta' rkupru ekonomiku u billi pprovda ftuħ tal-ispazju politiku. Il-koabitazzjoni f'pożizzjonijiet fil-gvern rawment interazzjoni u kollaborazzjoni anqas konfrontazzjonali u l-interazzjonijiet minn ġurnata għall-oħra bnew grad ta' kunfidenza u fiduċja, li ppermettew libertà akbar fl-iskambju ta' ideat u billi pprovdeu kontribut għall-politiki. Inġenerali, is-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem fiż-Żimbabwe tjebet. Il-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem irrikonoxxiet dan it-titjib wara ż-żjara tagħha f'Mejju 2012, fuq l-istedina tal-Gvern taż-Żimbabwe, waqt li enfasizzat ukoll il-ħtieġa għal aktar progress.

Madankollu, id-dilemma politika fiż-Żimbabwe għadha 'l bogħod milli tiġi solvuta u għad baqa' ħafna sfidi. Il-kultura ta' impunità għat-trasgressuri tibqa' kwistjoni ta' tħassib. Tard fl-2012, kien hemm inċidenti preokkupanti ta' intimidazzjoni kontra organizzazzjonijiet għall-promozzjoni tad-demokrazija u b'hekk issinjalaw għeluq tal-ispazju demokratiku u elettoral. Bl-elezzjonijiet li qed joqorbu fl-2013 it-tensjoni politika qiegħda terġa' tiżdied.

Id-Delegazzjoni tal-UE baqgħet b'mod ferm fuq quddiem fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiż-Żimbabwe, kemm permezz tal-portafoll tagħha għall-iżvilupp, bi proġetti speċifiċi, iżda kif ukoll politikament permezz tad-djalogu mal-Gvern fil-kuntest tal-proġess ta' impenn mill-ġdid. L-UE hija impenjata wkoll f'diskussjoni u aġġornamenti regolari fi ħdan fora tal-UE (Laqgħat tal-uffiċjali politiċi u Kapijiet tal-Missjoni), kif ukoll permezz ta' djalogu miftuħ mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-segwitu tal-arresti u l-każijiet fil-qorti.

Fl-2012, l-UE pprovdiet appoġġ lill-kummissjonijiet kostituzzjonali taż-Żimbabwe, kif ukoll lill-ġudikatura, bl-għan ewlieni li jiġu appoġġati t-transizzjoni demokratika u l-implimentazzjoni effettiva tar-riformi previsti fil-Ftehim Politiku Globali.

Fl-istess ħin, fl-2012 l-UE impenjat EUR 5.5 miljun taħt diversi strumenti finanzjarji biex tappoġġa l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. F'dan ir-rigward, l-użu strateġiku kontinwu tal-EIDHR u l-fondi għall-Atturi Mhux Statali kienu ċentrali biex jiżguraw appoġġ lis-soċjetà ċivili fl-isforzi tagħha biex tikkonsolida t-transizzjoni demokratika u biex tipproteġi u tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem. Is-CBSS tal-EIDHR kollha tal-2011 u l-2012 ġew iddedikati għall-ġlieda kontra l-impunità, il-monitoraġġ tal-ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-provvista ta' assistenza lill-vittmi tal-vjolenza politika.

F'Mejju 2012, l-Ambaxxaturi tal-UE ltaqgħu mal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem waqt iż-żjara tagħha fiż-Żimbabwe. Ġiet diskussa s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u b'mod partikolari l-arresti arbitrari.

Barra minn hekk, fl-2012 l-UE appoġġat proġett speċifiku dwar il-ġlieda kontra t-tortura billi sostniet ir-ratifika tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura (CAT). Ir-ratifika tal-CAT hija waħda mir-rakkomandazzjonijiet ewlenin adottati miż-Żimbabwe matul l-eżerċizzju tal-EPU tal-2011.

L-UE pprovdiet appoġġ ukoll għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa fiż-Żimbabwe, l-aktar permezz tal-"Programm għall-Appoġġ tas-Sessi" implimentat mill-*UN Women*. Dan il-programm għandu l-għan li jżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-bini tal-paċi u biex jissensibilizza dwar ir-Risoluzzjoni Nru 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

VI Il-Lvant Nofsani u l-Peniżola Għarbija

Baħrejn

Il-Baħrejn esperjenza taqlib sostnut sa minn Frar tal-2011 u huwa l-pajjiż tal-Golf l-iżjed milqut mir-"Rebbiegħa Għarbija", imma kien hemm perijodi ta' inkwiet xi ftit jew wisq regolari sa mill-indipendenza tal-pajjiż fl-1971. Il-kriżi attwali għalhekk għandha għeruq profondi fl-istorja tal-pajjiż b'perijodi ċikliċi ta' inkwiet.

Sa minn meta reġa' beda l-inkwiet, l-UE għamlet użu sħiħ mill-opportunitajiet kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex twassal messaġġi konsistenti lin-naħat kollha fil-Baħrejn dwar il-ħtieġa li joqogħdu lura mill-vjolenza u jimpenjaw ruħhom fi djalogu kostruttiv u paċifiku, pubblikament permezz ta' stqarrijiet regolari (fl-okkażjoni tal-ewwel anniversarju tal-inkwiet, bl-espressjoni ta' tħassib dwar is-sitwazzjoni ta' Abdulhadi Al-Khawaja u Nabeel Rajab, bil-kundanna tal-vjolenza, u fl-okkażjoni tal-ewwel anniversarju tal-pubblikazzjoni tar-Rapport tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn) ⁸, u permezz ta' kuntatt mal-awtoritajiet, inkluż fl-oġġla livell.

F'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri preżenti fil-post, ġiet żgurata wkoll il-preżenza fi proċeduri differenti tal-qrati relatati mal-inkwiet. Saru wkoll żjarat fil-Baħrejn minn uffiċjali għolja tal-UE, li fost l-oħrajn żaru lil difensur tad-drittijiet tal-bniedem il-ħabs. Ir-RGħ/VP Ashton ħarġet għadd ta' stqarrijiet li kkundannaw l-użu tal-vjolenza min-naħat kollha, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li huwa ddokumentat bir-reqqa u li appellaw għat-tnedija urġenti ta' djalogu nazzjonali sinifikattiv li jwassal għal rikonċiljazzjoni ġenwina.

Matul il-proċess, l-UE għamlet pressjoni fuq in-naħat kollha għal rikonċiljazzjoni nazzjonali u appellat konsistentement biex jinxteteħet dawl fuq il-każijiet allegati ta' abbużi tad-Drittijiet tal-Bniedem li saru mill-forzi tas-sigurtà u biex daww k ħatja jinżammu responsabbli. Ir-Rappreżentant Għoli għamlitha ċara fl-istqarrijiet tagħha li għandha tingħata prijorità lill-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn, li qeġħdin fir-rapport maħruġ mill-Kummissjoni fit-23 ta' Novembru 2013, kif ukoll biex tinbena mill-ġdid il-fiduċja permezz ta' djalogu nazzjonali mingħajr kondizzjonijiet bil-quddiem sabiex jiġu indirizzati l-motivi soċjoekonomiċi ta' lment tan-nies tal-Baħrejn.

⁸

Disponibbli fuq http://eeas.europa.eu/gulf_cooperation/news/index_en.htm

B'mod parallel, l-UE esprimiet ir-rieda tagħha biex tipprovdi appoġġ konkret għal dan il-proċess permezz tal-provvista ta' assistenza u ħila esperta. Attwalment l-UE qed tiffinalizza t-tnejn għal proġett iffinanzjat taħt l-Istrument għall-Istabbiltà. Il-fokus ewlieni tiegħu, kompletament konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn, ser ikun it-tfassil u t-twassil ta' kurrikulu ta' taħriġ komprensiv għall-imħallfin u l-prosekuturi tal-Unità tal-Investigazzjonijiet Speċjali (maħluqa fis-27 ta' Frar 2012 sabiex tinvestiga allegazzjonijiet ta' tortura u maltrattament) dwar il-projbizzjoni tat-tortura u l-maltrattament ħażin abbażi tal-Protokoll ta' Istanbul.

Il-Parlament Ewropew ħareġ riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Baħrejn fil-15 ta' Marzu 2012 ⁹, li kkundannat il-ksur li għadu għaddej u li appellat għall-implimentazzjoni sħiħa tar-rapport tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn u l-ħelsien tal-attivisti miżmuma l-ħabs. Delegazzjoni tal-sottokomitat tal-PE għad-Drittijiet tal-Bniedem żaret il-Baħrejn mit-18 sal-21 ta' Diċembru 2012, akkumpanjata mill-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE f'Riyadh, akkreditat għall-Baħrejn. Id-delegazzjoni vvalutat is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż permezz ta' laqgħat ma' interlokuturi mill-oqsma kollha tas-soċjetà ¹⁰.

Il-Baħrejn ġie soġġett għal Eżami Perjodiku Universali fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'Mejju u Settembru 2012. Il-Baħrejn aċċetta kompletament 145 rakkomandazzjoni, u aċċetta parzjalment 13-il rakkomandazzjoni, deskritti fl-EPU tan-NU (minn total ta' 176). L-impenn tal-Baħrejn biex jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tal-EPU primarjament ikkonċernaw kwistjonijiet tal-ġustizzja kriminali, il-prevenzjoni tat-tortura, id-drittijiet tan-nisa, il-protezzjoni tat-tfal u l-minoranzi, ir-ratifika tat-trattati internazzjonali, il-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin, u l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet deskritti mill-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tal-Baħrejn (BICI). Il-Baħrejn kellu riżervi dwar diversi rakkomandazzjonijiet li tqiesu li huma "*kuntrarji għax-Xarija Musulmana jew għall-kostituzzjoni jew huma ta' natura politika u jindaħlu fis-sovranità tal-pajjiż*". Il-Baħrejn qabel biex jipprovdi b'mod volontarju rapport interim lill-Kunsill sa tard fl-2016, qabel l-EPU li jmiss.

⁹ Disponibbli fuq <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=TA&language=EN&reference=P7-TA-2012-94>

¹⁰ Ir-rapport finali taż-żjara huwa disponibbli fuq: <http://www.europarl.europa.eu/document/activities/cont/201301/20130129ATT59957/20130129ATT59957EN.pdf>

Iran

Il-piena tal-mewt baqgħet kwistjoni prinċipali fl-2012 (292 eżekuzzjoni mħabbra, sfortunatament l-għadd reali probabbli jilħaq 523). Diversi minn dawn l-eżekuzzjonijiet apparentament kellhom motivi politiċi, u kienu mmirati lejn gruppi ta' minoranzi etniċi jew reliġjużi. Il-priġunerija arbitrarja ta' attivisti u bloggers tad-drittijiet tal-bniedem kompliet tintuża bħala "għodda politika" mir-reġim. Żdiedu r-restrizzjonijiet tal-libertà ta' espressjoni u informazzjoni, inkluż permezz tas-sorveljanza online u l-interferenzi fis-sinjali tas-satelliti.

L-UE rreaġixxiet bi stqarrijiet pubbliċi. Dawn l-interventi ffokaw b'mod partikolari fuq il-piena tal-mewt - u kienu mmirati kemm għall-eżekuzzjonijiet tal-massa kif ukoll għall-pieni tal-mewt mogħtija wara proċessi inġusti għall-aħħar, b'motivi politiċi apparenti. L-UE kompliet tappella lill-Iran biex jirrispetta l-istandards minimi internazzjonali, u ħeġġu jistabbilixxi moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt permezz ta' diversi stqarrijiet mir-Rappreżentant Għoli.

L-istqarrijiet tar-Rappreżentant Għoli koprew ukoll il-priġunerija ta' mexxejja u attivisti tal-oppożizzjoni, proċessi inġusti u kastigi ħarxa kontra attivisti tal-internet, l-interferenzi fix-xandir internazzjonali bis-satellita u l-mewt fil-kustodja tal-blogger Sattar Beheshti, li kien ukoll il-fokus ta' riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew fit-22 ta' Novembru. F'dan il-każ, għandu jkun innotat li l-awtoritajiet Iranjani keċċew lill-kap tal-pulizija tal-informatika Iranjana, u arrestaw diversi persuni inkonnessjoni mal-mewt ta' Beheshti.

L-UE kompliet ukoll tiffoka fuq l-appoġġ lill-avukati tad-drittijiet tal-bniedem. Bħala parti minn dan l-isforz, inħarġu diversi dikjarazzjonijiet dwar avukati tad-drittijiet tal-bniedem li ntbagħtu l-ħabs jew ġew kastigati b'modi oħra matul is-sena. Il-Parlament Ewropew ta wkoll il-Premju Sakharov għal-Libertà ta' Ħsieb 2012 lill-avukat Iranjan tad-drittijiet tal-bniedem miżmuma il-ħabs Nasrin Sotoudeh, konguntemment mal-produttur tal-films Jafar Panahi.

L-2012 ikkonfermat it-tendenza negattiva bir-repressjoni u d-diskriminazzjoni ta' ħafna individwi li jappertjenu għal minoranzi etniċi u reliġjużi, minkejja garanziji kostituzzjonali. Prattiki komuni inkludew piena ta' ħabs għall-kuxjenza, proċessi inġusti ta' priġunieri politiċi, pieni fiżiċi u użu tal-piena tal-mewt, kif ukoll restrizzjonijiet sistematiċi fuq il-moviment u ċ-ċaħda ta' ċerti drittijiet ċivili. L-UE rreaġixxiet għal dan permezz ta' stqarrija mir-Rappreżentant Għoli fil-każ tal-eżekuzzjoni ta' tlett irġiel Għarab Ahwazi, u ssorveljat is-sitwazzjoni billi żammet djalogi miftuħa mal-gruppi ta' minoranza kemm fl-Iran kif ukoll dawk eżiljati. Il-Parlament Ewropew għadda rizzoluzzjoni li tesprimi tħassib dwar is-sitwazzjoni għall-minoranzi etniċi fl-Iran fl-14 ta' Ġunju.

Fit-23 ta' Marzu 2012, l-UE aġġornat il-lista tas-sanzjonijiet tagħha ta' individwi responsabbli, direttament jew fuq ordni, ta' ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem ġewwa l-Iran. It-78 individwu Iranjan issa msemmija fuq din il-lista huma soġġetti għall-iffriżar tal-assi u l-projbizzjoni fuq vjaġġjar fl-UE.

L-UE kompliet tinvolvi ruħha mas-soċjetà ċivili Iranjana fl-Iran u fl-eżilju, sabiex tappoġġa l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran. Dan sar b'mod partikolari permezz ta' għadd ta' proġetti ffinanzjati minn strumenti ddedikati, inkluż l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR). Għal raġunijiet ta' sigurtà, dawn il-proġetti huma ristretti għall-UE.

Iraq

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iraq tibqa' kwistjoni ta' tħassib. Waqt li l-gvern ħa xi passi pożittivi fl-2012, is-sistema tal-ġustizzja kriminali tibqa' dgħajfa ħafna, u hemm problemi serji bil-kondotta tal-forzi tas-sigurtà u t-trattament tad-detenu.

Il-vjolenza terroristika tibqa' mifruxa sew, u tikkaġuna impatt qawwi fuq il-ħajjiet taç-ċittadini Iraġini. Kien hemm attacchi frekwenti, indiskriminati fuq il-persuni ċivili u l-forzi tas-sigurtà tul is-sena kollha. Diversi mijiet ta' persuni ċivili innoċenti nqatlu f'tali attacchi fl-2012, u eluf iżjed ġew midruba.

Kien hemm żieda kontinwa fl-użu tal-piena tal-mewt matul is-sena, b'129 eżekuzzjoni fl-2012 imqabbla ma' 76 fl-2011, u 18 fl-2010. L-UE appellat ripetutamente lill-Iraq biex twaqqaf l-eżekuzzjonijiet kollha, u biex taderixxi għall-istandards internazzjonali minimi għall-użu tal-piena tal-mewt. Inħarġu għadd ta' stqarrijiet fuq is-suġġett, mill-RGħ/VP u lokalment mid-Delegazzjoni tal-UE (stqarrija tar-RGħ/VP tas-27 ta' Jannar; stqarrija lokali fl-okkażjoni tal-Jum Dinji kontra il-Piena tal-Mewt fl-10 ta' Ottubru). Il-piena tal-mewt tqajmet ripetutamente mal-awtoritajiet f'Bagdad, fil-livell tal-Gvern, il-Presidenza u l-Parlament. Ir-Reġjun Iraġi tal-Kurdistan għadu jipprattika moratorju mhux uffiċjali fuq l-użu tal-piena tal-mewt.

L-UE regolarment qajmet tħassib mal-gvern Iraġi dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-ksur tad-drittijiet tan-nisa. Id-Delegazzjoni tal-UE żammet kuntatt regolari mal-awtoritajiet u ltaqgħet ma' rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-minoranzi kemm g'Bagdad kif ukoll f'Erbil. Il-missjonijiet diplomatiċi tal-UE komplew jikkoordinaw l-attivitajiet tagħhom f'laqgħat ta' kull xahar.

Kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-libertà ta' espressjoni, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet ta' persuna li jagħmlu parti minn minoranzi, il-piena tal-mewt, it-tortura u id-dritt għal proċess ġust baqgħu prijoritajiet għall-assistenza tal-UE fl-Iraq.

L-UE appoġġat is-setturi tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Istat tad-Dritt fil-pjan ta' żvilupp tagħha għall-2011-2013 (EUR 22 miljun). Barra minn hekk, l-UE ħadet id-deċiżjoni li tappoġġa l-Kummissjoni Indipendenti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li għadha kemm ġiet stabbilita (EUR 7.5 miljun). L-UE nediet żewġ sejħiet għal proposti għal NGOs Iraqini. L-ewwel waħda (EUR 3.5 miljun) hija intiża biex tinkoraġġixxi kultura ta' kooperazzjoni bejn is-soċjetà ċivili u l-gvern waqt li t-tieni waħda (EUR 6.595 miljun) tiffoka fuq oqsma bħas-sensibilizzazzjoni, il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-gruppi vulnerabbli inklużi n-nisa u t-tfal, il-libertà ta' espressjoni u l-promozzjoni tal-indipendenza tal-mezzi tal-informazzjoni. Il-Missjoni tal-UE tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq (EUJUST LEX) kompliet tipprovdi taħriġ u ggwidar lill-pulizija Iraqina, il-ġudikatura u s-servizz tal-ħabsijiet, f'Bagdad, Erbil, u Basra. L-EUJUST LEX ipprovdi taħriġ għal 963 uffiċjal: 350 uffiċjal tal-pulizija, 330 uffiċjal tal-ġudikatura, u 283 persunal tal-ħabsijiet. Il-kisbiet ewlenin tat-taħriġ kienu b'mod partikolari l-iżvilupp ta' kurrikula għall-Kors ta' Taħriġ Investigattiv Federali tal-pulizija, l-istabbiliment tal-Kumitati tal-Istat tad-Dritt, it-tnejja ta' manwali dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji kriminali u miżuri kontra l-korruzzjoni, u l-Programm ta' Awditu tal-Istandards Internazzjonali penitenzjarji.

F'Mejju, l-UE u l-Iraq iffirmaw il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK). Il-Ftehim jinkludi klawżola tad-drittijiet tal-bniedem bħala element essenzjali, u jipprevedi aktar kooperazzjoni bejn l-UE u l-Iraq dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz ta' djalogu formali f'sottokomitat dedikat fuq id-drittijiet tal-bniedem li ser jiltaqa' darba fis-sena. Il-partijiet ewlenin tal-Ftehim (inklużi d-dispożizzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem) daħlu f'applikazzjoni proviżorja f'Awwissu.

Ir-Rappreżentant Għoli laqgħet b'sodisfazzjon il-ħatra f'April tal-membri tal-Kummissjoni Għolja Indipendenti għad-Drittijiet tal-Bniedem (IHCHR), l-ewwel korp indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem tal-Iraq. Sal-aħħar tas-sena, kien għad fadal għadd ta' kwistjonijiet x'jiġu solvuti qabel ma l-IHCHR tista' ssir kompletament operazzjonali, bħalma hi l-għażla ta' president, li tiġi trasferita għall-bini tagħha stess, jew li tibda timplimenta l-attivitajiet b'mandat legali tagħha.

F'Jannar, il-parlament Iraqin għadda liġi li rratifikat il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà. Il-Ministeru tad-Drittijiet tal-Bniedem qed jikkoordina x-xogħol ta' kumitat interministerjali li ngħata l-kompitu li jimplimenta l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li jinkorpora ħafna mill-136 rakkomandazzjoni aċċettati mill-Iraq matul il-proċess tal-Eżami Perjodiku Universali fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2010. L-UE ppjanat li timmobilizza assistenza teknika f'dawn l-oqsma.

L-UE komplet issegwi mill-qrib is-sitwazzjoni tar-residenti tal-ex-Camp Ashraf, billi offriet appoġġ kemm politiku kif ukoll finanzjarju (EUR 12-il miljun), tal-proċess iffaċilitat min-Nazzjonijiet Uniti.

Kuwajt

Il-Kuwajt ħa passi biex itejjeb is-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem u, f'termini relattivi, jagħti garanziji aktar avvanzati tad-drittijiet tal-bniedem mill-ġirien tiegħu tal-Golf, b'mod partikolari fir-rigward tal-libertà ta' espressjoni, il-libertà tal-istampa u l-eżistenza ta' istituzzjonijiet demokratiċi b'saħħithom.

Il-kwistjoni prinċipali f'termini ta' Drittijiet tal-Bniedem hija, b'mod partikolari, il-problema tal-persuni apolidi ("Bidoons"), possibilment 'il fuq minn 100 000, li jgħixu fil-pajjiż mingħajr ma jgawdu d-drittijiet ċivili u mingħajr dritt għall-assistenza tal-Istat. Il-Gvern iddikjara li xi dispożizzjonijiet bażiċi issa qed jingħataw lill-Bidoons, inklużi l-aċċess għad-dokumentazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-impjiegi u l-edukazzjoni. Membri tal-komunità tal-Bidoons iddikjaraw li din id-dispożizzjoni hija irregolari. It-talbiet għaċ-ċittadinanza Kuwajta jibqgħu mhux solvuti.

Kwistjonijiet oħra tad-drittijiet tal-bniedem imqajma b'mod konsistenti jinkludu t-traffikar ta' bnedmin (b'mod partikolari l-ħaddiema domestiċi) u l-limitazzjonijiet fuq id-drittijiet tal-ħaddiema. Barra minn hekk, jibqa' tħassib dwar il-libertà ta' espressjoni u ta' assemblea, inkluż minħabba l-għadd ta' individwi arrestati minn Novembru 2012 'il hawn. L-UE segwiet ukoll mill-qrib l-iżviluppi fil-Parlament Kuwajti, inklużi d-dimostrazzjonijiet għal aktar riformi politiċi. Il-kundanna ta' attivisti u twitterers involuti fil-kritika tal-gvern baqgħet kawża ta' tħassib għall-UE.

Il-piena tal-mewt teżisti fil-Kuwajt, imma b'moratorju de facto fis-seħħ sa mill-2007. F'dan l-isfond, l-UE kkomunikat b'mod konsistenti mal-awtoritajiet Kuwajti biex issostni moratorju kontinwu fuq il-piena tal-mewt u, bħala l-ewwel pass, biex tirrestrinġi l-pieni tal-mewt - jekk ma jitneħħewx kompletament - għall-każijiet l-aktar gravi ¹¹.

¹¹ FI-2013, wara l-perijodu taħt eżami, l-eżekuzzjonijiet issoktaw.

Oman

L-Oman kien wieħed miż-żewġ pajjiżi tal-GCC li ntlaw minn grad ta' inkwiet fil-kuntest tar-"Rebbiegħa Għarbija". Bħala riżultat, is-Sultan Qaboos ħa passi, fost l-oħrajn, biex itejjeb il-parteċipazzjoni politika. Il-kundanna ta' bloggers u attivisti involuti f'dimostrazzjonijiet baqgħet kawża ta' tħassib għall-UE.

Kwistjoni oħra ta' tħassib maġġuri għall-UE hi, bħal fil-pajjiżi tal-Golf l-oħra, id-diskriminazzjoni tal-ħaddiema espatrijati, kemm legalment kif ukoll fil-prattika, u l-istatus u s-sitwazzjoni ġenerali tagħhom.

L-Istati Membri tal-UE preżenti fil-pajjiż kienu attivi permezz ta' seminars u taħriġ f'diversi oqsma, inklużi d-drittijiet tan-nisa, it-traffikar tal-bnedmin, u l-libertà ta' espressjoni.

Qatar

Il-Qatar ħa diversi passi fl-aħħar ftit snin biex itejjeb is-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem.

L-UE komplet tqajjem il-kwistjoni tat-traffikar, primarjament ta' ħaddiema domestiċi mal-awtoritajiet tal-Qatar. Il-ħaddiema migranti jikkostitwixxu 80 fil-mija tal-popolazzjoni tal-Qatar u jkomplu jkunu soġġetti għal abbużi.

L-UE indirizzat ukoll il-kwistjoni tal-piena kapitali mal-awtoritajiet matul is-sena, billi sostniet moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni. Ma kien hemm ebda eżekuzzjoni mill-2003 'l hawn.

It-titjib kontinwu fis-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem ma tistax tiġi injorata, waqt li s-sitwazzjoni tal-ħaddiema migranti u tal-impjegati domestiċi, b'mod partikolari, teħtieġ aktar attenzjoni. Id-diskussjonijiet attwali dwar liġi ġdida tal-mezzi tal-informazzjoni qed jiġu segwiti b'interess kbir mill-UE.

L-Arabja Sawdija

Ġiet segwita triq ta' riforma kawta fl-Arabja Sawdija fl-aħħar ftit snin taħt it-tmexxija tar-Re Abdullah.

Tħassib relatat mad-drittijiet tal-bniedem għall-UE fir-rigward tal-Arabja Sawdija ġej prinċipalment mill-użu mifruż tal-piena tal-mewt, ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' espressjoni u ta' reliġjon/twemmin, l-allegazzjonijiet ta' tortura u l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari id-detenzjonijiet għal perijodi twal mingħajr proċess.

L-Arabja Sawdija hija waħda mill-pajjiżi bl-ogħla għadd ta' pieni kapitali fis-sena. Huwa diffiċli li wieħed jagħti stampa preċiża tal-fenomenu minħabba li l-gvern ma jipprovdiżi ċifri dwar l-eżekuzzjonijiet. L-awtoritajiet Sawdi għandhom pożizzjoni ta' prinċipju li jirrifjutaw kwalunkwe diskussjoni reali dwar din il-kwistjoni minħabba li l-piena tal-mewt hija prevista fix-Xarija li "ma tistax tiġi kkuntestata bħala sors reliġjuż tal-liġi". L-UE kompliet tindirizza din il-kwistjoni fil-laqgħat u l-kuntatti formali u informali differenti mal-awtoritajiet Sawdi.

L-Arabja Sawdija teżerċita kontroll strett fuq kull mezz ta' espressjoni. Segwew arresti wara *tweets* u użu ieħor tal-mezzi ta' informazzjoni soċjali. Barra minn hekk, dawk li jħaddnu reliġjonijiet jew twemminiet oħra minbarra l-Islam ikomplu jiffaċċjaw sitwazzjonijiet diffiċli u diskriminazzjoni fl-Arabja Sawdija. L-UE kompliet tinsisti, fil-kuntatt tagħha mal-awtoritajiet, dwar il-ħtieġa li tingħata protezzjoni adegwata lil-libertajiet fundamentali, inkluż fl-applikazzjoni ta' konvenzjonijiet internazzjonali, is-sitwazzjoni tan-nisa u l-libertà tal-istampa.

Għalkemm is-sitwazzjoni tan-nisa fl-Arabja Sawdija hija kwistjoni ta' tħassib, l-UE laqgħet b'sodisfazzjon id-deċiżjoni meħuda mir-Re Sawdi li jaħtar tletlin mara (jiġifieri l-20%) għall-Kunsill tax-Xura fl-2013 u li tippermetti li n-nisa jivvotaw u jikkuntestaw l-elezzjonijiet municiċipali sa mill-2015. Ir-Re ddeċieda wkoll li jippermetti lil avukati nisa biex jargumentaw każijiet ta' klijenti ġewwa l-awli tal-qrati fil-futur qrib.

L-Emirati Għarab Magħquda

L-EGħM s'issa evitaw l-inkwiet tar-'Rebbiegħa Għarbija', mhux l-anqas minħabba li l-popolazzjoni lokali żgħira ħafna tgawdi minn wieħed mill-ogħla PDG per capita fid-dinja. Madankollu, l-NGOs u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kienu soġġetti għal restrizzjonijiet kontinwi. Fl-2011 iċ-Ċentru ta' Riċerka tal-Golf (li jimplementa proġett finanzjat mill-UE dwar il-promozzjoni ta' relazzjonijiet aktar profondi bejn l-UE u l-GCC) ġie mgħiegħel jagħlaq l-uffiċċji tiegħu f'Dubaj, u wara, l-organizzazzjoni Ġermaniża Konrad Adenauer Stiftung u l-organizzazzjonijiet tal-Istati Uniti ntabu jtilqu mill-pajjiż, li wassal lill-UE biex tesprimi dispjaċir permezz ta' kuntatti mal-awtoritajiet. Il-gvern tal-EGħM ħa d-deċiżjoni li l-kuntatti kollha bejn l-ambaxxati barranin u l-NGOs lokali jġu soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel.

Kwistjoni oħra li tibqa' ta' tħassib hija l-piena tal-mewt, inklużi għal reati li ma jissodisfawx il-kriterji tar-"reati kriminali l-aktar serji". L-EGħM ikkooperaw mar-Relaturi Speċjali tan-NU; ma' żjarat mir-Relatur Speċjali dwar ir-Razziżmu, ir-Relatur Speċjali dwar il-Bejgħ tat-Tfal u r-Relatur Speċjali dwar it-Traffikar bejn l-2009 u l-2012 u għamlu sforzi biex jiġġieldu t-Traffikar tal-Bnedmin (il-pajjiż huwa fulkru loġistiku u tal-ivvjaġġar fir-reġjun), inkluż l-istabbiliment ta' Kumitat għall-Ġlieda Kontra Reati ta' Traffikar tal-Bnedmin u l-attivitajiet tal-Kumitat Nazzjonali għall-Ġlieda Kontra t-Traffikar tal-Bnedmin.

Delegazzjoni tal-Parlament Ewropew żaret l-Emirati fl-2012; is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kienet ta' prijorità fl-aġenda waqt iż-żjara u ġiet diskussa f'laqgħat ta' livell għoli mal-awtoritajiet lokali. L-UE kellha l-opportunità wkoll li tqajjem it-tħassib tagħha fuq dawm il-kwistjonijiet fl-aħħar Kunsill Konġunt UE-GCC u l-Konferenza Ministerjali li saret fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2012.

Riżoluzzjoni kritika tal-PE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ġiet adottata f'Ottubru 2012. Segwew diversi skambji li matulhom l-EGħM iddispjaċihom li ma kellhomx l-opportunità jesprimu l-fehmiet tagħhom u esprimew l-opinjoni li r-riżoluzzjoni naqset milli tikkunsidra ħafna aspetti pożittivi tal-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-EGħM (eż. FORB, l-ugwaljanza bejn is-sessi, eċċ.).

Jemen

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Jemen huma attwalment irregolati minn ftehim ta' Kooperazzjoni ffirmat fl-1988. It-tfassib ewlieni tal-UE, fi qbil mal-atturi internazzjonali prinċipali l-oħrajn, iffoka fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat il-ksur mifruż tad-drittijiet tal-bniedem relatat mal-inkwriet, il-piena tal-mewt u biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni tan-nisa (il-Jemen huwa fl-aħħar pożizzjoni fl-Indiċi Globali tad-Disparità bejn is-Sessi).

L-UE qiegħda tindirizza attivament il-kwistjoni tal-piena tal-mewt, b'mod partikolari fir-rigward ta' minorenni permezz ta' laqgħat regolari mal-awtoritajiet Jemeniti. L-UE qed taħdem mal-UNICEF u l-Ministeru tal-Ġustizzja biex issaħħaħ il-kapaċitajiet istituzzjonali maħsuba għal sistema tal-ġustizzja tal-minorenni adatta għat-tfal u hi involuta wkoll f'modi oħra attivament mal-awtoritajiet dwar il-kwistjoni, b'mod partikolari bl-appoġġ għall-iżvilupp ta' reġistru ċivili formali fil-Jemen, sabiex jiffaċilita l-prova tal-età. Minħabba n-nuqqas ta' dokumenti tal-ID formali għall-maġġoranza tal-popolazzjoni tal-Jemen, huwa diffiċli li tiġi vverifikata tal-età.

Is-SEAE ssegwi djalogu kontinwu mal-awtoritajiet Jemeniti dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mad-Drittijiet tal-Bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tan-nisa u tat-tfal, u dan f'kull livell, kemm ġewwa l-pajjiż permezz tad-Delegazzjoni tal-UE kif ukoll waqt laqgħat u djalogi uffiċjali. Ma seħħ l-ebda Kumitat Konġunt ta' Kooperazzjoni fl-2012 minħabba s-sitwazzjoni fil-pajjiż, imma kien hemm laqgħat regolari mal-gvern, kemm ma' uffiċjali għolja mill-Kwartieri Ġenerali kif ukoll mad-Delegazzjoni tal-UE. Ikun hemm inizjattivi diplomatiċi regolari mal-awtoritajiet u l-parlamentari Jemeniti.

Is-sottokumitat tal-Parlament Ewropew dwar id-Drittijiet tal-Bniedem żar il-Jemen f'Mejju 2012. Ġew adottati konklużjonijiet tal-Kunsill fi Frar, Mejju u Novembru 2012, Il-konklużjonijiet ta' Frar appoġġaw espliċitament l-"aspirazzjonijiet tal-poplu Jemenit għal stat inklussiv, demokratiku u ċivili li jiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt."

Mill-ħafna stqarrijiet tar-Rappreżentant Għoli u l-kelliem tagħha li ħarġu matul is-sena, dawk wara l-elezzjonijiet u wara d-diskussjonijiet bejn r-RGHVP u l-President Hadi jsemmu espliċitament id-drittijiet tal-bniedem.

VII Asja

Afganistan

Id-djalogu politiku tal-UE mal-awtoritajiet Afgani ffoka fuq it-titjib neċessarju tal-Politika tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-implimentazzjoni tagħha. Oqsma ta' tħassib partikolari inkludew id-drittijiet tan-nisa u tat-tfal, il-piena tal-mewt, ir-riskji għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, it-tortura u l-abbuż, id-detenzjoni arbitrarja, il-libertà ta' espressjoni, reliġjon jew twemmin, il-ġustizzja transizzjonali u l-impunità. L-UE spiss esprimiet it-tħassib tagħha dwar l-għadd għoli ta' persuni ċivili li ndarbu b'riżultat tal-attakki terroristiċi, il-konflitt armat u s-sitwazzjoni fraġli tas-sigurtà. Dawn il-kwistjonijiet kienu diskussi regolarment fil-livell tal-uffiċjali politiċi u dawk għolja. Barra minn hekk, l-UE żammet kuntatti regolari mas-soċjetà ċivili u l-NGOs tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' konsultazzjonijiet u gruppi ta' diskussjoni.

L-UE kompliet tappoġġa t-tiżiħ tal-oqfsa internazzjonali, reġjonali u nazzjonali għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan. Hi kellha rwol ewlieni biex tiżgura referenza adegwata għad-Drittijiet tal-Bniedem u kwistjonijiet tas-sessi fil-Qafas ta' Tokjo għar-Responsabbiltà Reċiproka (TMAF). Dan stabbilixxa kondizzjonalità ċara biex wieħed jieħu benefiċċju minn livelli għolja ta' appoġġ, li għalihom il-Gvern Afgan għandu jimplementa riformi f'oqsma ewlenin bħall-governanza, l-istat tad-dritt, u d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tan-nisa, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u r-riforma elettorali u ġudizzjarja. B'mod partikolari, ġew inklużi żewġ indikaturi fit-TMAF biex itejbu l-aċċess għall-ġustizzja għall-kulħadd, b'mod partikolari n-nisa, billi jiżguraw li l-Kostituzzjoni u l-liġijiet oħra fundamentali huma infurzati mingħajr dewmien, b'mod ġust u trasparenti; u biex jiżguraw li n-nisa jistgħu jgawdu b'mod sħiħ id-drittijiet ekonomiċi, soċjali, ċivili, politiċi u kulturali tagħhom. Dan jimplika progress tanġibbli fl-implimentazzjoni tal-Liġi għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza Kontra n-Nisa (EVAW), u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għan-Nisa (NAPWA). Bl-istess mod, l-awtoritajiet Afgani impenjaw ruħhom li jippermettu lill-Kummissjoni Indipendenti għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Afganistan (AIHRC) u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jwettqu l-funzjonijiet xierqa tagħhom.

F'dan il-kuntest, l-UE ddispjaċiha bin-nuqqas ta' progress mill-Gvern fil-ħatra ta' kummissarji kwalifikati għall-AIHRC u kkomunikat f'itra konġunta mal-Istati Membri lill-President Karzai, il-ħtieġa li l-kummissarji jiġu nominati malajr u abbażi ta' proċess konsultattiv. L-UE ddispjaċiha wkoll bin-nuqqas ta' progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Prijorità Nazzjonali 'Ġustizzja'. Bi tweġiba, l-UE ddifferixxiet l-iżborż ta' EUR 20 miljun ta' appoġġ tal-UE għas-settur tal-ġustizzja - 'Il-Ġustizzja u l-Istad tad-Dritt', bħala wieħed mill-ħames pilastru fit-TMAF li l-Gvern kien impenja ruħu li jwettaq.

Fl-2012, l-UE ħarġet stqarrijiet pubbliċi f'okkażjonijiet ta' ksur serju tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan inkluda l-qtil tal-attivista tad-drittijiet tan-nisa s-Sinjura Hanifa Safi u l-Membru tal-Parlament Ahmad Khan Samangani (Lulju); il-qtugħ tal-irjus ta' 17-il persuna ċivili fil-Provinċja ta' Helmand (Awwissu); l-attakk suwiċida f'Kabul fit-8 ta' Settembru li qatel mill-anqas sitt persuni ċivili Afgani, inklużi tfal; id-dikjarazzjoni u l-inizjattiva diplomatika wara l-eżekuzzjonijiet ta' erbatax-il persuna kkundanti għal reati kriminali (Novembru). F'Diċembru r-RGħ/VP ikkundannat bil-qawwa l-qtil tal-attivista tad-drittijiet tan-nisa Nadia Seddiqi. L-UE esprimiet tħassib serju dwar is-sejbiet ippubblikati mill-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Afganistan (UNAMA) li rrapportat li l fuq minn 50% tad-detenuati marbuta mal-konflitt kienu torturati jew maltrattament fl-2012.

L-UE baqgħet donatur prinċipali fl-Afganistan. Barra mill-appoġġ kontinwu taħt id-DCI (Programm ta' Azzjoni Annwali 2012 dwar il-protezzjoni soċjali), ġew iffinanzjati inizjattivi u proġetti tas-soċjetà ċivili permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-programm "Atturi Mhux Statali u Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp" u l-Istrument għall-Istabbiltà. Tniedu 13-il proġett ġdid (EIDHR, NSA) li minnhom sitta għandhom fokus qawwi fuq is-sessi.

Dawn l-attivitajiet ta' appoġġ jipromwovu d-drittijiet tan-nisa permezz it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, l- edukazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, billi jiżguraw ir-rwol tagħhom fil-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni, u billi jiżguraw li għandhom rwol attiv fil-ħajja pubblika u fl-ispazju tal-mezzi tal- informazzjoni. Jinkludu wkoll il-provvista ta' appoġġ legali, kenn, konsulenza u medjazzjoni għan- nisa u t-tfajliet affettwati mill-vjolenza fil-familja; il-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa permezz tal- istrutturi lokali tas-soċjetà ċivili; it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni għall- persunal fil-ġustizzja u l-partijiet interessati tal-komunità; u billi jippermettu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-komunitajiet lokali fl-livell provinċjali biex jagħtu segwitu għal-liġi dwar l- EVAW u l-UNSCR 1325.

Bl-istess mod, il-missjoni tal-pulizija tal-UE EUPOL AFGHANISTAN kienet qed tikkollabora mal- UNFPA fil-provvista ta' taħriġ speċjalizzat għall-pulizija u l-prosekuturi dwar l-EVAW u kienet qed twettaq kampanja ta' profil għoli għas-sensibilizzazzjoni fost l-oħrajn flimkien mal-IOM u l- UNFPA. Hija appoġġat wkoll lill-Unitajiet għar-Rispons tal-Familji tal-Ministeru tal-Intern permezz ta' taħriġ f'tekniki ta' investigazzjoni kriminali u tekniki ta' intervisti għan-nisa u t-tfal.

Fl-aħħar nett, tnedu n-negozjati tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp li fihom ser jidhru b'mod prominenti dispożizzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem bħala elementi essenzjali ta' tali ftehim futur.

Bangladexx

L-UE kompliet taħdem għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli tal-Bangladexx f'konformità mal-Ftehim ta' Kooperazzjoni mal-pajjiż, li jirreferi għar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l- prinċipji demokratiċi bħala element essenzjali.

Fid-djalogu tagħha mal-awtoritajiet tal-Bangladexx, l-UE qajmet kwistjonijiet fost l-oħrajn dwar il-piena tal-mewt, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-qtil u l-għajbien extraġudizzjarji, il-libertà ta' espressjoni, l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Paċi ta' Chittagong Hill Tracts, ir-rwol ta' korpi indipendenti ta' sorveljanza, l-armonija komunali u d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, u d-drittijiet tan-nisa u t-tfal.

Hekk kif il-vjolenza partiġjana żdiedet fit-toroq, l-UE appellat għal soluzzjoni għat-tilwim politiku u għal djalogu dwar l-arranġamenti elettorali. Wara l-ħtif u l-qtil tal-attivista tad-drittijiet industrijali Aminul Islam, ir-rappreżentanti tal-UE ltaqgħu mal-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u appellaw lill-Gvern biex jagħmel investigazzjoni imparzjali dwar dan u ħtif ieħor.

L-UE tippovdi assistenza lil rifuġjati reġistrati kif ukoll lil persuni apolidi ta' tħassib ikkunsidrati bħala barranin illegali mingħajr status legali ta' rifuġjati.

Wara t-tfaqqiġ tal-vjolenza komunali fl-Istat ta' Rakhine, il-Mjanmar, u l-influss ta' rifuġjati minn Rohingya ġewwa l-Bangladexx, l-UE ħadmet biex tiżgura li r-refuġjati kienu trattati skont l-istandards umanitarji. Hi għamlet sforzi biex tiżgura li l-appoġġ umanitarju tagħha fuq il-post twassal mingħajr tfixkil. B'mod parallel, l-UE kompliet ukoll bl-isforzi diplomatiċi u ta' żvilupp tagħha mal-Mjanmar biex tikkontribwixxi għal soluzzjoni fit-tul għas-sitwazzjoni tal-popolazzjoni tar-Rohingya.

Wara nar traġiku f'fabbrica tal-ħwejjeġ f'Ashulia, l-Unjoni Ewropea rreaġixxiet malajr biex tgħin lil dawk affettwati min-nar. Proġett kofinanzjat mill-UE u l-Ġermanja għat-titjib tal-istandards soċjali u ambjentali fl-industrija għen biex jipprovdi assistenza medika lill-vittmi u ikel u oġġetti oħra lill-familji affettwati. L-UE ltaqgħet ukoll ma' uffiċjali tal-Assoċjazzjoni tal-Manifatturi u l-Esportaturi tal-ħwejjeġ tal-Bangladexx bħala l-ewwel pass f'serje ta' sforzi biex jittejbu s-saħħa u s-sigurtà fil-fabbriki.

Fl-2012, l-UE nediet żewġ programmi bil-għan li jipromwovu l-koeżjoni soċjali u l-opportunitajiet ekonomiċi għall-fqar. Dawn il-proġetti qed jippruvaw itejbu l-għajxien u s-sigurtà tal-ikel tal-persuni l-iżjed foqra u biex isaħħu l-kompetittività tal-intrapriżi domestiċi u żgħar.

F'April, l-UE organizzat Konferenza tas-Soċjeta' Ċivili dwar l-Iżvilupp Sostenibbli fil-Bangladexx. Il-parteċipanti enfasizzaw l-importanza tal-koeżjoni soċjali u tar-responsabbiltà istituzzjonali għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Bangladexx.

Butan

Il-Butan qed jipprepara għall-Elezzjonijiet Parlamentari f'Ġunju 2013.

Matul l-2012, il-finanzjament tal-UE appoġġa l-proċess ta' demokratizzazzjoni billi ffoka prinċipalment fuq l-istabbiliment ta' sistema ta' Għotjiet Kapitali Annwali biex tissaħħa id-deċentralizzazzjoni fiskali għal-livell ta' distretti u parti mid-distretti.

In-Nepal u l-Butan qablu biex jergħu jibdew taħdidiet fuq livell ministerjali biex jindirizzaw is-sitwazzjoni tar-rifuġjati mill-Butan allegatament fil-Lvant tan-Nepal.

Id-Delegazzjoni tal-UE għall-Butan qajmet kwistjonijiet ta' tħassib relatati mad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-kwistjoni tar-rifuġjati.

L-UE komplet tappoġġa wkoll proġett immirat lejn erba' komunitajiet magħżula bil-għan li jstimola u jpreserva l-kultura u t-tradizzjonijiet ta' gruppi ta' minoranzi fi tliet distretti tal-Butan.

Brunej

Il-Brunej huwa monarkija assoluta. Sa mill-1962, is-Sultan ħakem b'setgħat ta' emerġenza li jpoġġu ftit limiti fuq is-setgħa tiegħu. Id-demokratizzazzjoni għaddejja iżda bil-mod ħafna. F'pass rari lejn riforma politika, fl-2004 tqajjem mill-ġdid parlament maħtur (kunsill legiſlattiv). Il-kostituzzjoni tipprevedi Kamra akbar b'attwalment 30 membru maħtura mis-sultan u sa 15-il Membru Parlamentari elett. Madankollu, ma għet fissata l-ebda data għall-elezzjonijiet (l-aħħar elezzjoni saret fl-1962) u ma ġie rreġistrat l-ebda progress ieħor għar-riforma politika.

Hemm liġijiet li jippenalizzaw l-LGBTI imma mhumiex infurzati. Is-swat bil-qasba huwa piena preskritta għal għadd ta' reati. Il-Brunej josserva moratorju de facto fuq il-piena tal-mewt bl-aħħar eżekuzzjoni fl-1996. L-aħħar sentenza tal-mewt inġhatat fl-2010. Attwalment hemm bejn 10 u 15-il persuna kkundannati għall-mewt. Ġew irrappurtati l-problemi li ġejjin relatati mad-drittijiet tal-bniedem: l-inabbiltà taċ-ċittadini li jibdlu l-gvern tagħhom; id-detenzjoni arbitrarja; limiti fuq il-libertà ta' espressjoni, stampa, assemblea, u assoċjazzjoni; restrizzjonijiet fuq il-libertà reliġjuża; id-diskriminazzjoni kontra n-nisa; ir-restrinġiment tad-drittijiet tax-xogħol; u l-esplojtazzjoni tal-ħaddiema barranin. Ma kienx hemm aktar ratifiki fl-2012 mill-Brunej ta' xi strumenti ġodda dwar id-drittijiet tal-bniedem.

L-UE m'għandha l-ebda delegazzjoni fil-Brunej. Għalhekk il-Kapijiet tal-Missjoni Residenti tal-Istati Membri jwettqu djalogu informali dwar kwistjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem meta dawn iqumu. In-negozjati dwar Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) tnedu formalment f'April 2012. L-ewwel ċiklu ta' negozjati sar f'Diċembru 2012, it-tieni f'Marzu 2012 f'Bandar Seri Begawan.

Bħalissa qed tiġi preparata inizjattiva diplomatika tal-UE dwar l-adeżjoni għall-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI). Għalkemm il-Gvern tal-Brunej Darussalam ma qajjem l-ebda oġġezzjoni fir-rigward ta' xi dispożizzjoni individwali tal-Istatut ta' Ruma u lanqas għall-adeżjoni inġenerali, l-adeżjoni tista' tkun konfliġġenti mal-immunità tas-sultan fil-kwistjonijiet pubbliċi u privati kollha mogħtija mill-kostituzzjoni tal-Brunej.

ASEAN

Fit-18 ta' Novembru, il-Kapijiet ta' Stat u Gvern tal-ASEAN adottaw Dikjarazzjoni tal-ASEAN dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li hija l-ewwel strument reġjonali komprensiv tad-drittijiet tal-bniedem fl-Asja, u bażi tajba, flimkien mal-attività tal-Kummissjoni Intergovernattiva tal-ASEAN dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li fuqu wieħed jista' jibni mas-sħab Asjatiċi. Ir-RGħ/VP tal-UE Cathy Ashton laqgħet b'sodisfazzjon l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni bħala konferma importanti tal-impenn tal-ASEAN għad-drittijiet tal-bniedem waqt li enfasizzat l-aspettativa tal-UE li l-implimentazzjoni tindirizza kwalunkwe problema ta' kompatibbiltà mal-istandards internazzjonali, b'mod partikolari d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u t-trattati rilevanti tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem tan-NU.

Mjanmar/Burma

L-UE fetħet kapitolu ġdid fir-relazzjonijiet tagħha mal-Mjanmar/Burma f'April 2012, billi ssuspendiet il-miżuri restrittivi imposti fuq il-Gvern, bl-eċċezzjoni tal-embargo fuq l-armi. Fit-28 ta' April ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President Catherine Ashton fetħet Uffiċċju tal-UE f'Yangon.

L-UE laqgħet b'sodisfazzjon l-elezzjonijiet parzjali tal-1 ta' April, li rriżultaw fl-elezzjoni ta' Daw Aung San Suu Kyi u membri tal-partit Lega Nazzjonali għad-Demokrazija, li saru b'mod trasparenti u kredibbli. L-UE laqgħet ukoll id-deċiżjoni tal-Gvern li jagħmel aktar tibdil fil-leġislazzjoni biex jippermetti l-libertà ta' assemblea u ta' assoċjazzjoni u biex itaffi l-kontroll tal-mezzi ta' infomazzjoni. Il-President U Thein Sein uża d-dritt kostituzzjonali tiegħu biex jipproċedi għal b'serje ta' ħelsien mill-ħabs ta' prigionieri tul l-2012 bir-riżultat li l-maġġoranza l-kbira tad-detenuti politiċi issa nħelsu. L-ILO ssoktat il-ħidma mal-Gvern bil-għan li telimina x-xogħol furzat.

L-UE appoġġat l-istabbiliment ta' Kummissjoni Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u għenitha tittratta għadd ta' każijiet dejjem j iżdied. L-UE appoġġat ukoll it-tiżiħ tar-rwol tas-soċjetà ċivili u tal-mezzi ta' informazzjoni. F'dak ir-rigward, l-attivitajiet inkludew il-finanzjament ta' netwerks eżistenti tas-soċjetà ċivili u ċentri ta' riżorsi kif ukoll il-ħolqien ta' mekkaniżmi ġodda għall-konsultazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, it-taħriġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mir-reġjuni etniċi u l-partiti politiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-amministrazzjoni pubblika, u t-taħriġ ta' ġurnalisti dwar rappurtar ekonomiku, politiku u elettoral. L-UE ffinanzjat proġetti biex jappoġġaw il-programm ta' ħidma tal-ILO fil-pajjiż.

L-UE kienet għal darb'oħra l-isponsor ewlieni tar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Mjanmar, li ġiet adottat b'kunsens għall-ewwel darba fl-2012. Ir-riżoluzzjoni laqgħet b'sodisfazzjon l-isforzi sostanzjali lejn ir-riforma politika, id-demokratizzazzjoni, ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali u t-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-istess ħin, irrikonoxxiet l-isfidi li ġejjin, inkluż il-ħelsien mill-ħabs tal-bqija tal-priġunieri, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kontra persuni li jappertjenu għal minoranzi etniċi u indirizzat il-kawżi sottostanti tal-vjolenza fl-Istat ta' Rakhine.

Baqa' tħassib dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem speċjalment fiż-żoni etniċi fejn diġà ġew iffirmati waqfien mill-ġlied mal-maġġoranza tal-gruppi armati. Waqt iż-żjara tiegħu f'Novembru 2012, il-President Barroso inawgura ċ-Ċentru ta' Paċi tal-Mjanmar li għandu l-għan li jkollu rwol kruċjali fil-proċess ta' paċi etniku.

Kambodja

Fl-2012, l-UE ssorveljat bir-reqqa s-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Kambodja. Ingħatat attenzjoni partikolari lill-proċessi tad-difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem. Stqarrija mill-kelliem tar-Rappreżentant Għoli ddenunzja s-sentenza ta' għoxrin sena ħabs ta' Mam Sonando, li fis-26 ta' Ottubru kienet segwita b'riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-pajjiż, li kkundannat l-abbużi tad-Drittijiet tal-Bniedem li qed jiżdiedu u inkoraġġiet lill-gvern tal-Kambodja biex isaħħaħ id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-libertajiet fundamentali.

Qabel il-laqgħa tal-Kumitat Konġunt UE-Kambodja (19-21 ta' Ġunju), laqgħa tas-sottogrupp tal-Kumitat Konġunt dwar "It-Tisħiħ tal-Istituzzjonijiet, ir-Riforma Amministrattiva, ir-Riforma Legali, il-Governanza u d-Drittijiet tal-Bniedem" iffokat fuq il-libertà ta' espressjoni, is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili, kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet għall-artijiet u d-detenturi tad-drittijiet għall-artijiet.

Il-ġestjoni tal-art, inklużi d-drittijiet tal-art u l-iżgumbrament tan-nies li jgħixu ġewwa Konċessjonijiet tal-Art għal raġunijiet ekonomiċi kienet taħt skrutinju kontinwu tal-UE, f'kooperazzjoni man-NU, is-soċjetà ċivili u sħab oħra kkonċernati.

L-UE ssorveljat mill-qrib il-ħidma tar-Relatur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Kambodja, il-Professor Subedi, u esprimiet it-tħassib tagħha fis-26 ta' Settembru fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tal-aħħar rapport tiegħu.

L-UE komplet tinkoraġġixxi r-riformi legali u ġudizzjarji, b'mod partikolari permezz tal-Faċilità ta' Kooperazzjoni UE-Kambodja għall-Governanza u d-Drittijiet tal-Bniedem, billi tipprovdi assistenza teknika lill-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kambodja u lill-Ministeru tal-Ġustizzja biex tappoġġa lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi permezz ta' serje ta' taħriġ dwar id-drittijiet tat-tfal fil-kuntast tas-sistema tal-ġustizzja kriminali. Taħt l-EIDHR, l-UE komplet tappoġġa għadd ta' proġetti li għaddejjin bil-għan li jindirizzaw l-aċċess għall-ġustizzja u li jtejbju l-istat tad-dritt. L-UE pprovdiet appoġġ finanzjarju (EUR 1.3 miljun) lill-parti nazzjonali tal-Awli Straordinarji fil-Qorti tal-Kambodja, bħala parti mill-impenn tal-UE lejn il-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni nazzjonali.

Ċina

L-2012 kienet ikkaratterizzata mit-18-il Kungress tal-Partit u l-bidla fit-tmexxija. Meta beda joqrob il-Kungress, l-awtoritajiet Ċinzi żiedu l-persjoni fuq il-petizzjonanti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

Id-djalogu UE-Ċina dwar id-drittijiet tal-bniedem, li sar fi Brussell fid-29 ta' Mejju, ta ħarsa lejn l-iżviluppi reċenti, inklużi: id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi; it-trattament tar-refuġjati mill-Korea ta' Fuq; l-elezzjonijiet lokali; l-istat tad-dritt u l-professjoni legali; il-libertà ta' espressjoni, inkluż l-Internet; is-soċjetà ċivili; id-dritt għal akkomodazzjoni u żgumbramenti; il-politika ta' tifel uniku; ir-ratifika tal-ICCPR u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Iż-żewġ punti ewlenin tal-aġenda kienu l-piena kriminali u l-privazzjoni tal-libertà u, it-tieni, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni razzjali. L-UE u ċ-Ċina analizzaw ukoll il-kooperazzjoni fil-fora u l-istituzzjonijiet internazzjonali. L-awtoritajiet Ċinzi rrifjutaw li jkun hemm it-tieni ċiklu tad-djalogu fl-2012. Listi ta' każijiet individwali ngħataw lill-awtoritajiet Ċinzi fis-Summits UE-Ċina tal-14 ta' Frar u tal-20 ta' Settembru, kif ukoll fil-marġini tad-djalogu tad-drittijiet tal-bniedem.

Is-seminar tad-drittijiet tal-bniedem UE-Ċina sar f'Galway, l-Irlanda mid-29 sal-31 ta' Ottubru. Id-drittijiet tal-ħaddiema migranti, u l-ambjent u d-dritt għall-iżvilupp kienu ż-żewġ temi diskussi.

L-UE għamlet stqarrijiet dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'Marzu, Ġunju u Settembru, kif ukoll fit-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU fi New York fis-6 ta' Novembru. F'dawn l-istqarrijiet, l-UE esprimiet tħassib dwar is-serje ta' nies li taw in-nar lilhom infushom fit-Tibet, u ħeġġet liċ-Ċina biex tiżgura li d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti mill-minoranza Tibetana, kif ukoll minn minn minoranzi oħra bħall-Uyghur, ikunu rispettati. Barra minn hekk, l-UE esprimiet tħassib dwar id-detenzjoni arbitrarja u l-għajbien furzat, il-ksur tad-dritt għal proċess ġust, kif ukoll tal-libertà ta' espressjoni u assemblea u l-libertà ta' reliġjon jew twemmin.

L-UE baqgħet imħassba dwar ir-restrizzjonijiet imposti fuq individwi li ifittxu li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà ta' espressjoni jew biex jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u għamlet għadd ta' stqarrijiet speċjalment f'każijiet serji. Fl-4 ta' Jannar, ir-Rappreżentant Għoli esprimiet id-dispjaċir tagħha għall-kundanna tal-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem Chen Wie u Chen Xi għal disa' u għaxar snin ħabs rispettivament, li segwew il-kundanna tal-avukat tad-drittijiet tal-bniedem Gao Zhisheng għal tliet snin priġunerija. Fis-16 ta' April, id-Delegazzjoni tal-UE għaċ-Ċina nnutat it-tħassib profond tal-UE għas-sentenza ta' priġunerija mogħtija lid-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Ni Yulan u żewġha Don Jiqin. L-UE esprimiet id-dispjaċir partikolari tagħha għas-sentenza fid-dawl tal-problemi fis-saħħa tas-Sinjura Ni u appellat għall-ħelsien immedjat tagħha. Ftit wara li s-Sur Chen Guangcheng fittex rifuġju fl-ambaxxata tal-Istati Uniti f'Bejġing, d-Delegazzjoni tal-UE ħarġet stqarrija lokali fit-30 ta' April fejn innutat li l-UE kienet appellat ripetutament għat-tneħħija tal-arresti domiċiljari tas-Sur Chen Guangcheng u ħeġġet lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jeżerċitaw l-akbar moderazzjoni meta jittrattaw mas-Sur Chen, inkluż li tkun evitata l-intimidazzjoni tal-membri tal-familja tiegħu jew kwalunkwe persuna assoċjata miegħu.

L-UE esprimiet it-tħassib tagħha lill-awtoritajiet Ċiniżi dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti emendi għall-Proċedura tal-Liġi Kriminali adottata fl-2012, u b'mod partikolari tal-artikolu 73 tagħha li jista' jipprovdi bażi legal għall-għajbien furzat.

Peress li n-nuqqas tar-rispett tad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi baqa' problematiku, ir-Rappreżentant Għoli għamlet stqarrija komprensiva dwar is-sitwazzjoni fit-Tibet lill-Parlament Ewropew fit-12 ta' Ġunju u ħarġet dikjarazzjoni fl-14 ta' Diċembru 2012. F'dawn l-istqarrijiet, ir-Rappreżentant Għoli nnutat li l-UE kienet profondament iddispiċjata mill-għadd dejjem jiżdied ta' Tibetani li jagħtu n-nar lilhom infushom. L-UE kienet imħassba dwar restrizzjonijiet fuq l-espressjonijiet tal-identità Tibetana, li dehru li kienu qed jagħtu lok għal mewġa ta' skuntentizza fir-reġjun, u appellat lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jindirizzaw il-kawżi b'għeruwq fondi tal-frustrazzjoni tan-nies Tibetani u biex jiżguraw li d-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi u soċjali u kulturali tagħhom ikunu rispettati, inkluż id-dritt tagħhom li jgawdu l-kultura tagħhom stess, li jipprattikaw ir-reliġjon tagħhom stess u li jużaw il-lingwa tagħhom stess. L-UE tappella lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jirrispettaw id-drittijiet tat-Tibetani għal assemblea paċifika u għal espressjoni, biex jaġixxu b'moderazzjoni, u biex jeħilsu lill-individwi kollha miżmuma f'detenzjoni minħabba li ħadu sehem f'dimostrazzjonijiet paċifiċi. L-UE ħeġġet ukoll lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jippermettu lid-diplomatiċi kif ukoll lill-ġurnalisti internazzjonali l-aċċess liberu għaż-żoni awtonomi Tibetani kollha. L-UE appoġġat bis-sħiħ l-istqarrija dwar din il-kwistjoni magħmula mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-2 ta' Novembru.

L-UE baqgħet imħassba wkoll dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Reġjun Awtonomu tax-Xinjiang Uyghur, b'mod partikolari r-restrizzjonijiet estensivi fuq l-espressjonijiet tal-identità kulturali u reliġjuża.

Il-perssojoni fuq il-prattikanti tal-moviment Falun Gong, li huwa kkunsidrat illegali mill-awtoritajiet Ċiniżi, baqgħet għolja u kompliet tipprevjeni l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-moviment sa mill-kampanja repressiva mnedija fl-1999. L-UE qajmet is-sitwazzjoni mal-awtoritajiet Ċiniżi mill-aspett tar-rispett għal-libertà ta' espressjoni u l-libertà ta' reliġjon jew twemmin u li d-dritt għal proċess ġust, il-kondizzjonijiet tad-detenzjoni, l-eukazzjoni mill-ġdid permezz tax-xogħol u l-allegazzjonijiet tal-kisba tal-organi. Xi wħud mill-każijiet individwali mqajma mill-UE involvew prattikanti tal-Falun Gong.

Matul is-sena, diversi każijiet ġibdu l-attenzjoni pubblika għas-sistema Edukazzjoni mill-ġdid permezz tax-Xogħol. L-UE tenniet lill-awtoritajiet Ċiniżi li s-sistema tal-Edukazzjoni mill-ġdid permezz tax-Xogħol ma kinitx konformi mal-obbligi internazzjonali taċ-Ċina.

L-UE baqgħet imħassba bl-użu estensiv tal-piena tal-mewt fiċ-Ċina, bis-segretezza tal-eżekuzzjonijiet u l-allegazzjonijiet kontinwi tal-"kisba tal-organi" minn prigionieri maqtulin. L-UE ħadet nota ta' stqarrija mill-Viċi Ministru tas-Saħħa Ċiniż f'Marzu li ċ-Ċina kellha l-intenzjoni fil-ħames snin li ġejjin tal-abolizzjoni tal-kisba tal-organi minn prigionieri kkundannati għall-mewt; l-UE ser tinkoraġġixxi kwalunkwe sforz miċ-Ċina biex tippromwovi id-donazzjoni volontarja tal-organi.

L-2012 kienet ikkaratterizzata wkoll minn inkwiet soċjali dejjem jikber minħabba nuqqas ta' assoċjazzjoni mis-soċjetà ċivili fit-teħid ta' deċizzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tat-tħassib ambjentali, kif ukoll minħabba kondizzjonijiet tax-xogħol ħżiena. F'dan ir-rigward, l-UE kienet imħassba dwar rapporti ta' miżuri meħuda kontra organizzazzjonijiet ta' ħaddiema migranti, b'mod partikolari f'Shenzhen. It-traffikar tal-bnedmin huwa kwistjoni ta' tħassib partikolari. F'dan ir-rigward, l-UE inkludiet liċ-Ċina fil-lista ta' pajjiżi ta' prijorità għall-kooperazzjoni f'dan il-qasam. L-UE ttiprovdi assistenza teknika u tisħiħ tal-kapaċitajiet liċ-Ċina permezz ta' għadd ta' proġetti. Sforzi ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet tkomplew fl-2012 permezz ta' proġett ta' EUR 2 miljuni finanzjat mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni.

L-UE tenniet l-appelli tagħha liċ-Ċina biex tirtatiffika l-ICCPR, iffirmata miċ-Ċina fl-1998.

F'Hong Kong, l-UE kompliet tissorvelja l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' 'pajjiż wieħed, żewġ sistemi' u l-Liġi Bażika, filwaqt li appoġġat bis-sħiħ il-progress bikri u sostantiv lejn l-oġettiv ta' vot universali ġenwin, konsistenti mad-drittijiet minqax fl-ICCPR, speċjalment l-ugwaljanza tad-dritt għan-nomina tal-kandidati. Il-Kummissjoni għall-Opportunitajiet Indaqqs identifikat tliet gruppi ta' prijorità: il-persuni b'diżabilitajiet, il-minoranzi etniċi u l-LGBT. Baqa' tħassib dwar l-indħil fir-rigward tal-ġudikatura indipendenti ta' Hong Kong u l-istat tad-dritt u l-erożjoni gradwali tal-libertà tal-istampa. Fl-aħħar nett, l-Uffiċċju tal-UE organizza diversi avvenimenti, bħall-Jum Ewropew kontra l-Piena tal-Mewt u Seminar dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva.

Tajwan

Wara l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ICCPR u l-ICESCR fil-liġi domestika tat-Tajwan tard fl-2009, fl-2010 ġie stabbilit Kumitat Konsultattiv tad-Drittijiet tal-Bniedem u f'April 2012 dan ippubblika l-ewwel rapport tiegħu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li vvaluta l-kompatibbiltà tal-qafas legali tat-Tajwan mad-dispożizzjonijiet taż-żewġ patti. Dan il-proċess kollu kien pożittiv ħafna u r-rapport fih rakkomandazzjonijiet utli ta' politika. Il-piena tal-mewt tibqa' l-iżjed kwistjoni ta' tħassib serju relatat mad-drittijiet tal-bniedem fit-Tajwan.

L-UE kkundannat is-serje ta' eżekuzzjonijiet li saru f'Diċembru 2012, wara dawk fl-2010 u fl-2011, li kisru moratorju *de facto* osservat matul il-ħames snin ta' qabel. Ir-RGħ/VP appellat lill-awtoritajiet Tajwaniżi biex jieħdu passi konkreti biex inaqqsu l-użu tal-piena kapitali u jaħdmu għall-issoktar tal-moratorju. Tħassib relatat kien ripetutament espress mir-rappreżentanti tal-UE f'kuntatti mal-awtoritajiet Tajwaniżi.

Permezz ta' serje ta' avvenimenti ta' skambji tal-esperjenzi, sostenn u sensibilizzazzjoni, l-UE baqgħet impenjata mal-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili, u ffokat fuq attivitajiet bil-għan li jippromwovu l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt (inkluż l-organizzazzjoni ta' seminars u taħriġ għall-ħaddiema ġudizzjarji u l-istudenti tal-liġi, u l-appoġġ għall-NGO Alleanza tat-Tajwan għat-Tmien tal-Piena tal-Mewt).

Indja

L-Indja ġiet soġġetta għat-tieni evalwazzjoni bejn il-pari taħt l-Eżami Perjodiku Universali (EPU) f'Mejju 2012, li kien preċedut minn proċess ta' konsultazzjoni importanti b'mod partikolari mill-Kummissjoni Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Gvern aċċetta, f'Settembru 2012, 67 minn 169 rakkomandazzjoni, u għaldaqstant impenja ruħu li jieħu azzjoni f'opqsma importanti bħad-drittijiet tan-nisa u t-tfal, l-iżvilupp soċjo-ekonomiku u t-tnaqqis tal-faqar. Madankollu, ir-rakkomandazzjonijiet f'xi oqsma kruċjali (il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem taħt il-leġislazzjoni speċjali, il-piena tal-mewt, jew is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem) ma kinux aċċettati. L-UE kompliet timplenja ruħha mal-Gvern tal-Indja (GtI) dwar l-impenji li hu ħa fl-EPU.

Ir-Relatur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-eżekuzzjonijiet extrajudizzjarji, sommarji jew arbitrarji żar l-Indja f'Marzu 2012. Fl-aħħar taż-żjara, hu appella lill-GtI biex ikompli jieħu miżuri biex jiġġielew l-impunità f'każijiet ta' eżekuzzjonijiet extrajudizzjarji, u qtil komunalni u tradizzjonali. L-UE żammet id-djalogu tagħha mal-GtI dwar ir-rakkomandazzjonijiet tar-Relatur Speċjali dwar l-hekk imsejja 'laqgħat foloz' u l-kwistjoni tal-impunità tal-forzi tas-sigurtà.

F'Novembru 2012, l-Indja ssoktat bl-eżekuzzjonijiet, wara sospensjoni ta' tmien snin, bit-tgħalliq ta' Ajmal Kasab, l-uniku terrorista maqbud ħaj tal-attakk ta' Mumbaj tas-26/11/2008. Ir-RGħVP Ashton ħarġet stqarrija ¹², fejn fakkret li l-UE hija opposta għall-użu tal-piena tal-mewt fil-każijiet kollha u taħt kwalunkwe ċirkostanza, u appellat lill-awtoritajiet Indjani biex idaħħlu mill-ġdid il-moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet bħala l-ewwel pass lejn abolizzjoni definittiva tal-piena kapitali.

Is-sitwazzjoni tan-nisa, b'mod partikolari l-vjolenza kontribom, reġġet lura fuq quddiem nett wara l-istupru ta' grupp f'Delhi tas-16 ta' Diċembru 2012. Wara r-rabja pubblika, il-Gvern ħatar kummissjoni ta' tliet membri ppresjeduta mill-Imħallef J.S. Verma biex tikkunsidra emendi possibbli għal-Liġi Kriminali biex tipprevedi proċess aktar rapidu u kastig akbar għal persuni li jwettqu r-reat ta' aggressjoni sesswali ta' natura estrema kontra n-nisa.

¹² http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/EN/foraff/133681.pdf

Fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal, l-Indja ħadet passi importanti biex timplimenta l-Konvenzjonijiet tal-ILO Nru 138 (Konvenzjoni dwar l-Età Minima, 1973) u Nru 182 (Eliminazzjoni tal-Agħar Forom ta' Xogħol tat-Tfal, 1999) permezz tal-introduzzjoni fil-Parlament, fl-aħħar tal-2012, ta' abbozz ta' liġi emendatorja għall-Att dwar it-Tħaddim tat-Tfal biex tipprojbixxi l-impjieg ta' tfal f'kull impjieg u proċess biex tiffaċilita r-reġistrazzjoni tagħhom fl-iskejjel skont l-Att dwar id-Dritt għall-Edukazzjoni, u biex tipprojbixxi l-impjieg ta' adolexxenti (minn 14 sa 18-il sena) f'impjegi perikolużi. Barra minn hekk, żdiedet il-protezzjoni tat-tfal minn reati sesswali permezz ta' Att ġdid li daħal fis-seħħ f'Novembru 2012, u li jipprevedi piena stretta, konformi mal-gravità tar-reat, b'terminu massimu ta' priġunerija għall-għomor.

Il-libertà ta' espressjoni online tibqa' kwistjoni bl-applikazzjoni kontinwa ta' dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Teknoloġija tal-Informatika, 2008 li kienet valutata bħala aktar iebes minn dispożizzjonijiet simili fil-Kodiċi Penali Indjan għat-trasmissjoni, permezz ta' riżorsa tal-kompjuter jew apparat tal-komunikazzjoni, informazzjoni li hija offensiva għall-aħħar jew li thedded. Dawn id-dispożizzjonijiet intużaw ħażin f'għadd ta' każijiet u wasslu għall-arresti ta' nies innoċenti għal raġunijiet politiċi jew personali.

Matul is-sena kollha, l-UE kompliet bis-sorveljanza tagħha mill-qrib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz ta' impenn akbar mal-attivisti tas-soċjetà ċivili u s-sensibilizzazzjoni konsiderevolment akbar tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-istati Indjani individwali, eżerċizzju meħtieġ minħabba li s-sitwazzjoni tvarja ħafna minn stat għal stat. Madankollu, id-Djalogu lokali annwali UE-Indja dwar id-drittijiet tal-bniedem ma sarx fl-2012 minħabba diversi posponimenti.

B'mod partikolari l-UE indirizzat:

- il-ħtieġa tar-ratifika mill-Indja tal-**Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura** (iffirmata fl-1995) permezz tal-adozzjoni tal-abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tat-Tortura. F'avveniment fis-26 ta' Ġunju, organizzat mid-Delegazzjoni tal-UE f'New Delhi fil-Jum Internazzjonali b'Appoġġ għall-Vittmi tat-Tortura, il-Ministru tal-Ġustizzja wiegħed pubblikament li jiddiskuti l-abbozz tal-liġi mal-kollegi tiegħi mill-Affarijiet Interni u l-Affarijiet Parlamentari. Proġett iffinanzjat mill-EIDHR u li għaddej bħalissa jindirizza l-kwistjoni li ssir ġustizzja għall-twassil tal-ġustizzja lill-vittmi tat-tortura fl-Istat ta' Uttar Pradesh.

- **il-piena tal-mewt** permezz ta' azzjoni diplomatika ta' livell għoli u l-istqarrija msemmija hawn fuq dwar l-issoktar tal-eżekuzzjonijiet mill-Indja f'Novembru 2012. L-UE bdiet ukoll tikkontribwixxi aktar proattivament għad-dibattitu pubbliku fl-Indja permezz ta' avveniment pubbliku biex tfakkar fl-10 ta' Ottubru l-Jum Dinji u Ewropew kontra l-Piena tal-Mewt u b'artikoli għall-gazzetti f'Delhi, organizzati mid-Delegazzjoni tal-UE, li huma ppjanati li jitkomplew fl-2013.

Is-sitwazzjoni tad-**Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem** permezz ta' għadd ta' komunikazzjonijiet lill-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar każijiet speċifiċi. Bħala parti mill-istrateġija lokali tagħha dwar id-DDB, l-UE tissottometti talbiet regolari għal aġġornamenti dwar għadd limitat ta' każijiet individwali matul id-djalogu annwali dwar id-drittijiet tal-bniedem.

L-UE pparteċipat f'konferenzi u dibattiti relatati mad-**drittijiet tan-nisa** u kellha konsultazzjonijiet regolari mal-attivisti tad-drittijiet tan-nisa. Inżammu wkoll kuntatti regolari ma' membri ta' korpi konsultattivi bħall-Kummissjoni Nazzjonali għan-Nisa. Barra minn hekk, id-Delegazzjoni tal-UE kienet qed tirrapporta regolarment dwar kwistjonijiet tan-nisa. L-UE qieset ukoll id-drittijiet tan-nisa bħala kwistjoni ċentrali fl-Eżami Perjodiku Universali tal-Indja, fejn sitt Stati Membri tal-UE qajmu s-sitwazzjoni tan-nisa, ir-riżervi tal-Indja għal xi artikli tal- Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa/CEDAW u l-adeżjoni għall-Protokoll Fakultattiv għas-CEDAW u għamlu rakkomandazzjonijiet rilevanti. Id-Delegazzjoni tipparteċipa fil-GCS (Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni bejn is-sessi) tan-NU mmexxi min-Nisa għad-diskussjoni ta' kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest tad-djalogu ta' politika settorjali/makro.

Id-drittijiet tat-tfal ġew indirizzati prinċipalment permezz tal-ħidma tal-UE mal-NGOs. L-UE hija parti minn Grupp Ristrett stabbilit mill-Ministeru għall-Iżvilupp tan-Nisa u t-Tfal biex iħares lejn il-kwistjoni taż-Żwieġ tat-Tfal. Proġett tal-UE mal-UNICEF u l-Ministeru għall-Iżvilupp tan-Nisa u t-Tfal jiffoka fuq il-prevenzjoni taż-żwieġ tat-tfal. L-UE qed tappoġġa wkoll lill-NGOs li jaħdmu fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal biex jinħoloq netwerk effettiv tas-soċjetà ċivili fin-Nofsinhar tal-Asja. Proġetti oħra jiffokaw fuq tfal affettwati minn rewwixti u f'konflitt mal-liġi, it-traffikar intern u transkonfinali tat-tfal; it-tħaddim tat-tfal għall-produzzjoni tas-snajja' mid-dar; governanza li tinkludi t-tfal permezz tal-parteċipazzjoni tat-tfal fi tnejn mill-istati l-aktar foqra.

Dwar id-**drittijiet tal-poplu indiġenu**, l-UE kienet involuta fil-monitoraġġ permezz ta' sħubija ta' NGOs lokali tal-implimentazzjoni tal-Att dwar id-Drittijiet fil-Foresta u ta' leġislazzjonijiet li jagħtu garanzija u jestendu d-drittijiet tribali fuq livell lokali.

Il-Parlament Ewropew indirizza d-diskriminazzjoni tal-kasta f'Riżoluzzjoni adottata fit-13 ta' Diċembru, 2012.

L-UE kompliet ukoll tissorvelja mill-qrib l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjonijiet speċjali, bħall-Att tal-Forzi Armati (Setgħat Speċjali), f'żoni ta' ribelljoni, li huma kontinwament frasi il-għajn tal-allegazzjonijiet ta' ksur mifruq tad-drittijiet tal-bniedem mill-forzi armati u tas-sigurtà.

Fl-aħħar nett, l-UE nediet proġetti ġodda taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem fl-oqsma tal-ġlieda kontra t-traffikar tan-nisa u t-tfal, id-drittijiet tribali, l-aċċess għall-ġustizzja għall-gruppi vulnerabbli fi stati affettwati minn konflitti, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, id-drittijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-governanza lokali u d-drittijiet tal-bniedem u soċjali fir-rigward ta' ftehimiet kummerċjali.

Indoneżja

F'Mejju, is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Indoneżja kienet soġġetta għal Eżami Perjodiku Universali (EPU) fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU. L-Indoneżja aċċettat 150 minn 186 rakkomandazzjoni tal-EPU.

It-tielet ċiklu tad-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem UE-Indoneżja sar f'Mejju f'Ġakarta. Dan ipprova opportunità għal skambji miftuħa u kostruttivi dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet bħan-diskriminazzjoni, il-libertà ta' reliġjon, id-drittijiet tad-detenu, id-drittijiet tan-nisa, il-libertà tal-istampa u l-kooperazzjoni f'fora multilaterali. L-UE laqgħet ukoll l-inklużjoni, fil-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Indoneżja, ta' referenza li jsir progress lejn ir-ratifika tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI).

Matul is-sena, l-UE tat attenzjoni partikolari lil-libertà ta' reliġjon u twemmin kif ukoll lill-gruppi ta' minoranzi. Id-Delegazzjoni tal-UE f'Ġakarta kellha laqgħat regolari mal-gruppi ta' minoranzi u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem li qegħdin jaħdmu fuq il-kwistjoni. Hi kompliet issaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha mal-akbar organizzazzjoni Islamika tal-pajjiż, Nahdlatul Ulama, biex trawwem id-djalogu u l-fehim fost ir-reliġjonijiet.

F'Ottubru, l-UE organizzat konferenza f'Ġakarta dwar "In-Nondiskriminazzjoni: Erba' Prinċipji għall-Prattika", li laqgħet rappreżentanti tas-soċjetà ċivili mill-Ewropa u l-Indoneżja biex jiskambjaw l-esperjenza dwar kwistjonijiet bħad-diskriminazzjoni reliġjuża, id-drittijiet tan-nies b'diżabbiltà u d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali. Il-parteċipanti pproduċew sett ta' rakkomandazzjonijiet li ser jiddaħħlu fis-sessjoni tal-2013 tad-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem UE-Indoneżja.

L-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) appoġġa erbatax-il proġett fl-2012, li koprew spettru wiesa' ta' kwistjonijiet, inkluż ir-responsabbiltà, id-drittijiet tat-tfal, il-libertà ta' reliġjon u l-protezzjoni ta' gruppi partikolarment vulnerabbli. Il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ġew tradotti fl-Indoneżjan u saru disponibbli fuq is-sit elettroniku tad-Delegazzjoni tal-UE.

L-UE laqgħet id-deċiżjoni tal-Indoneżja li tastjeni fil-vot dwar ir-Riżoluzzjoni dwar Moratorju fuq l-Użu tal-Piena tal-Mewt fit-Tielet Kumitat tan-NU.

L-UE komplet tissorvelja, permezz ta' laqgħat regolari u missjonijiet fuq il-post, is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'żoni sensitivi bħal Papwa, fejn hemm tħassib speċifiku dwar il-proċessi ta' verità u rikonċiljazzjoni, il-libertà ta' espressjoni u l-kwistjonijiet marbuta mal-awtonomija speċjali.

Ġappun

Fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Ġappun huwa sieħeb li jmur lura żmien twil fil-fora internazzjonali u li miegħu l-UE għandha djalogu għammiel.

Fir-rigward tal-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-Bniedem fil-Ġappun, fl-2012, l-UE ffokat ħidmitha fuq il-qasam tal-piena tal-mewt minħabba li l-Ġappun issokta bl-eżekuzzjonijiet mill-ġdid (sebgħa għas-sena kollha) wara interruzzjoni ta' kważi għoxrin xahar. Kien hemm tliet ċikli ta' eżekuzzjonijiet fil-Ġappun fl-2012 (Marzu, Awwissu u Settembru), f'kuntrast mal-2011 li kienet l-ewwel sena mingħajr eżekuzzjonijiet sa minn kmieni fis-snin disgħin. Fit-total, tmien persuni ġew iġġustizzjati taħt l-amministrazzjoni tad-DPJ (seba' persuni fl-2012).

Ir-RGħ/VP ħarġet stqarrija wara li l-Ġappun iġġustizzja tliet ħabsin fid-29 ta' Marzu. Barra minn hekk, il-Kap tad-Delegazzjoni għamel inizjattiva diplomatika mal-Ministru tal-Ġustizzja f'Tokjo. Il-Kelliem tar-RGħ/VP ħareġ stqarrija wara żewġ eżekuzzjonijiet fit-3 ta' Awwissu u, sussegwentement, il-kwistjoni tqajmet direttament mid-Delegazzjoni tal-UE mal-Ministru tal-Ġustizzja Taki. Ir-RGħ/VP ħarġet stqarrija wara żewġ eżekuzzjonijiet fis-27 ta' Settembru. Barra minn hekk, l-Ambaxxaturi tal-UE f'Tokjo ħarġu stqarrija fl-okkażjoni tal-Jum Dinji kontra il-Piena tal-Mewt.

L-UE impenjat ruħha attivament mal-Gvern u s-soċjetà ċivili Ġappuniżi dwar il-kwistjonijiet tal-piena tal-mewt. Saru laqgħat regolari ma' membri tal-Lega Parlamentari għall-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. Id-Delegazzjoni tal-UE f'Tokjo organizzat simpożju internazzjonali intitolat "Lejn l-Abolizzjoni tal-Piena tal-Mewt: l-Esperjenza Ewropea u l-Perspettivi Asjatiċi" f'April li kkontribwixxa għad-dibattitu domestiku dwar il-piena tal-mewt fil-Ġappun. Barra minn hekk, id-Delegazzjoni f'Tokjo, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, ħarġet ittra miftuħa fl-istampa Ġappuniża fl-okkażjoni tal-Jum Ewropew/ Internazzjonali kontra l-Piena tal-Mewt fl-10 ta' Ottubru.

Bħala parti mill-impenn kondiviż tal-Ġappun u tal-UE biex jiġi promoss ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja kollha, saru konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem f'Ottubru. Kien hemm kooperazzjoni tajba mal-Ġappun dwar riżoluzzjonijiet dwar ir-RDPK (referenza għall-kwistjoni tas-sekwestru) u l-Mjanmar (bil-pressjoni għal-riżoluzzjoni inqas iebsa) fil-qafas tal-Assemblea Ġenerali tan-NU. L-impass politiku fl-entità leġislattiva Ġappuniża (id-Diet) ma ppermettiex li l-Ġappun jaċċedi għall-Konvenzjoni tal-Aja dwar l-Aspetti Ċivili tas-Sekwestru Internazzjonali tat-Tfal fl-2012 imma l-Ġappun tenna l-impenn tiegħu li jimplementa l-Konvenzjoni "b'mod sħiħ u leali".

Fil-qasam tal-ġustizzja kriminali - li hija marbut ukoll mal-kwistjoni tal-piena tal-mewt - il-proċeduri ġudizzjarji għadhom jiddependu ħafna fuq il-konfessjonijiet tal-persuni akkużati. Il-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet jibqgħu preokkupanti (b'mod partikolari l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa). L-UE għandha timmira li tikkondividi l-ħila esperta u li tidentifika l-aħjar Prattiki f'dawn l-oqsma.

Il-Ġappun ġie analizzat fit-tieni ċiklu tal-Eżami Perjodiku Universali fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'Ottubru. Il-Ġappun irċieva b'kollox 174 rakkomandazzjoni, li pprovdha tweġiba għalihom fit-22 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Marzu 2013.

Korea (Repubblika tal-)

Ir-rispett għall-prinċipji universali tad-drittijiet tal-bniedem huwa element essenzjali tal-Ftehim Qafas UE-Korea li fuqu ntlaħaq qbil flimkien mal-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles u d-dikjarazzjoni ta' Sħubija Strateġika fl-2010.

Fis-Summit bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea f'Marzu 2012, il-mexxejja tal-UE u l-President tar-Repubblika tal-Korea affermaw li ser ikun hemm konsultazzjonijiet bilaterali biex isaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.

Dan l-impenn fuq l-ogħla livell ġie ttrasformat f'azzjoni sostantiva matul is-sena. Ir-Repubblika tal-Korea vvotat mal-UE frizoluzzjonijiet ewlenija fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u t-Tielet Kumitat tal-AĠNU, (bl-eċċezzjoni tar-Riżoluzzjoni dwar Moratorju fuq l-Użu tal-Piena tal-Mewt li fuqha astjeniet). Intlaħaq qbil dwar il-modalitajiet għal Konsultazzjonijiet UE-Korea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li ser jiffaċilitaw kooperazzjoni saħansitra aktar effettiva fin-NU u f'oqfsa oħra mill-mezzi informali attwali. Uffiċjali ta' livell għoli tad-drittijiet tal-bniedem mill-UE pparteċipaw fis-Seminar Informali tal-ASEM dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u t-Teknoloġija tal-Informatika li sar f'Seul f'Ġunju 2012.

Barra minn hekk, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-kapitolu tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles UE-Korea, f'Ġunju 2012 in-naħa tal-UE, inklużi l-imsieħba soċjali u rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili, iddiskutew mal-kontropartijiet Koreani l-prospetti għal ratifika futura mir-Repubblika tal-Korea tal-Konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO li baqa' (Nru 29 u 105 dwar ix-xogħol furzat, kif ukoll in-Nru 87 u 98 dwar il-libertà ta' assoċjazzjoni u d-dritt għal negozjar kollettiv). Il-laqgħa pprovdiet ukoll opportunità biex tiġi diskussa s-sitwazzjoni tat-trade unions fir-Repubblika tal-Korea.

Id-Delegazzjoni tal-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE f'Seul impenjaw ruħhom f'konsultazzjoni mad-dipartimenti tal-gvern, il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Korea u firxa wiesgħa ta' gruppi tas-soċjetà ċivili qabel it-tieni Eżami Perjodiku Universali f'Ottubru 2012. Wara dawn il-konsultazzjonijiet, l-Istati Membri tal-UE rrakkomandaw azzjoni fuq għadd ta' kwistjonijiet. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet inkludew il-ħtieġa li jiġi ttrasformat il-moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet li ilu għaddej 14-il sena f'abolizzjoni legali tal-piena kapitali, it-tmiem tal-priġunerija kontinwa ta' 'l fuq minn 600 objetturi tal-kuxjenza għas-servizz militari, it-titjib tal-ugwaljanza bejn is-sessi u miżuri biex jiġu żgurati d-drittijiet tal-ommijiet mhux miżżewġin u t-tfal.

Id-Delegazzjoni tal-UE u l-Istati Membri tal-UE wettqu azzjoni speċifika biex jappoġġaw il-progress fuq dawn u kwistjonijiet oħra matul l-2012.

Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE qajjem il-kwistjoni tal-piena tal-mewt mal-Ministru tal-Ġustizzja. F'laqgħa għat-tnedija ta' abbozz ta' liġi għall-abolizzjoni fl-Assemblea Nazzjonali, il-Kap tad-Delegazzjoni stabbilixxa r-raġunijiet ewlenin għaliex il-piena tal-mewt ma setgħetx tiġi kkunsidrata bħala deterrent aktar effettiv għall-kriminalità minn pjeni oħrajn. Dawn l-argumenti ġew irripetuti f'artikolu li d-Delegazzjoni poġġiet f'waħda mill-gazzetti bl-ogħla ċirkolazzjoni fil-pajjiż fl-okkażjoni tal-Jum Dinji kontra l-Piena tal-Mewt.

Inżammet konsultazzjoni mill-qrib ma' rappreżentanti ta' gruppi reliġjużi dwar każijiet fil-qrati li fihom objetturi tal-kuxjenza miżmuma l-ħabs qed jinsistu li l-gvern għandu jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU biex tiġi pprovduta alternattiva ċivili għas-servizz militari.

L-UE laqgħet il-prijoritizzazzjoni politika fuq id-drittijiet ekonomiċi u soċjali mill-partiti politiċi Koreani matul l-2012 u l-interess fil-mudelli soċjali Ewropej. Iċ-Ċentru tal-UE fl-Università ta' Hankuk organizza forum dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi. L-Ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE użaw żjarat ta' livell għoli biex jenfasizzaw il-problemi ffaċċjati minn ġenituri mhux miżżewġin u t-tfal tagħhom. Il-problemi bis-sistema ta' reġistrazzjoni tat-twelid ġew indirizzati wkoll matul is-sena.

RDPK

Il-promozzjoni ta' titjib fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK tibqa' kwistjoni ewlenija tal-politika tal-UE lejn il-pajjiż. L-UE hija mħassba ħafna mill-ksur sistematiku, mifruż u gravi li għadu għaddej tad-drittijiet ċivili, politiċi, ekonomiċi, soċjali u kulturali fil-pajjiż. L-UE kienet inekwivokabbli fil-kundanna tagħha tas-sitwazzjoni. L-UE tesprimi t-tħassib tagħha f'kull okkażjoni mar-rappreżentanti tal-Korea ta' Fuq u fil-kuntest tad-djalogu politiku annwali tal-UE mar-RDPK, li b'mod eċċezzjonali ma sarx fl-2012.

L-UE kompliet tiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u l-Assemblea Ġenerali tan-NU għas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kritika li tippersisti fir-RDPK. Fid-19 ta' Marzu 2012, l-UE kkosponsorjat (mal-Ġappun) Riżoluzzjoni mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU li fiha esprimiet it-tħassib serju ħafna tagħha dwar il-ksur gravi, mifruż u sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem li għaddej fir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea. B'mod simili, Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU ġiet adottata fid-29 ta' Marzu 2012. L-adozzjoni kunsenswali tal-aħħar riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-AĠNU dwar ir-RDPK bagħtu sinjal b'saħħtu. L-UE appoġġat ukoll l-estensjoni b'sena tal-mandat tar-Relatur speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDPK. Bħala riżultat tar-rwol attiv tal-UE fin-NU, ir-RDPK irrifjutat sa mill-2003 li jsir id-djalogu speċifiku UE-RDPK dwar id-drittijiet tal-bniedem, li nbeda fl-2001.

Fit-23 ta' Mejju 2012 il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni Konġunta dwar is-sitwazzjoni tar-refuġjati tal-Korea ta' Fuq, filwaqt li enfasizza t-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni serja tagħhom. L-UE ħeġġet lir-RDPK biex tittratta l-kawżi tal-orìġini tar-refuġjati u tiżgura li r-refuġjati kollha li jittieħdu lura fir-RDPK ikunu jistgħu jirritornaw b'mod sikur u dinjituż. Barra mill-approċċ ta' hawn fuq, l-UE tkompli tissepara l-ġhajnuna umanitarja tagħha lill-poplu tal-Korea ta' Fuq mill-konsiderazzjonijiet politiċi dwar it-tmexxija f'Pjongjang. F'Settembru 2012 il-Kummissjoni Ewropea pprovdiet EUR 350 000 f'ġhajnuna diretta lill-vittmi tal-ġhargħar serju fil-pajjiż. Fejn possibbli, l-UE tipprova tilħaq lill-gruppi l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà tar-RDPK bħad-diżabbli u t-tfal iż-żgħar.

Laos

L-UE kkooperat mal-Laos f'firxa ta' attivitajiet marbuta mal-Laqgħa Asja-Ewropa (ASEM), mit-taħriġ medjatiku għall-appoġġ għall-parteciċipazzjoni tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili fil-Forum tal-Popli Asja Ewropa f'Ottubru 2012.

Fil-qafas ta' proċess ta' dialogu kontinwu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, f'Marzu 2012 l-UE organizzat, mal-UNDP, seminar dwar ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva b'200 parteciċipant ġejjin mill-Amministrazzjoni tal-Laos, is-settur privat u s-soċjetà ċivili.

Ġew implimentati tmien proġetti relatati mad-drittijiet tal-bniedem fl-2012: sitta ffinanzjati taħt l-EIDHR u tnejn minn ftehim ta' kontribuzzjoni bejn l-UE u l-UNDP. Il-proġetti tal-EIDHR iffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għad-Drittijiet tal-Bniedem; jinkludu l-appoġġ għas-soċjetà ċivili li għadha fil-bidu fil-Laos, b'enfasi partikolari fuq attivitajiet relatati mad-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tan-nies b'diżabbiltà; u l-gruppi ta' minoranzi żvantaġġati. L-UE kienet strumentali, flimkien mal-UNDP, fl-appoġġ tal-vuċi dejjem tikber tal-Assemblea Nazzjonali dwar il-leġislazzjoni fuq id-Drittijiet tal-Bniedem internazzjonali, u biex permezz tagħha l-Gvern isir aktar responsabbli għall-politiki tiegħu.

L-UE appoġġat ukoll lill-Gvern fid-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u t-tiŝiħ tal-kapaċità għat-traduzzjoni tal-obbligi internazzjonali fil-liġijiet nazzjonali bl-objettiv ġenerali li jiġi kkonsolidat l-istat tad-dritt.

Saru żewġ inizjattivi diplomatiċi fl-2012, għar-ratifika tal-QKI f'Ġunju, u r-risoluzzjoni tal-Piena tal-Mewt fl-AĠNU.

Is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem ġiet issorveljata mill-qrib matul is-sena, u l-UE qaġġdet attenta b'mod partikolari għal inċidenti relatati mal-libertà tal-istampa, b'mod partikolari bl-għeluq f'Jannar 2012 ta' spetaklu popolari tar-radju li jstieden is-semmiegħa biex jesprimu l-opinjoni tagħhom live waqt il-programm.

L-aħħar tas-sena kien sfortunatament immarkat minn inverżjoni brutali tat-tendenza fid-drittijiet tal-bniedem, bl-espulsjoni ta' rappreżentant ta' INGO, u l-għejbien ta' attivist prominenti tas-soċjetà ċivili s-Sur Sombath Somphone. L-UE kellha rwol minn ta' quddiem fil-mobilizzazzjoni tal-attenzjoni internazzjonali dwar dan il-każ. Stqarrija mill-kelliem tar-Rappreżentant Għoli tal-UE fil-21 ta' Diċembru 2012 esprimiet tħassib u inkoraġġiet lill-awtoritajiet tal-Laos fl-isforzi tagħhom biex jinvestigaw dan il-każ.

Malasja

In-negozjati lejn Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni UE-Malasja (FSK) mexxa 'l quddiem fl-2012. L-abbozz ta' ftehim fih klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Il-prijoritajiet ewlenin tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Malasja fl-2012 kienu l-promozzjoni tal-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u r-ratifika tal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI). L-UE kompliet tagħti l-appoġġ tagħha liċ-ċittadini tal-UE kkundannati għall-mewt fil-Malasja. L-UE żiedet ukoll l-impenn tagħha mal-Malasja bħala membru tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.

Matul is-sena, il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE Itaqa' ma' għadd ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq id-drittijiet tat-tfal, it-traffikar tal-bnedmin, il-libertà ta' espressjoni u r-riforma elettorali.

F'Jannar 2012, id-Delegazzjoni tal-UE fi Kwala Lumpur wasslet inizjattiva diplomatika biex tippromwovi r-ratifika tal-Protokolli Fakultattivi għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC). F'April, il-Malasja rratifikat il-Protokolli dwar "Il-Bejgħ tat-Tfal, il-Prostituzzjoni tat-Tfal u l-Pornografija tat-Tfal" u "L-Involviment tat-Tfal f'Konflitti Armati". F'Diċembru l-UE esprimiet it-tħassib tagħha dwar ir-riżervi tal-Malasja.

Fil-21 ta' Frar 2012 il-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE wassal inizjattiva diplomatika dwar id-deportazzjoni lejn l-Arabja Sawdija tal-ġurnalist Sawdi Hamza Kashgari li kien tella' messaġġ fuq Twitter dwar il-Profeta Muhammed. Id-Delegazzjoni tal-UE appellat lill-Malasja biex twaqqaf id-deportazzjoni, peress li s-Sur Kashgari jista' jiffaċċja il-piena tal-mewt għall-apostażija. L-UE fakkret lill-Malasja dwar il-pożizzjoni tagħha dwar il-libertà ta' espressjoni, il-piena tal-mewt u l-istat tad-dritt. Is-Sur Kashgari kien deportat lejn l-Arabja Sawdija fit-12 ta' Frar.

F'Marzu, id-Delegazzjoni tal-UE organizzat, flimkien mal-Kunsill Bar u l-Kummissjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (SUHAKAM), avveniment pubbliku biex tippromwovi l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt u kompetizzjoni ta' dibattitu għall-Istudanti Universitarji bil-parteċipazzjoni ta' seba' universitajiet. Il-kampanja li kienet appoġġata mill-Ministru Malasjan għal-Liġi u l-Affarijiet Parlamentari, ikkulminat fi Grand Finale li sar fil-Parlament Malasjan fl-10 ta' Diċembru, jum id-Drittijiet tal-Bniedem.

L-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) appoġġa sitt proġetti fl-2012, relatati mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-diżabbiltà, l-edukazzjoni għat-tfal apolidi, u d-drittijiet tal-popli indiġeni. Id-Delegazzjoni tal-UE sejħet laqgħa mal-NGOs Malasjani tad-drittijiet tal-bniedem biex jiġu identifikati l-prijoritajiet għas-Sejħa għal Proposti li jmiss tal-EIDHR li ser tiġi ppubblikata kmieni fl-2013.

Maldives

Fl-2012, il-Maldives esperjenza kriżi politika serja li wasslet għar-riżenja tal-ewwel President elett b'mod demokratiku Mohamed Nasheed fi Frar 2012. Dan it-trasferiment tas-setgħa taħt ċirkustanzi kontroversjali wassal għal ġimgħat ta' rewwixti politiċi b'għadd ta' każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem. F'Awwissu tal-2012, il-Kummissjoni ta' Inkjesta Nazzjonali (CoNI), appoġġata mill-Commonwealth u n-Nazzjonijiet Uniti (NU), ikkonkludiet li t-trasferiment tas-setgħa "ma kienx coup d'état" u għamlet rakkomandazzjonijiet dwar il-brutalità tal-pulizija u kwistjonijiet oħra tad-drittijiet tal-bniedem. Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Maldives ġiet diskussa fil-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU f'Lulju 2012. F'Ottubru, il-prosekutur ġenerali akkuża lill-ex-President Nasheed għall-arrest u d-detenzjoni illegali tal-imhallee Abdulla f'Jannar 2012. Jekk jiġi kkundannat, Nasheed jista' jiġi eskluż mill-elezzjonijiet presidenzjali.

L-Unjoni Ewropea (UE) u l-Maldives ma stabilixxew l-ebda qafas formali għal djalogu politiku u tad-drittijiet tal-bniedem, u lanqas l-UE jew kwalunkwe Stat Membru tal-UE m'għandhom preżenza permanenti fil-pajjiż. Ir-rispons diplomatiku tal-UE huwa bbażat fuq interazzjonijiet mal-atturi politiċi u tas-soċjetà ċivili tal-Maldives minn Kolombo, is-Sri Lanka; flimkien ma' 2-3 missjonijiet ta' livell għoli fis-sena sal-Maldives. Diskussjonijiet strateġiċi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Commonwealth, isiru wkoll fi Brussell. Id-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew żaret il-Maldives f'April 2012.

Il-Maldives huwa wieħed mill-pajjiżi demokratiċi pilota tal-UE, li jfisser li l-Unjoni qed timmira għal analiżi u azzjoni koerenti bħala appoġġ għall-proċessi demokratiċi fil-pajjiż. L-objettiv strateġiku tal-UE hu li jiġi appoġġat il-proċess demokratiku tal-Maldives. L-UE għandha l-għan li tiżgura li l-elezzjonijiet presidenzjali, skedati għal Settembru 2013, ser ikunu kredibbli u trasparenti fil-Maldives. L-UE pprogrammat Missjoni Esperta Elettorali.

Attwalment, huma ftit ħafna l-interventi relatati mad-drittijiet tal-bniedem, peress li l-Maldives ma jibbenefikax mill-iskema skont il-pajjiż tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem. Madankollu, hemm żewġ proġetti, wieħed dwar il-medjazzjoni għall-konflitti lokali u ieħor dwar il-finanzjament tal-kampanji elettorali, iffinanzjat mill-fondi globali. Il-programm speċifiku għall-pajjiżi tal-Istrument ta' Finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp jappoġġa azzjonijiet li jindirizzaw il-problemi soċjali serji relatati mad-droga u l-isfidi tat-tibdil fil-klima.

Matul il-kriżi politika fl-2012, l-UE ħarġet diversi stqarrijiet dwar is-sitwazzjoni fil-Maldives: f'Jannar, il-Kaprijiet ta' Missjoni tal-UE esprimew it-tħassib tagħhom dwar l-arrest tal-Imħallef Abdulla. L-UE ħarġet ukoll diversi stqarrijiet dwar it-trasferiment tas-setgħa (Frar) u dwar il-ħtieġa għal rikonċiljazzjoni politika lil hemm mill-inkwiet politiku kontinwu fil-Maldives (Marzu). F'Lulju, l-UE ħarġet stqarrija dwar iż-żieda serja tat-tensjonijiet politiċi fil-Maldives, u f'Awwissu dwar il-pubblikazzjoni tar-Rapport tal-CoNI. F'Ottubru, inħarġet stqarrija dwar l-arrest tal-ex President Nasheed. L-UE qajmet ukoll il-kwistjoni tal-piena tal-mewt mal-awtoritajiet.

Mongolja

L-aħħar elezzjonijiet parlamentari tal-Mongolja saru fit-28 ta' Ġunju 2012. Permezz tagħhom ġie elett l-akbar partit tal-oppożizzjoni (il-Partit Demokratiku - PD). Attwalment il-Mongolja hija ggvernata minn koalizzjoni tal-PD u l-Koalizzjoni tal-Ġustizzja. Ir-Rappreżentant Ġholi ħarġet stqarrija li tinnota li l-elezzjonijiet legiſlattivi kienu pass importanti ieħor fit-tiſħiħ tad-demokrazija. L-elezzjonijiet tmexxew bla xkiel minkejja tensjonijiet politiċi ta' qabel fost l-oħrajn l-arrest u l-kundanna tal-ex-President Enkhbayar dwar akkużi ta' korruzzjoni. Il-kelliem tar-RGħ/VP ħareġ stqarrija dwar dan il-każ u appella lill-awtoritajiet biex jaġixxu b'trasparenza u riſpett sħaħ għall-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, u fl-istess ħin iġeddu l-fiduċja tal-UE fl-istituzzjonijiet tal-Mongolja.

Il-liġi elettorali l-ġdida ġiet adottata f'Diċembru 2011 bil-għan li jiġi indirizzat it-tħassib dwar it-trasparenza fit-tfiġħ tal-voti u r-rappreżentazzjoni sproporzjonata. Iddaħħlet kwota li teħtieġ li jkun hemm 20% tal-kandidati nisa li wasslet għal żieda fir-rappreżentazzjoni femminili (minn tlieta għal disa' Membri tal-Parlament). L-apparat elettroniku għall-votazzjoni ddaħħal għall-ewwel darba eżatt qabel l-elezzjoni. It-tagħmir ikkawża xi irregolaritajiet li f'xi każijiet kien jeħtieġ il-kontroll tal-għadd.

F'Jannar 2012, il-Mongolja rratifikat it-Tieni Protokoll Fakultattiv tal-ICCPR bil-għan li tiġi abolita l-piena tal-mewt. Il-korruzzjoni tibqa' problema kbira f'kull fergħa u f'kull livell tal-gvern, b'mod partikolari fi ħdan il-ġudikatura, is-servizz doganali u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi. Il-kondizzjonijiet fil-ħabsijiet huma ħżiena u hemm rapporti dwar l-użu tat-tortura, il-ġeġħil u t-tħeddid mill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi. Il-gvern ħabbar pjanijiet biex jemenda l-Kodiċi Kriminali u biex jiddefinixxi t-tortura bħala reat kriminali f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura. Biex jiġi indirizzat dak it-tħassib ġew ikkuntrattati tliet proġetti ffinanzjati permezz tal-EIDHR fl-2012: l-appoġġ għal u l-promozzjoni tar-riſpett għad-drittijiet tal-bniedem fil-ħabsijiet tal-Mongolja b'fokus fuq il-prevenzjoni tat-tortura u t-ttrattament krudili, inuman u degradanti; l-appoġġ għat-tiſħiħ tad-drittijiet ta' persuni b'orjentament sesswali differenti fil-Mongolja u tal-familji tagħhom u l-promozzjoni permezz ta' films dokumentarji fost l-istudenti u l-għalliema tal-iskejjel sekondarji u vokazzjonali. Il-Mongolja kienet kosponsor ta' azzjoni tal-UE fl-AĠNU 67 li tappella għal moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt fl-2012 u kienet koorganizzatur ta' panel ta' livell għoli dwar l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt.

Fl-2012 il-Mongolja saret membru tal-OKSE. Matul l-2012 u l-2013 hija ppresediet il-Komunità tad-Demokraziji (KD) b'fokus fuq l-Edukazzjoni għad-Demokrazija u l-avvanz tal-kooperazzjoni reġjonali tal-KD, it-tisħiħ tas-soċjetà ċivili, l-iskambju tal-esperjenzi, u t-tolleranza żero għall-korruzzjoni.

Il-Mongolja hija wkoll pajjiż pilota għall-implimentazzjoni tal-Konklużjoni tal-Kunsill dwar l-appoġġ għad-Demokrazija fir-Relazzjonijiet Esterni tal-UE u diversi proġetti relatati mad-Drittijiet tal-Bniedem huma appoġġati permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem.

Nepal

In-Nepal huwa kklassifikat fil-pożizzjoni 157 minn 187 fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem. Huwa t-tieni l-ifqar pajjiż fl-Asja wara l-Afganistan. Madankollu, in-Nepal għamel progress sinifikanti fit-tnaqqis tal-faqar monetarju matul l-aħħar 14-il sena. Dwar id-dritt għal livell tal-għajxien adegwat data reċenti tissuġġerixxi li l-faqar naqas minn 42% fl-1996 għal 24.8% fl-2010. Il-progress fuq id-drittijiet għas-saħħa u l-edukazzjoni kien sinifikanti matul l-aħħar għaxar snin; il-perċentwali tat-tfal (etajiet 1-2) imlaqqma żdiedet minn 83% fl-2006 għal 87% fl-2011. Madankollu, minkejja dawn it-tendenzi pożittivi avvenimenti politiċi reċenti qed jipprovokaw aktar inċertezza dwar id-drittijiet soċjali u ekonomiċi.

Minkejja l-impenni magħmula fil-Ftehim ta' Paċi Komprensiv tal-2006, Gvernijiet suċċessivi fin-Nepal (GtN) għadhom ma stabbilixxewx mekkaniżmi transizzjonali tal-ġustizzja u sal-aħħar tal-2012, kienet għadha ma saret prosekuzzjoni kontra ħadd fqorti ċivili għal reat serju relatat ma' konflitt. Il-GtN u l-forzi tas-sigurtà jkomplu jipprovdu tarka għal u saħansitra jipromwovu individwi li huma implikati f'reati relatati ma' konflitti, b'diversi promozzjonijiet kontroversjali fuq it-titli tal-aħbarijiet fl-2012, minkejja sentenza tal-Qorti Suprema f'Awwissu 2012 li ordnat li jiġu stabbiliti miżuri biex jirregolaw il-promozzjonijiet. Ordinanza għall-ħolqien ta' Kummissjoni unika għall-Verità, ir-Rikonċiljazzjoni u l-Għajbien intbagħtet fl-2012 lill-Uffiċċju tal-President. Il-kontenut tal-ordinanza jqajjem tħassib fost l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, il-komunità diplomatika u n-NU. L-UE żammet id-djalogu tagħha mal-GtN li ksur serju relatat mad-drittijiet tal-bniedem tad-dritt internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u dak umanitarju ma jistax ikun soġġett għal amnestija jew rikonċiljazzjoni furzata.

Il-Kummissjoni Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (KNDB) ġiet kompromessa b'mod sinifikattiv minn Att ġdid ppromulgat f'Jannar 2012 li naqqas l-indipendenza u l-awtonomija tagħha. Il-kapaċità tal-Qorti Suprema ġiet imraġżna serjament minn dakinhar tax-xoljiment tal-Assemblea Kostitwenti f'Mejju 2012, peress li l-ħatra ta' mħallfin ġodda ġiet impedita minn nuqqas ta' korp legiſlattiv biex iwettaq seduti parlamentari meħtieġa. L-UE esprimiet tħassib kontinwu li l-erożjoni tal-istituzzjonijiet nazzjonali u l-postijiet battala madwar diversi korpi kostituzzjonali dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fin-Nepal.

Matul is-sena, l-UE kompliet is-sorveljanza tagħha mill-qrib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fin-Nepal, inkluż permezz ta' aktar impenn mal-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, djalogu politiku, u sensibilizzazzjoni tal-pubbliku.

B'mod partikolari l-UE indirizzat:

- l-impunità u l-ġustizzja transizzjonali, b'enfasi fuq l-obbligu tal-Gvern tan-Nepal li jinħolqu mekkaniżmi transizzjonali ta' ġustizzja li jissodisfaw l-istandards internazzjonali u li tiġi miġġielda l-kultura prevalenti ta' impunità, kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' diversi stqarrijiet dwar dawn il-kwistjonijiet.
- is-sitwazzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem fin-Nepal permezz ta' laqgħat ta' darbtejn f'sena mal-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma tal-UE għall-protezzjoni tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem ippresedut mid-Delegazzjoni tal-UE.
- id-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasti kif ukoll il-vjolenza bbażata fuq is-sessi u d-diskriminazzjoni permezz ta' appoġġ kontinwu għall-proġetti tas-soċjetà ċivili kif ukoll impenn mal-GtN dwar l-impenni li għamel fl-Eżami Perjodiku Universali fl-2011.

Barra minn hekk, l-UE kkontribwixxiet b'mod proattiv għad-dibattitu dwar id-drittijiet tal-bniedem fin-Nepal permezz ta' avveniment ta' nofstanhar mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex tfakkar Jum id-Drittijiet tal-Bniedem fl-10 ta' Diċembru 2012. Fl-istess ġurnata, il-missjonijiet tal-UE ppubblikaw artikolu konġunt f'gazzetta nazzjonali ewlenija, fejn fakkru u taw rispettu għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nepal u esprimew l-impenn għall-inklużjoni, il-verità, il-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni fin-Nepal.

Fl-aħħar nett, l-UE nediet tmien proġetti ġodda fl-2012 taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem fil-qasam tal-ġlieda kontra t-traffikar tat-tfal u n-nisa, l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet taż-żgħażaġh, id-diskriminazzjoni bbażata fuq il-kasti u kwistjonijiet oħra ta' diskriminazzjoni soċjali. Il-parteciġazzjoni politika, it-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-libertà ta' espressjoni qed jiġu indirizzati wkoll permezz ta' dawn il-proġetti.

Pakistan

Il-Pakistan tejjeb il-leġislazzjoni tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem tiegħu. Qasam sinifikattiv ta' leġiżlazzjoni ġdida li ġiet ippromulgata mill-Pakistan kien il-ħolqien f'Mejju 2012 ta' Kummissjoni Nazzjonali indipendenti għad-Drittijiet tal-Bniedem skont il-prinċipji ta' Pariġi. Fl-EPU tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar il-Pakistan f'Ottubru 2012, il-pożizzjoni tal-Pakistan fl-EPU ġiet meqjusa bħala kostruttiva. Id-delegazzjonijiet ikkummentaw b'mod pożittiv dwar il-ħolqien ta' kummissjoni nazzjonali indipendenti għad-drittijiet tal-bniedem, ir-ratifika ta' xi trattati internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u moratorju de facto fuq il-piena tal-mewt. Id-delegazzjonijiet għamlu 165 rakkomandazzjoni li jmorru mil-liġijiet dwar il-blasfemija għat-trattament tal-minoranzi, is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa, fost kwistjonijiet oħra. Il-Pakistan qabel li jikkunsidra 164 mir-rakkomandazzjonijiet.

Il-kapaċità ġenerali ta' implimentazzjoni u infurzar tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji ċivili u tad-drittijiet tal-bniedem tal-Pakistan tjiebet imma tibqa' f'livell dgħajfef. l-2012 ra intensifikazzjoni tal-vjolenza settarja, b'mod partikolari diretta kontra l-minoranza Xiita tal-Ħazaras fi Quetta. Ippersista livell għoli ta' attakki estremisti b'mod partikolari fil-Majjistral, fil-Baluchistan u f'Karachi. L-awturi ta' ħafna minn dawn għadhom ma tressqux quddiem il-ġustizzja.

Fis-6 ta' Frar 2012 is-Sottogrupp tal-Kummissjoni Konġunta UE-Pakistan dwar il-Governanza, id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Migrazzjoni ltaqa' għal skambju ta' fehmiet dwar id-drittijiet ċivili, politiċi u tad-drittijiet tal-bniedem fil-Pakistan. Id-diskussjoni inkludiet: il-libertà ta' reliġjon u twemmin; it-trattament tal-minoranzi reliġjużi; id-drittijiet tan-nisa; l-aċċess għall-ġustizzja; il-piena tal-mewt; l-iffirmar u r-ratfika tal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-kooperazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem fin-NU.

Id-drittijiet tal-bniedem huma komponent ewlieni tad-Djalogu Strateġiku UE-Pakistan li tnieda mir-Rappreżentant Għoli Ashton mal-Ministru tal-Affarijiet Barranin Khar f'Ġunju 2012. Id-djalogu strateġiku ser jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Impenn ta' ħames snin UE-Pakistan, li taħtu d-drittijiet tal-bniedem huma prijorità. Matul iż-żjara tar-RGħ fil-Pakistan hi enfasizzat il-hteġa għal istituzzjonijiet demokratiċi msaħħa, governanza tajba u rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u qajmet it-tħassib tal-UE relatat mal-libertà ta' reliġjon u twemmin, id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, id-drittijiet tan-nisa u l-piena tal-mewt.

Matul l-2012, l-UE ħeġġet lill-Pakistan biex jagħmel aktar progress rigward id-drittijiet tal-bniedem, u inkoraġġixxiet l-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-Pakistan jagħmel parti minnhom u l-irtirar tar-riżervi. Taħt ir-Regolament GSP il-ġdid tagħha l-UE toffri preferenzi lil pajjiżi li qed jiżviluppaw ('GSP+') bil-għan ta' dan l-oġettiv. L-UE qajmet l-għarfien tal-kriterji tal-GSP+ f'laqgħat, stqarrijiet għall-istampa u avveniment ta' netwerk kummerċjali f'Karachi.

Il-każ ta' blasfemija kontra tifla diżabbli Kristjana ta' 14-il sena, Rimsha Masih, akkużata mill-ġar tagħha li ħarqet paġni mill-Koran f'Awwissu 2012, u l-isparatura kontra l-attivista tal-edukazzjoni ta' 14-il sena Malala Yousufzai mit-Taliban f'Ottubru pprovokaw protesta globali qawwija.

Sussegwentement intwera li l-każ kontra Rimsha kien fabbrikazzjoni u twaqq'a'. Ir-Rappreżentant Għoli kkundannat bis-saħħa l-aggressjoni kontra Malala bħala assalt kemm fuq il-valuri bażiċi tal-bniedem u kontra kull Difensur tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Pakistan u enfasizzat li l-UE tappoġġa l-edukazzjoni għal kullħadd u tappoġġa bis-sħiħ lil dawk li jippromwovu din il-kawża essenzjali. Fis-26 ta' Ottubru, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar id-diskriminazzjoni kontra l-bniet fil-Pakistan, b'mod partikolari il-każ ta' Malala Yousafzai.

L-UE kompliet tissorvelja u tqajjem tħassib dwar dawn il-każijiet u każijiet oħra, inkluż dak ta' Asia Bibi, mara Kristjana akkużata bi blasfemija u fil-kustodja għal 'il fuq minn sentejn, mal-awtoritajiet matul is-sena. Ġie organizzat avveniment għadd-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'Novembru 2012 għall-iskambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni attwali tad-drittijiet tal-bniedem fil-Pakistan u kif l-UE tista' tappoġġa xogħolhom u l-isforzi tagħhom aħjar. Ipparteċipaw attivisti minn madwar il-pajjiż. Fost it-tħassib li tqajjem l-aktar kien hemm id-diskrepanza bejn il-progress leġiżlattiv relattiv u l-implimentazzjoni attwali fuq il-post, l-ispazju li dejjem qed jonqos għat-tolleranza u l-libertà ta' espressjoni, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi reliġjużi u d-drittijiet tat-tfal (inkluż iż-żieda fil-każijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-kontenut ta' mibegħda fil-kurrikula tal-iskejjel) kif ukoll id-drittijiet soċjali u ekonomiċi.

Fl-2012 l-UE wasslet għadd ta' inizjattivi diplomatiċi biex tqajjem il-kwistjoni tal-piena tal-mewt. L-Istati Membri u d-Delegazzjoni tal-UE fil-Pakistan wettqu b'mod konġunt u bilaterali għadd ta' inizjattivi diplomatiċi dwar il-piena tal-mewt fil-Pakistan biex jiġu rtirati deċiżjonijiet li ġew imħabbra għall-iġġustizzjar ta' għadd ta' persuni Pakistani f'Ġunju u Settembru. Id-deċiżjonijiet dwar l-eżekuzzjonijiet ġew posposti, mid-dehra b'mod indefinit. It-tgħalliq ta' suldat Pakistani fil-Punjab fil-15 ta' Novembru 2012 temm il-moratorju mhux uffiċjali fuq il-piena tal-mewt li kien fis-seħħ fil-pajjiż sa mill-2008. Skont il-Gvern l-eżekuzzjoni twettqet taħt pressjoni mill-awtoritajiet militari u għandha titqies bħala eċċezzjonali. Fi stqarrija, ir-Rappreżentant Għoli esprimiet dispjaċir profond dwar l-eżekuzzjoni, filwaqt li enfasizzat li marret kontra t-tendenzi globali għall-abolizzjoni u mminat l-aħbar reċenti tal-gvern li qajjem il-possibbiltà tal-introduzzjoni ta' leġislazzjoni għall-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. Hi appellat lill-awtoritajiet biex jerġgħu jdaħħlu l-moratorju bħala l-ewwel pass.

Permezz tal-portafoll tagħha tal-iżvilupp, l-UE kompliet tikkoopera mal-aġenziji għall-infurzar tal-liġi, billi tibni l-kapaċità permezz ta' taħriġ inkluż dwar il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-2012 l-UE bdiet ukoll il-kollaborazzjoni għat-titjib tal-prestazzjoni Parlamentari (appoġġ għall-Assemblea Nazzjonali u s-Senat) u l-konsolidazzjoni tad-demokrazija fil-Pakistan permezz tal-appoġġ għal elezzjonijiet kredibbli, inklużivi u trasparenti li jinvolvu l-organizzazzjonijiet u n-netwerks tas-soċjetà ċivili nazzjonali u internazzjonali. Missjoni esplorattiva tal-UE biex tivvaluta l-vijabbiltà li tiġi stazzjonata Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali fl-2013 seħħet f'Novembru 2012. Fl-aħħar nett, fl-2012 tħejja programm ġdid ta' 'Appoġġ għall-istituzzjonijiet demokratiċi' inkluż komponent tad-drittijiet tal-bniedem. L-objettiv ġenerali tal-programm huwa li tiġi appoġġata l-konsolidazzjoni tal-proċess demokratiku fil-pajjiż bit-tiħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi tiegħu. Il-komponent dwar id-drittijiet tal-bniedem għandu l-għan li jsaħħaħ il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' għajjnuna lill-Gvern u l-istituzzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fuq livell federali u provinċjali biex tiżdied il-kapaċità tiegħu u jwettaq l-obbligi internazzjonali tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Filippini

L-UE kompliet tappoġġa d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u r-riforma tal-ġustizzja kriminali. Id-Delegazzjoni tal-UE f'Manila ssorveljat diversi każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem mal-Gvern tal-Filippini kif ukoll mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Hi organizzat laqgħa annwali ta' profil għoli mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u nediet Programm ġdid "*Ġustizzja għal Kullħadd*" (€10 miljuni), li ser ikollu l-għan li jsaħħaħ l-aċċess għall-ġustizzja u jappoġġa l-ġlieda kontra l-impunità. Fl-14 ta' Ġunju 2012 il-PE adotta Riżoluzzjoni dwar il-qtil extraġudizzjarju u l-għajbien furzat fil-Filippini.

Fil-11 ta' Lulju 2012 l-UE u l-Filippini ffirmaw Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK), li jinkludi impenn konġunt għat-tisħiħ tad-djalogu u l-kooperazzjoni fid-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt.

Fl-2012, il-Filippini rratifikaw għadd ta' strumenti internazzjonali relatati mad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Pieni jew Trattamenti Oħrajn Krudili, Inumani jew Degradanti (OPCAT) u l-Konvenzjoni tal-ILO Nru 189 dwar Xogħol Deċenti għall-Ħaddiema Domestiċi. Il-Gvern adotta wkoll Att Kontra l-Għajbien Furzat, u b'hekk saru l-ewwel pajjiż Asjatiku li kkriminalizza l-għajbien furzat. F'Mejju 2012, il-Filippini ospitat l-Eżami Perjodiku Universali, b'fokus partikolari fuq il-qtil extraġudizzjarju, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tan-nisa u t-fal. F'Novembru 2012 il-Filippini rċevew ir-Relatur Speċjali tan-NU dwar Traffikar tal-Persuni kif ukoll il-[Kumitat dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa](#).

Singapor

In-negozjati lejn Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni UE-Singapor (FSK) mexa 'l quddiem fl-2012. L-abbozz ta' ftehim fih klawnsola dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Id-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-ASEAN żaret Singapor f'Mejju 2012. Ġew koperti b'mod partikolari kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-piena tal-mewt fil-laqgħat mal-interlokuturi tagħhom mis-Singapor. Il-piena tal-mewt baqgħet prijorità għolja għall-UE fir-relazzjonijiet tagħha ma' Singapor. Id-Delegazzjoni tal-UE f'Singapor ospitat Djalogu Informali mal-NGOs lokali dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Inizjattiva diplomatika tal-UE dwar il-piena tal-mewt twasslet f'Singapor u ffokat fuq il-każ ta' Yong Vui Kong, priġunier Malasjan ikkundannat għall-mewt li ġie kkundannat għal reat relatat mad-droga fl-4 ta' Lulju 2012. L-inizjattiva diplomatika enfasizzat li d-dettalji ta' dan il-każ jiksru direttament l-istandards minimi applikabbli għal persuni li qed jiffaċċjaw eżekuzzjoni, peress li r-reat li twettaq mhux ikkunsidrat mil-UE bħala l-altar reat kriminali serju, u għamlet referenza speċifika għal-leġislazzjoni ta' Singapor.

Wara reviżjoni li damet għaddejja sena dwar il-piena tal-mewt, f'Lulju 2012 il-gvern ta' Singapor ippropona bidliet għall-piena tal-mewt obbligatorja għat-traffikar tad-droga u l-qtil, billi abolixxa l-piena tal-mewt obbligatorja għat-trasportaturi mhux daqstant importanti tad-droga li jikkooperaw mal-pulizija u l-każijiet ta' omiċidju fejn ma kien hemm l-ebda intenzjoni ta' qtil. L-eżekuzzjonijiet twaqqfu sa minn Lulju 2011.

Id-Delegazzjoni tal-UE organizzat Seminar ta' Jum dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar "Approċċi Reġjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Ewropa u x-Xlokk tal-Asja" fl-10 ta' Diċembru 2012. Il-Kelliem ewlieni kien is-Sur Rafendi DJAMIN, Rappreżentant tal-Indoneżja għall-Kummissjoni Intergovernattiva tal-ASEAN dwar id-Drittijiet ta' Bniedem (AICHR). Ir-Rappreżentant ta' Singapor għall-AICHR li għadu kemm ġie maħtur, l-Ambaxxatur CHAN Heng Chee, ta r-rimarki tal-aħħar. Is-Seminar laqqa' flimkien akkademiċi mill-Asja u l-Ewropa, uffiċjali, diplomatiċi u għadd ta' rappreżentanti mis-soċjetà ċivili, li ppermetta li jsiru diskussjonijiet sinċiera mhux tas-soltu.

Sri Lanka

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-governanza ddeterjorat fis-Sri Lanka fl-2012 b'attakki serji fuq l-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura. Id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB) u l-ġurnalisti indipendenti ffaċċjaw fastidju u baqa' jseħħ l-għajbien furzat. Minkejja xi progress fir-rikostruzzjoni ekonomika u r-ritorn ta' Persuni Spostati f'Pajjiżhom fit-tramuntana, saru biss ftit sforzi għar-rikonċiljazzjoni u biex jiġu indirizzati l-kawżi abbażi tal-konflitt.

Fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti f'Marzu 2012, l-Istati Uniti sponsorjaw riżoluzzjoni, appoġġata mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE), li thegġegħ lill-Gvern biex jagħmel progress dwar ir-rikonċiljazzjoni.

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sri Lanka ġiet analizzata fl-**Eżami Perjodiku Universali (EPU)** f'Novembru 2012. Il-Gvern tas-Sri Lanka rrifjuta madwar nofs ir-rakkomandazzjonijiet kritiċi magħmula fl-EPU.

Il-**Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp**, iffirmat fl-1995, jipprovdi l-bażi għall-kooperazzjoni tal-Unjoni Ewropea mas-Sri Lanka. Madankollu, fl-2012, ma kien hemm l-ebda forum formali għal djalogu politiku mas-Sri Lanka, minħabba li ma saret l-ebda laqgħa tal-Kummissjoni Konġunta sa mill-2008. Il-politika tal-UE lejn is-Sri Lanka hija kkaratterizzata minn "**impenn mill-ġdid kawt**", waqt li tesprimi tħassib dwar is-sitwazzjoni preokkupanti tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-Grupp ta' Ħidma dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-UE impenja ruħu mad-DDB u s-soċjetà ċivili, inkluż permezz ta' laqgħa annwali u l-ġħoti regolari ta' informazzjoni, l-osservazzjoni tal-proċessi, u l-protezzjoni tad-DDB u l-ġurnalisti. L-Unjoni Ewropea qajmet ukoll il-kwistjoni tal-piena tal-mewt mal-awtoritajiet. Delegazzjoni tal-**Parlament Ewropew** żaret is-Sri Lanka f'Mejju 2012.

L-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-linja baġitarja għal **Atturi Mhux Statali** ffinanzjaw diversi proġetti fis-Sri Lanka. Il-programm speċifiku għall-pajjiż tal-**Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp** iffoka fuq il-programmi ta' riabilitazzjoni u għajxien għall-gruppi l-aktar vulnerabbli, inklużi n-nisa u t-tfal, fiż-żoni affettwati mill-konflitt fit-tramuntana u l-lvant.

FI-2012, l-UE ħarġet diversi **stqarrijiet**. Dawn jinkludu l-istqarrija tal-UE li tteġġeg lill-Gvern biex jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-Kummissjoni dwar il-Lezzjonijiet Miksuba u r-Rikonċiljazzjoni fi Frar 2012; l-istqarrija tal-Kapijiet ta' Missjoni tal-UE dwar l-attakki kontra l-libertà ta' espressjoni (wara l-għeluq ta' siti elettroniċi) f'Lulju 2012 kif ukoll l-istqarrija tal-Kapijiet tal-Missjonijiet tal-UE dwar l-istat tad-dritt u l-ġudikatura f'Diċembru 2012; segwiti minn dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE dwar id-denunzja tal-Prim Imħallef f'Jannar 2013.

Tajlandja

F'konformità mal-linji gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-istrateġija ta' implimentazzjoni lokali tad-Delegazzjoni tal-UE, id-Delegazzjoni tal-UE fit-Tajlandja organizzat żewġ konsultazzjonijiet separati għas-soċjetà ċivili: l-ewwel mad-difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li tkopri kwistjonijiet ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem (31 ta' Jannar) u t-tieni mad-difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jispeċjalizzaw fis-sostenn dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fin-Nofsinhar Estrem (3 ta' Frar). B'kollox, ħadu parti r-rappreżentanti ta' aktar minn 20, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili prinċipalment ibbażati f'Bangkok. L-iskambju ntlaga' tajjeb ħafna.

Il-ħidma ta' sostenn inġenerali ġiet innotata u apprezzata. Il-parteċipanti enfasizzaw li l-viżibbiltà mogħtija lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem permezz tal-osservazzjonijiet tal-proċessi pprovdiet appoġġ morali lill-akkużati u kienet sinifikanti għall-assigurazzjoni li jirċievu proċess ġust. Id-Delegazzjoni tal-UE impenjat ruħha aktar mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ibbażati fil-komunità fpartijiet remoti tat-Tajlandja. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem irrappurtaw intimidazzjonijiet legali fil-kuntest ta' tilwim dwar il-proprjetà tal-artijiet u n-nuqqas ta' konsultazzjoni mal-komunitajiet dwar proġetti infrastrutturali li jaffettwaw l-għajxien ta' komunitajiet indiġeni u lokali, kwistjoni li l-UE qajmet mal-Gvern. [Matul żjara ta' delegazzjoni ta' MPEs fit-Tramuntana tat-Tajlandja fit-30 u l-31 ta' Awwissu, l-MPEs impenjaw ruħhom ukoll mad-difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbażati fil-komunità.

Barra minn hekk ir-rappreżentanti tad-Delegazzjoni tal-UE u tal-Ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE osservaw seduti tal-qorti ta' żewġ difensuri prominenti *lese majeste*, l-editur online rebbieħ ta' premjijiet Chiranuch Premchaiporn, ikkundannat għall-ksur tal-Att dwar ir-Reati Kriminali tal-Kompjuter għal sena ħabs sospiża u Somyot Pruksakasemsuk, ikkundannat għal 11-il sena għal lèse-majesté u inġurja fit-23 ta' Jannar 2013. L-UE ħarġet stqarrija tal-Kapijiet ta' Missjoni lokali [li tesprimi tħassib profond dwar l-effetti dannużi tal-kundanna ta' ħtija fuq il-libertà ta' espressjoni fit-Tajlandja, għall-kriminalizzazzjoni tal-intermedjarji għall-kontenut li jitpoġġa minn utenti oħrajn tal-internet fuq il-websites.

Id-Delegazzjoni tal-UE mexxiet sessjoni ta' ħidma ta' jumejn mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Tajlandiż dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni fit-13 u l-14 ta' Ġunju 2013, fejn il-partijiet ikkondividew l-esperjenza tagħhom ta' prattika tajba u l-isfidi tal-migrazzjoni. It-temi inkludew il-politika ta' asil u tar-refuġjati, it-traffikar tal-bnedmin u kwistjonijiet ta' ġestjoni u kontroll tal-fruntieri. F'diskussjonijiet kostruttivi, il-Gvern u l-UE identifikaw il-kwistjonijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri u t-traffikar tal-bnedmin bħala oqsma potenzjali għal aktar kooperazzjoni.

F'konformità mal-politika tal-UE dwar il-piena tal-mewt u bħala prijorità tal-UE għar-relazzjonijiet tagħha mat-Tajlandja, id-Delegazzjoni tal-UE appoġġat seminar organizzat mill-Unjoni tal-Libertajiet Ċivili fit-12 ta' Diċembru, li kellu l-għan li jqabbel il-progress lejn l-abolizzjoni madwar ir-reġjun tal-ASEAN. Minkejja moratorju effettiv fuq l-eżekuzzjonijiet fis-seħħ sa mill-2009, it-Tajlandja qiegħda fit-tieni post wara l-Malasja f'termini tal-għadd ta' prigionieri li qed jiffaċċjaw il-piena tal-mewt, b'bejn wieħed u ieħor 600 imqabbla mad-900 tal-Malasja. L-attitudinijiet tal-pubbliku qed jiġu ppreżentati bħala ostaklu maġġuri għall-abolizzjoni.

Fl-10 ta' Settembru, ir-Rappreżentant Għoli tal-UE Catherine Ashton ħarġet stqarrija li tilqa' d-deċiżjoni tat-Tajlandja li tabolixxi l-piena tal-mewt għat-trasgressuri minorenni.

Timor Leste

Għaxar snin wara l-indipendenza, l-2012 ra jseħħu b'suċċess żewġ elezzjonijiet (presidenzjali u parlamentari) mill-awtoritajiet ta' Timor, u dan irrapreżenta pass importanti fil-progress tal-pajjiż lejn demokrazija stabbli. F'Lulju, l-UE stazzjonat Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali u l-Parlament Ewropew bagħat delegazzjoni biex tosserva l-elezzjonijiet parlamentari. Iż-żewġ proċessi elettorali kienu paċifiċi, inklużivi u trasparenti, kif rikonoxxut fl-istqarrija tar-RGħ/VP tad-9 ta' Lulju 2012.

Fl-2012, l-UE kellha rwol prinċipali fl-appoġġ tal-isforzi tan-NU u komplet toffri għajnuna lil TL sabiex jiġu indirizzati l-isfida tiegħu tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fid-19 ta' Diċembru, il-Kunsill tas-Sigurtà adotta stqarrija presidenzjali dwar Timor-Leste li timmarka t-tmiem tal-mandat tal-Missjoni Integrata tan-Nazzjonijiet Uniti f'Timor-Leste (UNMIT) fil-31 ta' Diċembru 2012, li tilqa' l-progress konsiderevoli magħmul minn Timor-Leste u li tinnota r-rieda tan-NU u sħab oħra biex ikomplu jappoġġaw lill-pajjiż. Għalkemm mhux ser ikun hemm dibattiti jew rappurtar regolari dwar Timor-Leste, dan ser jibqa' fuq l-aġenda tal-Kunsill tas-Sigurtà għal perijodu ta' prova ta' tliet snin, li matulhom il-Kunsill tas-Sigurtà jista' jiddiskuti Timor-Leste immedjatament, jekk ikun meħtieġ.

Fil-31 ta' Diċembru 2012, l-UNMIT temmet l-irtirar tagħha. Mod innovattiv ta' kooperazzjoni bejn l-Aġenziji tan-NU u l-Gvern ta' Timor-Leste, fil-kuntest tal-Patt il-Ġdid, qiegħed attwalment jiġi definit. Kwistjoni pendenti tikkonċerna l-investigazzjoni ta' reati serji li twettqu fl-1999 (bħala parti mill-vjolenza li seħħet qabel l-indipendenza). In-NU mhux ser tkun tista' tiffinanzja dawn l-investigazzjonijiet wara l-waqfien tal-Missjoni tagħha f'April 2013. F'diversi okkażjonijiet, inkluż matul dibattiti regolari fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, l-UE enfasizzat li lesta tappoġġa lil Timor-Leste fil-konsolidazzjoni tal-kisbiet u l-progress tiegħu lejn demokrazija stabbli.

Il-progress fl-aġenda tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-ugwaljanza bejn is-sessi, ser jiġi ssorveljat mill-qrib u ser jibqa' jidher b'mod prominenti fuq il-lista ta' prijoritajiet tal-UE. L-għajnuna tal-UE qed tinkludi wkoll objettivi bħall-governanza demokratika, l-iżvilupp taż-żoni rurali u r-rwol tas-soċjetà ċivili. Din l-għajnuna tibqa' importanti sabiex tiġi indirizzata l-kapaċità limitata ta' Timor-Leste biex jimplementa l-aġenda tad-drittijiet tal-bniedem adegwatament.

L-UE ġiet assoċjata mill-qrib mal-attivitajiet tan-NU, inkluża l-parteċipazzjoni fil-Jiem għall-Pubbliku dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.

Vjetnam

Il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni UE-Vjetnam iffirmit f'Ġunju 2012 ipprova opportunità biex ikun hemm approfondiment tal-kooperazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem. Fil-qafas tal-implimentazzjoni minn quddiem tal-Ftehim, l-UE u l-Vjetnam analizzaw il-modalitajiet għad-djalogi regolari tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem kmieni fl-2012. Huma mxew minn djalogu lokali mmexxi mill-Kaprijiet ta' Missjoni tal-UE f'Ħanoj għal djalogu msaħħaħ ibbażat fil-kapitali immexxi minn esperti tad-drittijiet tal-bniedem. L-ewwel ċiklu ta' dan id-djalogu tad-drittijiet tal-bniedem ġdid u msaħħaħ sar fit-12 ta' Jannar 2012 f'Ħanoj u t-tieni ċiklu sar fil-25 ta' Ottubru fi Brussell.

Permezz ta' dan id-djalogu tad-drittijiet tal-bniedem ġdid u regolari, u stqarrijiet pubbliċi u inizjattivi diplomatiċi wkoll, l-UE ħeġġet lill-Gvern tal-Vjetnam biex ineħħi r-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' espressjoni u l-mezzi tal-informazzjoni. Fi stqarrija mill-kelliem tar-RGħ/VP Ashton, l-UE esprimiet tħassib serju dwar il-kundanna ħarxa ta' tliet bloggers ta' profil għoli f'Ho Chi Minh City. L-UE qajmet it-tħassib tagħha wkoll dwar il-piena kapitali u ssorveljat l-iżviluppi fil-qasam tal-Libertà ta' reliġjon jew twemmin u r-riformi legali u ġudizzjarji. Ir-rappreżentanti tad-Delegazzjoni tal-UE f'Ħanoj żaru l-faċilitajiet tal-ħabsijiet u attendew għal għadd ta' proċessi ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Hi interagixxiet ukoll ma' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili lokali biex tikkondividi fehmiel dwar żviluppi tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE kompliet tappoġġa l-modernizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja b'kontribuzzjoni ta' 8 Miljun Euro lill-"Programm ta' Sħubija dwar il-Ġustizzja", inizjattiva konġunta tad-donaturi li tinvolvi l-UE, id-Danimarka u l-Isvezja. Il-proġett jappoġġa istituzzjonijiet ewlenin bħall-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Qorti Suprema tal-Poplu, il-Prokuratura Suprema tal-Poplu u l-Assoċjazzjoni tal-Avukatura u jinkludi t-taħriġ tal-imħallfin, l-avukati u professjonisti oħra tal-liġi.

L-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) appoġġa ħax-il proġett fl-2012, li jkopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet inklużi d-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-ħaddiema, id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà, il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u t-traffikar tal-bnedmin u n-nondiskriminazzjoni. Tnedew ukoll proġetti ġodda fil-qasam tat-tiżni tad-drittijiet u r-rappreżentazzjoni tal-ħaddiema, l-iżvilupp tal-istat tad-dritt u l-iżvilupp soċjali fir-relazzjonijiet tax-xogħol, id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi etniċi, l-għoti tas-setgħa lil nies bl-HIV u lil popolazzjoni b'riskju ogħla ta' infezzjoni tal-HIV.

Fil-qafas tal-Proġett tad-Djalogu Strateġiku, l-UE appoġġat ukoll attivitajiet fl-oqsma tal-governanza, il-migrazzjoni, id-drittijiet tal-bniedem u kontra l-korruzzjoni.

VIII Oċeanja

Awstralja

L-Awstralja tibqa' promotur b'saħħtu tad-drittijiet tal-bniedem. Madankollu, l-applikazzjonijiet ta' dawk li jfittxu l-asil poġġew il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fuq l-aġenda domestika fit-tieni parti tal-2012. F'Awwissu, il-Parlament adotta l-*Att dwar l-Emenda tal-Leġislazzjoni tal-Migrazzjoni (Proċessar Offshore u Miżuri Oħra)*, li jimplementa r-rakkomandazzjoni ta' Bord ta' Esperti dwar Dawk li jfittxu l-Asil li kellu jagħti parir dwar il-kwistjoni sensittiva tal-għadd dejjem jikber ta' dawk li jfittxu l-asil li qed jaslu bil-baħar. L-Att reġa' daħħal mill-ġdid l-ipproċessar offshore ta' dawk li jfittxu l-asil fin-Nauru u l-Papwa Ginea Ġdida. Addizzjonalment għal dibattitu politiku intern jaħraq, il-miżuri mħabbra rriżultaw freazzjonijiet negattivi minn *Amnesty International*. Il-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati f'Ottubru qajjem mistoqsijiet lill-Ministru tal-Immigrazzjoni dwar il-pjanijiet ta' trasferiment għal PGĠ li tkompli tħaddan riżervi sinifikattivi għall-Konvenzjoni tar-Rifuġjati tal-1951 u naqset milli tiffirma trattati internazzjonali oħra rilevanti għall-protezzjoni tar-rifuġjati u n-nies apolidi f'PGĠ. F'Diċembru, il-UNHCR ħareġ rapport kritiku dwar il-faċilità ta' detenzjoni f'Nauru, li jsemmi l-kondizzjonijiet ta' akkomodazzjoni ħarxa, l-ebda qafas legali li jiffunzjona kompletament u l-kapaċità inadegwata biex jiġu valutati t-talbiet tar-refuġjati.

Konsultazzjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mal-Awstralja saru fil-qafas tad-Djalogu annwali Politiku UE-Awstralja f'Ottubru 2012. Skambji dwar l-arranġamenti adottati għall-ipproċessar reġjonali għal dawk li jfittxu l-asil saru fi ħdan id-Djalogu tal-Uffiċjali Għolja UE-Awstralja dwar il-Migrazzjoni fit-8 ta' Ottubru 2012 fi Brussell. L-Awstralja ssottolinjat is-sensittività tal-kwistjoni u l-problemi li qed jikbru bil-flussi tal-migrazzjoni ekonomiċi għall-Awstralja. Ftehim Qafas bilaterali komprensiv, li attwalment qiegħed jiġi nnegożjat, ser jipprovdi possibiltajiet addizzjonali għal aktar djalogu u kooperazzjoni msaħħa dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem mal-Awstralja.

Fiġi

Fl-2012 il-Fiġi baqa' taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou għall-ksur ta' elementi essenzjali inklużi fih bħar-rispett għall-valuri demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Madankollu, is-sena rat għadd ta' żviluppi inkoraġġanti bħat-tneħħija tar-Regolamenti ta' Emerġenza Pubblika, l-organizzazzjoni ta' reġistrazzjoni elettronika tal-votanti u t-tnedija ta' proċess ta' analiżi kostituzzjonali. Bħala rikonoxximent għal dawn il-passi pożittivi, il-Kunsill tal-UE emenda l-miżuri xierqa fid-deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Settembru 2012 li tippermetti li jibded mal-gvern attwali diskussjonijiet ta' programmazzjoni għall-11-il FEŻ.

Id-drittijiet tal-bniedem u l-proċess ta' demokratizzazzjoni kienu fiċ-ċentru tal-azzjoni tal-UE fil-Fiġi matul l-2012. L-Unjoni Ewropea laqgħet it-tneħħija tar-Regolamenti ta' Emerġenza Pubblika kmieni f'Jannar. Flimkien ma' donaturi oħrajn, l-UE appoġġat il-Kummissjoni tal-Kostituzzjoni li wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi estensivi u ppreparat abbozz ta' kostituzzjoni ġdida li fiha karta ta' drittijiet estensiva, inklużi drittijiet soċjoekonomiċi, u tintroduċi kwota għan-nisa fl-elezzjonijiet.

L-UE kompliet tipprovdi wkoll appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' għotjiet mill-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR). L-iskema ta' appoġġ għall-pajjiżi ffokat fuq id-demokratizzazzjoni u d-drittijiet tan-nisa. L-UE ħarġet stqarrija lokali f'Mejju li tesprimi dispjaċir għall-kanċellazzjoni fl-aħħar minuta mill-pulizija ta' protesta kontra l-omofobija f'Suva.

Missjoni ta' tiftix tal-fatti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE (APK) żaret il-Fiġi f'Lulju biex tevalwa l-istat tal-proċess ta' demokratizzazzjoni.

L-Unjoni Ewropea ħarġet stqarrija lokali oħra f'Settembru meta missjoni ta' tiftix tal-fatti ta' livell għoli tal-ILO, mistiedna mill-gvern biex tinvestiga allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' rispett tal-libertà ta' assoċjazzjoni, kellha tħalli l-pajjiż kmieni minħabba nuqqas ta' qbil mal-gvern fuq it-termini ta' referenza tagħha. F'Novembru l-Korp Governattiv tal-ILO evidenzja l-Fiġi bħala wieħed mill-ħames pajjiżi bil-problemi l-aktar serji u urġenti fir-rigward tal-libertà ta' assoċjazzjoni.

Dawn kollha u kwistjonijiet rilevanti oħra tqajmu sistematikament fid-djalogu politiku mal-gvern tal-Fiġi.

Stati Ġżejjer Żgħar tal-Paċifiku – Kiribati, Repubblika tal-Gżejjer Marshall, Stati Federali tal-Mikroneżja, Nauru, Palaw, Tonga, Tuvalu

L-UE tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' djalogu politiku u ta' politika ad hoc mal-gvern minħabba n-nuqqas ta' Delegazzjonijiet tal-UE f'dawn il-pajjiżi. L-UE taħdem ukoll mal-organizzazzjonijiet reġjonali u s-soċjetà ċivili fir-reġjun biex tinkoraġġixxi r-rispett hħad-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tagħhom.

Il-vjolenza sessista u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa fir-reġjun tal-Paċifiku huma fost l-ogħla fid-dinja. Fil-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku tal-2012, il-Mexxejja tal-Paċifiku ħarġu Dikjarazzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u impenjaw ruħhom biex jieħdu azzjoni sabiex itejbu s-sitwazzjoni. L-UE laqgħet id-Dikjarazzjoni u l-inizjattivi ppreżentati. Fl-istess avveniment, l-UE pparteċipat f'diskussjoni ta' panel dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, u esprimiet ir-rieda tagħha li tappoġġa l-isforzi tal-pajjiżi biex jindirizzaw l-ugwaljanza bejn is-sessi u biex taħdem flimkien ma' donaturi oħra f'dan ir-rigward.

L-UE tinkoraġġixxi lill-pajjiżi biex jirratifikaw u jimplimentaw it-Trattati internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Istatut ta' Ruma u għalhekk allokat €1 miljun speċifikatament għall-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku biex tappoġġa pajjiżi gżejjer tal-Paċifiku fir-ratifika u l-implimentazzjoni tagħhom li hija baxxa meta mqabbla mal-istandards internazzjonali. Il-proġett għandu jikkontribwixxi wkoll għal aktar ugwaljanza bejn is-sessi u livelli aktar baxxi ta' vjolenza sessista.

L-UE ħarġet stqarrijiet fl-2012 biex timmarka l-elezzjonijiet ġeneralment liberi u ġusti f'Kiribati, fil-Gżejjer Marshall u f'Palaw.

New Zealand

Fil-qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem, New Zealand huwa sieħed tal-UE li jmur lura żmien twil fil-fora internazzjonali u li miegħu l-UE għandha djalogu għammiel.

Fil-qafas tad-djalogu politiku UE-New Zealand, ġew diskussi kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fi ħdan skambji usa' dwar żviluppi fir-reġjun, eż. fi ħdan it-Taħdidiet ta' Sigurtà UE-New Zealand li saru f'Novembru 2012 f'Wellington. Ftehim Qafas bilaterali komprensiv, li attwalment qiegħed jiġi nnegożjat, ser jipprovdi possibbiltajiet addizzjonali biex id-djalogu jkompli jissaħħaħ u kooperazzjoni akbar dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem ma' New Zealand.

Papwa Ginea Ġdida

Fl-2012, il-pajjiż esperjenza kriżi politika serja minħabba l-inċertezza li rriżultat mill-proċess ta' suċċessjoni tal-PM Somare li kien marid u d-deċiżjoni tal-qorti li tibdlu bil-PM attwali O'Neill. Id-deċiżjoni tal-qorti ppermettiet bidla ġenerazzjonali fit-tmexxija u kkontribwixxiet għar-ristabiliment tal-istabbiltà politika fil-pajjiż.

Is-sostenn b'appoġġ għad-drittijiet tal-bniedem mis-soċjetà ċivili huwa estremament dgħajfef, minħabba l-frammentazzjoni ta' organizzazzjonijiet eżistenti u l-aċċettazzjoni passiva mill-pubbliku inġenerali tal-ksur l-aktar serju. Biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' soċjetà ċivili vokali li tippromwovi u ssostni l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, ġie ffinanzjat mill-UE proġett ta' appoġġ għall-Atturi Mhux Statali bil-għan li tinholq pjattaforma għal djalogu regolari u stabbli.

Biex jiġi appoġġat il-grupp tan-Nisa biex isir vokali u koerenti fit-talbiet tiegħu lejn il-Gvern u s-soċjetà, tnedew żewġ proġetti tal-EIDHR li twaqqfu flimkien ma' TIPNG u World Vision biex iqajmu kuxjenza dwar id-drittijiet tan-nisa. Fl-okkażjoni ta' Jum l-Ewropa, id-Delegazzjoni tal-UE organizzat wirja ta' pitturi fuq it-tema "Perċezzjoni tan-Nisa fil-Kultura ta' Papwa".

Ħames proġetti tal-EIDHR li għaddejjin bħalissa qed jikkontribwixxu biex inaqqsu l-impatt tal-iżviluppi tat-tħaffir fuq il-komunitajiet indiġeni. Dawn il-proġetti qed jippromwovu l-użu tal-medjazzjoni u l-ġustizzja restorattiva biex jiġu msewwija r-relazzjonijiet komunitarji u jiġu minimizzati kwistjonijiet ta' ordni pubbliku f'żoni ta' ġlied tribali f'31 komunità fil-mira.

L-opinjoni pubblika fil-PGĠ tibqa' ġeneralment favur il-piena tal-mewt. Madankollu, il-pajjiż mexa minn vot negattiv għal astensjoni fuq il-moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt fil-laqgħa tal-plenarja tan-NU tal-20 ta' Diċembru 2012 (Risoluzzjoni 67/176) wara sforzi ta' lobbizzmu intensivi min-naħa tal-UE.

Samoa

Simili għal diversi pajjiżi tal-Paċifiku, il-vjolenza sessista u d-diskriminazzjoni kontra n-nisa jibqgħu ta' tħassib kbir. Il-gvern daħħal abbozz ta' liġi kontroversjali li jiggarrantixxi l-10% tas-siġġijiet fil-Parlament lin-nisa wara l-elezzjonijiet li jmiss fl-2015. Attwalment huwa rekwiżit li kandidat politika għandu jkollu titlu ta' "matai" (ċif). Ħafna villaġġi f'Samoa għadhom attwalment jipprojbixxu lin-nisa milli jkollhom titli ta' matai, u għalhekk, ir-rappreżentazzjoni politika tibqa' essenzjalment f'idejn l-irġiel. Fil-Forum tal-Gżejjer tal-Paċifiku tal-2012, il-PM tas-Samoa, flimkien ma' Mexxejja oħra tal-Paċifiku, ħarġu d-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-Paċifiku dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi li fiha impenjaw ruħhom biex jieħdu azzjoni sabiex itejbu s-sitwazzjoni.

L-Unjoni Ewropea tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u tal-ġeneru permezz tad-djalogu tagħna mal-pajjiż flimkien ma' appoġġ finanzjarju minn strumenti differenti (FEŻ, FPI, EIDHR). Il-programm tal-EIDHR dwar il-Medja għad-Demokrazija u id-Drittijiet tal-Bniedem iffinanzja kapitolu dwar il-libertà tal-istampa fis-Samoa fir-rapport tal-IFJ (Federazzjoni Internazzjonali tal-Ġurnalisti) "Il-Libertà tal-Istampa fil-Paċifiku". Ġie pprovdut appoġġ mill-proġett reġjonali tal-EIDHR li jappoġġa l-pajjiżi gżejjer tal-Paċifiku biex is-Samoa tiġi assistita fir-ratifika u l-implimentazzjoni tagħha tat-Trattati internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Istatut ta' Ruma li huwa baxx meta mqabbel mal-istandards internazzjonali. Dan il-proġett wassal għajnuma teknika lill-gvern biex jaħdem fuq indikaturi leġislattivi fir-rigward tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (CRDP) u ffaċilita sessjoni ta' ħidma dwar is-CRDP.

L-UE taħdem biex issaħħaħ ir-rwol tas-Soċjeta' Ċivili inkluż fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u ffinanzjat ir-riabilitazzjoni ta' diversi Fales tan-Nisa¹³ u proġetti li jiġġeneraw id-dħul għan-nisa taħt il-FEŻ. L-UE sponsorjat ukoll korsijiet ta' difiża leġittima u l-ġestjoni tar-rabja.

Gżejjer Solomon

Il-Ġżejjer Solomon gawdex perijodu ta' paċi u stabbiltà relattivi li kkontribwixxew għal iżvilupp soċjoekonomiku mtejjeb. Fi Frar 2012 il-Kummissarji tal-Kummissjoni tal-Verità u r-Rikonċiljazzjoni ppreżentaw lill-Prim Ministru r-rapport dwar il-perijodu tat-Tensjonijiet 1998-2003, b'rakkomandazzjonijiet biex jiġi indirizzat il-wirt tal-vjolenza mit-'Tensjonijiet' u r-rikonċiljazzjoni fuq terminu twil. Ir-rapport għadu jrid jiġi ppreżentat quddiem il-Parlament.

¹³ Fales huwa bini tradizzjonali tas-Samoa fejn in-nisa jiltaqgħu fil-komunitajiet tagħhom, biex jirkellmu u jaħdmu flimkien.

Fl-2012 l-UE ppromwoviet attivament id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Gżejjer Solomon permezz ta' djalogu politiku u appoġġ finanzjarju. Ir-ratifika tal-konvenzjoni ta' Ruma fir-rigward tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) tqajmet fid-Djalogu Politiku formali f'Settembru. Jidher li m'hemm l-ebda oġġezzjoni ta' prinċipju għar-ratifika tal-QKI, imma d-dewmien huwa pjuttost attribwibbli għal volum pendenti ta' leġislazzjoni.

Il-Gżejjer Solomon huma pajjiż pilota għall-implimentazzjoni tal-Aġenda għal Azzjoni tal-UE dwar l-Appoġġ għad-Demokrazija, inċentiv addizzjonali biex ikompli jsir progress fuq ir-riforma demokratika. Fid-dawl tal-elezzjonijiet parlamentari tal-2014, l-appoġġ tal-UE ffoka fuq it-titjib tat-trasparenza u l-integrità tal-proċess elettorali, it-trawwim tal-parteċipazzjoni u r-rappreżentazzjoni politika tan-nisa; u t-tiħiħ tal-kapaċità tal-Atturi Mhux Statali u taċ-ċittadini biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom u jkollhom parti attiva fid-dibattitu politiku fil-livelli kollha. Prijorità ewlenija oħra hija l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa. Flimkien ma' donaturi oħrajn u f'koordinazzjoni mill-qrib mal-gvern, tnedew proġetti għat-tiħiħ taċ-ċiklu elettorali, għall-avvanz tal-implimentazzjoni aħjar tas-CEDAW, għat-tiħiħ tar-rwol tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u għal sensibilizzazzjoni tal-kuxjenza dwar il-Vjolenza kontra n-Nisa (fost l-oħrajn permezz tat-teatru fil-komunità).

Vanwatu

L-elezzjonijiet ġenerali saru fil-Vanwatu fit-30 ta' Ottubru 2012 u membri tad-Delegazzjoni tal-UE kienu mistiedna bħala osservaturi f'xi postijiet tal-votazzjoni. L-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet marret pjuttost tajjeb għalkemm diversi petizzjonijiet ġew iddepożitati wara biex jiddenunzjaw 'votanti fantażma' u l-imġieba mhux etika ta' xi kandidati.

Fil-kuntest tal-appoġġ tal-baġit matul l-2012 u fil-proċess ta' finalizzazzjoni ta' Kuntratt ta' Governanza Tajba u Żvilupp (KGTŻ) għall-Vanwatu, saret valutazzjoni tar-rispett tal-valuri fundamentali tal-UE. Il-konklużjoni ewlenija kienet li l-Vanwatu kkwalfika għal KFTŻ imma li kienu jinħtieġu aktar sforzi, b'mod partikolari fir-rigward tal-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal, il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja politika u t-trattament tal-ħabsin. Il-Fażi ta' implimentazzjoni tal-KFTŻ (li tikkontribwixxi 3% tal-baġit totali annwali) ser titfa' enfasi qawwija fuq il-ħtieġa li jintwera permezz ta' indikaturi xierqa t-titjib miksub fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem (b'mod partikolari l-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru) biex ikun eliġibbli għall-porzjon flessibbli tal-allokkazzjoni.

Ingħatat attenzjoni partikolari għall-appoġġ tal-NGOs attivi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u li jiġġieldu l-vjolenza kontra n-nisa taħt l-intestatura baġitarja NSA/LA (€250 000), *fost l-oħrajn biex titqajjem kuxjenza permezz tal-arti u d-drama*; din ikkumplementat l-appoġġ ipprovdut taħt l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-NSAs li ammonta għal €1.6 miljun għall-2008-2013.

Għalkemm il-Vanwatu rratifika l-Konvenzjoni ta' Ruma dwar il-QKI fl-2011, din ma ġietx implimentata kompletament fil-qafas legali tal-pajjiż.

IX Kontinent Amerikan

Kanada

Bħala sħab tad-drittijiet tal-bniedem impenjati kollettivament, l-UE u l-Kanada jikkondividu valuri komuni u jaħdmu flimkien mill-qrib biex jippromwovu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Dan l-approċċ komuni huwa rifless minn konsultazzjonijiet regolari dwar id-drittijiet tal-bniedem u kooperazzjoni mill-qrib dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fi ħdan in-NU (New York u Ġinevra) u l-OSKE (Vjenna).

Matul l-2012, l-UE u l-Kanada komplew bil-kooperazzjoni tagħhom mill-qrib fil-kuntest tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u t-tielet kumitat tal-AĠNU dwar pajjiżi ta' tħassib partikolari minn perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem, mhux l-anqas l-Iran u s-Sirja.

Stati Uniti tal-Amerika

L-UE u l-Istati Uniti kellhom konsultazzjoni bilaterali dwar id-drittijiet tal-bniedem darbtejn fl-2012 (fi Frar f'Washington, DC u f'Lulju f'Brussell). L-UE impenjat ruħha wkoll dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tad-djalogi tagħha dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u d-dritt internazzjonali mad-Dipartiment tal-Istat. Id-djalogi istituzzjonalizzati ġew ikkumplementati minn skambji u kooperazzjoni regolari dwar kwistjonijiet, bħas-setgħa ekonomika u politika lin-nisa, in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, il-libertà ta' reliġjon u twemmin, il-libertà tal-Internet, id-drittijiet LGBTI u d-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, ir-Russja, il-Mjanmar/Burma, u l-pajjiżi Asjatiċi u tar-Rebbiegħa Għarbija.

Fl-okkażjoni tal-Jum id-Drittijiet tal-Bniedem 2012, l-UE organizza avveniment ta' livell għoli f'kooperazzjoni ma' għadd ta' Stati Membri tal-UE u l-Istati Uniti dwar "Id-Drittijiet tal-Bniedem u s-Sħubija Transatlantika: l-Appoġġ għal-Libertà ta' espressjoni, il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Parteċipazzjoni Politika". Is-sħubija bejn l-UE u l-Istati Uniti f'fora multilaterali kienet sinifikanti biex tavvanza kwistjonijiet importantitad-drittijiet tal-bniedem bħal-libertà tal-Internet (bħala parti mill-ħidma mwettqa permezz tal-"Istrateġija No Disconnect"), il-libertà ta' reliġjon u twemmin, jew sitwazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

Il-piena tal-mewt fl-Istati Uniti tibqa' preokkupazzjoni prijoritarja għall-UE. Madankollu, kien hemm bidliet sinifikanti fl-użu u l-appoġġ għall-piena fl-Istati Uniti fl-aħħar sena. Fl-2012 għal darb'oħra kien hemm 43 eżekuzzjoni, l-istess għadd bħal fl-2011. Dan kien tnaqqis ta' ħamsin fil-mija sa mis-sena 2000 (78 eżekuzzjoni). Addizzjonalment għadd rekord baxx ta' kundanni għall-mewt ingħataw mill-qrati madwar il-pajjiż, 78 fl-2012, meta imqabbel mal-ogħla punt fl-1996 (315-il kundanna). Fl-2012 l-UE intervjeniet fuq sitt każijiet fuq livell statali li ssodisfaw il-kriterji għal intervent kif deskritt fil-Linji Gwida tal-UE. Fl-2012, ir-RGħ/VP ħarġet sqarrija tifraħ lill-Connecticut għall-abolizzjoni tal-piena tal-mewt. L-UE kompliet ukoll tappoġġa l-NGOs li jsostnu l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt.

Għat-tielet sena konsekuttiva l-Kungress tal-Istati Uniti għadda leġislazzjoni li tipprevjeni l-użu ta' fondi għall-bini/modifika tal-faċilitajiet ta' detenzjoni fl-Istati Uniti, jew għat-trasferiment tad-detenuti minn Guantánamo għall-Istati Uniti jew għal pajjiżi terzi (Att dwar l-Awtorizzazzjoni tad-Difiża Nazzjonali tal-2013). Il-leġislazzjoni dwar Guantánamo pprevjeniet l-Amministrazzjoni milli tagħmel progress fuq il-fajl, minkejja li President Obama tennali l-għeluq kien għadu prijorità għall-Amministrazzjoni tiegħu. L-UE kompliet timpenja ruħha mal-gvern tal-Istati Uniti fir-rigward tar-restrizzjonijiet li għadhom jippersistu fit-trasferiment tad-detenuti li qed jaffettwa l-għeluq ta' Guantánamo.

Matul l-2012, il-Parlament Ewropew adotta rapport ta' segwitu dwar it-trasport allegat u d-detenzjoni illegali ta' ħabsin f'pajjiżi Ewropej mis-CIA u ġibdet l-attenzjoni tar-RGħ/VP għall-piena tal-mewt fl-Istati Uniti, l-għeluq ta' Guantánamo, u l-aspetti legali tal-użu tal-attakki permezz ta' vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ għal finijiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu.

L-UE kkooperat mal-Istati Uniti dwar is-setgħa ekonomika u politika lin-nisa permezz tal-kostabbiliment tas-Sħubija għal Futur Indaq li l-għan tagħha hu li n-nisa jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-ħajja pubblika u biex imexxu u jibbenefikaw mit-tkabbir ekonomiku inklużiv. Fl-avveniment tat-tnedija tal-inizjattiva, l-impenji tal-UE inkludew: kampanji ffokati fuq il-parteċipazzjoni politika u ekonomika tan-nisa f'pajjiżi li qegħdin fi transizzjoni, li tiġi indirizzata l-vjolenza kontra n-nisa bħala ostakolu għal tali parteċipazzjoni; il-promozzjoni tar-rappreżentanza tan-nisa fin-negożjati ta' paċi u l-proċessi ta' negożjar u medjazzjoni; u l-avvanz tal-parteċipazzjoni u l-għoti tas-setgħa lin-nisa ġewwa l-UE.

Amerika Latina u l-Karibew

Arġentina

Fl-2012 il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem baqgħet fuq quddiem tal-aġenda tal-gvern tal-Arġentina. Madankollu, u għalkemm l-Arġentina rratifikat l-biċċa l-kbira tal-istrumenti reġjonali u tan-NU għad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjoni, l-eżitu tal-Eżami Perjodiku Universali mwettaq fl-2012 jenfasizza għadd ta' oqsma problematiċi. Dawn jinkludu: a) l-iffullar fil-ħabsijiet u rapporti ta' tortura fil-ħabsijiet; b) it-traffikar tal-bnedmin, il-vjolenza domestika u l-vjolenza kontra n-nisa u c) id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.

Laqgħa tad-djalogu lokali tad-Drittijiet tal-Bniedem UE-Arġentina, previst fid-Dikjarazzjoni konġunta dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-2008, saret f'April 2012. Barra minn hekk seminar tas-soċjetà ċivili UE-Arġentina dwar l-inklużività soċjali sar f'Diċembru 2012.

Fil-kooperazzjoni UE-Arġentina fid-Drittijiet tal-Bniedem, il-ġustizzja soċjali, id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn u minoranzi u d-drittijiet tal-bniedem ta' popolazzjonijiet indiġeni kienu kwistjonijiet ewlenin u oqsma ristretti ta' intervent għal-linji tematiċi tal-"Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem" (EIDHR) u l-"Atturi Mhux Statali". L-UE ħadmet mas-Segretarjat Arġentin għad-Drittijiet tal-Bniedem b'appoġġ għall-ħidma ta' 8 Osservatorji tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE kellha wkoll l-għan li ssaħħaħ ir-rwol tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġustizzja u l-għieda kontra l-impunità

Belize

Il-Belize hija demokrazija kostituzzjonali parlamentari. Fis-7 ta' Marzu l-UDP ġie elett mill-ġdid għat-tieni mandat b'mandat imnaqqas sewwa. Fejn qabel l-UDP gawda maġġoranza kbira ħafna fil-parlament, issa jmexxi b'differenza żgħira ta' 17 għal 14 fil-Kamra tar-Rappreżentanti.

Il-prijoritajiet tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE fil-Belize jinkludu l-użu ta' forza eċċessiva mill-forzi tas-sigurtà, id-detenzjoni twila qabel il-proċessi, il-vjolenza domestika, id-diskriminazzjoni kontra n-nisa, l-abbuż sesswali tat-tfal, it-traffikar tal-bnedmin u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali.

Hemm biss ftit organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-Belize li jaħdmu fuq aspetti differenti tad-drittijiet tal-bniedem li jinkludu s-sostenn, l-edukazzjoni u l-kuxjenza pubblika u xi implimentazzjoni tal-programmi.

Il-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal tibqa' ta' tħassib serju, kif ukoll il-prevalenza tat-tħaddim tat-tfal fl-agrikoltura. Id-differenzi bejn is-sessi huma profondi; il-Belize huwa fil-100 post minn 135 pajjiż fuq ir-Rapport Globali dwar id-Differenza bejn l-Irġiel u n-Nisa tal-2011 tal-Forum Ekonomiku Dinji. Il-Belize huwa pajjiż ta' sors, transitu u destinazzjoni għan-nisa u t-tfal ittraffikati għall-prostituzzjoni u x-xogħol furzat. Ir-Rapport tal-2011 dwar it-Traffikar tal-Bnedmin tad-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti neħħa lill-Belize mil-Lista ta' Sorveljanza tat-Tieni Livell imma kompli jikkategorizzah bħala pajjiż tat-Tieni Livell.

Għalkemm il-Belize għadu jżomm il-piena tal-mewt għall-qtil u r-reati militari, huwa de facto kkunsidrat stat abolizzjonista, peress li ma wettaq l-ebda eżekuzzjoni sa mill-1985. Fl-20 ta' Diċembru 2012, il-Belize vvota mill-ġdid kontra r-Riżoluzzjoni dwar Moratorju fuq l-Użu tal-Piena tal-Mewt fl-Assemblea Ġenerali tan-NU. Għalkemm il-Belize ilu parti għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) sa mill- 1996, ma ffirmaw u lanqas ma rratifika t-Tieni Protokoll Fakultattiv tal-ICCPR bil-għan li tiġi abolita l-piena tal-mewt (1989), u lanqas ma ffirmaw jew irratifika l-Konvenzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Protokoll tagħha għall-Abolizzjoni tal-Piena tal-Mewt (1990).

L-EPU li jmiss għall-Belize ser isir fl-Lulju 2013.

Bolivja

Il-kooperazzjoni bejn il-Bolivja u l-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem tiffoka fuq: it-tisħiħ tal-istat tad-dritt u aċċess aħjar għall-ġustizzja; it-tisħiħ tal-protezzjoni u l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-popli indiġeni; u l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa, il-bniet u s-subien.

Fl-2012, l-UE nediet programm taħt l-Istrument għall-Istabbiltà (€4 miljun) li jindirizza l-konflitt soċjopolitiku u t-titjib tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija. Huwa involva l-appoġġ għall-proċess ta' konsultazzjoni mal-popli indiġeni; il-ġestjoni u l-prevenzjoni tal-konflitti; u t-tisħiħ tal-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja.

L-UE adottat strateġija lokali għall-implimentazzjoni tal-linji gwida tal-UE dwar il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u ġie stabbilit grupp konsultattiv. L-UE taħdem ukoll man-NU biex issaħħaħ il-qafas legali dwar il-vjolenza kontra n-nisa.

Il-Bolivja hija pajjiż pilota għall-implimentazzjoni tal-Aġenda għal Azzjoni tal-UE dwar l-Appoġġ għad-Demokrazija. Din inkoraġġiet lill-UE u l-Istati Membri biex jaħdmu għal koerenza akbar. Kienet ukoll inċentiv għall-Bolivja biex tkompli tagħmel progress fuq ir-riforma demokratika. It-Tieni Djalogu ta' Livell Għoli UE-Bolivja (2012) qabel li jinħoloq grupp ta' ħidma konġunt UE-Bolivja dwar id-demokrazija.

L-UE segwiet il-każijiet ta' xi ċittadini tal-UE (Toaso u Dwyer) akkużati b'terroriżmu u qajmet il-kwistjoni fl-ogħla livell.

Brażil

Fl-2012, il-prijorità ewlenija fil-Brażil baqgħet il-protezzjoni tal-gruppi vulnerabbli, bħat-tfal, in-nisa, il-Popli Indiġeni, id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB), u l-popolazzjonijiet LGBTI, jġigifieri l-ġlieda kontra l-vjolenza omofobika. Barra minn hekk, l-UE ffokat ukoll fuq l-istat tad-dritt u r-rispett u l-implimentazzjoni sħiħa tal-leġislazzjoni relatata mad-drittijiet tal-bniedem.

Is-sena kienet immarkata mill-ġlieda kontinwa tal-Brażil kontra l-faqar estrem, saru żewġ konferenzi nazzjonali kbar fl-oqsma tat-tfal u l-adolessenti u n-nies b'diżabbiltà, flimkien ma' dibattiti pubbliċi dwar kwistjonijiet indiġeni u l-istabbiliment ta' proġetti kbar ta' żvilupp, kif ukoll it-tnejn għal avvenimenti kbar bħat-Tazza tad-Dinja u l-Logħob Olimpiku.

Fl-2012 il-Brażil sarlu it-tieni Eżami Perjodiku Universali tiegħu f'Ġinevra, u aċċetta 169 (10 parzjalment) mill-170 rakkomandazzjoni ppreżentati minn 70 pajjiż. Il-biċċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet iffokaw fuq kwistjonijiet bħall-aċċess għall-ġustizzja, il-qtil extraġudizzjarju, il-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet, il-vjolenza kontra n-nisa, is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-popli indiġeni. F'Novembru, il-Brażil ġie elett mill-ġdid bħala membru tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU għal mandat ta' tliet snin (2013-2015).

Id-djalogu u l-kooperazzjoni mill-qrib mal-Brażil dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem komplew fl-2012. Kif kien previst fil-Pjan ta' Azzjoni Konġunta, l-UE u l-Brażil żviluppaw qafas istituzzjonali li jippermetti konsultazzjonijiet regolari dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem. F'Marzu 2012, l-UE adottat Qafas Strateġiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u Pjan ta' Azzjoni.

Matul iż-żjara tar-RGħ/VP Ashton il-Brażil (Frar 2012), ġie maqbul li għandhom jittieħdu inizjattivi konġunti dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, in-Nisa u s-Sigurtà; id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Iżvilupp. Barra minn hekk, ġie maqbul li tiġi pprovduta għajnuna teknika u tisħiħ tal-kapaċitajiet lil pajjiżi terzi interessati permezz ta' kooperazzjoni triangolari biex jiġu appoġġati fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet wara l-Eżami Perjodiku Universali.

Riżultat konkret ta' din il-kooperazzjoni kien li fid-19 ta' Ġunju 2012, l-UE u l-Brażil organizzaw b'mod konġunt avveniment sekondarju għall-20 Sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar "Id-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem". Barra minn hekk, id-drittijiet tal-popli indiġeni ġew diskussi fil-qafas tal-Konferenza Rio + 20 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli.

It-tielet laqgħa tad-Djalogu UE-Brażil dwar id-Drittijiet tal-Bniedem seħħet f'Settembru 2012 fi Brussell. Id-diskussjonijiet iffokaw fuq il-koordinazzjoni f'fora multilaterali, id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, it-Tfal, it-Traffikar tal-Bnedmin u l-proġetti ta' kooperazzjoni bilaterali. Ġie maqbul biex jiġu definiti l-modalitajiet konkreti biex tiġi pprovduta għajnuna teknika u tisħiħ tal-kapaċità lil pajjiżi terzi interessati permezz ta' kooperazzjoni triangolari.

F'Novembru, it-II Seminar UE-BR tas-Soċjeta' Ċivili dwar id-Drittijiet tal-Bniedem sar fi Brussell. Is-Seminar ġie implimentat fi ħdan id-Djalogi Settorjali UE-Brażil, bil-għan li jimpenja l-organizzazzjoni tas-soċjeta' ċivili, kemm fl-Ewropea kif ukoll fil-Brażil, dwar kwistjonijiet u temi li jmissu aspetti differenti tad-djalogu politiku dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-aġenda ffokat fuq tliet oqsma ta' attenzjoni: id-drittijiet ta' leżbjani, gay, bisesswali, transġeneru u intersess (LGBTI), it-Traffikar tal-Bnedmin u d-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ir-rakkomandazzjonijiet li ġew ippreżentati fi ħdan it-II Seminar ser jiġu ppreżentati fl-edizzjoni tal-2013 tad-djalogu politiku.

L-UE kompliet tappoġġa attivament id-drittijiet indiġeni fil-Brażil, permezz tal-linja baġitarja għall-NGOs, l-EIDHR u l-linja baġitarja għall-foresti tropikali. L-Istati Membri tal-UE huma attivi wkoll fil-promozzjoni tad-drittijiet indiġeni u jiffinanzjaw diversi proġetti ta' kooperazzjoni. Il-komunitajiet indiġeni kienu l-mira ta' vjolenza li żiedet fl-aħħar sena u għalhekk il-kuntatti mal-Awtoritajiet federali responsabbli għall-kwistjonijiet Indiġeni intensifikaw (inkluż mal-FUNAI, l-aġenzija Brażiljana għall-Popli Indiġeni). Id-Delegazzjoni tal-UE u l-Istati Membri tal-UE fi Brasilia jżommu kuntatt regolari mas-Segretarjat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Programm għad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Fond għall-Faċilita' ta' Djalogi Settorjali tal-UE ffinanzja żewġ attivitajiet prinċipal: Seminar dwar it-Traffikar tal-Bnedmin (Mejju 2012) u Seminar dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (Diċembru 2012), li t-tnejn li huma saru fi Brasilia. Tnediet sejħa għal Proposta tas-CBSS/EIDHR f'Novembru 2011 li għandha fil-mira l-vjolenza kontra n-nisa, it-tfal, il-popli indiġeni u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Intgħażlu ħdax-il proġett għal finanzjament fl-2012 u l-2013.

Fl-2012, il-mistoqsijiet li ġew ippreżentati mill-Parlament Ewropew trattaw il-kondizzjonijiet tal-għajxien fil-ħabsijiet Brażiljani, l-istandards tax-xogħol u l-qtil extraġudizzjarju imma ffokaw prinċipalment fuq is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni. Għandu jiġi nnotat li l-President Barroso, f'Diċembru 2012, iltaqa' fi Strasburgu ma' Cacique Raoni, iċ-ċif tal-poplu Kayapo tal-Amazon Brażiljan, matul għadd ta' żjarat għal kampanja fl-Ewropa biex iqajjem kuxjenza dwar is-sitwazzjoni tal-poplu tiegħu u l-ħtieġa li t-territorju tiegħu jiġi ppreżervat.

Ċili

Id-djalogu u l-kooperazzjoni mill-qrib maċ-Ċili dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem komplew fl-2012. Hemm tliet prijoritajiet prinċipali għal din il-kooperazzjoni: id-drittijiet indiġeni; l-ugwaljanza bejn is-sessi, u azzjonijiet għall-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni u għall-preservazzjoni tal-memorji tad-dittatura militari bejn l-1973 u l-1990. Permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem, l-UE pprovdiet EUR 1.1 miljun biex tappoġġa tmien organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili Ċileni li jaħdmu biex jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem f'dawn l-oqsma. Wara s-seminar tas-soċjetà ċivili dwar id-dispożizzjonijiet istituzzjonali għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li ġie organizzat mill-UE f'Ottubru 2011, fl-2012 ġiet approvata leġislazzjoni biex jinholq Sottosegretarjat għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Ministeru tal-Ġustizzja. L-UE tipprovdi xi finanzjament lil, u żżomm kuntatti mill-qrib ma', l-Istitut Nazzjonali kważi awtonomu għad-Drittijiet tal-Bniedem li fl-2012 qajjem tħassib dwar il-vjolenza tal-pulizija b'reazzjoni għall-protesti minn studenti u gruppi oħra ta' ċittadini; u dwar l-użu ta' leġislazzjoni kontra t-terroriżmu għall-prosekuzzjoni ta' attivisti indiġeni Mapuche. Il-preġudizzju u d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali għadhom mifruxa, imma l-qtil omofobiku ta' żgħażuġ omosesswali, Daniel Zamudio, qanqlu dibattitu nazzjonali u xprunaw lill-Kungress biex japprova l-ewwel Liġi Kontra d-Diskriminazzjoni taċ-Ċili li tagħmel illegali id-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, fost ħafna raġunijiet oħra. Matul it-tielet djalogu UE-Ċili dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'Mejju, l-UE laqgħet din il-leġislazzjoni mingħajr preċedent u enfasizzat il-ħtieġa li tiġi kumplementata b'politiki edukattivi u preventivi. L-UE u ċ-Ċili ddiskutew ukoll id-drittijiet tan-nisa, in-nies b'diżabbiltà, il-popli indiġeni, il-migranti u t-tfal; u l-kooperazzjoni f'fora tan-NU.

Kolombja

Il-konflitt armat intern tal-Kolombja, it-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata jkomplu joħolqu sfidi kbar, imma l-amministrazzjoni ta' Santos tat prijorità lil kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, u s-sena rat żviluppi pożittivi importanti inklużi miżuri legiſlattivi u ta' politika kbira biex jindirizzaw il-kawżi abbażi tal-konflitt. Bdiet l-implimentazzjoni tal-Liġi dwar il-vittmi u r-restituzzjoni tal-art, tjeibu r-relazzjonijiet bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura, u sar aktar progress għall-istabbiliment ta' Politika Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kien hemm parteċipazzjoni wiesgħa mill-gvern, is-soċjetà ċivili u l-komunità internazzjonali f'Konferenza Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem f'Diċembru.

Ir-riformi wittew it-triq għal, u kkulminaw fit-tneċċija ta' negozjati ta' paċi mal-FARC li skont rapporti qed iseħħu fi klima ta' fiduċja reċiproka u qed jagħmlu progress raġonevoli. Madankollu, il-proċess ta' paċi huwa mimli diffikultajiet u riskji. Il-gvern kompli jagħmel sforzi konsiderevoli biex isaħħaħ l-istat tad-dritt, prinċipalment billi jżid il-preżenza tal-istat f'postijiet fejn qabel kienu kkontrollati minn gruppi armati illegali; imma komplew livelli preokkupanti tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-liġi umanitarja internazzjonali. Theddid għas-sigurtà interna ġie mir-ribelli, imma wkoll minn gruppi armati fuq skala kbira li dejjem qed jikbru li tfaċċaw wara d-demobilizzazzjoni paramilitari u saru t-theddida prinċipali għall-istat tad-dritt. L-għadd għoli ta' persuni spostati f'pajjiżhom (3.8 miljun) jikkostitwixxi kriżi umanitarja gravi u kontinwa. F'dan il-kuntest, l-implimentazzjoni tal-legiſlazzjoni progressiva tal-gvern tkompli toħloq sfidi sinifikanti.

L-UE appoġġat r-riformi ta' Santos. Barra mill-appoġġ li jmur lura żmien u kontinwu lis-settur tal-ġustizzja, hija nediet azzjoni minn tal-ewwel b'appoġġ għal-Liġi dwar il-vittmi u r-restituzzjoni tal-art. Ir-riforma tal-artijiet u l-iżvilupp rurali ser ikun qasam fokali tal-kooperazzjoni tal-UE wkoll fis-snin li ġejjin. L-UE esprimiet ukoll l-appoġġ tagħha għan-negozjati ta' paċi permezz ta' serje ta' stqarrijiet tar-RGħ/VP, u offriet li tgħin bl-implimentazzjoni ta' ftehim ta' paċi possibbli. ECHO pprovda €12-il miljun f'għajjnuna umanitarja lill-Kolombjani spostati internament jew f'pajjiżi ġirien.

F'termini ġenerali, il-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kolombja huma: id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u t-trejdjunjonisti; it-tfal u l-konflitt armat; in-nisa, il-paċi u s-sigurtà; l-impunità; u l-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi etniċi. Dawn huma ċentrali għall-kooperazzjoni tal-UE taħt l-EIDHR, imma wkoll taħt il-kooperazzjoni bilaterali, u ġew diskussi fid-djalogu bilaterali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li fl-2012 sar ibbażat fil-kapitali (pjuttost milli bbażat lokalment). Id-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra l-impunità huma fokus ewlieni tal-kooperazzjoni tal-UE, u l-kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem jidħlu f'kull aspett tal-għajjnuna tal-UE.

Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kolombja kienet prijorità importanti għall-Parlament Ewropew, mhux l-anqas fil-kuntest tal-approvazzjoni tal-ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Kolombja/Perù. B'reazzjoni għal riżoluzzjoni tal-PE f'Ġunju, li appellat għal 'pjan direzzjonali' dwar id-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, il-Kolombja ppreżentat lista dettaljata tal-obiettivi u l-miżuri rilevanti li qed jittieħdu jew li huma ppjanati, li taffa t-triq għall-approvazzjoni mill-PE tal-ftehim f'Diċembru. Il-PE kellu diversi dibattiti u seduti, u l-MPE staqsew għadd ta' mistoqsijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Kolombja.

Fl-aħħar jiem tal-2012, l-UE esprimiet ukoll tħassib dwar emenda kostituzzjonali li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-ġurisdizzjoni militari, u esprimiet l-istennija li din mhux ser twassal għal żieda fl-impunità mhux l-anqas fir-rigward tal-eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji li allegatament saru minn membri tal-forzi armati.

Kosta Rika

L-UE jkollha konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet tal-Kosta Rika dwar il-kontenut u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem.

F'Ottubru l-UE nediet il-proġett "Emprende", bl-objettiv li jinkoraġġixxi aktar indipendenza ekonomika tan-nisa vulnerabbli b'potenzjal ta' negozju f'żoni rurali u dawk urbani marġinali.

Ekwador

Il-Kostituzzjoni tal-Ekwador tipprovdi qafas komprensiv għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Fl-2012 il-gvern ħa aktar passi biex javvanza l-ġlieda kontra l-faqar, il-promozzjoni tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi u t-titjib tal-aċċess għall-edukazzjoni u s-saħħa. Madankollu, il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem, il-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi u t-tisħiħ tal-kapaċità tiegħu (b'mod partikolari tas-sistema ġudizzjarja u l-indipendenza tagħha) għadhom jipprovdu sfida.

Xi deċiżjonijiet meħuda mill-amministrazzjoni tal-President Correa dwar il-mezzi tal-informazzjoni privati u l-kopertura tal-elezzjoni qajmu ħafna tħassib minħabba li jirrestrinġu l-libertà ta' espressjoni, il-libertà tal-istampa u l-aċċess għall-informazzjoni. L-UE qajmet din il-kwistjoni fil-kuntatti tagħha mal-awtoritajiet tal-Ekwador.

Il-gvern huwa kkritikat ukoll mid-difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem għall-kriminalizzazzjoni tal-protesti soċjali, li taffettwa b'mod partikolari l-mexxejja indiġeni li jiddefendu l-ilma, l-ambjent, u t-territorju u li jirrivendikaw id-dritt tagħhom li jiġu kkonsultati b'mod xieraq. Dawn il-kwistjonijiet tqajmu fl-Eżami Perjodiku Universali li l-Ekwador kien soġġett għalih fl-2012.

L-Ekwador ikompli jsofri l-konsegwenzi tal-konflitt intern Kolombjan: il-vjolenza marbuta mal-attivitajiet tal-gruppi illegali, it-traffikar tad-droga u tal-bnedmin, u l-preżenza tar-rifuġjati / persuni Kolombjani li jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali li jikkostitwixxu sfida umanitarja u ta' sigurtà. Il-politika tar-rifuġjati saret iżjed restrittiva fl-2012.

Minbarra d-djalogu tagħha mal-gvern, l-UE kompliet iżżomm rabtiet mill-qrib mas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ilha tappoġġa l-azzjonijiet li għandhom l-għan li jipproteġu d-drittijiet tan-nies vulnerabbli (in-nies indiġeni, in-nisa, it-tfal, u nies li jgħixu minn post għall-ieħor), kif ukoll l-azzjonijiet dwar il-prevenzjoni tal-kriżijiet u l-ġestjoni tal-konflitti fil-Fruntiera tat-Tramuntana tal-Ekwador.

Oqsma oħra ewlenin tal-intervent tal-UE fl-Ekwador huma l-promozzjoni tad-drittijiet politiċi, tal-libertà ta' espressjoni u tal-istampa, ir-riforma tas-sistema ġudizzjarja, is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, kif ukoll azzjonijiet biex itejbu s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fuq il-fruntiera mal-Kolombja.

El Salvador

Fl-2012 kien hemm aktar infiq tal-gvern fuq programmi soċjali li kien immirat lejn is-setturi tal-popolazzjoni l-aktar vulnerabbli, u wassal għal riżultati pożittivi. Dwar il-ġustizzja transizzjonali, il-President Funes irrikonoxxa r-reati kriminali mwettqin mill-Istat fil-passat permezz ta' atti pubbliċi ta' maħfra f'diversi każijiet emblematiċi, bħall-qtil tal-Isqof Romero u l-massakru ta' El Mozote. Permezz ta' dan, il-gvern ikkonforma parzjalment mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Inter-Amerikana.

Żvilupp importanti kienet it-tregwa li ġiet maqbula bejn l-akbar żewġ gruppi armati tal-pajjiż, responsabbli għall-maġġoranza tal-qtil f'El Salvador. Il-gvern ifformula Patt għas-Sigurtà u l-Impjiegi, li għandu l-għan li jikkapitalizza fuq it-tregwa billi jipprova jittrasforma l-kwartieri l-aktar affettwati mill-preżenza tal-gruppi armati. L-UE rreaġixxiet għal dawn l-iżviluppi billi allokati €1 miljun permezz tal-komponent tal-Bini tal-Paċi tal-Istrument għall-Istabbiltà, li għandu l-għan li jappoġġa l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq il-prevenzjoni tal-vjolenza u l-ħolqien ta' kondizzjonijiet soċjali favorevoli fuq livell lokali. Biex din it-tregwa tiġi kkonvertita f'titjib li jibqa' fit-tul, huwa imperattiv li jkun hemm approċċ integrali, li joffri inizjattivi ta' ristabiliment tal-prevenzjoni u ta' ħolqien tal-impjiegi.

Fl-2012 l-UE intervjeniet f'żewġ każijiet ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. L-ewwel wieħed kien l-attakk kontra difensur tad-drittijiet ambjentali, li ngħatalu appoġġ legali permezz ta' NGO speċjalizzat. It-tieni każ seħħ f'Diċembru meta familja ġiet mhedda minn membri ta' grupp armat marbuta mal-involviment tal-omm mad-difiża tad-drittijiet tan-nisa. Id-Delegazzjoni rnexxielha tagħtihom rilokazzjoni għal xelter u l-Ambaxxata Spanjola għenet bil-proċeduri u s-segwitu tal-każ. Ġew approvati erba' proġetti tal-EIDHR fl-2012 (€1 miljun) fil-qasam tat-tiżni tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-amministrazzjoni lokali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fuq livell lokali.

Ir-riformi elettorali li kienu parzjalment iffinanzjati mill-UE kkontribwixxew għal żieda fl-għadd ta' ċentri tal-votazzjoni madwar il-pajjiż, u naqqsu b'mod sinifikattiv id-distanza għall-maġġoranza taċ-ċittadini fl-elezzjonijiet leġislattivi u lokali tal-2012. Dan it-titjib għamilha aktar faċli għall-parteċipazzjoni tal-votanti u naqqas ukoll b'mod drastiku t-tentattivi mill-partiti politiċi biex jipprovdu trasport lill-votanti ħalli jippruvaw jinfluwenzaw il-vot tagħhom. Bidla oħra importanti kienet il-possibbiltà għall-votanti li jagħtu l-vot tagħhom lil kandidat partikolari, jiġifieri votazzjoni preferenzjali. Sal-elezzjonijiet tal-2012 kien biss possibbli li wieħed jivvota għal partit politiku li kollha ppreżentaw listi magħluqa. Barra minn hekk, l-UE baġtet missjoni ta' esperti elettorali li raw il-proċess elettorali u abbozzaw serje ta' rakkomandazzjonijiet li ġew diskussi mal-awtoritajiet rispettivi.

Gwatemala

Ir-RGħ/VP ferħet lill-Gwatemala f'April għad-deċiżjoni tagħha tal-adeżjoni għall-Qorti Kriminali Internazzjonali. Għal ħafna snin l-UE kienet tenniet l-importanza ta' dan il-pass u wettqet diversi inizjattivi diplomatiċi fuq il-kwistjoni. Wara l-adeżjoni tal-Gwatemala, l-UE approvat proġett taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) biex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Istatut ta' Ruma u l-bidliet relatati mal-qafas legali nazzjonali. B'kollox sitt proġetti ġodda ġew ikkuntrattati matul l-2012 taħt l-EIDHR (€776,000).

Suġġett ieħor li ħtieġ l-attenzjoni mill-qrib tal-UE hu d-diskussjoni mal-awtoritajiet tal-Gwatemala fir-rigward tal-konvenzjonijiet bażiċi tal-ILO dwar id-drittijiet tax-xogħol. Għal ħafna snin il-Gwatemala kien l-oġġett ta' diskussjoni fi ħdan l-ILO fir-rigward tal-libertà ta' assoċjazzjoni. Id-Delegazzjoni tal-UE u l-Istati Membri fuq il-post qablu fuq approċċ komuni lejn l-ilment imressaq f'Ġunju minn organizzazzjonijiet tat-trade unions quddiem l-ILO. Ir-rispett għall-konvenzjonijiet tal-ILO huwa punt ta' riferiment importanti għar-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE ma' pajjiżi terzi u ser jibqa' fil-qafas tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Amerika Ċentrali li ġie approvat reċentement.

Id-Delegazzjoni tal-UE u l-Istati Membri żguraw ukoll koordinazzjoni mill-qrib dwar l-Eżami Perjodiku Universali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, li l-pajjiż ġie soġġett għalih f'Ottubru 2012.

L-UE esprimiet it-tħassib tagħha dwar l-istat ta' emerġenza f'Barillas f'Mejju, kif ukoll dwar l-avvenimenti traġiċi f'Totonicapán f'Ottubru li matulhom inqatlu sebgħa dimostranti mill-militar. B'segwitu għal dan, il-President għamel restrizzjoni fuq l-użu tal-forzi armati f'manifestazzjonijiet u l-gvern ippermetta li ssir investigazzjoni indipendenti, li wasslet għall-arrest ta' diversi membri tal-armata. Dan l-inċident evidenzja l-ħtieġa biex jissaħħu l-mekkaniżmu ta' rizzoluzzjoni tal-konflitti tal-pajjiż, kwistjoni li l-UE ser tiffoka fuqha fis-snin li ġejjin.

Matul l-2012, ġew irreġistrati 305 attacchi fuq difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Id-Delegazzjoni tal-UE żgurat segwitu għal għadd ta' każijiet ta' profil għoli permezz ta' laqgħat perjodiċi tal-"Grupp Filtru" tal-UE u ta' kuntatti mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti tal-istat. F'Novembru d-Delegazzjoni tal-UE u l-Ambaxxati tal-Istati Membri organizzaw il-Laqgħa Annwali tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, li ffokat fuq l-isfidi li jiffaċċjaw id-difensuri tad-drittijiet tal-popli indiġeni u d-drittijiet għall-artijiet, u minn dawk relatati mal-aċċess għall-ġustizzja.

Fl-aħħar, matul l-2012 l-UE kompliet tipprovdi kemm appoġġ politiku b'saħħtu kif ukoll finanzjarju lill-mandat tal-Kummissjoni Internazzjonali kontra l-Impunità fil-Gwatemala (CICIG).

Fil-qasam tad-demokrazija, minkejja diskussjoni inizjali fil-parlament dwar ir-riformi elettorali ma ġiet adottata l-ebda proposta. Dan ifisser li ma tteħed kont tal-ebda waħda mir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-esperti elettorali tal-UE dwar l-elezzjonijiet tal-2011.

Gujana

It-tendenza tal-Gujana fuq it-triq tal-konsolidazzjoni demokratika tista' titqies pożittiva. B'mod partikolari, ir-riżultati tal-elezzjonijiet parlamentari ta' Novembru 2011, li ddeterminaw l-ambjent politiku fl-2012, iprovdew tieqa ta' opportunità għal aktar trasparenza u responsabbiltà fix-xogħol tal-Gvern.

Il-kontinwazzjoni tal-UE tal-programm tagħha ta' appoġġ għall-pajjiż lil atturi mhux statali permezz tal-linja tematika tal-EIDHR tibqa' ta' suċċess, b'assorbiment ta' kważi 100% tal-finanzjament disponibbli.

Il-kwistjonijiet ewlenin fil-Gujana huma l-qtil extraġudizzjarju, il-vjolenza tal-pulizija, il-vjolenza domestika, id-distribuzzjoni tal-artijiet, u id-drittijiet LGBTI. Il-piena tal-mewt hija prevalenti fil-liġi imma mhix applikata.

Kien hemm diskussjonijiet estensivi matul l-2012 mal-UNDP biex titħejja l-kontribuzzjoni tal-UE għall-programm li għaddej tan-NU biex jiġu appoġġati l-istituzzjonijiet demokratiċi, inkluża l-Kummissjoni nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Honduras

Ilmenti minn organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem fil-Honduras (speċjalment kontra ġurnalisti, gruppi LGBTI, nisa, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u popolazzjonijiet rurali) ma naqsux matul l-2012. Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun ta' Bajo Aguan - fejn jeżisti konflitt agrarju storiku - għadha akuta, minkejja ftehim tal-Gvern biex jerġa' jiddistribwixxi l-art lil xi gruppi rurali.

Il-ġustizzja, id-drittijiet tal-bniedem u s-sigurtà baqgħu s-suġġetti prinċipali fuq l-aġenda tad-djalogu politiku tal-UE mal-awtoritajiet tal-Honduras u settur fil-mira tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Id-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jikkostitwixxu sforz kontinwu għall-UE u l-Istati Membri tagħha. Matul l-2012 dan kien implimentat permezz ta' djalogu miftuħ mal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, laqgħat mad-difensuri li qegħdin f'riskju u żjarat fis-siti tagħhom. Barra minn hekk, fl-2012 l-UE ħarġet diversi stqarrijiet pubbliċi li esprimew tħassib dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż u appellaw lill-awtoritajiet tal-Honduras biex jinvestigaw atti u jiproteġu lil individwi. Fi Frar, inħarġet stqarrija tal-UE wara li nar fil-ħabs ta' Comayagua qatel 360 ħabsi; f'Mejju l-Kaprijiet tal-Missjonijiet tal-UE f'Tegucigalpa għamlu konferenza stampa konġunta b'reazzjoni għall-mewġa li qed tiżdied ta' fastidju u persekuzzjoni kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. F'Settembru 2012 inħarġet stqarrija tal-UE biex tikkundanna l-qtil ta' avukat ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u prosekutur tad-drittijiet tal-bniedem.

L-Unjoni Ewropea hija konxja tal-importanza li jiġi adottat approċċ olistiku għas-sigurtà, il-ġustizzja u d-drittijiet tal-bniedem, li fihom ikun kruċjali t-tiżni tas-sistema ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. F'dan is-sens, id-drittijiet tal-bniedem huma fil-qalba tal-proġetti ta' kooperazzjoni bilaterali. Proġett tal-UE ta' €5 miljuni biex jappoġġa l-Ministeru l-ġdid tal-Ġustizzja u d-Drittijiet tal-Bniedem, li l-implimentazzjoni tiegħu bdiet fl-2012, mistenni jkun strumentali fl-isforz biex titfassal u tiġi implimentata politika nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet investigattivi f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-proġett jappoġġa wkoll lill-Uffiċċju tal-Prosekuturi Speċjali. Huwa wkoll previst li jipprovdi għajjnuna lill-Mekkaniżmu ta' Prevenzjoni Nazzjonali - CONAPREV - fil-qafas tal-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni kontra t-Tortura (OPCAT), bl-objettiv li jitjiebu l-kondizzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni f'ċentri ta' detenzjoni.

Addizzjonalment għall-kooperazzjoni bilaterali mal-gvern tal-Honduras, id-djalogu tal-UE li għaddej bħalissa mas-soċjetà ċivili u l-finanzjament tal-NGOs tal-Honduras jikkostitwixxu wkoll pedament tal-appoġġ tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem fil-Honduras.

Matul l-2012 saru għotjiet għall-ammont ta' €1.5 miljuni fil-qafas tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR). Il-proġetti jimmiraw azzjonijiet li jappoġġaw id-drittijiet tal-bniedem tal-gruppi l-aktar vulnerabbli (tfal u żgħażaġh, nisa, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u LGBTI).

Messiku

L-UE hija impenjata fi djalogu u kooperazzjoni kostruttivi dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Messiku kemm fuq kwistjonijiet domestiċi u kemm internazzjonali. Fl-2012 il-kooperazzjoni tal-UE kompliet tappoġġa prinċipalment l-implimentazzjoni tar-riformi introdotti fil-Messiku fl-2011 u fl-2012, bil-għan li jsaħħu l-istat tad-dritt, u li jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem. Il-kontribuzzjonijiet tal-UE ffokaw aktar b'mod speċifiku fuq it-tiŝiħ tas-sistema tal-ġustizzja kriminali, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-vjolenza sessista, kif ukoll il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u l-gruppi vulnerabbli, bħall-popli indiġeni u l-migranti.

Dawn il-kwistjonijiet ġew diskussi fit-tielet sessjoni tad-djalogu ta' livell għoli dwar kwistjonijiet bilaterali, li sar fil-Messiku f'Ottubru u kien ko-presjedut, min-naħa tal-UE, mir-Rappreżentant Speċjali għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-UE li għadu kemm inġatar, Stavros Lambrinidis. Għall-ewwel darba fil-Messiku, is-seminar kien preċedut minn seminar tas-soċjetà ċivili dwar id-drittijiet tal-bniedem, li ppermetta li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jippreżentaw rakkomandazzjonijiet għad-djalogu bilaterali. Ir-riżultati ta' dawn l-avvenimenti ser jiffurmaw parti, fost l-oħrajn, mill-formulazzjoni tat-II Laboratorju għall-Koeżjoni Soċjali, liema kuneċt għe approvat mill-UE fl-aħħar tas-sena; dan il-proġett jinkludi komponent importanti dwar il-ġustizzja u d-drittijiet tal-bniedem.

Fl-2012 il-kooperazzjoni tal-UE mal-Messiku enfasizzat il-koerenza u l-komplementarjetà bejn il-proġetti implimentati mill-awtoritajiet, minn naħa waħda, u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, min-naħa l-oħra. Tnediet u għet evalwata sejħa għal proposti taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), bl-objettiv li jiġu appoġġati l-NGOs fil-kontribuzzjoni tagħhom għall-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika fuq livell nazzjonali u lokali. Bħala riżultat, għe deċiż li jiġu ffinanzjati ħames proġetti ġodda ffokati fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-migranti u n-nisa għal ammont ta' € 1.5 miljuni.

L-UE appoġġat ukoll l-inizjattivi tas-soċjetà ċivili fil-Messiku permezz ta' programmi tematiċi tal-Istrument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI). Fit-tieni semestru tnediet sejħa lokali għal proposti taħt il-programm dwar l-Atturi Mhux Statali u l-Awtoritajiet Lokali fl-Iżvilupp, b'ammont ta' € 1.9 miljuni, b'fokus fuq il-kontribuzzjoni tal-NGOs għall-implimentazzjoni tar-riforma tal-ġustizzja kriminali, il-prevenzjoni tal-kriminalità, is-sikurezza pubblika u l-infurzar tal-liġi. Barra minn hekk, fil-qafas tal-programm dwar il-Migrazzjoni u l-Asil, l-UE ddeċidiet li tappoġġa lill-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Belt tal-Messiku fl-isforzi tagħha biex tippoteġi d-drittijiet tal-bniedem tal-migranti fi transitu, b'mod partikolari bit-tisħiħ tal-kooperazzjoni fost l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet pubbliċi tal-Messiku, il-Gwatemala, il-Honduras u El Salvador.

Fil-qafas tal-istrateġija lokali tagħha biex timplimenta l-linji gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-UE organizzat laqgħat ma' diversi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u l-awtoritajiet Messikani rilevanti. Il-problemi li jaffaċċjaw id-difensuri lokali tad-drittijiet tal-bniedem tqajmu wkoll mal-awtoritajiet lokali mill-ambaxxaturi tal-UE matul iż-żjara tagħhom f'San Luis Potosi, u mill-kunsillieri politiċi tal-UE matul iż-żjarat tagħhom f'Baja California u f'Michoacán. Barra minn hekk, f'Mejju l-UE ħarġet stqarrija lokali li tilqa' l-adozzjoni mill-Kungress Messikan ta' liġi għall-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti, u li toffri appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tagħha.

Il-Parlament Ewropew esprima l-interess tiegħu fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Messiku, b'mod partikolari fil-marġni ta' laqgħa tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Latinoamerikana (EuroLat) fil-Belt tal-Messiku fi Frar; kif ukoll matul żjara tal-Grupp tal-Ħodor tal-Parlament Ewropew fil-Messiku f'Settembru.

L-UE organizza Missjoni ta' Esperti Elettorali fl-okkazzjoni tal-proċessi elettorali federali Messikani f'Lulju. Ir-rapport finali taż-żewġ esperti rrikonoxxa l-kwalità tal-qafas legali u l-kompetenza tal-awtoritajiet elettorali federali fil-Messiku. Barra minn hekk, ippreżenta għall-konsiderazzjoni tal-gvern Messikan serje ta' rakkomandazzjonijiet biex jitjieb aktar il-qafas legali u regolatorju tal-proċess elettorali.

Nikaragwa

Matul l-2012 l-aġenda tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fin-Nikaragwa kienet iddominata mill-kuntest post-elettorali. Il-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali kompluta tal-UE li ġiet stazzjonata għall-elezzjonijiet ġenerali ta' Novembru 2011 ħarġet ir-rapport finali tagħha kmieni fl-2012. Dan ikkonferma l-konklużjonijiet preliminari li l-proċess elettorali ma kisibx il-punti ta' riferiment essenzjali għall-elezzjonijiet demokratiċi, b'mod partikolari rigward il-ġestjoni tal-proċess mill-Kunsill Elettorali Suprem. Ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-missjoni ta' osservazzjoni elettorali kienu waħda mill-kwistjonijiet ewlenin bejn l-UE u l-awtoritajiet tan-Nikaragwa matul l-2012.

Fl-2012 l-UE kompliet tipprovdi appoġġ lis-soċjetà ċivili tan-Nikaragwa permezz ta' għotjiet (€1.54 miljuni) mogħtija fil-qafas tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR). Fl-2012 l-appoġġ tal-EIDHR immira l-azzjonijiet bil-għan li jsaħħu l-parteċipazzjoni demokratika fil-proċess tat-teħid pubbliku ta' deċiżjonijiet, b'fokus partikolari fuq in-nies b'diżabbiltà u n-nisa, b'mod partikolari dawk indiġeni u ta' dixxendenza Afrikana. Huwa appoġġa wkoll l-azzjonijiet immirati li jsaħħu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-gruppi l-aktar vulnerabbli (tfal f'konflitt mal-liġi, nisa, komunitajiet Afro-indiġeni u LGBTI).

Panama

Il-prijorità ewlenija tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE fil-Panama tiffoka fuq il-popli indiġeni. Il-mekkaniżmi stabbiliti biex jiġu kkonsultati l-komunitajiet indiġeni abbażi ta' regoli adottati demokratikament dwar ir-rappreżentazzjoni u l-proċeduri legali għandhom jiġu msaħħa aktar. L-objettiv hu li jiġi żgurat li jittieħed kont tal-kultura u t-tradizzjoni tal-popli indiġeni, u b'hekk dan iwassal għal anqas konflitti u rappreżentazzjoni mtejba tal-interessi tal-komunitajiet indiġeni.

Fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-ħabsijiet, hu neċessarju li jkun hemm implimentazzjoni effettiva tal-Protokoll Fakultattiv tal-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Pieni jew Trattamenti oħrajn Krudili, Inumani jew Degradanti (OPCAT), li twassal għal monitoraġġ sistematiku tad-detenzjoni u kundizzjonijiet ta' detenzjoni aħjar.

Matul l-2012 l-UE appoġġat l-objettiv tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jagħmlu lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem aktar viżibbli, sabiex jippromwovu il-kuxjenza tal-valuri demokratiċi, u biex jinkoraġġixxu l-parteciġazzjoni taċ-ċittadini u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-Panama.

Paragwaj

L-avvenimenti politiċi fissru li l-2012 kienet sena topika għad-drittijiet tal-bniedem fil-Paragwaj.

Ġlied mortali fil-15 ta' Ġunju bejn il-pulizija u l-bdiewa mingħajr artijiet waqt żgumbrament ta' artijiet ikkawża l-mewt ta' 18-il persuna. Dan l-avveniment traġiku wassal, fit-22 ta' Ġunju, għad-denunzja tal-President Lugo mill-Kungress tal-Paragwaj. Il-President Lugo tneħħa u l-Viċi President Franco ġie inawguratur.

Ir-reazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-Amerika Latina kienu ambigwi. Il-MERCOSUR u l-UNASUR akkużaw lill-Paragwaj li kiser l-ordni demokratiku u ssuspendew immedjatament is-sħubija tal-Paragwaj. Fl-OAS u is-Celac, madankollu, il-maġġoranza tal-membri vvotaw kontra s-sospensjoni. Il-maġġoranza tal-pajjiżi tal-Amerika t'Isfel għajtu lura lill-Ambaxxaturi tagħhom u kien biss għadd żgħir li mar lura. Ir-RGħ/VP Ashton irreaġixxiet billi ddikjarat li hi kienet ħadet nota tar-reazzjoni reġjonali u appellat għar-rispett tar-rieda demokratika tal-poplu tal-Paragwaj. Il-Parlament Ewropew stazzjona missjoni ta' tiftix tal-fatti mis-16 sat-18 ta' Lulju 2012, u ssuġġerixxa l-istazzjonament ta' Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-UE.

Minn dakinhar, l-isforzi interni tal-gvern kienu mmirati għall-organizzazzjoni tal-Elezzjonijiet Ġenerali li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet Kostituzzjonali, ser isiru fil-21 ta' April 2013. Ir-relazzjonijiet esterni tiegħu kienu ffokati fuq id-difiża tal-legalità tal-proċess li wassal għad-denunzja ta' Lugo u fl-assigurazzjoni lill-komunità internazzjonali li qatt ma kien hemm ksur tal-ordni demokratiku. Is-sitwazzjoni reġjonali tibqa' ta' tensjoni u mhux stabbli u n-normalizzazzjoni tagħha hija ta' importanza fundamentali, peress li jista' jkollha impatt fuq l-istabbiltà interna.

Matul l-2012 kollu, l-UE kompliet tissorvelja is-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u wiegħbet b'mod favorevoli għall-istedina mill-Gvern tal-Paragwaj biex tosserva l-elezzjonijiet. Huwa pplanjat l-istazzjonament ta' missjoni fil-bidu ta' Marzu 2013.

L-appoġġ tal-UE lill-Organizzazzjonijiet tas-Soċjeta' Ċivili permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem kompli mingħajr waqfien matul is-sena. Attwalment qed jiġu implimentati tliet proġetti għal ammont totali ta' EUR 572 000, għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-anzjani, il-promozzjoni tad-drittijiet indaqs għall-persuni b'diżabbiltà u l-appoġġ għal azzjoni ċivili kontra l-ġuħ.

Matul il-proċess li wassal għall-Pjan ta' Azzjoni Annwali tal-2012 u l-2013 id-Delegazzjoni f'Asuncion kellha konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet l-aktar prominenti tad-drittijiet tal-bniedem. It-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li għandhom l-għan li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija ġie identifikat bħala l-prijorità ewlenija.

Perù

Il-President Humala poġġa l-inklużjoni soċjali u d-drittijiet tal-bniedem fuq quddiem tal-aġenda u ġew osservati żviluppi pożittivi fl-2012. Il-gvern żviluppa programmi soċjali u adotta l-Liġi dwar il-konsultazzjoni minn qabel tal-popli indiġeni u kif din tiġi rregolata, li għandha tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-konflitti soċjali fuq proġetti ta' estrazzjoni. Issaħħaħ il-qafas legali u istituzzjonali għall-promozzjoni u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem (permezz tal-ħolqien ta' Viċi Ministeru tad-drittijiet tal-bniedem fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-adozzjoni tal-Pjan Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem).

B'reazzjoni għar-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-Ftehim Kummerċjali tal-UE mal-Perù/Kolombja, il-Perù ppreżenta dokument komprensiv li jispeċifika l-miżuri li qed jittieħdu jew li huma ppjanati fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, tax-xogħol u ambjentali. Il-PE kellu diversi dibattiti u smiġħ, u l-MPE staqsew mistoqsijiet b'mod partikolari dwar id-drittijiet tal-bniedem u ambjentali u l-konflitti soċjali fuq proġetti ta' estrazzjoni fil-Perù.

Fl-2012 il-Perù ġie soġġett għat-tieni Eżami Perjodiku Universali tiegħu. Ħafna mir-rakkomandazzjonijiet iffokaw fuq kwistjonijiet bħall-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanzi, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-gruppi vulnerabbli (speċjalment tal-popli indiġeni, in-nisa u t-tfal), il-kondizzjonijiet tal-ħabsijiet, il-piena tal-mewt, il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem mill-forzi armati u l-pulizija nazzjonali matul konflitti u l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-Verità u r-Rikonċiljazzjoni, sabiex tissaħħaħ ir-responsabbiltà għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u jiġu kkompensati l-vittmi.

L-UE appoġġat il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-ġlieda kontra l-faqar u l-malnutrizzjoni tat-tfal permezz ta' djalogu bilaterali u kooperazzjoni. Il-kwistjoni tal-konflitti soċjali u t-tħaffir ġiet diskussa fi djalogu ta' politika ta' livell għoli li sar f'Novembru. Minbarra d-djalogu tagħha mal-gvern, l-UE kompliet iżżomm rabtiet mill-qrib mas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. L-intervent tal-UE fil-Perù ffoka b'mod partikolari fuq: id-drittijiet tan-nisa, it-tfal u l-popli indiġeni, ir-rikonċiljazzjoni u l-ġustizzja, id-drittijiet ekonomiċi u soċjali, is-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Bl-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-Verità u r-Rikonċiljazzjoni, l-UE kkofinanzjat il-proġett "Post il-Memorja" (€2 miljuni) bil-għan li jipprovdi spazju għad-djalogu u biex jippromwovi r-rikonċiljazzjoni wara l-vjolenza politika tas-snin 80 u 90.

Surinam

Fl-4 ta' April 2012, l-Assemblea Nazzjonali tas-Surinam approvat, bil-voti tar-Rappreżentanti Governattivi tal-koalizzjoni fil-gvern, Emenda għal-Liġi tal-Amnistija tal-1992 sabiex "tiproteġi lil dawk li kkommettew reati u/jew huma suspettati fil-kuntest tad-difiża tal-Istat u/jew ineħħu s-setgħa tal-awtorità leġittima bħall-avvenimenti ta' Diċembru 1982 u l-Gwerra tal-Patrija" - l-hekk imsejjaħ "Qtil ta' Diċembru" fejn 15-il avversarju prominenti tar-reġim militari ġew ittorturat u ġġustizzjati.

Dan l-att legiſlattiv mill-Assemblea Nazzjonali kellu bħala objettiv, is-sospensjoni immedjata tal-kawża "Qtil ta' Diċembru 1982" li għaddejja bħalissa fil-Qorti, li tinvolvi 24 suspettat (inkluż l-President attwali Desi D. Bouterse u l-Ambaxxatur għar-Repubblika Franċiża Harvey Narendorp). Is-sospensjoni effettivament immaterjalizzat biss ftit ġimġhat mill-verdett finali u minn dak iż-żmien il-Qorti ddikjarat li m'għandhiex il-kapaċità li tiddetermina jekk il-Liġi tal-Amnistija tiksirx il-Kostituzzjoni tas-Surinam peress li hija biss Qorti Kostituzzjonali li għad trid tinholq tista' jkollha tali leġittimità.

Wara l-emenda, ir-RGħ/VP għamlet stqarrija li enfasizzat l-importanza li n-nies kollha tas-Surinam, l-awtoritajiet pubbliċi u ċ-ċittadini, irrispettivament mill-affiljazzjoni politika, jingħaqdu flimkien u jaħdmu biex jikkonsolidaw il-proċess ta' fejqan u ta' rikonċiljazzjoni li għaddejjin fil-pajjiż.

Urugwaj

L-Urugwaj ikkompleta f'Diċembru 2012 il-Prezidenza tiegħu ta' suċċess ta' 18-il xahar tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU. Matul il-mandat tiegħu, l-Urugwaj wera l-impenn ferm tiegħu għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kemm domestikament kif ukoll internazzjonalment.

Fin-NU, l-UE u l-Urugwaj komplew bil-kooperazzjoni tagħhom dwar il-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal u l-ġlieda kontra l-piena tal-mewt, li ġiet abolita fl-Urugwaj fl-1907.

L-azzjoni tal-UE fl-Urugwaj iffokat fuq l-appoġġ għar-riforma tas-sistema ta' ġustizzja penali u dik penitenzjarja. Kif evidenzjat f'rapport tal-2009 mir-Relatur Speċjali tan-NU għat-Tortura, Manfred Nowak, iċ-ċentri ta' detenzjoni huma serjament iffollati u l-priġunieri huma spiss miżmuma f'kundizzjonijiet ħarxa jew anki inumani. L-UE qed tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' Nowak permezz ta' proġett ta' kooperazzjoni konsiderevoli li tnieda f'Ottubru 2011 li beda l-attivitajiet tiegħu matul l-2012. Kemm l-ex-RSNU u dak attwali għat-Tortura żaru l-Urugwaj fl-2012 biex jirrevedu s-sitwazzjoni bl-appoġġ tal-UE u n-NU.

Oqsma oħra ewlenin tal-intervent tal-UE huma d-drittijiet tan-nisa u t-tfal kif ukoll is-sigurtà taċ-ċittadini. Fl-2012, id-Delegazzjoni tal-UE nediet sejħa għal proposti miftuħa għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u s-sigurtà taċ-ċittadini li huwa ta' tħassib kbir fis-soċjetà Urugwajana minħabba żieda fil-kriminalità vjolenta. Saru erba' għotjiet għal proġetti li jkopru l-prevenzjoni tal-vjolenza sesswali, il-vjolenza fl-iskola, il-ħidma mal-familji tal-priġunieri u t-tfal tagħhom u d-diżarm tal-persuni ċivili. Proġetti oħra dwar id-drittijiet tan-nisa u t-tfal kienu attivi, eż. fil-ġlieda kontra it-traffikar tat-tfal u l-vjolenza domestika kontra n-nisa. Bħala riżultat ta' wieħed minn dawn il-proġetti, il-gvern tal-Urugwaj stabbilixxa servizz nazzjonali ġdid li joffri appoġġ lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin.

Venezwela

L-eżitu tal-Eżami Perjodiku Universali tal-2011 dwar il-Venezwela adottat f'Marzu 2012 jenfasizza li waqt li sar progress rigward id-drittijiet ekonomiċi u soċjali; jippersistu problemi serji fid-drittijiet ċivili u politiċi. Dawn jinkludu: l-iffullar serju fil-ħabsijiet, l-użu eċċessiv tal-forza mill-pulizija inkluż il-qtil extraġudizzjarju, l-ineffċjenza u l-parzjalità tal-ġudikatura, il-ksur tal-libertà ta' espressjoni, l-għajbien furzat kif ukoll il-protezzjoni insuffiċjenti u l-fastidju lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.

Fl-24 ta' Mejju 2012, il-Parlament Ewropew adotta rizzoluzzjoni li tesprimi t-tħassib tiegħu għall-irtirar possibbli tal-Venezwela mill-Kummissjoni Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-fatt, f'Settembru 2012, il-gvern tal-Venezwela formalment iddenunzja l-Konvenzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Id-deċiżjoni ser isseħħ wara perijodu ta' transizzjoni ta' sena. Bħala konsegwenza, il-pajjiż mhux ser jibqa' soġġett għas-sentenzi mill-Qorti Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem li matul is-snin tat sentenzi kontra l-Venezwela f'serje ta' każijiet. Il-Kummissjoni Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem ser tibqa' kompetenti dwar il-pajjiż.

F'Novembru 2012 il-Venezwela ġie elett biex iservi mandat ta' tliet snin fuq il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU. Għalkemm l-UE ma tikkoordinax dwar l-elezzjonijiet għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, li hija l-kompetenza tal-Istati Membri, l-UE tagħti importanza kbira lill-prinċipji stabbiliti fir-risoluzzjoni tat-twaqqif tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar is-sħubija ta' kwalità li tistipula "li l-membri eletti għall-Kunsill għandhom josservaw l-oġhla standards fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-Kunsill".

L-UE m'għandhiex djalogu politiku strutturat mal-Gvern tal-Venezwela. Id-diskussjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem għalhekk kienu limitati għal opportunitajiet ad hoc ippreżentati lid-Delegazzjoni tal-UE jew lill-Ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE.

Sejħiet lokali għal proposti għal finanzjament permezz tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) jipprovdu punt ta' riferiment importanti għas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem. Il-proġetti kkofinanzjati mill-UE fil-Venezwela għandhom l-għan, fost l-oħrajn, ta' trawwim l-monitoraġġ u r-rappurtar tad-drittijiet tal-bniedem, il-promozzjoni tal-libertà tal-istampa u t-trasparenza, il-prevenzjoni tal-vjolenza, l-appoġġ għall-ġustizzja restorattiva, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni. Il-laqgħa annwali mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ġiet organizzata mid-Delegazzjoni tal-UE f'Marzu 2012 u ġie stabbilit Grupp ta' Ħidma regolari dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mal-Istati Membri tal-UE preżenti f'Karakas f'Ġunju 2012.

Fl-istqarrija tagħha wara l-elezzjonijiet Presidenzjali tat-8 ta' Ottubru 2012 fil-Venezwela, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea Catherine Ashton innotaw li l-President Chavez għandu jikkomunika mas-setturi kollha tas-soċjetà tal-Venezwela biex isahhañ l-istituzzjonijiet tal-pajjiż kif ukoll jippromwovi l-libertajiet fundamentali, l-inklużjoni u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli.

X Karibew

Antigwa u Barbuda

L-azzjoni tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem kienet assoċjata mill-qrib mal-prijoritajiet tal-partijiet interessati fil-pajjiż. L-appoġġ ewlieni għad-drittijiet tal-bniedem ġie pprovdut permezz ta' kooperazzjoni teknika pprovduta lill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni Nazzjonali. Il-Panel Konsultattiv tal-Atturi Mhux Statali (AMS) bħala parti mis-settur mhux fokali għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) ibbenefika minn €400 000 biex isaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali u jirreklama l-preżenza tas-settur tal-NGOs fil-pajjiż.

Il-pajjiż għandu moratorju de facto fuq il-piena tal-mewt, bl-eżekuzzjoni l-aktar reċenti sseħħ fi Frar, 1991. Permezz tad-delegazzjoni tagħha fil-Barbados l-UE għamlet inizjattivi diplomatiċi mal-awtoritajiet lokali dwar it-tħassir tal-kundanna tal-mewt, flimkien mat-tiżiħ tal-mekkaniżmi ta' rappurtar tal-Konvenzjonijiet Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Hemm ftit okkorrenzi skandalużi ta' vjolenza kontra gruppi ta' minoranzi. Madankollu l-vjolenza domestika u l-abbuż tat-tfal saru kwistjonijiet l-aktar urġenti li qed jaffettwaw l-iżvilupp soċjali tal-pajjiż. Rapporti mill-Ministeru tas-Sigurtà Nazzjonali poġġew l-ammont ta' każijiet ta' aggressjonijiet sesswali kontra minorenni għal 60 għall-perijodu minn Jannar sa Ġunju 2012.

Il-gruppi ta' minoranzi huma rappreżentati fl-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili madwar il-pajjiż li jirrappreżentaw iż-żgħażaġh, in-nisa u gruppi oħra vulnerabbli. Iċ-ċittadini jemmnu fil-libertà ta' assoċjazzjoni peress li 'l fuq minn 75% tal-forza tax-xogħol tagħmel parti minn union. Il-gruppi issa jiltaqgħu kull tliet xhur bħala parti mill-Panel tal-AMS, l-ewwel panel fil-Karibew tal-Lvant.

Bahamas

Amministrazzjoni ġdida bdiet il-mandat f'Mejju 2012 wara l-elezzjonijiet ġenerali li rriżultaw f'rebħa għall-Partit Liberali Progressiv fuq il-partit li kien fil-poter, il-Moviment Nazzjonali Liberu. Il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem inklużi fl-aġenda tal-Amministrazzjoni ġew ippreżentati matul il-ftuħ tal-Parlament fit-23 ta' Mejju 2012. Il-Gvern ser jimxi rapidament biex itemm kull forma ta' diskriminazzjoni, speċjalment kontra persuni b'diżabbiltà. F'konformità ma' dan l-impenn ser tiġi ppromulgata l-leġislazzjoni meħtieġa. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà ser tiġi ffirmata u rratifikata wkoll. Il-Gvern ser iwettaq l-implimentazzjoni sħiħa tal-Att għall-Protezzjoni tat-Tfal tal-2007¹⁴. L-introduzzjoni mill-ġdid tal-Inizjattiva għall-Ġustizzja Rapida biex tiżgura l-prosekuzzjoni mingħajr dewmien ta' każijiet u tnaqqas l-għadd ta' persuni meħlusa fuq pleġġ għal reati kriminali serji. Il-Programm ta' Protezzjoni tax-Xhieda ser jiddaħħal mill-ġdid bħala kwistjoni ta' prijorità. L-Att għar-Riabilitazzjoni tat-Trasgressuri ser jiġi emendat biex jassisti t-trasgressuri żgħażaġh u dawk li jkunu wettqu l-ewwel reat fit-tħaddin ta' ħajja msejsa fuq il-valuri tal-onestà, il-ħidma soda u r-rispett għall-ħajja u l-proprjetà tal-oħrajn

Il-prijoritajiet ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE għall-Bahamas huma l-piena tal-mewt, il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, id-drittijiet tan-nisa u d-diskriminazzjoni kontra persuni minn Haiti. Id-Delegazzjoni tal-UE fil-Ġamajka, li hija akkreditata wkoll għall-Bahamas, tipprova timpenja kontinwament lill-awtoritajiet dwar dawn il-prijoritajiet kif ukoll dwar kwistjonijiet usa' tad-drittijiet tal-bniedem.

¹⁴ http://www.oas.org/dil/The_Child_Protection_Act_Bahamas.pdf

Barbados

Minkejja li huwa firmatarju tal-Qorti Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Barbados żamm il-piena tal-mewt bħala parti mill-kodiċi penali tiegħu. L-aħħar kundanna li twettqet kienet f'Ottubru, 1984 fejn ġew mgħallqa tlett irġiel.

Bħala parti mill-mandat tal-UE, saru inizjattivi diplomatiċi ma' uffiċjali tal-Barbados dwar il-piena tal-mewt. Id-djalogu jkompli peress li l-gvern impenja ruħu li jemenda l-Att tar-Reati kontra l-Persuni billi jneħħi l-kundanna tal-mewt obbligatorja għall-qtil imwettaq.

Fin-Nazzjonijiet Uniti l-UE għamlet inizjattivi diplomatiċi dwar riżoluzzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem speċifiċi għall-pajjiżi, li għall-ewwel darba fl-2012 l-Barbados appoġġa fl-Assemblea Ġenerali l-aktar reċenti tan-Nazzjonijiet Uniti (AĠNU67).

B'anqas viżibbiltà, l-kwistjoni tal-vjolenza domestiku li hija rrappurtata b'mod insuffiċjenti hija rikorrenti, u taffettwa l-aktar in-nisa u xi zgħażaġh.

Ir-rispons tal-UE għal din ġiet ipprovduta permezz tal-appoġġ lil atturi mhux statali bħall-Organizzazzjoni Nazzjonali tan-Nisa u l-Assoċjazzjoni tal-Appoġġ għall-Edukazzjoni tal-Irġiel bħala parti mill-pjan ta' azzjoni tal-Atturi Mhux Statali.

Il-gvern żviluppa politiki biex jiproteġi d-drittijiet tat-tfal, il-persuni b'diżabbiltà, l-immigranti, il-persuni li jsofru mill-HIV/AIDS. B'mod partikolari f'Marzu 2012, is-Sinjura Kerry Ann Ifill li hija nieqsa mid-dawl inħatret President tas-Senat. Is-Sinjura Ifill saret l-ewwel mara u persuna b'diżabbiltà li tokkupa din it-tali pożizzjoni għolja.

L-UE pprovdiet 'il fuq minn €100 000 f'fondi permezz tal-Iskema tagħha tal-Għotjiet Żgħar lill-NGOs. Permezz tal-Università tal-Indji tal-Punent ġie stabbilit programm dwar il-ġestjoni tal-NGOs biex isaħħaħ il-ħiliet tekniċi tal-avukati lokali.

Bħal oħrajn fir-reġjun il-Barbados għandu leġislazzjoni li timmina d-drittijiet tal-grupp LGBTI. Kif iddikjarat fl-Att tar-Reati Sesswali, ir-rapporti bejn persuni tal-istess sess huma illegali u kastigabbli b'għomor il-ħabs.

F'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Għolja tar-Renju Unit, l-UE involviet lill-medja lokali dwar it-tnaqqis tal-preġudizzju li qed jimmina d-drittijiet tal-bniedem ta' dawn l-individwi.

Kuba

Is-sena kienet immarkata mill-inċident traġiku tal-karozza f'Lulju, li fih miet il-mexxej prominenti tal-oppożizzjoni Oswaldo Payá flimkien ma' attivist ieħor tad-drittijiet tal-bniedem. Il-kelliem tar-Rappreżentant Għoli rrikonoxxa dan it-telf fi stqarrija, u fakkar li Payá kien ingħata l-premju Sakharov fl-2002 għal xogħlu fil-proġett Varela.

Mil-lat pożittiv, f'Ottubru, il-gvern Kuban ħa deċiżjoni fundamentali lejn il-libertà ta' moviment billi taffa r-regolamenti tal-ivvjaġġar u l-migrazzjoni. Ir-RGħ/VP laqgħet din l-aħbar, u wriet ix-xewqa għal implimentazzjoni wiesgħa tal-liġi l-ġdida, li daħlet fis-seħħ fl-14 ta' Jannar 2013. Il-moratorju fuq l-implimentazzjoni tal-piena tal-mewt kompli jiġi applikat fl-2012, l-ebda kundanna għall-mewt ma ngħatat u l-Kuba kompliet tastjeni fil-votazzjonijiet tan-NU.

Filwaqt li l-proċess tal-ħelsien tal-ħabsin politiċi fuq terminu twil fl-2010-11 ta' ħjiel ta' progress sinifikanti fis-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'Kuba, l-għadd ta' arresti temporanji u detenzjonijiet qosra baqa' għoli matul l-2012, bl-ogħla livell f'Marzu madwar iż-żjara tal-Papa u kmieni f'Novembru. Kompla jingħata fastidju lid-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem (DDB) u membri oħra paċifiċi tal-oppożizzjoni. Il-libertà ta' assoċjazzjoni u assemblea baqgħet limitata għalkemm xi assoċjazzjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem baqgħu joperaw, tollerati jekk mhux għal kollox mogħtija permess biex ikunu legalment stabbiliti. Tjiebet xi ftit il-libertà ta' espressjoni, b'aktar spazju għall-pubblikazzjoni parrokkjali "Espacio Laical" u l-ġurnal "Temas" u l-gvern sar aktar proattiv fl-informazzjoni mogħtija liċ-ċittadini (eż. dwar l-impatt tal-uragan Sandy) u qajjem ir-rwol tad-DDB fuq kanali tat-televiżjoni pubblika anki jekk f'termini derogatorji.

Fl-2012 tjiebet kemxejn il-libertà ta' reliġjon u twemmin: ingħataw permessi għall-purċissjonijiet reliġjużi, xi bini ngħata lura lill-Knisja Kattolika u reġgħet iddaħħlet Vakanza waħda oħra Kattolika. Id-drittijiet għas-soċjetà LGBTI mxew 'il quddiem ukoll b'permezz ta' marċ pubbliku ewlieni li tħalla jsir u dibattiti pubbliċi dwar proposta li jmiss biex jiġi legalizzat iż-żwieġ omoesswali

L-objettivi tal-UE għall-Kuba dwar id-drittijiet tal-bniedem iffokaw fuq ir-ratifika tal-patti tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-libertà ta' espressjoni u assoċjazzjoni u l-libertà ta' moviment. L-UE wasslet it-tħassib tagħha lill-awtoritajiet Kubani dwar l-arrest għal terminu qasir u n-nuqqas ta' libertajiet pubbliċi f'diversi okkażjonijiet, fi Brussell u Havana.

Il-Parlament Ewropew żamm għoli l-interess tiegħu f'Kuba permezz ta' 27 mistoqsija parlamentari, indirizzati prinċipalment lill-RGħ/VP, b'mod partikolari rigward il-fastidju u d-detenzjonijiet fuq perijodu qasir ta' DDB individwali, attivisti u ġurnalisti indipendenti u l-abolizzjoni tal-permess ta' ħruġ. Mistoqsijiet oħra rrigwardaw l-embargo tal-Istati Uniti u l-għajnuna umanitarja tal-UE lil Kuba wara l-Uragan Sandy.

Dominika

L-UE tibqa' l-akbar donatur internazzjonali lill-Commonwealth ta' Dominika. L-appoġġ varja tul għadd ta' inizjattivi fl-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp FEŻ b'setturi ekonomiċi u soċjali evidenzjati. Il-kontribuzzjonijiet speċifiċi għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni għall-2012 kienu permezz tal-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni Nazzjonali fil-Faċilità ta' Kooperazzjoni Teknika lill-atturi mhux statali. Din l-għajnuna serviet biex tqawwi l-abbiltà tal-NGOs biex iżidu l-għarfien ta' kawżi speċifiċi. Is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar kwistjonijiet speċifiċi dwar ċittadini b'HIV/AIDS, id-drittijiet tan-nisa, l-LGBTI u gruppi oħra vulnerabbli ġiet ittrattata bħala eżitu mistenni tal-appoġġ tal-NGOs. L-UE rrakkomandat speċifikament l-introduzzjoni ta' rappreżentanti mill-poplu Kalinago bħala grupp indiġenu biex jiġi protett l-interess ta' dan il-grupp l-aktar vulnerabbli mhux biss lokalment imma wkoll reġjonalment. Illum Dominika hija l-unika gżira tal-Karibew tal-Lvant b'popolazzjoni indiġena.

Repubblika Dominikana

Ir-Repubblika Dominikana hija demokrazija li taħdem bi presidenza b'saħħitha u storja reċenti ta' elezzjonijiet iddikjarati liberi u ġusti. L-UE ilha tappoġġa r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u kkontribwixxiet, fl-2012, għall-osservazzjoni elettorali tas-soċjetà ċivili li taħdem sewwa.

Id-Drittijiet tal-Bniedem huma formalment rispettati, il-konvenzjonijiet rilevanti huma kollha ffirmati u rratifikati bl-eċċezzjoni ta' dik dwar il-Ħaddiema Migranti u l-familji tagħhom. Fl-2012 ir-Repubblika Dominikana rratifikat il-Protokoll għall-Konvenzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għall-Abolizzjoni tal-Piena tal-Mewt u l-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra li kkonferma mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha dwar il-piena kapitali. Madankollu, il-qtil extraġudizzjarju mill-pulizija (290 fl-2012) ikompli jallarma u ġie enfasizzat minn *Amnesty International* fl-2012. L-UE għandha djalogu politiku regolari mar-Repubblika Dominikana li jindirizza fost l-oħrajn il-kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem.

Id-drittijiet tan-nisa huma inklużi fil-Kostituzzjoni, madankollu, huma kompromessi biż-żieda tal-vjolenza sessista. Fl-2002 inħoloq Ombudsman bil-liġi, imma għad m'hemm l-ebda ħatra.

Is-Soċjetà Ċivili Dominikana kibret fl-ambizzjoni u l-impatt fl-2012, u mmobilizzat fost l-oħrajn fuq kwistjonijiet ta' ġeneru u vjolenza. L-UE tappoġġa l-biċċa l-kbira tal-organizzazzjonijiet u l-inizjattivi ewlenin li jaħdmu għad-drittijiet tan-nisa, il-parteċipazzjoni tan-nisa u kontra l-vjolenza sessista, u akkumpanjaw l-attivitajiet tagħhom bi djalogu politiku u b'lobbying mal-gvern, il-parlament u l-partiti politiċi.

Kwistjoni diffiċli tikkonċerna d-diversi mijiet ta' eluf ta' migranti minn Haiti u d-dixxendenti tagħhom imwielda fil-pajjiż, l-iżjed bla dokumenti u mhux regolati. Taħt l-Istrument għall-Istabbiltà l-UE ilha tappoġġa l-ħidma rigward is-sitwazzjoni tal-migranti minn Haiti u d-drittijiet ta' nazzjonalità tad-Dominikani ta' oriġini minn Haiti. L-UE appoġġat ukoll organizzazzjonijiet ewlenin rigward id-drittijiet ta' nies b'abbiltajiet differenti, u b'hekk iffaċilitat pass 'il quddiem importanti fil-leġislazzjoni li tikkonċernahom.

Grenada

L-appoġġ tal-UE lil Grenada mexxa 'l quddiem permezz tal-għajjnuna fir-rikostruzzjoni wara l-uragan Ivan. Id-devastazzjoni kienet tremenda u l-isforzi konġunti wasslu għal riżultati pożittivi. L-appoġġ dirett għad-drittijiet tal-bniedem iffoka fuq iż-żamma de facto tal-moratorju fuq il-piena tal-mewt u d-djalogu dwar kwistjonijiet oħra inklużi, id-drittijiet tan-nisa, u d-diskriminazzjoni kontra individwi LGBTI u dawk pożittivi b'HIV/AIDS.

L-uffiċċju tal-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni Nazzjonali qassam fondi tal-UE lil atturi mhux statali biex jiżviluppaw djalogu nazzjonali dwar kwistjonijiet ewlenin ta': Id-drittijiet LGBTI, l-għoti tas-setgħa lin-nisa u d-drittijiet tat-tfal. Il-gvern baqa' impenjat li juża fondi ta' appoġġ tal-baġit biex jiżviluppa l-kapital uman u jgħolli l-kwalità tal-ħajja. Is-saħħa u l-edukazzjoni saru punti fokali għall-infiq tal-gvern hekk kif il-pajjiż jadotta programm ġdid ta' tnaqqis tal-faqar.

Id-Delegazzjoni tal-UE wettqet inizjattivi diplomatiċi tematiċi dwar ir-Ratifika tal-Protokoll Fakultattivi 11b u 11c għall-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-konvenzjoni 182 tal-ILO dwar l-aġġar forom tat-tħaddim tat-tfal li għalihom l-awtoritajiet lokali wiegħbu favorevolment.

Haiti

Is-sitwazzjoni f'Haiti matul l-2012 kienet ikkaratterizzata minn nuqqas ta' stabbiltà politika u nuqqas ta' gvern effettiv għal diversi xhur. Il-governanza għadha dgħajfa u għadha affettwata negattivament mill-konsegwenzi tat-terremot ta' Jannar 2010.

L-implimentazzjoni tal-emendi kostituzzjonali fl-2012 ippermettiet il-ħatra u l-installazzjoni tal-membri tal-Kunsill Superjuri tal-Ġudikatura u, għall-ewwel darba fl-istorja reċenti ta' Haiti, l-istabiliment ta' Kunsill Elettorali Permanenti (KEP). Inħatar ministru responsabbli għad-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra l-faqar estrem. Tnedew programmi soċjali sabiex jittejbu l-kondizzjonijiet tal-ħajja u l-aċċess għall-edukazzjoni bażika għall-gruppi soċjali l-aktar żvantaġġati.

L-għadd ta' nies spostati mit-terremot u li jgħixu f'xelters naqas minn 1.5 miljuni għal 350,000. Is-sistema tal-ġustizzja għadha qed tiffaċċja sfidi konsiderevoli, u hemm dewmien akkumulat fir-riforma tal-Pulizija nazzjonali ta' Haiti, inkluż il-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi u ta' investigazzjoni. Il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni baqgħu ħżiena minħabba l-iffullar, l-aktar relatat mal-arresti arbitrarji u numru kbir ta' każijiet ta' detenzjonijiet imtawla qabel il-proċessi.

F'Jannar 2012, qorti tal-prim'istanza ddikjarat li l-ksur allegat tad-drittijiet tal-bniedem li sar mill-ex-dittatur Jean-Claude Duvalier matul il-mandat presidenzjali tiegħu kien preskritt u li hu seta' jiġi mixli biss għal korruzzjoni u miżappropjazzjoni ta' fondi pubbliċi. Ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni fl-2012 dwar l-appell imressaq minn diversi familji tal-vittmi kontra din is-sentenza.

F'Marzu 2012 Haiti qablet ma' 122 minn 136 rakkomandazzjoni tal-Eżami Perjodiku Universali (EPU). 14-il rakkomandazzjoni tal-EPU mhux aċċettati minn Haiti jinkludu dawk dwar it-tħaddim domestiku tat-tfal u r-rifjut ta' Haiti li jadotta Kodiċi dwar it-Tħaddim tat-Tfal. Il-gvern abbozza għall-ewwel darba rapport nazzjonali dwar il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi. Il-Parlament ta' Haiti rratifika l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u l-Konvenzjoni tal-Aja tad-29 ta' Mejju 1993 dwar il-Protezzjoni tal-Ulied u l-Kooperazzjoni f'Adozzjonijiet bejn Pajjiż u ieħor . F'Novembru 2012 l-Espert Indipendenti dwar id-DB f'Haiti li nħatar mis-SĠNU wettaq il-11-il missjoni tiegħu fil-pajjiż.

Permezz ta' djalogu u kooperazzjoni politiċi, fl-2012 l-UE appoġġat diversi proġetti taħt il-FEŻ, l-EIDHR u l-IfS, fil-oqsma tal-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal inkluża l-vjolenza domestika, id-drittijiet tal-migranti minn Haiti fir-Repubblika Dominikana, u għat-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Ġew allokat i € 6 miljuni biex jappoġġaw l-organizzazzjoni taċ-ċiklu elettorali li jmiss biex jinbidel terz mis-Senat u l-amministrazzjonijiet lokali kollha, kif ukoll biex jiġi appoġġat it-tisħiħ tal-kapaċità tal-KEP. Madankollu, it-tensjonijiet bejn is-setgħat leġislattivi u eżekuttivi ma ppermettewx li jintlaħaq ftehim dwar il-kompożizzjoni tal-KEP, u dan ikkawża aktar dewmien fl-organizzazzjoni taċ-ċiklu elettorali li kien ilu ħafna biex isir.

Il-kooperazzjoni mal-UE kompliet ukoll fl-appoġġ tal-isforzi tal-gvern biex tittejjeb il-konformità mad-drittijiet soċjali u ekonomiċi, inklużi l-akkomodazzjoni, is-saħħa u l-edukazzjoni.

Il-prijoritajiet dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-kooperazzjoni bejn l-UE u Haiti huma: id-drittijiet tan-nisa, b'mod partikolari fir-rigward tal-vjolenza kontra n-nisa; id-drittijiet tat-tfal, inklużi t-tfal miżmuma f'kondizzjonijiet ta' servitù; l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni; u t-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu għad-drittijiet tal-bniedem.

Ġamajka

Il-Ġamajka rratifikat il-biċċa l-kbira tal-istrumenti tad-dritt internazzjonali umanitarju u tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Ġamajka hija Stat Parteċipanti għal biċċa l-kbira tal-istrumenti internazzjonali bażiċi tad-drittijiet tal-bniedem. Il-prijoritajiet ewlenin tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem għall-Ġamajka jinkludu l-impożizzjoni tal-piena tal-mewt, għal imġiba ħażina allegata mill-forzi tas-sigurtà, it-trattament ta' persuni LGBTI, il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni, u d-drittijiet tan-Nisa u t-Tfal.

Il-Ġamajka għadha żżomm il-piena tal-mewt għall-qtil għalkemm fi żminijiet reċenti hemm moratorju de facto fuq l-użu tal-piena tal-mewt sa mill-1988. Fl-20 ta' Diċembru 2012, il-Ġamajka reġgħet ivvutat kontra r-Riżoluzzjoni dwar Moratorju fuq l-Użu tal-Piena tal-Mewt fl-Assemblea Ġenerali tan-NU. Hemm rapporti kontinwi dwar l-użu eċċessiv tal-forza mill-forzi tas-sigurtà u l-allegati eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji. Fl-2012, kien hemm 219-il qtil tal-pulizija, żieda ta' 4% fuq l-2011.

L-organizzazzjonijiet mhux governattivi Ġamajkani għamlu pressjoni għal snin sħaħ fuq il-Gvern biex ineħħi l-liġi kontra s-sodomija u biex jgħaddi leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni biex tipproteġi lil persuni LGBTI. Skont l-"Att tar-Reati Kontra il-Persuna" tal-Ġamajka, tista' tingħata sentenza massima ta' għaxar snin għat-twertiq tar-reat kriminali ta' sodomija.

Fl-2012, id-Delegazzjoni żiedet b'mod sinifikattiv il-promozzjoni tagħha tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' għadd ta' attivitajiet differenti ffokati speċjalment fuq tliet oqsma prinċipali, jiġifieri l-kwistjonijiet LGBTI, it-Tfal taħt detenzjoni u l-Ġeneru. Matul l-2012, diversi proġetti ffinanzjati taħt il-Programm tal-Inizjattiva Ewropea għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) wettqu attivitajiet relatati mal-kondizzjonijiet f'postijiet ta' detenzjoni, l-imġiba ħażina tal-pulizija kif ukoll id-drittijiet tat-tfal u n-nisa. Taħt il-programm iffinanzjat mill-UE tar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fl-2012 kompli jingħata t-taħriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-Iskola tat-Taħriġ tal-Pulizija.

St Kitts u Nevis

L-appoġġ tal-UE lil St Kitts u Nevis kien iffokat fuq l-għażla tal-gvern tas-Sikurezza u s-Sigurtà Interni bħala l-kwistjoni ċentrali taħt l-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp. Fis-snin reċenti s-sitwazzjoni tal-kriminalità rat tendenza 'l fuq, li thedded it-tessut soċjali tas-soċjetà. Dan iseħħ minkejja l-piena tal-mewt li għadha impjantata fis-sistema penali u kundanna mwettqa fl-2008; l-eżekuzzjoni l-aktar reċenti fil-Karibew. Saret inizjattiva diplomatika mal-awtoritajiet dwar il-moratorju fuq il-piena tal-mewt u d-diskussjonijiet ikomplu mal-awtoritajiet lokali u l-NGOs permezz tal-Faċilità ta' Kooperazzjoni Teknika.

Fis-sena tal-Logħob Olimpiku f'Londra, bħala parti mill-inizjattiva tat-Tregwa Olimpika, St Kitts u Nevis kienu l-mira ta' avveniment ta' żvilupp komunitarju biex tfixkel l-influwenza tal-vjolenza minn gruppi armati.

Bħala parti mill-Istrateġija Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-Faqar, il-protezzjoni soċjali u l-iżvilupp tar-riżorsi umani ġew immirati bħala oqsma ta' prijorità. Sabiex jitnaqqsu l-effetti tal-kriminalità fuq is-soċjetà, l-għoti tas-setgħa lill-komunità u l-ġestjoni tas-sigurtà huma l-punti fokali.

Santa Luċija

Santa Luċija, bħal ħafna gżejjer oħra fir-reġjun, kellha tikkontendi mal-prevalenza dejjem akbar tal-vjolenza domestika, l-abbuż sesswali tat-tfal, il-brutalità tal-pulizija u d-diskriminazzjoni ta' xi gruppi ta' minoranzi, b'mod partikolari l-komunità LGBTI.

Il-pajjiż iżomm moratorju de facto fuq il-piena tal-mewt immoniterjata mill-UE.

L-azzjoni tal-UE ġiet ipprovduta b'rispons għall-prijoritajiet tal-partijiet interessati lokali, minkejja l-importanza ta' dawn il-kwistjonijiet. Bħala parti mill-għanijiet ta' żvilupp tal-millennju (MDG), il-kura tas-saħħa universali kienet prijorità għall-uffiċjali. Is-servizz tas-saħħa ta' Santa Luċija kien il-mira tal-parti l-kbira tal-għajnuna tal-Unjoni Ewropea. 'Il fuq minn €23 miljun ġew allokati għall-kostruzzjoni tal-Isptar Nazzjonali biex jipprovdi għal taħlita wiesgħa tal-popolazzjoni. Din l-għajnuna għar-riforma tas-settur tas-saħħa vulnerabbli ser toħloq aċċess akbar għan-nies lokali għal kura tas-saħħa bi prezz li jista' jintlaħaq u jwassal għal kwalità tal-ħajja aħjar.

Ingħataw aktar fondi bħala parti mill-inizjattiva MDG ta' €810 000 biex jassistu lill-pajjiż fl-iżvilupp soċjali tiegħu.

Saint Vincent u l-Grenadini

Saint Vincent u l-Grenadini huma firmatarji ta' ħafna Konvenzjonijiet Internazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem. Madankollu l-limitazzjonijiet tar-riżorsi wasslu lill-pajjiż biex jaqa' lura fir-rappurtar u l-implimentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti. Il-pajjiż żamm moratorju de facto tal-piena tal-mewt; madankollu għad hemm ħabsin ikkundannati għall-mewt fil-faċilità korrettiva tal-gżira. Ma kien hemm ebda eżekuzzjoni sa mill-1998.

Hemm nuqqas konsiderevoli ta' għarfien pubbliku dwar kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, minkejja l-attivitajiet ta' atturi mhux governattivi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE pprovdiet appoġġ ta' €780 000 biex jiġu ffaċilitati l-attivitajiet tal-NGOs permezz tal-Faċilità ta' Kooperazzjoni Teknika. L-atturi mhux statali kienu kapaċi jagħlqu d-distakk u jimpenjaw lill-gvern f'politiki u miżuri li jaffettwaw mhux biss id-drittijiet tal-bniedem imma wkoll is-setgħa ekonomika.

Hemm diskriminazzjoni mifruxa tal-komunità LGBTI. L-Assoċjazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Saint Vincent u l-Grenadini sostniet il-kawża ta' ħafna gruppi ta' minoranzi u sfidat lill-gvern u l-uffiċjali pubbliċi biex jimplementaw ir-riformi, b'mod partikolari billi aġixxiet bħala grupp ta' pressjoni għall-vittmi allegati tal-brutalità tal-pulizija. Din l-assoċjazzjoni taġixxi bħala parti mill-panel tal-AMS fin-nuqqas ta' istituzzjoni tad-drittijiet tal-bniedem stabbilita u rikonoxxuta fil-pajjiż.

Trinidad u Tobago

L-abolizzjoni tal-Piena tal-Mewt tkompli tkun fost il-kwistjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem li joffru sfida fil-Pajjiż, segwita mill-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal u d-drittijiet LGBTI. Fil-21 ta' Settembru 2012, id-Delegazzjoni tal-UE pparteċipat fir-raba' Forum Reġjonali dwar it-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Forum enfasizza l-hteġa li jiġi indirizzat u mtejjeb l-għarfien dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fuq livell bażiku u li jissaħħu d-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għal din il-fini, id-Delegazzjoni tal-UE appoġġat lid-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, billi pprovdiet għajjnuna finanzjarja (€40 000) permezz tal-Programm tal-Faċilità ta' Kooperazzjoni Teknika tal-10 FEŻ, biex ittejjeb l-għarfien u l-bini tal-kapaċità dwar kwistjonijiet tad-Drittijiet tal-Bniedem bħad-drittijiet taż-żgħażaġh, il-vjolenza domestika, it-traffikar tal-bnedmin u d-dritt għal livell tal-għajxien deċenti.

Il-programmi tal-UE ta' għajjnuna għall-iżvilupp jindirizzaw kwistjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem ukoll billi jipprovdu appoġġ ta' €2.1 miljuni fl-implimentazzjoni tal-Inizjattiva tat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi (EITI) u €1.2 miljuni f'għajjnuna teknika għall-istabbiliment u l-monitoraġġ u l-unitajiet ta' valutazzjoni fil-ministeri responsabbli. L-UE pprovdiet ukoll għajjnuna teknika ta' €140 000 biex tappoġġa l-istrutturi demokratiċi, bit-tisħiħ tal-indipendenza, ir-responsabbiltà u t-trasparenza tal-Parlament.

Fil-11 ta' Diċembru 2012, f'kollaborazzjoni mal-missjonijiet tal-UE preżenti fi Trinidad u Tobago, l-UE ltaqgħet mad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem f'laqgħa ta' djalogu. Fil-kuntest tal-Jum Dinji kontra l-Piena tal-Mewt l-UE kkollaborat mal-Istati Membri tal-UE fil-promozzjoni ta' għadd ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni bħax-xandir tal-vidjo tal-UE "M'hemmx Appell għall-Mewt" u pparteċipat f'konferenzi, organizzati mill-Istati Membri tal-UE, b'kommemorazzjoni tal-Jum tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Annex I – Table Of Abbreviations

ACC	Audiovisual Coordination Council
ACP	African, Caribbean and Pacific Group of States
AHB	Anti-Homosexuality Bill
ASEAN	Association of Southeast Asian Nations
ASEM	Asia Europe Meeting
ATIDE	Association Tunisienne pour l'Intégrité et la Démocratie des Elections
AU	African Union
BICI	Bahrain Independent Commission of Inquiry
CAT	Convention against Torture
CBSS	Country Based Support Scheme
CD	Community of Democracies
CEDAW	Convention on the Elimination of all Forms of Discrimination against Women
CENI	Independent National Election Commission
CFSP	Common foreign and security policy
CIA	Central Intelligence Agency
CICIG	International Commission against Impunity in Guatemala
CNDH	National Human Rights Commission
CNES	Conseil National Economique et Social
CoE	Council of Europe
CONAC	National Anti-Corruption Commission
CoNI	Commission of National Inquiry
CRC	Convention on the Rights of the Child
CRC	Convention on the Rights of the Child
CRDP	Convention of the Rights of Disabled Persons
CRPD	Convention of the rights of persons with disabilities
CSDP	Common Security and Defence Policy
CSO	Civil Society Organisation
CV	Cape Verde
CVJR	Commission Vérité Justice et Réconciliation
DCFTA	Deep and Comprehensive Free Trade Area
DCI	Development Cooperation Instrument
DE	Germany
DEVCO	EU Commission Directorate General for Development and Cooperation
DIDH	Délégation interministérielle aux droits de l'homme
DK	Denmark
DP	Democratic Party
DPRK	Democratic People's Republic of Korea

DRC	Democratic Republic of Congo
EaPIC	Eastern Partnership Integration and Cooperation programme
EAT	Election Assessment Team
EBRD	European Bank for Reconstruction and Development
EDF	European Development Fund
EEA	European Economic Area
EEM	Election Expert Mission
EFTA	European Free Trade Association
EIB	European Investment Bank
EIDHR	European Instrument for Democracy and Human Rights
EITI	Extractive Industries Transparency Initiative
ENP	European Neighbourhood Policy
ENPI	European Neighbourhood and Partnership Instrument
EOM	Election Observation Mission
EP	European Parliament
EU	European Union
EUJUST LEX	EU Rule of Law Mission for Iraq
EUPOL AFGHANISTAN	European Union Police Mission in Afghanistan
EUPOL COPPS	EU Coordination Office for Palestinian Police Support
EVAW	Elimination of Violence Against Women Law
FGM	Female Genital Mutilation
FM	Foreign minister
FoRB	Freedom of Religion or Belief
FPI	Foreign Policy Instruments
GBAO	Gorno-Badakshan Province
GBV	Gender-based violence
GCC	Gulf Cooperation Council
GCS	Gender Co-ordination mechanism
GGDC	Good Governance and Development Contract
GoI	Government of India
GPA	Global Political Agreement
GSP	Generalized System of Preferences
HIV	Human immunodeficiency virus
HoM	Head of mission
HR/VP	High representative / Vice-president
HRC	Human Rights Council
HRD	Human rights defenders
HRDO	Human Rights Defender's Office
ICC	International Criminal Court
ICCPR	International Covenant on Civil and Political Rights
ICESCR	International Covenant on Economic, Social and Cultural Rights
ICHR	Independent Commission for Human Rights

ICJ	International Court of Justice
IDP	Internally Displaced People
IEC	Independent electoral commission
IfS	Instrument for Stability
IHCHR	Independent High Commission for Human Rights
IHL	International humanitarian law
IHRL	International human rights law
ILO	International Labour Organisation
IOM	International Organization for Migration
IPA	Instrument for Pre-Accession Assistance
JLS	Justice, Freedom and Security
JPA	Joint Parliamentary Assembly
JWF	Joint Way Forward
LAS	League of Arab States
LGBTI	Lesbian, Gay, Bisexual, Transgender and Intersex
MDG	Millennium development goals
MEC	Malawi Electoral Commission
MEP	Member of Parliament
MEPP	Middle East Peace Proċess
MERCOSUR	Mercado Común del Sur
MINURSO	United Nations Mission for the Referendum in Western Sahara
NAPWA	National Action Plan for Women
NGO	Non-governmental organizations
NHRAP	National Human Rights Action Plan
NHRC	National Human Rights Commission
NSA	Non State Actors Advisory panel
NSA-LA	Non State Actors and Local Authorities
ODIHR	Office for Democratic Institutions and Human Rights
OMCV	Associação Organização das Mulheres de Cabo Verde
OPCAT	Optional Protocol to the convention against Torture
OSCE	Organisation for Security and Cooperation in Europe
PA	Palestinian Authority
PAJED	Projet d'Appui à la Justice et à l'Etat de Droit
PALOP	Portuguese-speaking African countries

PAREDA	Projet d'Actions pour le Renforcement de l'Etat de Droit et des Associations
PASTAGEP	Programme d'appui au développement du système statistique national pour la promotion de la gouvernance et le suivi/évaluation de la pauvreté
PCA	Partnership and Cooperation Agreement
PDO	Public Defender's Office
PEC	Permanent Electoral Council
PIDCP	Pacte International relatif aux Droits Civils et Politiques
PM	Prime Minister
PNG	Papua New Guinea
PSC	Political and Security Committee
RENAPDDHO	National network for the protection of human rights defenders
RTL	Re-education Through Labour
SGBV	Sexual and gender-based violence
SPRING	Support for Partnership, Reform and Inclusive Growth
SR	Special Rapporteur
SSMB	Same Sex Marriage Bill
TAIEX	Technical Assistance and Information Exchange instrument
TMAF	Tokyo Mutual Accountability Framework
TRC	Truth and Reconciliation Commission
UAE	United Arab Emirates
UDP	United Democratic Party
UK	United Kingdom
UN	United Nations
UNAMA	United Nations Assistance Mission to Afghanistan
UNASUR	Union of South American Nations
UNDP	United Nations Development Programme
UNFPA	United Nations Population Fund
UNGA	United Nations General Assembly
UNICEF	United Nations Children's Fund
UNMIT	United Nations Integrated Mission in Timor-Leste
UNODC	United Nations Office on Drugs and Crime
UNSC	United Nations Security Council
UNSCR	United Nations Security Council Resolution
UNSG	Secretary-General of the United Nations
UPR	Universal Periodic Review
WIMSA	Working Group on Indigenous Minorities of Southern Africa
ZGF	Zambian Governance Foundation